	Gvern ġenerali						Setturi residenti oħra					Gvern ġenerali						Setturi residenti oħra							
			Gvern ġenerali ieħor											Gvern ġenerali ieħor										Mhux banek	
	Total	Gvern ċentrali	Total	Gvern statali	Gvern lokali	Fondi tassigurtà soċjali	Total	Istituzzjonijiet finanzjarji oħra (S.12-3) + awżiljarji finanzjarji (S.12-4)	Korporazzjonijiet ta' assigurazzjoni u fondi għall-pensjonijiet (S.12-5)	Korporazzjonijiet li mhumiex finanzjarji (S.11)	Familji eċċ (1)	Total	Gvern ċentrali	Total	Gvern statali	Gvern lokali	Fondi tassigurtà soċjali	Total	Istituzzjonijiet finanzjarji oħra (S.12-3) + awżiljarji finanzjarji (S.12-4)	Korporazzjonijiet ta' assigurazzjoni u fondi għall-pensjonijiet (S.12-5)	Korporazzjonijiet li mhumiex finanzjarji (S.11)	Familji eċċ (1)		Banek	Gvern ġenerali	Setturi residenti oħra
Assi fissa																									
Assi oħra																									

Kaxxi bil-*bold* jindikaw l-oġġetti obbligatorji.
(1) Tinkludi djar (S.14) u istituzzjonijiet li l-għan tagħhom mhux li jagħmlu profitt u li joffru s-servizz tagħhom lil djar (S.15).

▼M2

ANNESS VI

INDIKATURI FINANZJARJI STRUTTURALI

SKEMA TA' RAPPORTAR U STRUZZJONIJIET GĦALL-KOMPILAZZJONI

Introduzzjoni

1. Sabiex iwettaq analiżi regolari ta' l-istrutturi bankarji fl-Unjoni Ewropea (UE), il-Kumitat tas-Sorveljanza Bankarja jeħtieġ *data* sabiex jikkompila numru ta' indikaturi strutturali. Il-lista ta' indikaturi strutturali fiha 29 serje. Tnax minn dawn is-serje jistgħu jiġu kkompilati fuq il-bażi ta' *data* diġà disponibbli fi ħdan il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE). Jistgħu jiġu kkompilati 14-il indikatur ieħor billi tintuża biss *data* addizzjonali miġbura mill-banek ċentrali nazzjonali (BĊN) filwaqt li t-tliet indikaturi li jibqa', jiġu kkompilati mill-Grupp tax-Xogħol dwar l-Iżviluppi Bankarji billi jintużaw sorsi oħra mhux armonizzati.

2. Dan l-Anness jipprovdi skema ta' rapportar u struzzjonijiet għall-kompilazzjoni għall-14-il indikatur ikkompilati billi tintuża d-*data* mill-BĊN. Dan il-ġbir ta' *data* huwa bbażatat fuq l-informazzjoni diġà disponibbli fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ).

3. Il-lista sħiħa ta' indikaturi hija stabbilita taħt. Dawk l-indikaturi li għandhom jiġu prodotti li jużaw *data* addizzjonali fornuta mill-BĊN huma enfażizzati b'tipa aktar skura.

TABELLA 1

Indikaturi strutturali analizzati skond il-kategorija tas-sors tad-*data*

N	Sors tad-*data*	Nru ta' indikaturi	Deskrizzjoni
1	BĊE u SDC Platinum™ (immarkata bi *)	12	1. Numru ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (IK) 4. Numru ta' fużjonijiet u akkwiżizzjonijiet domestiċi (M & A) li jinvolvu l-IK* 7. L-attività totali ta' l-IK 8. Is-self totali ta' l-IK lil mhux IK 9. Depożiti totali ta' l-IK minn mhux IK 11. Ħruġ gross ta' titoli ta' dejn fuq perjodu ta' żmien twil minn kumpanniji mhux finanzjarji 12. Ħruġ gross ta' titoli ta' dejn fuq perjodu ta' żmien qasir minn kumpanniji mhux finanzjarji 13. Valur tas-suq ta' l-azzjonijiet kkwotati 14. Attività totali ta' l-operaturi ta' titoli u derivati 16. Attività totali taħt il-ġestjoni ta' fondi ta' investiment 22. Numru ta' M & A fost residenti ta' l-IK f'pajjiżi fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE)* 27. Numru ta' M & A ta' pajjiżi terzi fost IK*
2	**BĊN: Żona ta' l-SMB u Eurostat/Kontijiet Finanzjarji ta' l-Unjoni Monetarja (immarkati bi **)**	**14**	**2. Numru ta' unitajiet lokali (fergħat) ta' l-IK**** **3. Numru ta' ħaddiema ta' l-IK **** **5. Sehem ta' l-akbar 5 IK fl-attività totali (CR5)** **6. Indiċi Herfindahl għall-attività totali ta' l-IK** **15. Investmenti totali ta' kumpanniji ta' l-assigurazzjoni **** **17. Attività totali taħt il-ġestjoni tal-fondi tal-pensjoni **** **18. Numru ta' fergħat ta' l-IK minn pajjiżi taż-ŻEE** **19. Attività totali tal-fergħat ta' l-IK minn pajjiżi taż-ŻEE** **20. Numru ta' sussidjarji ta' l-IK minn**

▼M2

N	Sors tad-*data*	Nru ta' indikaturi	Deskrizzjoni
			pajjiżi taż-ŻEE **21. Attività totali ta' sussidjarji ta' l-IK minn pajjiżi taż-ŻEE** **23. Numru ta' fergħat ta' l-IK minn pajjiżi terzi** **24. Attività totali tal-fergħat ta' l-IK minn pajjiżi terzi** **25. Numru ta' sussidjarji ta' l-IK minn pajjiżi terzi** **26. Attività totali ta' sussidjarji ta' l-IK minn pajjiżi terzi**
3	Utenti/Kumitat għas-sistemi ta' Pagament u Saldi (*data* mhux armonizzata)	3	28. Numru ta' banek "virtwali" 29. Attività totali tal-banek "virtwali" 30. Numru totali ta' *automated teller machines* ATM

Taqsima 1. Skema ta' Rapportar

4. L-iskema tar-rapportar li għandha tintuża għal din it-trasmissjoni tad-*data* hija mehmuża bħala Appendiċi 1. Id-*data* sabiex jiġu kkalkulati l-indikaturi strutturali fuq l-IK hija meħtieġa fuq bażi annwali. Id-*data* għandha tiġi rrapportata sa l-aħħar ta' Marzu ta' kull sena b'referenza għas-sena ta' qabel. Huwa mistenni li din il-ħtieġa tal-perjodiċità tista' tiġi sodisfatta fir-rigward ta' l-indikaturi kollha bl-eċċezzjoni ta' Indikatur Nru 3 "Numru ta' impjegati ta' l-IK" fejn id-*data* għandha, jekk ikun possibbli, tiġi fornuta sa l-aħħar ta' Mejju ta' kull sena b'referenza għas-sena ta' qabel.

5. Il-ħtiġijiet statistiċi huma magħmulin minn *data* bħala stokks, numri assoluti jew proporzjonijiet, kif indikati. Barra mill-istokks, hemm il-ħtieġa li tiġi rrapportata d-*data* ta' aġġustamenti tal-flussi, jekk preżenti. Fil-każ ta' *data* tal-karta ta' bilanċ, l-aġġustamenti tal-flussi jirreferu għall-valutazzjonijiet mill-ġdid tal-prezz u tal-kambju, kanċellazzjonijiet, żvalutazzjonijiet u klassifikazzjonijiet mill-ġdid. Sabiex l-iskema ta' rapportar tiġi ssimplifikata, l-aġġustamenti tal-flussi għandhom jiġu rrapportati flimkien bħala total wieħed, mingħajr aktar analiżi skond it-tip ta' aġġustament. Jekk l-aġġustamenti tal-flussi ma jkunux disponibbli, l-utenti għandhom jagħmlu referenza għad-differenzi fl-istokks aġġustati għal bidliet fir-rata tal-kambju (li huma kkalkolati mill-BĊE). Fil-każ ta' numri assoluti jew proporzjonijiet, l-aġġustamenti tal-flussi mhumiex applikabbli.

6. Fi prinċipju, id-*data* miġbura għandha tkopri 100 % ta' l-istituzzjonijiet li huma definiti bħala IK (ara t-Taqsma I.2 tal-Parti 1 ta' l-Anness għar-Regolament BĊE/2001/13). F'dawk il-każijiet fejn il-kopertura tar-rapportar attwali tkun inqas minn 100 % minħabba l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' l-eżenzjoni mir-rapportar sħiħ għal IFM żgħar (*cutting-off-the-tail principle*), il-BĊN huma mitlubin jingrossaw id-*data* fornuta sabiex jiżguraw kopertura ta' 100 %. Dan jiżgura l-komparabilità ta' l-indikaturi bejn l-Istati Membri u l-konsistenza mad-*data* tal-karta ta' bilanċ ta' l-IFM li tiġi ingrossata bi qbil ma' l-Anness XIV.

7. Il-BĊE sejjer jagħmel kontrolli sempliċi għall-koerenza malli jirċievi d-*data*. Eżempju, jekk Indikatur Nru 18 huwa żero, l-Indikatur Nru 19 għandu juri żero wkoll. L-istess japplika għal indikaturi Nri 20-21, 23-24 u 25-26. Barra minn hekk, jistgħu jsiru wkoll kontrolli fid-dettall bejn l-indikaturi Nri 18 u 23 u l-Lista ta' IFM. L-istruzzjonijiet tat-trasmissjoni huma mehmużin fl-Appendiċi 2.

Taqsima 2. Struzzjonijiet tal-Kompilazzjoni

8. Il-BĊN għandhom jipprovdu *data* fir-rigward ta' l-14-il indikatur (tieni grupp fit-Tabella 1) bi qbil mar-regoli kunċettwali u metodoloġiċi stabbiliti taħt. L-għan ewlieni huwa li tiġi żgurata kemm jista' jkun l-aderenza mal-prinċipji statistiċi adottati fil-kompilazzjoni tad-*data* ta' l-SMB (li huma wżati għall-maġġoranza ta' l-indikaturi ta' l-ewwel grupp fit-Tabella 1). Eżempju, id-*data* għandha tiġi aggregata u mhux konsolidata; il-prinċipju tar-residenza għandu jsegwi 'l hekk imsejjaħ "metodu tal-pajjiż ospitant"; id-*data* tal-karta ta' bilanċ għandha tiġi rrapportata fuq bażi grossa; eċċ.

▼M2

9. Id-*data* li għandha tiġi fornuta mill-BĊN hija deskritta taħt. Kwalunwke devjazzjoni mid-definizzjonijiet u r-regoli deskritti taħt għandha tiġi rrapportata mill-BĊN lill-BĊE sabiex tiġi mmonitorjata l-prattika nazzjonali. Informazzjoni dwar id-devjazzjonijiet li jistgħu jseħħu għandha tiġi rrapportata taħt l-aħħar kolonna ta' l-iskema ta' rapportar.

10. *Indikatur Nru 2: Numru ta' unitajiet lokali (fergħat) ta' l-IK*. Dan l-indikatur jirreferi għan-numru ta' fergħat fl-aħħar tal-perjodu ta' referenza. Id-definizzjoni ta' fergħat tinsab fir-Regolament BĊE/2001/13: "Fergħat huma entitajiet mhux inkorporati (mingħajr status legali indipendenti) ppossedut għal kollox mill-entità omm." ([1]) Dan l-indikatur għandu jinkludi biss fergħat li huma ta' l-IK. L-uffiċċji ta' unitajiet istituzzjonali li, huma nfushom mhumiex IK, għandhom jiġu eskluži, anki jekk dawn ikunu ta' l-istess grupp ta' l-IK. Dan huwa meħtieġ sabiex jiġi evitat kwalunkwe tgħawwiġ fit-tqabbil bejn dan l-indikatur u, eżempju, indikatur Nru 7 dwar l-attività totali ta' l-IK.

11. Għal raġunijiet ta' konsistenza, id-definizzjoni tal-BĊE ta' fergħa għandha tintuża mill-BĊN kollha.

12. *Indikatur Nru 3: Numru ta' impjegati ta' l-IK*. Dan l-indikatur jirreferi għall-medja numerika tal-personal impjegat matul is-sena ta' referenza. Id-definizzjoni wżata għal dan l-indikatur hija qrib ta' dik użata mill-Eurostat ([2]). Iżda, d-*data* għal dan l-indikatur għandha tinkludi biss personal impjegat mill-IK. Impjegati ta' istituzzjonijiet finanzjarji li huma nfushom mhumiex IK għandhom jiġu eskluži, anki jekk dawn l-istituzzjonijiet ikunu ta' l-istess grupp.

13. *Indikatur Nru 5: Sehem ta' l-akbar ħames IK fl-attività totali (CR5*). Dan l-indikatur jirreferi għall-konċentrazzjoni tan-negozju bankarju. L-utenti fissru preferenza għal li jużuw "metodu ta' grupp" konsolidat sabiex jikkalkolaw dan l-indikatur, li bih żewġ istituzzjonijiet jew aktar li jkunu ta' l-istess grupp jiġu magħduda bħala istituzzjoni unika waħda. Fil-preżent, l-applikazzjoni ta' metodu bħal dan mhijiex possibbli meta tintuża d-*data* ta' l-SMB, għal żewġ raġunijiet. L-ewwel nett, id-*data* ta' l-SMB mhijiex konsolidata ([3]), għalhekk la jkun possibbli li jiġu nklużi l-karti ta' bilanċ ta' istituzzjonijiet gruppi oħra u lanqas l-attività u l-passività fuq ġewwa tal-grupp. It-tieni raġuni hija li l-informazzjoni dwar il-pussess tista' fi kwalunkwe każ ma tkunx disponibbli u jkollha tiġi fornuta minn sorsi ta' viġilanza.

14. Għal dawn ir-raġunijiet, il-BĊN għandhom isegwu metodu "aggregat" mhux konsolidat meta jinħadem l-Indikatur Nru 5, b'mod partikolari għandhom 1)

([1]) Dan il-varjabbli huwa miġbur ukoll mill-Eurostat iżda wara perjodu ta' żmien twil. Il-Eurostat juża d-definizzjoni li ġejja għal unità lokali "An enterprise or part thereof (e.g. a workshop, factory, warehouse, office, mine or depot) situated in a geographically identified place. At or from this place economic activity is carried out for which — save certain exceptions — one or more persons work (even if only part-time) for one and the same enterprise." Cf. Eurostat, Methodological manual for statistics on credit institutions, verżjoni 1.8, Diċembru 2001, pp. 11 u 23. Dan il-manwal huwa disponibbli fuq talba mingħand il-Eurostat, għalkemm bl-Ingliż biss.

([2]) Dan l-indikatur huwa miġbur ukoll mill-Eurostat, li juża d-definizzjoni li ġejja: "The number of persons employed is defined as the total number of persons who work in the observation unit (inclusive of working proprietors, partners working regularly in the unit and unpaid family workers), as well as persons who work outside the unit who belong to it and are paid by it (e.g. sales representatives, delivery personnel, repair and maintenance teams). It includes persons absent for a short period (e.g. sick leave, paid leave or special leave), and also those on strike, but not those absent for an indefinite period. It also includes part-time workers who are regarded as such under the laws of the country concerned and who are on the pay-roll, as well as seasonal workers, apprentices and home workers on the pay-roll. The number of persons employed excludes manpower supplied to the unit by other enterprises, persons carrying out repair and maintenance work in the enquiry unit on behalf of other enterprises, as well as those on compulsory military service. Unpaid family workers refer to persons who live with the proprietor of the unit and work regularly for the unit, but do not have a contract of service and do not receive a fixed sum for the work they perform. This is limited to those persons who are not included on the payroll of another unit as their principal occupation. Note: In order to check the comparability of data, it is necessary to indicate whether voluntary workers have been included under this heading or not. [Commission Regulation (EC) No. 2700/98 concerning the definitions of characteristics for structural business statistics, Code 16110]. Comments: The allocation on enterprise level has to be assured by means of a distribution key in the case of enterprise groups (managing directors have to be included; not employed agents have to be excluded). The number of persons employed is measured as an annual average." Cf. Eurostat, Methodological manual for statistics on credit institutions, verżjoni 1.8, Diċembru 2001, p. 34.

([3]) Madankollu, fir-Regolament BĊE/2001/13, issir eċċezzjoni waħda li tippermetti r-rapportar tad-*data* tal-bilanċ konsolidat għal gruppi ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (eż. il-każ tal-Rabobank fl-Olanda).

▼M2

jagħmlu gradwatorja tat-totali tal-karti tal-bilanċ ta' l-IK li jirrapportaw; 2) jikkalkolaw is-somma ta' l-akbar ħames totali tal-karta ta' bilanċ; u 3) jiddividu ż-żewġ ċifri. Id-*data* li għandha tiġi rrapportata lill-BĊE għandha tiġi mfissra bħala perċentwali (eż. valur ta' 72.4296 % għandu jiġi rrapportat bħala 72.4296 u mhux bħala 0.7243). Għalkemm il-kompożizzjoni ta' l-akbar ħames banek tista' tinbidel maż-żmien, il-BĊN għandhom jipprovdu biss is-sehem ta' l-akbar ħames IK f'punt speċifiku ta' żmien (tmiem ta' Diċembru tas-sena ta' referenza).

15. *Indikatur Nru 6: Indiċi ta' Herfindahl għall-attività totali ta' l-IK*. B'mod simili għall-indikatur preċedenti, dan jirreferi għall-konċentrazzjoni tan-negozju bankarju. Il-BĊN għandhom isegwu kemm jista' jkun il-metodu "aggregat". Il-kalkolazzjoni ta' dan l-indikatur tkun preċiża għal kollox biss jekk il-karta ta' bilanċ individwali ta' kull IK tkun disponibbli. Iżda, minħabba li l-qafas ta' l-SMB jippermetti li, b'mod eċċezzjonali, gruppi ta' IK jirrapportaw fuq bażi konsolidata, mhux l-informazzjoni statistika meħtieġa kollha tista' tkun disponibbli (dan jista' jkun il-każ għar-Rabobank fl-Olanda). f'dan il-każ, il-kalkolazzjoni ta' l-indiċi Herfindahl għandha tinkludi l-bilanċ konsolidat ta' kull IK inkluża fil-grupp, jekk jista' jkun billi jsir użu mill-informazzjoni tal-kontabilità li tinsab fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali ta' dawn l-istituzzjonijiet. Barra minn hekk, huwa possibbli li mhux l-IK żgħar kollha jirrapportaw id-*data* hekk kif tkun fl-aħħar tas-sena. F'dan il-każ, id-*data* għandha tiġi ingrossata.

16. L-indiċi Herfindhal huwa miksub billi jingħaddu flimkien il-kwadri ta' l-ishma tas-suq ta' l-IK kollha fis-settur bankarju u għandu jiġi rrapportat lill-BĊE skond il-formola li ġejja:

$$HI = \Sigma_{i=1}^{n}(X_i/X)^2$$

fejn:

n = in-numru totali ta' IK fil-pajjiż

X_i = attività totali ta' IK

$X = \Sigma_{i=1}^{n} X_i$ = attività totali ta' l-IK kollha tal-pajjiż.

17. *Indikatur Nru 15: Investimenti totali tal-kumpanniji ta' l-assigurazzjoni*. Għall-għan tal-produzzjoni ta' dan l-indikatur [1], kumpannija ta' l-assigurazzjoni hija ddefinita bħala impriża li tkun rċiviet awtorizzazzjoni uffiċjali bi qbil ma' l-Artikolu 6 ta' l-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 73/239/KEE ta' l-24 ta' Lulju 1973 dwar il-koordinament tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu mal-bidu u mat-tkomplija tan-negozju ta' l-assigurazzjoni dirett għajr assigurazzjoni fuq il-ħajja [2] jew l-Artikolu 6 ta' l-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 79/267/KEE dwar il-koordinament tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu mal-bidu u mat-tkomplija tan-negozju ta' l-assigurazzjoni dirett fuq il-ħajja [3]. In-negozju ta' l-assigurazzjoni mill-ġdid huwa eskluż. L-informazzjoni tirreferi għall-attività finanzjarja totali ta' dawn il-kumpanniji, li tinkiseb billi l-attività mhux finanzjarja (bħalma huwa l-kapital fiss) titnaqqas mit-total tal-bilanċ aggregat. Jekk ikun hemm bżonn, iċ-ċifri għandhom jiġu ingrossati sabiex jiżguraw kopertura ta' 100 %. Jekk informazzjoni separata dwar il-kumpanniji ta' l-assigurazzjoni ma tkunx disponibbli, dan l-indikatur jista' jiġi maqgħud ma' l-Indikatur Nru 17 "Attività totali taħt il-ġestjoni tal-fondi tal-pensjoni" sabiex jiġi ffurmat indikatur uniku. Il-BĊN għandhom jagħmlu marka ta' indikazzjoni fuq is-serje jekk tiġi adottata reġistrazzjoni "konġunta".

18. *Indikatur Nru 17: Attività totali taħt il-ġestjoni tal-fondi tal-pensjoni*. Din l-informazzjoni tirreferi għat-totali tal-bilanċ aggregat ta' 'l hekk imsejħa "'fondi awtonomi tal-pensjoni", iġifieri unitajiet istituzzjonali separati li l-attività prinċipali tagħhom hija magħmula mill-ġestjoni tal-pensjoni; mhumiex kumpanniji ta' l-assigurazzjoni [4]. Jekk informazzjoni separata dwar il-fondi tal-pensjoni ma tkunx disponibbli, dan l-indikatur jista' jingħaqad ma' l-Indikatur Nru 15 sabiex jifforma indikatur uniku. f'dan il-każ, jingħata valur żero fir-rigward ta' l-Indikatur Nru 17.

---

[1] Għal dan l-indikatur, is-settur SEK 95 korrispondenti huwa S. 125a. Is-"SEK 95" hija s-Sistema Ewropea tal-Kontabilità 1995, li tinsab fl-Anness A għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar is-sistema Ewropea tal-kontabilità nazzjonali u reġjonali fil-Komunità, ĠU L 310, 30.11.1996, p. 1.

[2] ĠU L 228, 16.8.1973, p. 3. Direttive kif emendata l-aħħar bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003.

[3] ĠU L 63, 13.3.1979, p. 1. Direttive kif emendata l-aħħar bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003.

[4] Għal dan l-indikatur, is-settur SEK 95 korrispondenti huwa S. 125b.

▼**M2**

19. *Indikatur Nru 18: Numru ta' fergħat ta' l-IK minn pajjiżi taż-ŻEE*. Dan l-indikatur jirreferi għan-numru ta' fergħat ta' l-IK residenti f'pajjiżi taż-ŻEE oħra, iġifieri għajr fergħat domestiċi. Jekk IK ikollha aktar minn fergħa waħda f'pajjiż partikolari, din tingħadd bħala waħda. Minħabba li d-*data* miġbura għall-għan tal-Lista ta' l-IFM ġiet magħmula disponibbli biss għall-BĊE sa minn Jannar 1999, il-BĊN għandhom jipprovdu d-*data* nieqsa għat-tmiem tas-snin 1997 u 1998. Il-BĊN għandhom jiżguraw li d-*data* sa mit-tmiem tas-sena 1999 'l quddiem tkun koerenti mad-*data* rrapportata fil-qafas tal-lista ta' l-IFM.

20. *Indikatur Nru 19: Total attiv ta' fergħat ta' l-IK minn pajjiżi taż-ŻEE*. Dan l-indikatur jirreferi għat-total aggregat tal-karta ta' bilanċ tal-fergħat koperti bl-Indikatur Nru 18.

21. *Indikatur Nru 20: Numru ta' sussidjarji ta' l-IK minn pajjiżi taż-ŻEE*. Dan l-indikatur jirreferi għan-numru ta' sussidjarji kkontrollati minn resident ta' l-IK f'pajjiżi oħra taż-ŻEE, iġifieri, barra mis-sussidjarji domestiċi. Id-definizzjoni tal-BĊE ta' sussidjarji tinsab fir-Regolament BĊE/2001/13: "**Sussidjarji huma entitajiet separati kkontrollati li fihom, entità oħra għandha maġġoranza jew parteċipazzjoni sħiħa**…". Mhux is-sussidjarji kollha għandhom jiġu magħduda, dawk biss li huma IK huma nfushom.

22. *Indikatur Nru 21: Attività totali tas-sussidjarji ta' l-IK minn pajjiżi taż-ŻEE*. Dan l-indikatur jirreferi għat-total aggregat tal-bilanċ tas-sussidjarji koperti bl-Indikatur Nru 20.

23. *Indikatur Nru 23. Numru ta' fergħat ta' l-IK minn pajjiżi terzi*. Dan l-indikatur jirreferi għan-numru ta' fergħat residenti ta' l-IK residenti f'pajjiżi terzi. Il-pajjiżi terzi huma dawk li mhumiex parti miż-ŻEE. Jekk bank ikollu aktar minn fergħa waħda f'pajjiż partikolari, dawn jingħaddu bħala fergħa waħda. Barra minn hekk, il-BĊN għandhom jiżguraw li d-*data* tkun koerenti mad-*data* rrapportata fil-qafas tal-lista ta' l-IFM.

24. *Indikatur Nru 24: Total attiv ta' fergħat ta' IK minn pajjiżi terzi*. Dan l-indikatur jirreferi għat-total tal-bilanċ aggregat tal-fergħat koperti bl-Indikatur Nru 23.

25. *Indikatur Nru 25: Numru ta' sussidjarji ta' l-IK minn pajjiżi terzi*. Dan l-indikatur jirreferi għan-numru ta' sussidjarji residenti fit-territorju nazzjonali tagħhom li huma kkontrollati mill-IK residenti f'pajjiżi terzi.

26. *Indikatur Nru 26: Attività totali tas-sussidjarji ta' l-IK minn pajjiżi terzi*. Dan l-indikatur jirreferi għat-total aggregat tal-bilanċ tas-sussidjarji koperti bl-Indikatur Nru 25.

▼**M2**

Appendiċi 1

Skema ta' rapportar għall-14-il indikatur finanzjarju strutturali kkompilati bl-użu ta' *data* fornuta mill-BĊN

Pajjiż: …

Sena ta' referenza: …

Indikatur	Stokk	Aġġustamenti tal-flussi	Devjazzjonijiet mid-definizzjonijiet
2. Numru ta' unitajiet lokali ("fergħat") ta' l-IK		m/a	
3. Numru ta' impjegati ta' l-IK		m/a	
5. Sehem tal-ħames l-akbar IK fit-total attiv CR5)		m/a	
6. Indiċi Herfindahl għall-attività totali ta' l-IK		m/a	
15. Investimenti totali ta' kumpanniji ta' l-assigurazzjoni			
17. Attività totali taħt il-ġestjoni tal-fondi tal-pensjoni			
18. Numru ta' fergħat ta' l-IK minn pajjiżi taż-ŻEE		m/a	
19. Attività totali ta' fergħat ta' l-IK minn pajjiżi taż-ŻEE			
20. Numru ta' sussidjarji ta' l-IK minn pajjiżi taż-ŻEE		m/a	
21. Attività totali ta' sussidjarji ta' l-IK minn pajjiżi taż-ŻEE			
23. Numru ta' fergħat ta' l-IK minn pajjiżi terzi		m/a	
24. Attività totali ta' fergħat ta' l-IK minn pajjiżi terzi			
25. Numru ta' sussidjarji ta' l-IK minn pajjiżi terzi		m/a	
26. Attività totali ta' sussidjarji ta' l-IK minn pajjiżi terzi			

▼M2

Appendiċi 2

Trasmissjoni Elettronika ta' l-Indikaturi Finanzjarji Strutturali Bankarji — Identifikatur tal-Familja tal-Kodiċi: ECB_SSI1

Il-familja tal-kodiċi ta' l-indikaturi finanzjarji strutturali tirreferi għall-indikaturi strutturali ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu (IK), kumpanniji ta' l-assigurazzjoni u oqsma tal-fondi tal-pensjoni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea (UE). Ġiet imfassla sabiex tieħu kemm jista' jkun mil-listi tal-familja tal-kodiċi u mill-valuri diġà definiti għall-istatistiċi tal-kategoriji tal-karta ta' bilanċ (BSI).

Sezzjoni 1. Dimensjonijiet

It-tabella li tinsab hawn taħt tiddeskrivi d-dimensjonijiet użati fil-familja tal-kodiċi ECB_SSI1. Għal dawn l-istatistiċi, ġew speċifikati tmien dimensjonijiet bħala essenzjali sabiex jiġu identifikati s-serje temporali.

TABELLA 1.

Dimensjonijiet użati fil-familja tal-kodiċi ECB_SSI1

Pożizzjoni fil-kodiċi	Kunċett (mnemoniku)	Isem tal-kunċett	Format tal-valur	Lista tal-kodiċi (mnemoniku)	Isem tal-lista tal-kodiċi
1	FREQ	Frekwenza	AN1	CL_FREQ	Lista tal-kodiċi tal-frekwenza (BSI, BĊE)
2	REF_AREA	Żona ta' referenza	AN2	CL_AREA_EE	Lista tal-kodiċi taż-żona (Eurostat BoP, BĊE)
3	REF_SECTOR	Analiżi settorjali ta' referenza tas-SEK 95	AN4	CL_ESA95_SECTOR	Lista tal-kodiċi ta' l-analiżi settorjali ta' referenza tas-SEK 95 (BĊE)
4	SSI_INDICATOR	"Isem" ta' l-indikatur finanzjarju strutturali	AN3	CL_SSI_INDICATOR	Lista tal-kodiċi ta' l-indikatur finanzjarju strutturali (BĊE)
5	DATA_TYPE	Tip ta' *data*	AN1	CL_DATA_TYPE	Tip ta' *data* monetarja u bankarja, flussi u pożizzjoni (BĊE, BSI)
6	COUNT_AREA	Żona kontraparti	AN2	CL_AREA_EE	Lista tal-kodiċi taż-żona (Eurostat BoP, BĊE)
7	CURRENCY_TRANS	Munita tat-transazzjoni	AN3	CL_CURRENCY	Lista tal-kodiċi tal-munita (BĊE, BSI, Eurostat BoP)
8	SERIES_DENOM	Denominazzjoni tas-serje jew kalkolazzjoni speċjali	AN1	CL_SERIES_DENOM	Lista tal-kodiċi tad-denominazzjoni tas-serje jew ta' kalkolazzjoni speċjali (BĊE)

Kull waħda mit-tmien dimensjonijiet statistiċi tieħu l-valuri tagħha minn lista tal-kodiċi li tikkorrespondi. Eżempju, skond it-Tabella fuq, id-dimensjoni REF_AREA (żona ta' referenza) tieħu l-valuri tagħha mil-lista tal-kodiċi CL_AREA_EE. Taħt hemm deskrizzjoni tad-dimensjonijiet tal-familja tal-kodiċi ECB_SSI1. Din issegwi l-istess sekwenza kif tidher fil-kodiċi.

Dimensjoni Nru 1: Frekwenza (FREQ; tul: karattru wieħed)

Din id-dimensjoni tindika l-frekwenza tas-serje rrapportati. Il-valur użat fil-familja tal-kodiċi ECB_SSI1 huwa "A" għal data annwali u huwa meħud mil-lista tal-kodiċi CL_FREQ.

Dimensjoni Nru 2: Żona ta' referenza (REF_AREA; tul: żewġ karattri)

Din id-dimensjoni tirrappreżenta l-pajjiż ta' residenza ta' l-istituzzjoni li tirrapporta (IFM). Il-lista tal-kodiċi assoċjata CL_AREA_EE fiha l-lista tal-pajjiżi ta' l-istandard ISO u xi valuri addizzjonali kif deskritti wkoll fil-paragrafu 6 (Dimens-

▼M2

joni Nru 6: Żona kontraparti). Is-subsett ta' valuri wżat fil-familja tal-kodiċi ECB_SSI1 jikkorrespondi għall-Istati Membri ta' l-UE.

Dimensjoni Nru. 3: SEK 95 Analiżi settorjali ta' referenza (ESA95_SECTOR; tul: erba' karattri)

Din id-dimensjoni tindika s-settur ta' referenza ta' l-indikaturi strutturali u hija marbuta mal-lista tal-kodiċi REF_SECTOR. Fil-preżent qiegħed jintuża subsett ta' erba valuri: istituzzjonijiet ta kreditu (kif definiti bil-liġi tal-Komunità) ("122C"), korporazzjoni ta' l-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni ("1250"), u separatament korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni ("1251") u fondi tal-pensjoni ("1252").

Dimensjoni Nru. 4: "Denominazzjoni" ta' l-indikatur finanzjarju strutturali (SSI_INDICATOR; tul: tliet karattri)

Din id-dimensjoni tirrappreżenta l-lista ta' indikaturi u hija marbuta mal-lista tal-kodiċi CL_SSI_INDICATOR. Il-valuri mogħtija għall-indikaturi differenti huma identifikati bi prefiss. Il-valur "H" huwa wżat għall-indiċi Herfindhal, il-valur "N" għall-indikaturi kollha rrappreżentati b'numri assoluti, il-valur "S" għal dawk irrappreżentati b'sehem u finalment il-valur "T" għall-attività totali.

Dimensjoni Nru 5: Tip ta' data (DATA_TYPE; tul: karattru wieħed)

Id-dimensjoni hija deskritta bil-lista tal-kodiċi CL_DATA_TYPE u tindika t-tip ta' data li għandha tiġi rrapportata: stokks grossi ("1"), klassifikazzjonijiet mill-ġdid u aġġustamenti oħra ("5"), aġġustamenti oħra ta' valutazzjoni mill-ġdid ("7") u mhux speċifikati ("X"). Il-valur "X", mhux speċifikati huwa wżat sabiex jirrapporta proporzjonijiet u serje ta' indiċi, filwaqt li l-valur "1", stokks, huwa wżat sabiex jirrapporta numri assoluti u serje ta' l-istokks (eż. numru ta' impjegati, attività totali).

Id-data ta' aġġustament hija applikabbli biss b'referenza għas-serje tal-BSI, mhijiex applikabbli u ma tiġix irrapportata għal numri assoluti, relazzjonijiet u indiċi.

Klassifikazzjonijiet mill-ġdid u aġġustamenti oħra jinkludu bidliet fl-attivi u fil-passivi fuq il-karta ta' bilanċ tas-settur li jirrapporta li jkunu ġejjin minn 1) bidliet fil-popolazzjoni ta' rapportar; 2) strutturar korporattiv mill-ġdid; 3) il-klassifikazzjoni mill-ġdid ta' l-attivi u tal-passivi; u 4) il-korrezzjoni ta' l-iżbalji ta' rapportar li, għal raġunijiet tekniċi, ma jistgħux jitneħħaw mid-data ta' l-istokk għall-perjodu relevanti kompetenti. B'mod partikolari, il-klassifikazzjonijiet mill-ġdid għas-sena 2001 jeħtieġu li jkopru l-bidliet minħabba d-dħul tal-Greċja fiż-żona ta' l-euro.

Aġġustamenti oħra ta' valutazzjoni mill-ġdid jinkludu bidliet fil-prezz tat-titoli maħruġin, mibjugħin jew miżmumin u bidliet minħabba t-tneħħija mill-karta ta' bilanċ ta' self soġġett għal kanċellazzjoni/żvalutazzjoni.

Dimensjoni Nru 6: Żona kontraparti (COUNT_AREA; tul: żewġ karattri)

Din id-dimensjoni tirrappreżenta ż-żona ta' residenza tal-parti kontraparti ta' l-indikatur strutturali. Il-lista tal-kodiċi marbuta ma' dan il-kunċett hija CL_AREA_EE, li fiha l-lista tal-pajjiżi ta' l-istandard ISO u valuri addizzjonali (eż. "U6" — "Domestiku: l-istess pajjiż bħal dak ta' l-IK li jirrapportaw"). Għall-għan tal-familja tal-kodiċi ECB_SSI1, jiġi wżat is-subsett ta' valuri li ġej: domestiku (dar jew żona ta' referenza) ("U6"), pajjiżi taż-Żona Ekonomika Ewropea (il-pajjiżi kollha għajr iż-żona ta' referenza) ("A0") u barra ż-Żona Ekonomika Ewropea ("A7") fil-każ ta' kemm relaturi taż-żona ta' l-euro u relaturi mhux miż-żona ta' l-euro.

Dimensjoni Nru 7: Munita ta' transazzjoni (CURRENCY_TRANS; tul: tliet karattri)

Din id-dimensjoni tiddeskrivi l-munita li fiha huma denominati l-indikaturi strutturali u hija marbuta mal-lista tal-kodiċi CL_CURRENCY. Fil-familja tal-kodiċi ECB_SSI1 jiġu wżati l-valuri "Z01" għall-muniti kollha flimkien u "Z0Z" għal mhux applikabbli biss.

▼M2

Dimensjoni Nru 8: Denominazzjoni tas-serje jew kalkolazzjoni speċjali (SERIES_DENOM; tul: karattru wieħed)

Din id-dimensjoni tispeċifika jekk is-serje rrapportata hijiex imfissra fil-munita nazzjonali jew fil-munita komuni (l-euro). Dan il-kunċett huwa applikabbli biss għas-serje tal-BSI (eż. attivi totali). Jiġu wżati tliet valuri biss mil-lista tal-kodiċi CL_SERIES_DENOM fil-familja tal-kodiċi ECB_SSI1 — "N" munita nazzjonali, "E" euro u "Z" mhux applikabbli). L-Istati Membri mhux parteċipanti u l-Greċja (għall-perjodu sa u li jinkludi s-sena 2000) jużaw il-kodiċi "N", filwaqt li l-kodiċi "E" jiġi wżat mill-Istati Membri taż-żona ta' l-euro inkluża l-Greċja sa mill-2001).

Il-lista sħiħa ta' kodiċi tas-serje li għandha tiġi trasmessa lill-BĊE hija rrapportata fl-Appendiċi 3.

Sezzjoni 2. L-attributi

Barra mit-tmien dimensjonijiet li jiddefinixxu l-kodiċi, ġie ddefiniti sett ta' attributi ([1]). Dawn huma mehmużin f'livelli varji ta' l-informazzjoni skambjata:

TABELLA 2.

Il-familja tal-kodiċi ta' indikaturi finanzjarji strutturali (ECB_SSI1): Attributi kkodifikati u mhux ikkodifikati

Livell ta'assenjazzjoni	Kunċett statistiku		Format tal-valur	Lista tal-kodiċi	
	Attributi fuq livell ta' parentel (skambjati billi jsir użu mill-grupp FNS)				
Parentela	TITLE_COMPL	Titlu	AN..1050	mhux kodifikat	
Parentela	UNIT	Unità	AN..12	CL_UNIT	Lista tal-kodiċi ta' l-unità (BSI, BĊE, Eurostat BoP)
Parentela	UNIT_MULT	Multiplikatur ta' l-unità	AN..2	CL_UNIT_MULT	Lista tal-kodiċi tal-multiplikatur ta' l-unità (BSI, BĊE, Eurostat BoP)
Parentela	DECIMALS	Deċimali	N1	CL_DECIMALS	Lista tal-kodiċi tad-deċimali (BSI, BĊE)
Parentela	TITLE	Titlu	AN..70	mhux kodifikat	
Parentela	NAT_TITLE	Titlu fil-lingwa nazzjonali	AN..350	mhux kodifikat	
Parentela	COMPILATION	Kompilazzjoni	AN..1050	mhux kodifikat	
Parentela	COVERAGE	Kopertura	AN..350	mhux kodifikat	

([1]) L-attributi huma kunċetti statistiċi li jfornu lill-utent b'informazzjoni addizzjonali kkodifikata (eż. l-unità tal-kejl) u mhux ikkodifikata (eż. il-metodu ta' kompilazzjoni) fir-rigward tad-*data* skambjata. "Obbligatorju" tapplika għall-attributi li għalihom, l-isħab kollha jkunu jafu l-valuri. "Kondizzjonali" tapplika għall-attributi li huma ddefiniti biss jekk ikunu magħrufin fl-istituzzjoni li tirrapporta (eż. ids tas-serje domestika) jew kull meta jkunu relevanti (eż. kompilazzjoni, interruzzjonijiet). Il-valuri ta' l-attributi għandhom jiġu skambjati biss meta jiġu stabbiliti għall-ewwel darba jew meta jiġu mibdulin. L-*istatus ta' osservazzjoni* biss huwa preżenti f'kull skambju, mehmuż ma' kull osservazzjoni.

▼M2

Livell ta'assen-jazzjoni	Kunċett statistiku		Format tal-valur	Lista tal-kodiċi	
	Attributi fuq livell ta' serje temporali (skambjati billi jsir użu mill-grupp FNS)				
Serje temporali	COLLECTION	Indikatur tal-ġbir	AN1	CL_COL-LECTION	Lista tal-kodiċi ta' l-indikatur tal-ġbir (BSI, BĊE)
Serje temporali	AVAILABI-LITY	Disponibilità	AN1	CL_AVAI-LABILITY	Lista tal-kodiċi tad-disponibilità ta' l-organizzazzjoni (BSI, BĊE)
Serje temporali	DOM_SE-R_IDS	Ids tas-serje domestiċi	AN..70	mhux kodi-fikat	
Serje temporali	BREAKS	Interruzzjoni-jiet	AN..350	Mhux kodi-fikat	
	Attributi fuq livell ta' osservazzjoni (skambjati flimkien mad-data fis-segment prinċipali ARR)				
Osservazzjoni	OBS_STATUS	Status ta' l-osservazjoni	AN1	CL_OBS_S-TATUS	Lista tal-kodiċi ta' l-istatus ta' l-osser-vazzjoni (BSI, BĊE, Eurostat BoP)
Osservazzjoni	OBS_CONF	Kunfidenzja-lità ta' osser-vazzjoni	AN1	CL_OBS_-CONF	Lista tal-kodiċi tal-kunfidenzjalità ta' osservazzjoni (Eurostat BoP, BĊE)
Osservazzjoni	OBS_PRE_-BREAK	Valur ta' l-osservazzjoni qabel l-inter-ruzzjoni	AN..15	Mhux kodi-fikat	
Osservazzjoni	OBS_COM	Kumment fuq l-osservaz-zjoni	AN..350	Mhux kodi-fikat	

Barra minn hekk, kull wieħed minn dawn l-attributi huwa kkaratterizzat minn xi karatteristiċi tekniċi, li huma elenkati fit-Tabella ta' hawn taħt.

TABELLA 3.

Il-BĊN jirrapportaw lill-BĊE. Karatteristiċi komuni ta' l-attribut għall-familja tal-kodiċi ECB_SSI1

	Status	L-ewwel valur stabbilit minn… ([1])	Jista' jiġi mibdul mill-BĊN
TITLE_COMPL	O	BĊE	Le
UNIT	O	BĊE	Le
UNIT_MULT	O	BĊE	Le
DECIMALS	O	BĊE	Le
TITLE	K	BĊE	Le
NAT_TITLE	K	BĊN	Iva
COMPILATION	K	BĊN	Iva (*)
COVERAGE	K	BĊN	Iva (*)
COLLECTION	O	BĊE	Le

▼M2

	Status	L-ewwel valur stabbilit minn… ([1])	Jista' jiġi mibdul mill-BĊN
AVAILABILITY	O	BĊE/BĊN	Iva
DOM_SER_IDS	K	BĊN	Iva
BREAKS	K	BĊN	Iva
OBS_STATUS	O	BĊN	Iva
OBS_CONF	K	BĊN	Iva
OBS_PRE_BREAK	K	BĊN	Iva
OBS_COM	K	BĊN/BĊE	Iva
	O: Obbligatorju, K: Kondizzjonali		

(*) Il-bidliet għandhom jiġu kkommunikati lill-qasam tan-negozju tal-BĊE responsabbli permezz ta' fax/e-mail.
([1]) Il-BĊE jirreferi għad-Direttorat Ġenerali Statistiċi tal-BĊE.

Taħt hemm *deskrizzjoni* ta' kull attribut li tinkludi l-*lista tal-kodiċi* ta' referenza (indikata b'ittri kapitali bħal CL_****) kull meta jkun applikabbli.

Taqsima 2.1 Attributi fuq livell ta' parentela

Obbligatorji:

— TITLE_COMPL (mhux kodifikat): Dan l-attribut huwa stabbilit, reġistrat u mqassam mill-BĊE (sejjer ikun bl-Ingliż b'tul massimu ta'1 050 karattru). Jekk il-BĊN ikun irid jagħmel modifika, tista' ssir reviżjoni wara konsultazzjoni mal-BĊE, iżda, din ir-reviżjoni għandha ssir mill-BĊE.

— UNIT (lista tal-kodiċi: CL_UNIT): Dan l-attribut jipprovdi l-unità tal-kejl tad-data rrapportata. Stati Membri parteċipanti jirrapportaw id-data f'euro għal dawk il-partiti fejn dan ikun applikabbli u l-BĊE jissettja dan l-attribut għal "EUR" (DENOM = "EUR"). Fil-każ ta' Stati Membri mhux parteċipanti, il-valur ta' dan l-attribut huwa daqs il-munita nazzjonali li tikkorrespondi. Għas-serje rrapportata bħala valuri assoluti u għall-indiċi, il-BĊE sejjer jiffissa dan l-attribut għall-valur "UNITS", u għas-serje rrapportati bħala perċentwali għall-valur "PC".

— UNIT_MULT (lista tal-kodiċi: CL_UNIT_MULT): Dan l-attribut jipprovdi informazzjoni dwar jekk is-serje hijiex imfissra f'miljuni (UNIT_MULT = "6"), f'biljuni (UNIT_MULT = "9"), eċċ. Il-BĊN jirrapportaw id-data li tirreferi għas-serje tal-BSI ta' l-IK f'miljuni u l-BĊE jiffissa l-valur għal 6 (UNIT_MULT = "6"). Għas-serje rrapportata bħala numri assoluti, bħala perċentwali, jew bħala indiċi, il-BĊE jiffissa l-valur għal 0 (UNIT_MULT = "0").

— DECIMALS (lista tal-kodiċi: CL_DECIMALS): Dan l-attribut jindika n-numru ta' postijiet deċimali mogħtija għall-valuri ta' l-osservazzjonijiet. Il-BĊN jirrapportaw is-serje tal-BSI u s-serje li jirrappreżentaw valuri assoluti b0 postijiet deċimali u l-BĊE jiffissa l-valur ta' l-attribut għal 0 għal dawn is-serje (għalhekk DECIMALS = "0"). Is-serje ta' l-indiċi u dawk li jirrappreżentaw perċentwali jiġu rrapportati b'erba' deċimali u l-BĊE jiffissa l-valur ta' l-attribut għal 4 għal dawn is-serje (għalhekk DECIMALS = "4").

Kondizzjonali:

— TITLE (mhux kodifikat): It-titolu tas-serje jippermetti biss massimu ta' 70 karattru. Minħabba l-ispazju limitat, jiġi wżat l-attribut TITLE COMPLIMENT minflok l-attribut obbligatorju. L-attribut TITLE jista', fil-futur, jintuża għall-kostruzzjoni ta' titli qosra.

— NAT_TITLE (mhux kodifikat): Il-BĊN jistgħu jużaw dan l-attribut sabiex jipprovdu deskrizzjoni preċiża u speċifikazzjonijiet supplimentari jew ta' distinzjoni oħra fil-lingwi nazzjonali. Għalkemm l-użu ta' ittri kbar u ta' ittri żgħar ma joħloqx problemi, l-iskambju ta' karattri b'aċċent u simboli alfanumeriċi estiżi jeħtieġ li jiġi ttestjat qabel użu regolari.

— COMPILATION (mhux kodifikat): Dan l-attribut huwa wżat għal spjegazzjonijiet testwali ddettaljati tal-metodi ta' kompilazzjoni, peżaturi, proċeduri statistiċi, tip ta' indiċi eċċ.:

▼M2

— sistema ta' ġbir ta' sorsi/*data*,

— proċeduri ta' kompilazzjoni (inklużi d-deskrizzjoni ta' l-istimi/suppożizzjonijiet magħmula),

— devjazzjonijiet mill-istruzzjonijiet ta' rapportar tal-BĊE (metodi ġeografiċi/settorjali metodi ta' klassifikazzjoni/valutazzjoni),

— informazzjoni dwar il-qafas legali nazzjonali (u dwar rabtiet mal-qafas regolatorju ta' l-UE) għal intermedjarji għajr l-IK.

— COVERAGE (mhux kodifikat): Dan l-attribut jiddeskrivi l-popolazzjoni ta' rapportar, il-kopertura tiegħu, għall-kategoriji differenti ta' intermedjarji. Għandu jiddeskrivi t-tip ta' intermedjarju għall-indikaturi differenti. Jekk il-kopertura tkun magħrufa li tkun parzjali, tiġi fornuta stima ta' l-ishma tas-suq. Għandu jindika wkoll meta ċ-ċifri jkunu ġew ingrossati.

Taqsima 2.2 Attributi fil-livell tas-serje temporali

Obbligatorju:

— COLLECTION (lista tal-kodiċi: CL_COLLECTION): Dan l-attribut jipprovdi spjega ta' meta l-osservazzjonijiet ikunu nġabru (eż. fil-bidu, nofs jew tmiem ta' perjodu) jew indikazzjoni ta' jekk id-*data* hijiex il-medja, l-ogħla jew l-inqas f'perjodu partikolari, eċċ. Il-BĊE jiffissa s-serje ta' l-ISS bħala "tmiem tal-perjodu" (COLLECTION = "E").

— AVAILABILITY (lista tal-kodiċi: CL_AVAILABILITY): Dan l-attribut jindika għal liema istituzzjonijiet tista' tkun magħmula disponibbli din id-*data*. Meta jkun meħtieġ trattament speċjali għal osservazzjonijiet speċifiċi, jista' jiġi wżat l-attribut OBSERVATION CONFIDENTIALITY (ara taħt).

Kondizzjonali:

— DOM_SER_IDS (mhux kodifikat): Dan l-attribut jagħmilha possibbli li ssir referenza għall-kodiċi fil-bażi ta' *data* nazzjonali sabiex tiġi identifikata s-serje li tikkorrespondi (jistgħu jiġu speċifikati l-formoli li jużaw il-kodiċi ta' referenza nazzjonali).

— BREAKS (mhux kodifikat): Dan l-attribut jipprovdi deskrizzjoni ta' l-interruzzjonijiet u l-bidliet kbar maż-żmien fil-ġbir, kopertura ta' l-irapportar u l-kompilazzjoni tas-serje. Fil-każ ta' interruzzjoni, huwa mixtieq li jiġi ddikjarat il-punt kemm id-*data* l-ġdida u dik antika jistgħu jitqiesu komparabbli (sa 350 karattru).

Taqsima 2.3 Attributi fuq livell ta' osservazzjoni

Obbligatorju:

— OBS_STATUS (lista tal-kodiċi: CL_OBS_STATUS): Il-BĊN jirrapportaw valur ta' status ta' osservazzjoni meħmuż ma' kull osservazzjoni skambjata. Dan l-attribut huwa obbligatorju u għandu jiġi pprovdut ma' kull trasmissjoni ta' *data* għal kull osservazzjoni individwali. Meta l-BĊN jirrevedu l-valur ta' dan l-attribut, jiġi trasmess mill-ġdid is-sinjal indikattiv kemm tal-valur ta' osservazzjoni (anki jekk mhux mibdul) kif ukoll ta' l-istatus il-ġdid ta' osservazzjoni.

Il-lista taħt tispeċifika l-valuri mistennija (skond il-ġerarkija miftehma) għal dawn l-attributi għall-għan ta' dawn l-istatistiċi:

"A" = valur normali,

"B" = valur ta' l-interruzzjoni,

"M" = id-*data* ma teżistix (għal *data* mhux applikabbli) ([1]),

"L" = id-*data* teżisti iżda ma ġietx miġbura ([2]),

([1]) Meta, minħabba l-prattiċi tas-suq lokali jew tal-qafas legali, serje temporali (jew parti minnha) ma tkunx applikabbli, (il-fenomenu bażi ma jkunx jeżisti), jiġi rrapportat valur nieqes ("-") bi status ta' osservazzjoni "M".

([2]) Meta, minħabba l-kundizzjonijiet statistiċi lokali, ma tiġix miġbura *data* għal serje temporali jew f'dati speċifiċi jew għat-tul totali tas-serje temporali (il-fenomenu ekonomiku bażi jeżisti iżda mhuwiex immonitorjat b'mod statistiku), jiġi rrapportat valur nieqes ("-") bi status ta' osservazzjoni "L" f' kull perjodu.

▼M2

"E" = stima tal-valur,

"P" = valur proviżorju (dan l-attribut jista' jintuża, b'mod partikolari, ma' kull trasmissjoni ta' *data* li tirreferi għall-aħħar osservazzjoni) ([1]).

— Jekk osservazzjoni tista' tikkwalifikata b'żewġ karatteristiċi, għandha tiġi rrapportata l-aktar waħda importanti. Jekk, bħala eżempju, osservazzjoni tkun kemm valur proviżorju u r-riżultat ta' stima, tingħata prijorità għall-karatteristika "stima", u tintuża l-marka indikattiva "E".

Kondizzjonali:

— OBS_CONF (lista tal-kodiċi: CL_OBS_CONF): Jekk BĊN jixtieq jagħmel differenza bejn l-istatus tal-konfidenzjalità ta' osservazzjoni speċifika waħda jew aktar, jista' juża l-attribut OBSERVATION CONFIDENTIALITY. Il-valur ta' dan l-attribut (jekk preżenti) jista' jiġi modifikat meta tiġi trasmessa d-*data* mill-mittent ta' l-informazzjoni.

— OBS_PRE_BREAK (mhux kodifikat): Dan l-attribut fih il-valur ta' qabel l-interruzzjoni, li huwa *field* numerika bħall-osservazzjoni. Dan jiġi pprovdut meta sseħħ interruzzjoni tas-serje.

— OBS_COM (mhux kodifikat): Dan l-attribut jista' jintuża sabiex jipprovdi kummenti testwali fil-livell ta' osservazzjoni (eż. deskrizzjoni ta' l-istima jew suppożizzjoni magħmula għal osservazzjoni speċifika minħabba nuqqas ta' *data*, filwaqt li tiġi spjegata r-raġuni għal osservazzjoni mhux normali possibbli jew jingħataw dettalji ta' bidla fis-serje temporali rrapportati).

Id-*data* ta' aġġustamenti tal-flussi għandha tiġi rrapportata, jekk disponibbli, fir-rigward ta' indikaturi Nri 17, 19, 21, 24 u 26. Aġġustamenti tal-flussi jirreferu għall-valutazzjonijiet mill-ġdid tal-prezz, kanċellazzjonijiet, żvalutazzjonijiet u klassifikazzjonijiet mill-ġdid.

Sezzjoni 3. Politika ta' reviżjoni

Il-BĊN jista' jkollhom jirrevedu d-*data* rrapportata. Japplikaw il-prinċipji ġenerali li ġejjin:

— matul it-tramissjonijiet kollha tad-*data* annwali regolari, flimkien mad-*data* ta' l-aktar sena reċenti, jistgħu jintbagħtu kemm reviżjonijiet "ordinarji" (iġifieri reviżjonijiet għad-*data* tas-sena ta' qabel) u reviżjonijiet"storiċi";

— f'każijiet eċċezzjonali, matul is-sena, jistgħu jiġu aċċettati reviżjonijiet storiċi li jtejjbu b'mod sinifikanti l-kwalità tad-*data*;

— fil-każ ta' reviżjonijiet sinifikanti, għandhom jingħataw noti ta' spjega lill-BĊE.

([1]) Dawn l-osservazzjonijiet jieħdu valuri definiti (status ta' osservazzjoni "A") f'fażi aktar tard. Il-valuri riveduti l-ġodda jissostitwixxu l-osservazzjonijiet proviżorji ta' qabel.

▼M2

Appendiċi 3

TABELLA 1

***Data* ta' l-istokks**

Kodiċi serjali għal indikaturi finanzjarji strutturali

Indikaturi	1. Qasam domestiku				2. Pajjiżi oħra taż-ŻEE	3. Barra ż-ŻEE
	IK	Korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni			IK	IK
		Total	Korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni	Fondi tal-pensjoni		
Numru ta' impjegati ta' l-IK	S1					
Numru ta' fergħat ta' l-IK	S2				S3	S4
Numru ta' sussidjarji ta' l-IK					S5	S6
Indiċi Herfindahl għal assi totali ta' l-IK (CR5)	S7					
Sehem ta' l-akbar 5 IK f'assi totali	S8					
Assi totali ([1])		S9*	S10	S11		
Assi totali tal-fergħat					S12	S13
Assi totali tas-sussidjarji					S14	S15

([1]) Għal *pre-ins* u l-Greċja qabel l-2001, il-kodiċi N huwa wżat għall-"munita tad-denominazzjoni" fl-aħħar dimensjoni tal-kodiċi tas-serje minflok E.

▼M2

TABELLA 2

***Data* ta' aġġustament**

Kodiċi serjali għal indikaturi finanzjarji strutturali

Indikaturi	1. Qasam domestiku				2. Pajjiżi oħra taż-ŻEE	3. Barra ż-ŻEE
	IK	Korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni			IK	IK
		Total	Korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni	Fondi tal-pensjoni		
Klassifikazzjonijiet mill-ġdid u aġġustamenti oħra						
Assi totali		S16	S17	S18		
Assi totali tal-fergħat					S19	S20
Assi totali tas-sussidjarji					S21	S22
Aġġustamenti oħra ta' valutazzjoni mill-ġdid						
Assi totali		S23	S24	S25		
Assi totali tal-fergħat					S26	S27
Assi totali tas-sussidjarji					S28	S29

Għal *pre-ins* u l-Greċja qabel l-2001, il-kodiċi N huwa wżat għall-"munita tad-denominazzjoni" fl-aħħar dimensjoni tal-kodiċi tas-serje minflok E.

▼B

ANNESS VII

DJUN DEPOSITATI U ISHMA TAL-GVERN ĊENTRALI FI FLUS KONTANTI U F'SIGURTAJIET

1. DJUN DEPOSITATI TAL-GVERN ĊENTRALI

1.1. **Definizzjonjiet u coverage tad-djun depositati tal-gvern ċentrali (sostituti li jixxiebħu għal) fl-iskema ta' rappurtaġġ**

Għall-għanijiet ta' din l-iskema ta' rappurtaġġ, id-djun depositati tal-gvern ċentrali huma allokati fil-kategoriji li ġejjin. Fejn il-fenomenu ma jkunx jeżisti jew ma jkunx sinifikanti, l-ebda rappurtaġġ ma jkun meħtieġ fuq il-bażi ta' de minimis. Djun depositati: Djun depositati huma mqassma f'depositi mgħaġġla, depositi fejn il-maturità tkun miftehma u depositi li jingħataw lura wara avviż.

Depositi mgħaġġla: Depositi li jistgħu jinbidlu fi flus kontanti u/jew fuq talba jiġu trasferiti permezz ta' ċekk, ordni tal-bankier, dħul tad-debitu jew mezzi simili, mingħajr dewmien konsiderevoli, restrizzjonijiet jew penalità.

Bilanċi li jirrappreżentaw ammonti mħallsa minn qabel fil-kuntest ta' l-e-money, kemm fil-forma ta' e-money li jkun ibbażat fuq il-hardware (eż. karti mħallsa minn qabel) jew e-money li jkun ibbażat fuq is-software u maħruġ mill-gvern ċentrali, huma inklużi taħt dan il-punt. Dan il-punt jeskludi d-depositi li ma jkunux trasferibbli u li teknikament ikunu jistgħu jinġibdu fuq talba u li iżda jkunu suġġetti għal diversi penalitajiet.

Depositi fejn il-maturità tkun miftehma: Depositi mhux trasferibbli li ma jkunux jistgħu jitbiddlu f'munita qabel it-terminu miftiehem; jew li jkunu jistgħu jitbiddlu f'munita qabel dak it-terminu miftiehem iżda d-detentur jingħata xi tip ta' penalità. Prodotti finanzjarji b'disposizzjonijiet roll-over għandhom jiġu klassifikati skond l-aktar maturità kmieni.

Depositi li jingħataw lura wara avviż: Depositi mhux trasferibbli u mingħajr maturità miftehma li ma jkunux jistgħu jitbiddlu f'munita mingħajr perjodu ta' avviż minn qabel, fejn qabel it-terminu tagħhom il-bidla fi flus kontanti ma tkunx possibbli jew tkun possibbli biss b'penalità. Dan il-punt jinkludi depositi li, għalkemm b'mod legali ikun hemm il-probabbiltà li jkunu jistgħu jinġibdu wara talba, ikunu suġġetti għall-penalitajiet u restrizzjonijiet skond il-prattiċi nazzjonali (klassifikati fil-klassi ta' maturità "sa tliet xhur, b'dawn inklużi").

L-ESA 95 ([1]) tipprovdi linji ta' gwida dwar il-klassifikazzjoni ta' l-istrumenti tad-debitu maħruġa mill-gvern ġenerali (ESA 95, paragrafi 5.74-5.76). Strumenti tad-debitu li ma jkunux negozzjabbli u li jinħarġu mill-gvern ġenerali għall-pubbliku kollu għandhom ikunu klassifikati bħala depositi, hekk kif huma sostituti li jixbħu d-depositi taż-żmien, id-depositi tat-tfaddil, il-kotba ta' kontijiet tat-tfaddil u ċ-ċertifikati mhux negozzjabbli tad-depositu. L-istrumenti l-oħra kollha li b'mod tipiku huma rappreżentati b'dokumenti intiżi għaċ-ċirkolazzjoni u li għalhekk jinvolvu (miksuba jew mhux miksuba) qliegħ u t-telf ta' ishma huma klassifikati bħala sigurtajiet minflok bħala ishma.

1.2. **Klassifikazzjoni settorali ta' l-aġenziji tal-gvern ċentrali li joħorġu (sostituti li jixbħu) djun depositati**

L-ESA 95 tipprovdi l-istandard għall-klassifikazzjoni settorali tal-gvern ġenerali u tas-sub-setturi tiegħu, li wieħed minnhom ikun is-settur tal-gvern ċentrali. Linji ta' gwida oħrajn huma ipprovduti fil-"Manwal għas-Settur ta' l-Istatistika Bankarja u tal-Flus-Linji ta' gwida għall-klassifikazzjoni permezz ta' l-istatistika tal-klijenti" ([2]).

Il-gvern ġenerali jinkludi unitajiet ta' residenza li primarjament huma involuti fil-produzzjoni ta' oġġetti mhux tas-suq u ta' servizzi li jkunu

([1]) Is-Sistema Ewropeja tal-Kotba (ESA) 1995, imsemmija fl-Anness A tar-Regolamne tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar is-sistema Ewropea fuq il-kotba reġjonali u nazzjonqali fil-komunità, ĠU L 310, tat-30.11.1996, p. 1, kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 359/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 58, tat-28.2.2002, p. 1.

([2]) Il-Bank Ċentrali Ewropew, it-tieni edizzjoni, Novembru 1999.

▼B

intiżi għal konsum individwali u kollettiv u/jew fid-distribuzzjoni mill-ġdid tad-dħul u l-ġid nazzjonali. (ESA 95, paragrafi 2.68-2.70).

Il-gvern ġenerali huwa maqsum f'żewġ sub-setturi li joħorġu: il-gvern ċentrali u xi amministrazzjoni oħra pubblika. L-amministrazzjoni l-oħra pubblika hija parti mis-settur tad-detenzjoni tal-flus.

Il-gvern ċentrali jikkonsisti minn dipartimenti amministrattivi ta' l-Istat u minn aġenziji oħra ċentrali li l-kompetenza tagħhom testendi fuq it-territorju kollu ekonomiku, minbarra fuq l-amministrazzjoni tal-fondi tas-sigurtà soċjali (ESA 95, paragrafu 2.71).

1.3. **Definizzjoni ta' "setturi oħra residenti", i.e. residenti f'istituzzjoni finanzjarja li ma tkunx monetarja minbarra l-gvern ġenerali**

Intermedjarji finanzjarji u awżiljari finanzjarji oħra: Korporazzjonijiet u kważi-korporazzjonijiet finanzjarji u mhux monetarji (minbarra l-korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u l-fondi tal-pensjonijiet) li primarjament ikunu involuti fl-intermedjazzjoni finanzjarja billi jagħmlu djun f'forom oħra minbarra f'muniti, depositi u/jew sostituti li jixbħu d-depositi minn unitajiet istituzzjonali minflok minn istituzzjonijiet finanzjarji u monetarji (MFIs) (ESA 95, paragrafi 2.53-2.56). Inklużi wkoll huma l-awżiljari finanzjarji li jikkonsistu mill-korporazzjonijiet u l-kważi-korporazzjonijiet li primarjament ikunu involuti f'attivitajiet finanzjarji awżiljari. (ESA 95, paragrafi 2.53-2.59).

Korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u l-fondi tal-pensjonijiet: Korporazzjonijiet u kważi-korporazzjonijiet finanzjarji u mhux monetarji li primarjament ikunu involuti fl-intermedjazzjoni finanzjarja minħabba l-ħafna riskji miġbura f'daqqa. (ESA 95, paragrafi 2.60-2.67).

Korporazzjonijiet mhux finanzjarji: Korporazzjonijiet u kważi-korporazzjonijiet mhux involuti fl-intermedjazzjoni finanzjarja iżda prinċipalment involuti fil-produzzjoni ta' oġġetti tas-suq u servizzi mhux finanzjarji (ESA 95, paragrafi 2.21-2.31).

Djar: Individwi jew gruppi ta' individwi bħala konsumaturi u produtturi ta' oġġetti u ta' servizzi mhux finanzjarji li jintużaw għall-konsum esklussiv tagħhom, u bħala produtturi ta' oġġetti tas-suq u servizzi finanzjarji u mhux finanzjarji sakemm l-attivitajiet tagħhom ma jkunux dawk tal-kważi-korporazzjonijiet. Inklużi huma l-istituzzjonijiet li ma jagħmlux profitt li jaqdu lid-djar u li prinċipalment ikunu involuti fil-produzzjoni ta' oġġetti mhux tas-suq u f'servizzi li jkunu intiżi għall-gruppi partikolari ta' djar (ESA 95, paragrafi 2.75-2.88).

2. COVERAGE TA' L-ISHMA TAL-GVERN ĊENTRALI FI FLUS KONTANTI U F'SIGURTAJIET

▼M2

Id-definizzjonijiet ta' l-aggregati monetarji taż-żona tal-euro huma bbażati fuq definizzjoni armonizzata tas-setturi ta' ħruġ tal-flus u ta' żamma tal-flus kif ukoll fuq kategoriji armonizzati tal-passività ta' l-IFM. Is-settur taż-żamma tal-flus jinkludi r-residenti kollha mhux IFM fiż-żona ta' l-euro, għajr is-settur tal-gvern ċentrali. Għalhekk, għall-għanijiet tal-kompilazzjoni ta' l-aggregati monetarji, il-partita "karti tal-flus u muniti ta' l-euro miżmuma mill-gvern ċentrali" hija rrapportata bħala partita tal-memorandum ta' prijorità għolja. Il-BĊE se jaċċetta stimi li jużaw *data* disponibbli (eż. *data* annwali u/jew ta' kull tliet xhur tal-kontijiet finanzjarji ta' l-unjoni monetarji). Din il-partita għandha tiġi rrapportata fuq bażi ta' kull xahar u bl-istess perjodiċità ta' l-istatistiċi tal-karta ta' bilanċ ta' l-IFM mandatarji ta' kull xahar skond ir-Regolament BĊE/2001/13.

▼B

2.1. **Flus karti u muniti Euro għand il-gvern ċentrali**

Flus karti u muniti maħruġa mill-Bank Ċentrali Ewropew, mill-banek ċentrali u nazzjonali taż-żona ewrou mill-gvernijiet ċentrali u li jinżammu għand il-gvern ċentrali.

▼M2

2.2 **Ishma tal-gvern ċentrali ta' strumenti maħruġin mill-IFM taż-żona ta' l-euro**

Titoli ta' dejn u ishma tal-fondi tas-swieq monetarji maħruġin mill-IFM taż-żona ta' l-euro u miżmumin mill-gvern ċentrali.

▼B

DATA FUQ ID-DJUN DEPOSITATI U L-ISHMA TAL-GVERN ĊENTRALI (SOSTITUTI LI JIXBĦU) FI FLUS KONTANTI U F'SIGURTAJIET (*)

Skema Adattata bl-użu tat-tabella li tirrapporta tas-settur ta' l-MFI.

TABELLA

Stocks (Data li għandhom jiġu ipprovduti kull xahar fl-istess żmien bħat-Tab. 1)

Punti tal-karta tal-bilanċ	A. Domestiċi									B. Stati Membri oħra li jipparteċipaw									C. Bqija tad-dinja	D. Mhux allokati
			Mhux MFIs									Mhux MFIs								
			Gvern ġenerali		Setturi oħra li jkunu residenti							Gvern ġenerali		Setturi oħra li jkunu residenti						
	MFIs	Li minnhom istituzzjonijiet tal-kredtu huma suġġetti għal RRs ([3]), BCE u BCNi	Gvern Ċentrali	Amministrazzjonijiet oħra pubbliċi	Total	Intermedjarji finanzjarji u awżiljari finanzjarji oħra (S.123 + S.124)	Korporazzjoni ta' l-assigurazzjoni u fond ital-pensjonijiet (S.125)	Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11)	Djar + istituzzjonijiet li ma jagħmlux profitt li jaqdu lid-djar (S.14 + S.15)	MFIs	Li minnhom istituzzjonijiet tal-kredtu huma suġġetti għal RRs ([3]), BCE u BCNi	Gvern Ċentrali	Amministrazzjonijiet oħra pubbliċi	Total	Intermedjarji finanzjarji u awżiljari finanzjarji oħra (S.123 + S.124)	Korporazzjoni ta'l-assigurazzjoni u fond ital-pensjonijiet (S.125)	Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11)	Djar + istituzzjonijiet li ma jagħmlux profitt li jaqdu lid-djar (S.14 + S.15)		
	(a)	(b)	(c)	(d)	(e)	(f)	(g)	(h)	(i)	(j)	(k)	(l)	(m)	(n)	(o)	(p)	(q)	(r)	(s)	(t)
DJUN																				
9. **Depositi**																				
9e **Euro**																				
9.1e **Mgħaġġla**																				
9.2e **B'maturità miftehma**																				
Sa sena																				
Aktar minn sena iżda mhux aktar minn sentejn																				
9.3e **Jingħataw lura wara avviż**																				
Sa tliet xhur ([1])																				

(*) Data dwar "Klassifikazzjonijiet mill-ġdid u modifiki oħra" u "modifiki ta' valutazzjoni mill-ġdid" għandhom ikunu koperti mill-"Manwal tal-proċeduri għall-kumpilazzjoni ta' l-istatistiċi tal-flussi" (Anness X).

Punti tal-karta tal-bilanċ	A. Domestiċi									B. Stati Membri oħra li jippartekipaw									C. Bqija tad-dinja	D. Mhux allokati
			Mhux MFIs									Mhux MFIs								
			Gvern ġenerali		Setturi oħra li jkunu residenti							Gvern ġenerali		Setturi oħra li jkunu residenti						
	MFIs	Li minnhom istituzzjonijiet tal-kredtu huma suġġetti għal RRs ([3]), BCE u BCNi	Gvern Ċentrali	Amministrazzjonijiet oħra pubbliċi	Total	Intermedjarji finanzjarji u awżiljari finanzjarji oħra (S.123 + S.124)	Korporazzjoni ta' l-assigurazzjoni u fond ta' pensjonijiet (S.125)	Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11)	Djar + istituzzjonijiet li ma jagħmlux profitt li jaqdu lid-djar (S.14 + S.15)	MFIs	Li minnhom istituzzjonijiet tal-kredtu huma suġġetti għal RRs ([3]), BCE u BCNi	Gvern Ċentrali	Amministrazzjonijiet oħra pubbliċi	Total	Intermedjarji finanzjarji u awżiljari finanzjarji oħra (S.123 + S.124)	Korporazzjoni ta'l-assigurazzjoni u fond ta' pensjonijiet (S.125)	Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11)	Djar + istituzzjonijiet li ma jagħmlux profitt li jaqdu lid-djar (S.14 + S.15)		
	(a)	(b)	(c)	(d)	(e)	(f)	(g)	(h)	(i)	(j)	(k)	(l)	(m)	(n)	(o)	(p)	(q)	(r)	(s)	(t)
9.4e **Repos**																				
9x **Muniti barranin**																				
9.1x **Mgħaġġla**																				
9.2x **B'maturità miftehma**																				
Sa sena																				
Aktar minn sena iżda mhux aktar minn sentejn																				
9.3x **Jingħataw lura wara avviż**																				
Sa tliet xhur ([1])																				
9.4x **Repos**																				
ASSI																				
1. **Flus Kontanti**																				
Li minnhom 1e huwa euro																				☐
3. **Sigurtajiet minbarra l-ishma** ([2])																				
Sa sena	☐									☐										

▼B

Punti tal-karta tal-bilanċ	A. Domestiċi									B. Stati Membri oħra li jippartekipaw									C. Bqija tad-dinja	D. Mhux allokati
			Mhux MFIs									Mhux MFIs								
			Gvern ġenerali		Setturi oħra li jkunu residenti							Gvern ġenerali		Setturi oħra li jkunu residenti						
	MFIs	Li minnhom istituzzjonijiet talkredtu huma suġġetti għal RRs ([3]), BCE u BCNi	Gvern Ċentrali	Amministrazzjonijiet oħra pubbliċi	Total	Intermedjarji finanzjarji u awżiljari finanzjarji oħra (S.123 + S.124)	Korporazzjoni ta' l-assigurazzjoni u fond ta' pensjonijiet (S.125)	Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11)	Djar + istituzzjonijiet li ma jagħmlux profitt li jaqdu lid-djar (S.14 + S.15)	MFIs	Li minnhom istituzzjonijiet talkredtu huma suġġetti għal RRs ([3]), BCE u BCNi	Gvern Ċentrali	Amministrazzjonijiet oħra pubbliċi	Total	Intermedjarji finanzjarji u awżiljari finanzjarji oħra (S.123 + S.124)	Korporazzjoni ta'l-assigurazzjoni u fond ta' pensjonijiet (S.125)	Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11)	Djar + istituzzjonijiet li ma jagħmlux profitt li jaqdu lid-djar (S.14 + S.15)		
	(a)	(b)	(c)	(d)	(e)	(f)	(g)	(h)	(i)	(j)	(k)	(l)	(m)	(n)	(o)	(p)	(q)	(r)	(s)	(t)
Aktar minn sena iżda mhux aktar minn sentejn																				
4. **Ishma/unitajiet MMF**																				

([1]) Inklużi d-depositi mgħaġġla tat-tfaddil li ma jkunux trasferibbli.
([2]) Maħruġa mill-MFIs taż-żona euro.
([3]) Ħtiġiet ta' riserva.

▼M1

Statistiċi fuq il-passiv fid-depositi tal-gvern ċentrali. Stima dwar id-disponibilità tad-data

	Il-Belġju	Franza				L-Irlanda		L-Italja			Il-Lussemburgu	Il-Portugall	
Min joħroġ l-istatistika	L-Uffiċċju tal-Posta	It-Teżor	It-Teżor	It-Teżor	It-Teżor	Uffiċċju tal-Posta (f'isem il-Ministru tal-Finanzi) Bank tat-Tfaddil (f'isem il-Ministru tal-Finanzi)	Uffiċċju tal-Posta Bank tat-Tfaddil	It-Teżor tal-Posta (permezz Ta' l-Uffiċċju)	Depositi tat-Teżor DD.PP. (permezz tal-Prestiti Cassa)	It-Teżor DD.PP. (permezz the Cassa)	Uffiċċju tal-Posta	It-Teżor	It-Teżor; Instituto de Gestão do Crédito Público (IGCP)
Is-settur ESA ta' min joħroġ l-istatistika	Gvern ċentrali	Gvern ċentrali	Gvern ċentrali	Gvern ċentrali	Gvern ċentrali	Gvern ċentrali	Gvern ċentrali	Gvern ċentrali	Gvern ċentrali	Gvern ċentrali	Gvern ċentrali	Gvern ċentrali	Gvern ċentrali
Isem ta' l-istrument	Avoirs à vue (depositi kurrenti)	Depositi kurrenti mat-Teżor	Kontijiet ta' l-iżvilupp industrijali mat-Teżor	Kontijiet bil-ktieb mat-Teżor f'isem iż-żgħażagħ	Depositi fissi mat-Teżor	Depositi ordinarji	Kontijiet tat-tfaddil speċjali (SSAs)	Kontijiet kurrenti	Libretti deposits postali liberi (depositi tat-tfaddil)	Buoni fruttiferi certificates (Ċertifikati ordinarji savings)	Depositi	Depositi kurrenti mat-teżor	Depositi kurrenti mat-Teżor; Certificados especiais de dívida de curto prazo (ċertifikati ta' debitu għal perjodu qasir) maħruġa mill-IGCP
Deskrizzjoni	-	Kontijiet kurrenti tal-klijenti fl-attiv f'isem aġenti residenti mhux finanzjarji	Depositi tat-tfaddil, regolati amministrattivament, mingħajr data ta' l-iskadenza jew	Depositi tat-tfaddil, regolati amministrattivament, mingħajr data ta' l-iskadenza jew perjodu	Kontijiet tal-klijenti b'data ta' l-iskadenza miftiehma f'isem aġenti residenti mhux finanzjarji.	Mhux trasferibbli permezz ta' ċekk, imma jistgħu jinġibdu meta jintalbu l-flus mingħajr il-	Jeħlu taxxa miżmuma mis-sors fuq l-imgħax (DIRT) aktar baxxa. Flus miġbudin mingħajr	Depositi (kontijiet kurrenti)	Depositi (kontijiet tat-tfaddil)	Depositi (kontijiet tat-tfaddil)	-	-	-

▼M1

	Il-Belġju	Franza				L-Irlanda		L-Italja			Il-Lussemburgu	Il-Portugall	
			perdodu ta' notifika, li fuqhom m'huwiex permissibbli l-ħruġ ta' ċekkijiet u li huma f'isem aġenti residenti mhux finanzjarji	ta' notifika, li fuqhom m'huwiex permissibbli l-ħruġ ta' ċekkijiet u li huma f'isem aġenti residenti mhux finanzjarji.		penali ta' l-imgħax	avviż bil-quddiem suġġett għall-penali						
Frekwenza	Kull xahar	Kull xahar	Kull xahar	Kull xahar	Kull xahar	Kull xahar	Kull xahar	Kull xahar	Kull xahar	Kull xahar	Kull xahar	Kull xahar	Kull xahar
Ħeffa: mill-aġenti/lesti għall-BĊE Rapportar	11/15 ġranet tax-xogħol	10/15 ġranet tax-xogħol	10/15 ġranet tax-xogħol	10/15 ġranet tax-xogħol	10/15 ġranet tax-xogħol	10/15 ġranet tax-xogħol	10/15 ġranet tax-xogħol	15 ġranet tax-xogħol	15 ġranet tax-xogħol	15 working days	15-il ġurnata tax-xogħol	10/14-il ġurnata tax-xogħol	10/14-il ġurnata tax-xogħol
Sors tad-data	Dirett	Dirett	Dirett	Dirett	Dirett	Dirett	Dirett	Oħrajn	Oħrajn (Cassa DD. PP.)	Oħrajn (Cassa DD. PP.)	Dirett	Dirett	Dirett
Provvista ta' data storika	"L-aħjar stimi" Lulju 1997sa Awissu 1998 u d-data qabel Lulju 1997 bħala data storika	Stimi li jmorru lura sas-snin '80	Stimi li jmorru lura sas-snin '80	Stimi li jmorru lura sas-snin '80	Stimi li jmorru lura sas-snin '80	Data reali b'lura minn Lulju 1997; għal stimi aktar lura sas-snin '80 uża l-eżerċizzju tal-blokki tal-bini	Data reali b'lura minn Lulju 1997; għal stimi aktar lura sas-snin '80 uża l-eżerċizzju tal-blokki tal-bini	Id-data lura sa Diċembru 1995 tista' tiġi stmata	Id-data lura sa Diċembru 1995 tista' tiġi stmata	Id-data lura sa Diċembru 1995 tista' tiġi stmata	Datareali b'lura minn Lulju 1997 sa Mejju 1998; m'humiex maħsuba stimi li jmorru lura għas-snin '80	Data reali b'lura minn Settembru 1999	Data reali b'lura minn Settembru 1999
Allokazzjoni fi the ħdan l-iskema ta' rapportar	Kategorija: overnight; Munita: nazzjonali; Setturi: MFIs,	Kategorija: overnight; Munita: nazzjonali; Setturi: gvern ġene-	Kategorija: li jistgħu jinfdew b'avviż ta' tliet xhur; Munita:	Kategorija: li jistgħu jinfdew b'avviż ta' tliet xhur; Munita:	Kategorija: b'data ta' skadenza miftiehma sa sena/ sentejn;	Kategorija: li jistgħu jinfdew b'avviż ta' mhux aktar minn 3	Kategorija: li jistgħu jinfdew b'avviż ta' mhux aktar minn 3	Kategorija: overnight; Munita: nazzjonali; Setturi: gvern ġene-	Kategorija: li jistgħu jinfdew b'avviż ta' mhux aktar minn 3	Kategorija: li jistgħu jinfdew b'avviż ta' mhux aktar minn 3	Kategorija: sħiħa jekk l-Uffiċċju tal-Posta jikkopera; Munita:	Kategorija: overnight; Munita: nazzjonali: Setturi: gvern ġene-	Kategorija: b'data ta' skadenza miftiehma sa mhux aktar minn sena;

▼M1

	Il-Belġju	Franza				L-Irlanda		L-Italja			Il-Lussemburgu	Il-Portugall	
	gvern ċentrali, gvern ġenerali oħrajn, residenti oħrajn setturi: korporazzjonijiet mhux finanzjarji u familji u istituzzjonijiet li m'għandhomx skop ta' qligħ li jaqdu lill-familji	rali oħrajn, settur oħrajn ta' residenti	nazzjonali; Settur: setturi oħrajn ta' residenti	nazzjonali; Settur: setturi oħrajn ta' residenti	Munita: nazzjonali; Settur: setturi oħrajn ta' residenti	xhur; Munita: nazzjonali: Settur: setturi ta' residenti oħrajn	xhur; Munita: nazzjonali: Settur: setturi ta' residenti oħrajn	rali oħrajn, setturi oħrajn ta' residenti	xhur; Munita: nazzjonali; Settur: setturi oħrajn ta' residenti	xhur; Munita: nazzjonali; Setturi: setturi oħrajn ta' residenti	nazzjonali; Settur: ġvern ġenerali oħrajn, setturi ta' residenti oħrajn	rali oħrajn, setturi ta' residenti oħrajn	Munita: nazzjonali; Setturi: gvern ġenerali oħrajn, setturi ta' residenti oħrajn
Data dwar l-imgħax miżjud	Eskluż	Mhux rilevanti	Eskluż	Eskluż	Eskluż	Eskluż	Eskluż	Eskluż	Eskluż	Eskluż	Inkluża	Eskluża	Eskluża

▼M1

L-ANNESS VIII

RAPPORTAR TA' DATA TA' KULL TLIET XHUR ANALIZZATA SKOND IL-PAJJIŻ U SKOND IL-MUNITA

Rapportar ta' data taħt ir-Regolament BĊE/2001/13

1. Ir-Regolament BĊE/2001/13 tat-22 ta' Novembru 2001 li jirrigwarda l-balance sheet konsolidata tas-settur ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji ([1]) jirrekjedi li l-MFIs jipprovdu skomposizzjonijiet kull tliet xhur tal-punti prinċipali tal-balance sheet globali kif definita f'parti 1 tat-taqsima IV u kif speċifikati aktar fit-tabella 3 (analizzata skond il-pajjiż) u tabella 4 (analizzata skond il-munita) tal-parti 2 ta' l-Anness I ta' l-imsemmi Regaolament. Fiż-żewġ tabelli, iċ-ċelluli li jikkorrispondu għall-posizzjonijiet tal-pajjiżi li ser jissieħbu ma' l-UE fl-1 ta' Mejju 2004 huma mmarkati bis-sinjal "#". L-MFIs jirrapportaw data dwar dawn iċ-ċelluli. Il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) jistgħu madankollu jiddeċiedu li ma jeħtieġux li din id-data tkun rapportata jekk il-figuri miġbura f'livell ogħla ta' aggregazzjoni juru li huma insinifikanti.

2. Jekk il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) jiddeċiedu li ma jeħtieġux ir-rapportar tad-data insinifikanti li huma jistmaw, f'intervalli regolari (mill-inqas darba fis-sena), kemm jekk id-data fir-rigward taċ-ċelluli tkun immarkata bis-sinjal "#" kemm jekk le, il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) jinfurmaw lill-BĊE u lill-MFIs b'kull tibdila fil-ħtiġijiet tar-rapportar fir-rigward taċ-ċelluli msemmija.

3. Fejn id-data fir-rigward taċ-ċelluli mmarkati bis-sinjal "#" tkun insinifikanti u l-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) jiddeċiedu li ma jeħtieġux ir-rapportar (sħiħ) tagħhom, jagħmlu stima tad-data billi jagħmlu użu mill-informazzjoni eżistenti, skond il-metodi stabbiliti hawn taħt.

Metodi ta' stima

4. Fejn il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) jistmaw id-data billi jagħmlu użu mill-informazzjoni eżistenti, huma jirraportaw din id-data lill-BĊE bħala punti ta' memorandum. Il-metodi ta' stima li ġejjin jistgħu jintużaw (iktar metodi jistgħu jiġu diskussi mal-BĊE każ każ):

   — il-figuri ta' kull tliet xhur jiġu stmati fuq il-bażi tad-data rrapportata mill-MFIs fi frekwenza iktar baxxa. Id-data titmexxa għall-perjodu(i) nieqes/neqsin, billi tiġi mħassra jew billi jiġu applikati tekniċi ta' l-istatistika xierqa sabiex jiġi rifless kull tkabbir fit-tendenza jew is-sekwenza skond l-istaġuni,

   — il-figuri ta' kull tliet xhur jiġu stmati fuq il-bażi ta' data rapportata mill-MFIs fuq bażi iktar komplessiva, jew fuq il-bażi ta' skomposizzjonijiet speċifiċi li l-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) jikkunsidraw li jagħmlu sens,

   — il-figuri ta' kull tliet xhur jiġu stmati fuq il-bażi ta' data ta'kull tliet xhur miġbura minn MFIs kbar (responsabbli għal mill-inqas 80 % tan-negozju mal-pajjiżi li ser jissieħbu fl-UE fl-1 ta' Mejju 2004),

   — il-figuri ta' kull tliet xhur jiġu stmati fuq il-bażi ta' sorsi tad-data alternattivi (bħall-Bank għall-Ftehim Internazzjonali) jew data dwar il-bilanċ tal-pagamenti), wara li jkun sar kull aġġustament neċessarju meħtieġ minħabba l-kunċetti u d-definizzjonijiet użati f'sorsi alternattivi bħal dawn meta mqabbla ma' dawk użati fl-istatistiċi dwar il-flus u l-banek,

   — il-figuri ta' kull tliet xhur jiġu stmati fuq il-bażi tad-data tal-pajjiżi li ser jissieħbu fl-UE fl-1 ta' Mejju 2004 li tkun rapportata kull tliet xhur mill-MFIs bħala total wieħed.

Ħeffa tar-rapportar

5. Id-data rapportata bħala punti ta' memorandum taħt dan l-Anness jistgħu jiġu rapportati lill-BĊE b'dewmien ta' xahar ieħor mill-egħluq tan-negozju fit-28 ġurnata tax-xogħol wara t-tmiem tat-tliet xhur li jirreferu għalihom.

([1]) ĠU L 333, tas-17.12.2001, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament BĊE/2003/10 (ĠU L 250, tat-2.10.2003, p. 17).

▼M2

ANNESS IX

PARTITI TAL-MEMORANDUM LI GĦANDHOM JIĠU PPROVDUTI

Skema ta' rapportar

1. Il-partiti tal-memorandum elenkati f'dan l-Anness jappartjenu għall-familja ewlenija tal-partiti tal-karta tal-bilanċ (BSI), li hija deskritta fl-Anness XIII. Is-serje għandhom jiġu rrapportati bi frekwenza ta' xahar, xahar (partiti tas-Sezzjonijiet I u II) jew bi frekwenza ta' kull tliet xhur (partiti tas-Sezzjoni III) u fl-istess perjodiċità ta' l-istatistiċi obbligatorji tal-karta tal-bilanċ ta' l-istituzzjoni monetarja finanzjarja (IFM) ta' kull xahar u ta' kull tliet xhur bi qbil mar-Regolament BĊE/2001/13.

I. ***Partiti tal-memorandum għad-derivazzjoni u stima ta' l-aggregati monetarji u kontropartijiet***

2. Għall-għanijiet tal-kompilazzjoni ta' l-aggregati monetarji u l-kontijiet finanzjarji ta' l-unjoni monetarja (MUFA) taż-żona ta' l-euro, il-banek ċentrali nazzjonali (BĊN) jirrapportaw informazzjoni statistika dwar analiżi supplimentari tal-"munita fiċ-ċirkolazzjoni" u "titoli ta' dejn maħruġin". Dawn il-partiti tal-memorandum ta' prijorità għolja huma murija f'kaxex bi frejm skur f'Tabelli A u B u huma definiti taħt. Il-bqija tal-partiti tal-memorandum huma meħtieġa sabiex jippermettu analiżi aktar dettaljata ta' l-istatistiċi tal-karti tal-bilanċ ta' l-IFM.

3. **Munita fiċ-ċirkolazzjoni, li minnha karti tal-flus ta' l-euro, karti tal-flus ta' denominazzjoni nazzjonali, muniti, muniti denominati f'euro u muniti f'denominazzjoni nazzjonali**

— Karti tal-flus f'euro (M1) huma karti tal-flus f'euro maħruġin kif inklużi fil-kategorija "munita fiċ-ċirkolazzjoni".

— Karti tal-flus ta' denominazzjoni nazzjonali (M2) huma karti tal-flus denominati fil-muniti antiki maħruġin mill-BĊN qabel l-1 ta' Jannar 2002 li jkunu għadhom ma ġewx miġbura lura fil-BĊN. Irrapportati sa minn Jannar 2002, għallinqas matul l-2002.

— Muniti (M3) tirreferi għall-ammont ta' muniti f'euro maħruġin mill-awtoritajiet nazzjonali (BĊN/gvernijiet ċentrali) u rrapportati bħala parti mill-kategorija "munita fiċ-ċirkolazzjoni" fil-karta ta' bilanċ tal-BĊN.

— Muniti denominati f'euro (M4) huma muniti ddenominati f'euro maħruġin mill-awtoritajiet nazzjonali (BĊN/gvernijiet ċentrali).

— Muniti f'denominazzjonijiet nazzjonali (M5) huma muniti ddenominati fil-muniti legali maħruġin mill-awtoritajiet nazzjonali (BĊN/gvernijiet ċentrali) qabel l-1 ta' Jannar 2002 li jkunu għadhom ma ġewx miġbura lura fil-BĊN.

4. **Sidien ta' investimenti li jistgħu jiġu nnegozjati maħruġin mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE)/BĊN (M6 sa M8)**

Titoli maħruġin mill-BĊE/BĊN li jkunu ġew analizzati skond ir-residenza tas-sid, skond il-qasma fi tlieta li ġejja: domestika/Stati Membri parteċipanti/bqija tad-dinja.

5. **Dovuti fuq depożiti (M9, M38)**

Imgħax pagabbli fuq depożiti rreġistrati bħala dovuti (iġifieri fuq bażi ta' dovuti) milli meta ġie tabilħaqq imħallas (iġifieri fuq bażi ta' flus kontanti).

6. **Dovuti fuq self (M38, M42)**

Imgħax riċevibbli fuq self irreġistrat waqt li jimmatura (iġifieri fuq bażi tad-dovuti) milli meta jiġi tabilħaqq riċevut (iġifieri fuq bażi ta' flus kontanti).

▼**M2**

TABELLA A

***Data* tal-BĊE/BĊN (stokks)** ([1])

	Domestiċi	Stati Membri parteċipanti oħra	Bqija tad-dinja	Mhux allokati
PASSIVI				
8 **Munita fiċ-ċirkolazzjoni**				
li minnha karti tal-flus				
— Karti tal-flus ta' l-euro				**M1**
— Karti tal-flus fid-denominazzjoni nazzjonali				**M2**
Li minnhom muniti				**M3**
— Muniti denominati f'euro ([2])				**M4**
— Muniti f'denominazzjonijiet nazzjonali ([3])				**M5**
11 **Titoli ta' dejn maħruġin**				
Sa sena	**M6**	**M7**	**M8**	
14 **Bqija tal-passivi**				
Li minnhom dovuti fuq depożiti				**M9**
Li minnhom partiti ta' transitu				M10
Li minnhom partiti ta' sospensjoni				M11
Li minnhom derivattivi finanzjarji				M12
Li minnhom passivi intra-Ewrosistema li għandhom x'jaqsmu ma' l-allokazzjoni tal-karti tal-flus ta' l-euro	**M13**			
ATTIVITÀ				
7 **Bqija ta' l-attività**				
Li minnhom dovuti fuq self				**M14**
Li minnhom partiti ta' transitu				M15
Li minnhom partiti ta' sospensjoni				M16
Li minnhom derivattivi finanzjarji				M17
Li minnhom talbiet intra-Ewrosistema li għandhom x'jaqsmu ma' l-allokazzjoni tal-karti tal-flus ta' euro	**M18**			

([1]) Soġġetta għal ftehim bilaterali bejn il-BĊE u l-BĊN, tista' tiġi pprovduta *data* tal-flussi (*flow data*).
([2]) Li għandhom jiġu rrapportati jekk disponibbli.
([3]) Li għandhom jiġu rrapportati jekk disponibbli.

Kaxex skuri huma l-partiti ta' prijorità għolja

▼M2

TABELLA B

***Data* oħra ta' l-IFM (stokks)** [1]

	Domestiċi	Stati Membri parteċipanti oħra	Bqija tad-dinja	Mhux allo-kati
PASSIVI				
11 **Titoli ta' dejn maħruġin**				
Sa sena	**M19**	**M20**	**M21**	
Euro	**M22↑**	**M23↑**	**M24↑**	
Muniti barranin	**M25↑**	**M26↑**	**M27↑**	
Aktar minn sena sa mhux aktar minn sentejn	**M28**	**M29**	**M30**	
Euro	**M31↑**	**M32↑**	**M33↑**	
Muniti barranin	**M34↑**	**M35↑**	**M36↑**	
13 **Kapital u riservi**				
Li minnhom provvisti				M37
14 **Bqija tal-passivi**				
Li minnhom dovuti fuq depożiti				**M38**
Li minnhom partiti ta' transitu				M39
Li minnhom partiti ta' sospensjoni				M40
Li minnhom derivattivi finanzjarji				M41
ATTIVITÀ				
7 **Bqija ta' l-attività**				
Li minnhom dovuti fuq self				**M42**
Li minnhom partiti ta' transitu				M43
Li minnhom partiti ta' sospensjoni				M44
Li minnhom derivattivi finanzjarji				M45

([1]) Soġġetta għal ftehim bilaterali bejn il-BĊE u l-BĊN, tista' tiġi pprovduta *data* tal-flussi (*flow data*).

Kaxex skuri huma l-partiti ta' prijorità għolja.
Soġġett għal ftehim bejn il-BĊE u l-BĊN, ma hemmx għalfejn li l-kaxex skuri bi vleġġa (↑) jiġu rrapportati mill-BĊN fejn jintużaw sorsi ta' *data* alternattivi mill-BĊE

7. **Bqija ta' l-attività/passività, li minnhom passivi intra-Ewrosistema (partita M13)/talbiet (partita M18) li għandhom x'jaqsmu ma' l-allokazzjoni tal-karti tal-flus ta' l-euro**

Il-pożizzjonijiet netti vis-à-vis l-Ewrosistema oriġinaw permezz ta' 1) distribuzzjoni tal-karti tal-flus ta' l-euro maħruġin mill-BĊE (8 % tal-ħruġ totali); u 2) applikazzjoni tal-mekkaniżmu tas-sehem kapitali. L-allokazzjoni tal-pożizzjoni ta' kreditu jew debitu netta tal-BĊN u BĊE individwali jew għan-naħa ta' l-attività jew għan-naħa tal-passività tal-karta ta' bilanċ issir skond is-sinjal, iġifieri pożizzjoni netta pożittiva vis-à-vis l-Ewrosistema tiġi

▼M2

rrapportata fuq in-naħa ta' l-attività, pożizzjoni netta negattiva fuq in-naħa tal-passività.

8. **Sidien ta' titoli li jistgħu jiġu nnegozjati maħruġin minn IFM oħra b'analiżi skond il-maturità (partiti M19 sa M21 u M28 sa M30) u mbagħad skond il-munita (partiti M22 sa M27 u M31 sa M36)**

Titoli ta' dejn u karti tas-suq monetarju maħruġin mill-IFM li kienu ġew analizzati skond ir-residenza tas-sid skond il-qasma fi tlieta li ġejja: domestika/Stati Membri parteċipanti/bqija tad-dinja. Titoli ta' dejn u *data* tal-karti tas-suq monetarju jiġu pprovduti b'analiżi skond il-maturità (sa sena, aktar minn sena u sa sentejn) u aktar dettalji skond il-munita (euro, muniti barranin).

II. ***Partiti tal-memorandum sabiex jiksbu informazzjoni importanti għal statistiċi tar-rata ta' imgħax ta' l-IFM***

9. Għall-produzzjoni regolari ta' l-istatistiċi ([1]) tar-rata ta' imgħax ta' l-IFM (minn hawn iżjed 'l quddiem "RIM"), hemm bżonn ta' informazzjoni importanti sabiex jinħadem l-aggregat ta' l-istatistiċi nazzjonali tar-RIM ma' dawk applikati fiż-żona ta' l-euro. Sabiex jitnaqqas il-piż tar-rapportar minn fuq il-BĊN, ittieħdet id-deċiżjoni li jiġi wżat bħala sors primarju għall-kisba tal-pożijiet għal statistiċi tar-RIM fuq ammonti pendenti kif ukoll bħala statistiċi magħżula tar-RIM fuq negozji ġodda, l-informazzjoni statistika diġà rrapportata mill-BĊN fil-kuntest ta' l-istatistiċi tal-BSI.

10. Fuq il-bażi tad-disponibbiltà tad-data skond ir-Regolament BĊE/2001/13 l-informazzjoni importanti għall-partiti ta' depożitu relevanti li tirreferi għal negozji ġodda u ammonti pendenti tista' tiġi ntraċċata b'mod faċli mill-istatistiċi tal-karta ta' bilanċ ta' l-IFM. Iżda, għall-partiti ta' l-istrumenti ta' self fil-qasam ta' ammonti pendenti ([2]) id-data obbligatorja tal-BSI ma tippermettix riflessjoni preċiża.

11. Għal dawn il-kategoriji ta' strumenti ta' self, is-serje tal-BSI (obbligatorja) tkopri l-muniti kollha ta' transazzjoni, filwaqt li l-istatistiċi tar-RIM jikkunsidraw biss self denominat f'euro. Is-serje tal-BSI li jirreferu biss għall-euro bħala l-munita ta' transazzjoni skond ir-Regolament BĊE/2001/13 huma disponibbli bl-analiżi settorjali meħtieġa, iżda mingħajr distinzjoni skond il-maturità u (fi ħdan is-settur tad-djar) skond it-tip ta' self.

12. Għal dawn il-kategoriji ta' self, l-informazzjoni importanti hija għalhekk ibbażata fuq is-serje tal-BSI li tirreferi għas-self fil-muniti kollha. Madankollu, s-serje huma aġġustati għas-sehem ta' l-*euro* fi ħdan il-*muniti totali* ta' transazzjoni.

13. Wara kuntatti bilaterali, numru ta' BĊN (sal-lum: il-Belġju, Spanja, Franza, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Awstrija, il-Portugall, il-Finlandja u l-Olanda għal self lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji) huma, madankollu, f'pożizzjoni wkoll li jipprovdu l-analiżi meħtieġa għal self denominat f'euro. Għal dan il-għan, ġew stabbiliti l-**partiti tal-memorandum** li ġejjin:

TABELLA Ċ

***Data* ta' IFM oħra (stokks)**

Self denominat f'euro mogħti minn IFM oħra lil sub-kategorija indikata ta' "residenti oħra"				
ATTIVITÀ	Korp. mhux finanzjarji. (S.11)	Djar eċċ. (S.14 + S.15)		
		Kreditu tal-konsumatur	Self fuq id-djar	Oħrajn (bqija)
A. **Domestika**				
Self				
Li minnu Euro				
Sa sena	**M46**	**M47**	**M48**	**M49**

([1]) Skond ir-Regolament BĊE/2001/18.
([2]) Ara r-Regolament BĊE/2001/18, Anness II, Appendiċi 1: indikaturi 6-14.

▼M2

Self denominat f'euro mogħti minn IFM oħra lil sub-kategorija indikata ta' "residenti oħra"				
ATTIVITÀ	Korp. mhux finanzjarji. (S.11)	Djar eċċ. (S.14 + S.15)		
		Kreditu tal-konsumatur	Self fuq id-djar	Oħrajn (bqija)
Aktar minn sena u sa 5 snin	**M50**	**M51**	**M52**	**M53**
Aktar minn 5 snin	**M54**	**M55**	**M56**	**M57**

B. **SM parteċipanti oħra**

Self				
Li minnu Euro				
Sa sena	**M58**	**M59**	**M60**	**M61**
Aktar minn sena u sa 5 snin	**M62**	**M63**	**M64**	**M65**
Aktar minn 5 snin	**M66**	**M67**	**M68**	**M69**

III. ***Partiti tal-memorandum sabiex jiġu kkompilati l-MUFA***

14. Għall-produzzjoni regolari ta' kull tliet xhur tal-MUFA hemm bżonn ta' partiti tal-memorandum ta' statistiċi monetarji u bankarji (MBS). Għall-għanijiet tal-kontabilità finanzjarja, għandha tiġi pprovduta analiżi addizzjonali skond l-istrument u skond ir-residenza flimkien mad-*data* pprovduta taħt ħtiġijiet ta' rapportar tal-MBS eżistenti.

15. Hemm bżonn ta' *data* fuq l-istokks u transazzjonijiet għal għanijiet ta' kontabilità finanzjarja. Sabiex il-ħtiġijiet tal-kontabilità finanzjarja jiġu integrati fil-qafas tal-MBS huma meħtieġa aġġustamenti tal-flussi, iġifieri klassifikazzjonijiet mill-ġdid, valutazzjonijiet mill-ġdid u aġġustamenti għar-rata tal-kambju, li għandhom x'jaqsmu mas-serje addizzjonali tal-kontabilità finanzjarja.

16. F'termini ta' regoli ta' valutazzjoni, kull *data* addizzjonali meħtieġa taħt din is-Sezzjoni għandha tiġi rrapportata billi jiġu segwiti l-istess regoli ta' valutazzjoni u ta' kontabilità tad-*data* rrapportata skond ir-Regolament BĊE/2001/13. Finalment, ġew maħluqa kodiċi ta' identifikazzjoni ġodda fil-kuntest ta' l-MBS u ġew definiti regoli ta' rapportar addattati (eżempju f'termini ta' perjodiċità) u kontrolli fir-rigward ta' *data* eżistenti oħra. Għal dan il-għan, ġew stabbiliti l-**partiti tal-memorandum** li ġejjin:

TABELLA D

Data ta' kull tliet xhur: *data* tal-BĊN/BĊE/IFM oħra (stokks)

	Domestiċi		Stati Membri parteċipanti oħra		Bqija tad-dinja	Mhux allokati
	Total	Li minnhom: gvern ċentrali	Total	Li minnhom: gvern ċentrali		
14 **Bqija tal-passivi**						
Equity netta tad-djar f'fondi ta' riservi tal-pensjoni						**M70**

ATTIVITÀ

3 **Titoli ta' dejn għajr ishma**				
Sa sena	**M71**		**M72**	**M73**

▼**M2**

	Domestiċi		Stati Membri parteċipanti oħra		Bqija tad-dinja	Mhux allokati
	Total	Li minnhom: gvern ċentrali	Total	Li minnhom: gvern ċentrali		
Li minnhom: euro		**M74**		**M75**	**M76**	
Aktar minn sena		**M77**		**M78**	**M79**	
Li minnhom: euro		**M80**		**M81**	**M82**	
5 **Ishma u equity oħra**						
Ishma kkwotati	**M83**		**M84**		**M85**	
Ishma tal-fond ta' investment fund (mhux FSM)	**M86**		**M87**		**M88**	
7 **Bqija ta' l-attivi**						
Ħlas bil-quddiem tal-primjums ta' l-assigurazzjoni u riservi għal talbiet pendenti						**M89**

17. **Equity netta tad-djar f'fondi ta' riservi tal-pensjoni (M70)**

Passivi ta' l-IFM mad-djar fil-forma ta' dispożizzjonijiet tekniċi stabbiliti sabiex jipprovdu pensjonijiet lill-impjegati. Tipikament, dan jirreferi għal fondi tal-pensjoni ta' l-impjegati li ma jkunux ġew esterjorizzati lil istituzzjoni indipendenti.

18. **Titoli għajr ishma**

Hemm bżonn ta' analiżi skond is-settur u l-maturità li ma tinsabx fir-Regolament BĊE/2001/13. Din tinkludi titoli barra ishma b'maturità ta' mhux aktar minn sena maħruġin mill-gvern ċentrali (Domestiċi M71, M74, Stati Membri parteċipanti oħra M72, M75) u l-Bqija tad-dinja (M73, M76), u titoli barra ishma b'maturità ta' aktar minn sena maħruġin mill-gvern ċentrali (Domestiċi M77, M80, Stati Membri parteċipanti oħra M78, M81) u l-Bqija tad-dinja (M79, M82).

19. **Ishma u *equity* oħra**

Informazzjoni separata, b'analiżi skond ir-residenza, fir-rigward ta' ishma kkwotati u ishma tal-fond ta' investiment barra minn ishma tal-fond tas-suq monetarju. Ishma kkwotati (M83-M85) huma ishma bi prezzijiet ikkwotati f'borża rikonoxxuta jew forma oħra ta' suq sekondarju. Ishma tal-fond ta' investiment (M86-M88), imsejħin ukoll ishma tal-fond komuni, huma ishma maħruġin fil-kuntest ta' arranġament finanzjarju organizzat li jiġbor fih fondi ta' investiment għall-għan li jikseb assi finanzjarji u mhux finanzjarji, barra dawk inklużi fis-settur ta' l-IFM.

20. **Ħlasijiet bil-quddiem ta' primjums ta' l-assigurazzjoni u riservi għal talbiet pendenti (M89)**

Din il-partita tirrappreżenta l-parti ta' primjums grossi mħallsa mill-IFM li għandha tiġi allokata għall-perjodu ta' kontabilità li ġej flimkien ma' talbiet minn IFM li għadhom mhux issetiljati.

▼B

ANNESS X

MANWAL TA' PROĊEDURI GĦALL-KUMPILAZZJONI TA' L-ISTATISTIĊI TAL-FLUSSI

INTRODUZZJONI

1. Il-Bank Ċentrali Europew jikkompila l-aggregazzjonijiet monetarji taż-żona ewrou l-kontropartijiet tagħhom bħala posizzjonijiet ta' l-istokk ta' l-aħħar tax-xahar fil-qafas tal-karta tal-bilanċ konsolidata tas-settur ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji u monetarji (MFI) taż-żona euro. Il-BCE janalizza wkoll żviluppi fl-istatistiċi monetarji. Għal dan il-għan, l-istatistiċi tal-flussi huma meħtieġa.

2. L-analiżi monetarja hija ġeneralment ibbażata fuq transazzjonijiet finanzjarji li jsiru meta l-MFIs jiksbu jew jeħilsu minn assi finanzjarji jew iħallsu jew jerġgħu jħallsu d-djun. L-BCE jikkalkula t-transazzjonijiet billi jara d-differenza bejn l-istokks ta' l-aħħar tax-xahar u mbagħad jidentifika u jneħħi dawk l-effetti li ma joħorġux mit-transazzjonijiet.

3. Sabiex issir il-kumpilazzjoni ta' l-istatistiċi tal-flussi skond dan l-approċċ, l-BCE ikollu bżonn informazzjoni estensiva. Flimkien mad-data ta' l-istokks li jinkisbu mill-karta tal-bilanċ aggregata ta' l-aħħar tax-xahar ta' l-MFI li l-BCE jirċievi mill-banek ċentrali nazzjonali (NCBi) skond ir-Regolament BCE/2001/13 tat-22 ta' Novembru 2001 li jikkonċerna l-karta tal-bilanċ konsolidata tas-settur ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji u monetarji ([1]) kif emendat bir-Regolament BCE/2002/8 ([2]), żviluppi mhux tat-transazzjoni huma meħtieġa wkoll. Dawn il-modifiki jinkisbu minn sorsi differenti skond it-tip ta' modifika. Parti minn din il-ħtieġa għal data li jimmodifikaw hija koperta bir-Regolament BCE/2001/13.

4. L-għan prinċipali ta' dan il-Manwal tal-Proċeduri huwa li jipprovdi speċifikazzjonijiet dettaljati ta' l-informazzjoni addizzjonali li l-BCNi jibgħatu lill-BCE sabiex dawn ikunu jistgħu jagħmlu l-istatistiċi tal-flussi għall-aggregazzjonijiet monetarji taż-żona ewrou l-kontropartijiet. B'mod partikolari, huwa jistabbilixxi istruzzjonijiet dettaljati li għandhom jimxu fuqhom il-BCNi dwar kif iwettqu l-kontribuzzjoni tagħhom għal din l-informazzjoni. Dan jinkludi deskrizzjoni tad-dħul li jkollu jsir skond il-modifiki u ċ-ċirkostanzi li fihom isir.

5. Mingħajr preġudizzju għal dan l-Anness, il-BCE ipprepara Noti ta' Gwida għar-Regolament BCE/2001/13 fuq l-istatistiċi tal-karta tal-bilanċ ta' l-MFI ([3]), li jinkludu aktar informazzjoni fuq id-data li jimmodifikaw li huma meħtieġa skond dan ir-Regolament. Barra minn hekk, il-BCE iqassam lill-BCNi Ktejjeb dwar l-Istatistiċi Bankarji u tal-Flus għal aktar kjarifika fuq il-kumpilazzjoni ta' l-istatistiċi tal-fluss ►**M2** ([4]) ◄.

TAQSIMA 1 - APPROĊĊ KONĊETTWALI GĦALL-KUMPILAZZJONI TA' L-ISTATISTIĊI TAL-FLUSSI

1.1. **Qafas**

6. Il-BCE għandu jikkompila l-aggregazzjonijiet monetarji u l-kontropartijiet fi ħdan il-qafas tal-karta tal-bilanċ konsolidata tas-settur ta' l-MFI taż-żona euro, ibbażati fuq id-data dwar l-istokks ta' l-aħħar tal-perjodu maħruġa mir-Regolament BCE/2001/12 (l-Anness 1, Parti 2, Tab. 1).

7. Il-BCE jikkompila wkoll l-istatistiċi tal-flussi. L-iżvilupp ta' l-aggregazzjonijiet monetarji u l-kontropartijiet huwa analizzat skond it-transazzjonijiet li jkunu saru fil-perjodu, fejn it-transazzjonijiet permezz ta' studju separat tad-djun u ta' l-assi. Fil-kuntest ta' l-istatistiċi tal-karta tal-bilanċ konsolidata, il-valur tat-transazzjonijiet ("flussi") għandu jkun distint minn bidliet fil-posizzjonijiet ta' l-istokk li jseħħu minħabba raġunijiet oħra ("tibdiliet oħra"). Statistiċi tal-flussi għandhom jinġabru b'konsiderazzjoni lejn kważi l-kombinazzjonjiet kollha tal-punti fil-karti tal-bilanċ (BSIs). Kif jidher fit-Tab. 1 ta' dan l-Annes, il-karti kollha tal-bilanċ ta' kull xahar huma inklużi minħabba l-bżonn li jkun assigurat li l-BCNi jipprovdu data tal-modifika li joħolqu bilanċ. Aktar minn hekk, l-istatis-

([1]) ĠU L 333, 17.12.2001, p. 1.
([2]) ĠU L 330, 6.12.2002, p. 29.
([3]) Novembru 2002.
([4]) Ippubblikata l-ewwel mill-BĊE f'Diċembru 1999.

▼B

tiċi tal-flussi huma miġbura wkoll skond id-data ta' kull kwart tas-sena fit-Tabella 2 ta' dan l-Anness u skond il-punti tal-memorandum fuq strumenti negozjabbli u l-assi u d-djun tal-gvern ċentrali.

8. Il-qafas sabiex jinkisbu l-istatistiċi tal-flussi għall-istatistiċi tal-karta tal-bilanċ konsolidata huwa ibbażat fuq l-ESA 95 ([1]). Fejn ikun meħtieġ isiru differenzi minn dan l-istandard internazzjonali kemm b'rispett għall-kontenut tad-data kif ukoll għad-denominazzjoni tal-kunċetti ta' l-istatistiċi. Dan l-Anness għandu jiġi interpretat skond l-ESA95, sakemm ir-Regolament BĊE/2001/13, in-noti ta' gwida għalih, jew dawn il-Linji ta' Gwida ma jmorrux b'mod direct jew indirett kontra d-disposizzjonijiet tiegħu.

1.2. **Data tal-flussi**

9. Fil-kuntest ta' l-istatistiċi bankarji u tal-flus, id-data tal-flussi jiġu mkejla skond it-transazzjonijiet finanzjarji. It-transazzjonijiet finanzjarji huma definiti bħala l-akkwisti netti ta' l-assi finanzjarji jew il-varjazzjonijiet nett tad-djun għal kull tip ta' strument finanzjarju, i.e. is-somma tat-transazzjonijiet kollha finanzjarji li jsiru waqt il-perjodu relevanti ta' rapportaġġ ([2]). Data tal-flussi li jkopru kull punt imsemmi fir-Regolament BCE/2001/13 għandhom jiġu ikkalkolati fuq bażi netta (m'hemm l-ebda l-ħtieġa biex ikunu identifikati t-transazzjonijiet finanzjarji miġbura jew il-qliegħ). Il-metodu ta' valutazzjoni għal kull transazzjoni għandu jsir billi jittieħed il-valur li bih l-assi jkunu nxtraw/ntremew u/jew li d-djun ikunu nħolqu, ġew likwidati jew mibdula. Madankollu, ir-Regolament BCE/2001/13 jippermetti devjazzjonijiet fil-flussi rigward il-kunċett tat-transazzjonijiet finanzjarji. Għal din raġuni, id-data tal-flussi miksuba fl-istatistiċi bankarji u tal-flus mhumiex transazzjonijiet finanzjarji kif imsemmija fl-ESA 95 iżda huma adattament għall-iskopijiet ta' l-istatistiċi bankarji u tal-flus ta' dan il-kunċett.

10. Fil-prinċipju, il-linji ta' gwida li ġejjin jingħataw għall-valuri tat-transazzjoni fir-rigward tad-depositi/self u sigurtajiet:

▼M2

10.1 Il-valur transazzjonali ta' depożiti/self (Regolament BĊE/2001/13, Anness I, Parti 2, Tabella A, partiti 2 and 9) jirrappreżenta l-ammont li IFM tirċievi (bħala depożitu) jew tipprovdi (bħala self), għajr drittijiet eċċ ([3]). Il-valur ta' transazzjoni jeskludi l-imgħax dovut li huwa riċevibbli (fuq self) jew pagabbli (fuq depożiti) iżda li jkun għadu ma ġiex riċevut jew imħallas. Minflok, l-imgħax dovut fuq is-self/depożiti huwa rreġistrat taħt "bqija ta' l-attività" jew "bqija tal-passività", hekk kif addattat. ([4])

▼B

10.2. Il-valur tat-transazzjoni tas-sigurtajiet li jkunu miżmuma jew maħruġa (Regolament BCE/2001/13, Anness I, Parti 2, Tabella A, punti 3 u 4 u minn 10 sa 12) huwa konsistenti mal-prinċipji fuq l-irreġistrar u r-rapportaġġ ta' stokks skond ir-Regolament BCE/2001/13.

Ma teżisti ebda regola fir-Regolament BCE/2001/13 fuq il-klassifikazzjoni ta' l-interess akkumulat rigward is-sigurtajiet. Dan jista' jfisser l-inklużjoni/esklużjoni ta' l-interess akkumulat fuq id-data ta' l-istokks li jkunu inġabru fuq is-sigurtajiet. Sabiex jinkiseb trattament armonizzat fil-pajjiżi kollha u fuq konsiderazzjoni tal-fatt li teżisti problema kruċjali dwar kif issir id-distinzjoni bejn l-interess akkumulat u t-tibdil fil-prezzijiet, u li jinħolqu ċerti problemi kunċettwali fuq id-definizzjoni tar-rati ta' l-interess fuq l-istrumenti negozzjabbli, regola sempliċi u flessibli għandha tiġi applikata kif ġej:

10.2.3. Jekk l-interess akkumulat ikun fundamentali għal prezz tal-kontabilità kif ikun irrappurtat fil-karta tal-bilanċ statistika, dan għandu jiġi eskluż mill-

([1]) Is-Sistema Europea tal-Kontabilità 1995, li tinsab fl-Anness A tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar is-sistema Europea tal-kontabilità nazzjonali u reġjonali fil-Komunità, ĠU L310, 30.11.1996, p. 1, kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 359/2002 tal-Parlament Europew u tal-Kunsill, ĠU L 58, 28.2.2002, p. 1.

([2]) Skond l-ESA 95 u standards statistiċi oħra internazzjonali.

([3]) Madankollu, huwa rikonoxxut li l-kanċellamenti assoċjati mat-transazzjonijiet mhumiex irrapportati dejjem; dan jimplika devjazzjoni minn dan il-prinċipju li hija aċċettata fir-Regolament BĊE/2001/13 u n-noti ta' gwida għalih.

([4]) Ir-regoli li għandhom x'jaqsmu mal-valutazzjoni statistika ta' self u depożiti jinsabu fl-Anness I, Part 1, Sezzjoni III, paragrafi 15 u 16 (*data* ta' kull xahar) u Anness I, Parti 1, Sezzjoni IV, paragrafu 10 (data ta' kull tliet xhur) għal Regolament BĊE/2001/13.

▼B

valur tat-transazzjoni u, minflok, jiġi inkluż mingħajr distinzjoni fil-"modifiki ta' valutazzjoni mill-ġdid".

10.2.4. Jekk l-interess akkumulat ikun esklużmill-valur ta' l-istokk tas-sigurtajiet li jkun jirrelata miegħu fil-karta statistika tal-bilanċ, hu għandu jiġi klassifikat taħt "assi li jibqa" jew "djun li jibqa" skond kif ikun xieraq u għalhekk m'għandux jiġi ikkonsidrat waqt il-kalkolazzjoni tal-flussi jew tal-modifiki ta' valutazzjoni mill-ġdid ([1]).

1.3. **Tibdiliet oħra**

11. Fil-kuntest ta' l-istatistiċi tal-karta tal-bilanċ konsolidata, tibdiliet oħra għandhom ikunu dawk l-iżviluppi bejn il-karti tal-bilanċ tat-tmiem il-perjodu li jinħolqu minn oqsma oħra apparti t-transazzjonijiet. Tibdiliet oħra huma miġbura f'żewġ kategoriji prinċipali "klassifikazzjonijiet mill-ġdid u modifiki oħra" u "modifiki ta' valutazzjoni mill-ġdid" ([2]).

12. Il-kategorija "klassifikazzjonijiet mill-ġdid u modifiki oħra" (Tabella 5 ta' dan l-Anness, kolonna C) tinkludi t-tibdiliet kollha fl-istokks tal-karta tal-bilanċ li jinħolqu minħabba xi bidla fil-coverage statistiku (l-inklużjoni jew l-esklużjoni ta' l-MFIs ġodda jekk in-negozju jkun ġie trasferit għal barra/fis-settur ta' l-MFI), il-klassifikazzjoni mill-ġdid ta' assi jew djun (skond il-maturità, settur jew strument) minħabba l-effett ta' l-iżbalji rappurtati li jkunu ġew korretti fl-istokks fuq terminu biss ta' żmien limitat u l-effetti tat-tibdiliet fuq l-istruttura (amalgamazzjonijiet, akkwisti).

13. Il-kategorija "modifiki ta' valutazzjoni mill-ġdid" tinkludi żewġ partijiet. L-ewwel, din tirrifletti l-impatt tat-tħassir jew tat-tnaqqis tas-self. It-tieni, din tirrifletti l-impatt tal-varjazzjonijiet fil-prezz tas-suq tal-bqija ta' l-istokk tas-sigurtajiet negozzjabbli li jkunu miżmuma, mibjugħa jew maħruġa (Tabella 5, kolonna E). Tibdiliet fil-valur li jseħħu minħabba t-tibdiliet fir-rati tal-kambju mhumiex ikkonsidrati taħt "modifiki ta' valutazzjoni mill-ġdid" iżda taħt punt separat.

14. Il-katergorija tat-"tibdiliet fir-rati tal-kambju" tinkludi kwalunkwe bidla fil-posizzjoni ta' l-istokk li ssir minħabba l-impatt taċ-ċaqlieq tar-rati tal-kambju fuq l-assi u d-djun denominati f'munita barranija (Tabella 5, kolonna D).

1.4. **Assi mhux finanzjarji**

15. Id-definizzjoni konċettwali mogħtija aktar il-fuq ta' "transazzjonijiet" u "tibdiliet oħra" hija applikabbli wkoll għall-assi mhux finanzjarji, kif inhuma applikabbli wkoll il-linji ta' gwida ipprovduti fit-taqsimiet ta' wara ta' dan il-Manwal tal-Proċeduri.

([1]) Il-definizzjoni u l-valutazzjoni tat-transazzjonijiet finanzjarji għall-iskopijiet tal-kumpilazzjoni ta' l-istatistiċi tal-flussi għall-aggregazzjonijiet monetarji taż-żona ewrou l-kontropartijiet huma differenti f'xi aspetti minn dawk imsemmija fl-ESA 95 għall-kalkolazzjoni tal-kontabilitajiet finanzjarji (flussi). L-ESA 95 tistqarr li t-transazzjonijiet finanzjarji li jseħħu minħabba differenzi fiż-żmien bejn it-transazzjonijiet imqassma jew akkumulati jew it-transazzjonijiet finanzjarji fuq is-suq sekondarju u l-pagament li jikkorrispodi jiġu ikklassifikati bħala "F.79 Kontijiet oħra li jistgħu jiġu riċevuti/ jistgħu jitħallsu" (paragrafi 5.128 u 5.129). Minn naħa l-oħra, l-ESA 95 tistqarr ukoll li "preferibbilment it-transazzjoni finanzjarja tal-kontroparti ta' l-interess akkumulat fuq l-assi finanzjarji għandha tiġi irreġistrata bħal li kieku ġiet investita mill-ġdid f'dak l-attiv finanzjarju". Ir-reġistrazzjoni ta' l-interess ikollu, madankollu, jimxi mal-prattika nazzjonali. Jekk l-interess akkumulat ma jiġix irreġistrat bħala investit mill-ġdid fl-attiv finanzjarju, għandu jiġi irreġistrat fil-"kontabilitajiet oħra li jistgħu jiġu riċevuti/jistgħu jitħallsu" (paragrafu 5.130). Fil-bilanċ tal-ħlasijiet, l-ammonti akkumulati għandhom jitqiesu bħala żieda fil-valur ta' l-istrument finanzjarju. B'riżultat ta' dan, tinħoloq differenza meta l-interessi akkumulati jiġu inklużi fl-"assi li jibqa" jew "fid-djun li jibqa". It-trattament ta' l-interess akkumulat fuq strumenti negozzjabbi fil-kuntest ta' l-istatistiċi tal-karta tal-bilanċ ta' l-MFI (kemm stokks kif ukoll flussi) jista' jkun suġġett għal aktar studji.

([2]) Id-definizzjoni u l-klassifikazzjoni mill-ġdid ta' "tibdiliet oħra" taqbel ħafna mal-ESA 95. "Klassifikazzjonijiet mill-ġdid u modifiki oħra" hija simili ħafna għal "tibdiliet oħra fil-volum" (K.3-K.20 u K.12), fil-waqt li "valutazzjonijiet mill-ġdid" tista' tiġi trasferita fis-"sehem nominali qliegħ/telf" (K.11). Differenza importanti tikkonċerna l-inklużjoni ta' "tħassir ta' self" fil-"valutazzjonijiet mill-ġdid", filwaqt li fl-ESA 95 titqies bħala "tibdiliet fil-volum" (paragrafu 5.09). Fil-fatt, l-iskema ta' rappurtaġġ għal kisba ta' flussi tippermetti li d-data jiġu ikkompilati skond l-ESA 95 hekk kif "tħassir/tnaqqis" ta' self hija l-uniku annotazzjoni taħt il-kolonna "modifiki ta' valutazzjoni mill-ġdid" fir-rigward tal-punt "self". L-inklużjoni ta' "tħassir ta' self" fil-"valutazzjonijiet mill-ġdid" hija wkoll differenza mir-regoli tal-posizzjoni ta' l-investiment internazzjonali (i.i.p.). Fl-i.i.p. dawn għandhom jiġu trattati bħala "modifiki oħra" u mhux bħala "tibdiliet fil-prezz jew fir-rata tal-kambju".

▼B

TAQSIMA 2 - DESKRIZZJONI ĠENERALI TAL-PROĊEDURA LI TIMMODIFIKA

2.1. **Kalkolazzjoni tad-data tal-flussi**

16. Il-BCE jikkalkula d-data tal-flussi billi jieħu d-differenza bejn il-pożizzjonijiet ta' l-istokk f'dati ta' rappurtaġġ ta' tmiem il-perjodu u jneħħi l-effett ta' l-iżviluppi li jkunu differenti mit-transazzjonijiet (Tabella 5 ta' dan l-Anness). Għal kull BSI, l-ammonti li jifdal fl-aħħar tal-perjodu ta' qabel (Tabella 5, kolonna B) jiġu mnaqqsa mill-ammont li jifdal fl-aħħar tal-perjodu preżenti (Tabella 5, kolonna A). Imbagħad l-ammonti ta' "klassifikazzjoni mill-ġdid u modifiki oħra" (Tabella 5, kolonna C), "tibdiliet fir-rati tal-kambju" (Tabella 3, kolonna D) u "modifiki ta' valutazzjoni mill-ġdid" jitneħħew. Il-bilanċ nett jirrappreżenta l-flussi ta' waqt il-perjodu (Tabella 5, kolonna E).

17. L-użu ta' din il-proċedura ma jtellifx mill-possibbiltà li t-transazzjonijiet jiġu identifikati b'mod dirett jew indirett. Hekk kif il-proċedura tal-modifika hija immirata lejn l-identifikazzjoni indiretta tat-transazzjonijiet, il-BCNi għandhom jipprovdu l-informazzjoni għall-modifiki li jinkisbu mill-osservazzjoni diretta tat-transazzjonijiet, b'mod partikolari rigward l-ishma ta' sigurtajiet. Għalhekk, it-transazzjonijiet finanzjarji għandhom jiġu identifikati permezz tal-kalkolazzjoni tas-somma ta' l-akkwisti li minnhom jitnaqqsu l-bejgħ tas-sigurtajiet mill-MFIs li jkunu irreġistrati bil-valuri tat-transazzjoni b'din il-figura li tkun użata biex issir il-kumpilazzjoni ta' modifika għall-"modifiki ta' valutazzjoni mill-ġdid" li għandha tiġi irrappurtata fl-iskema tar-rappurtaġġ tal-flussi.

2.2. **Identifikazzjoni ta' modifiki għal "tibdiliet oħrajn"**

18. Diviżjoni ta' responsabbiltà ġiet stabbilita bejn il-BCE u l-BCNi għall-provvista ta' modifiki għat-"tibdiliet oħrajn" (ara t-Tabella 6). Fl-istess ħin, is-sorsi tad-data li jintużaw u l-istatus legali ta' kull ħtieġa jvarjaw skond it-tip ta' modifika.

2.2.1. *Klassifikazzjonijiet mill-ġdid u modifiki oħra*

19. Il-BCNi jikkompilaw id-data duq il-"klassifikazzjonijiet mill-ġdid u modifiki oħra" kif mitlub minn din il-Linja ta' Gwida bl-użu ta' informazzjoni superviżorja, spezzjonijiet għall-plawsibilità, inkjesti ad hoc (eż. li jkunu relatati ma' min ikun qiegħed fuq barra), ħtiġiet ta' l-istatistika nazzjonali, informazzjoni fuq min jingħaqad jew min iħalli l-popolazzjoni li tirrapporta ta' l-MFI, u kwalunkwe sors ieħor disponibbli għalihom. Il-BCE jirċievi mill-BCNi data li jimmodifikaw li jkunu relatati mal-"klassifikazzjonijiet mill-ġdid u modifiki oħra". Il-BCE mhux mistenni jagħmel modifiki ex post sakemm il-BCNi ma jidentifikawx xi tibdiliet kbar fid-data finali. Barra minn hekk, il-BCNi jipprovdu lill-BCE noti li jagħtu spjegazzjoni dwar il-modifiki fil-"klassifikazzjonijiet mill-ġdid u modifiki oħra". Il-BCE ikollu bżonn dawn in-noti sabiex jagħmel spezzjoni doppja fuq il-preċiżjoni tal-modifiki, itejjeb il-komparabbilità, janalizza l-istatistiċi monetarji taż-żona ewrou bħala komplement għall-dħul ta' l-istatistiċi bankarji u tal-flus fi statistiċi oħra. Il-proċeduri li l-BCNi għandhom jimxu fuqhom waqt il-kumpilazzjoni ta' dawn il-modifiki u n-noti li jagħtu spjegazzjoni huma stabbiliti hawn taħt.

2.2.2. *Tibdiliet fir-rati tal-kambju*

20. Għall-iskopijiet sabiex jingħataw d-data statistiċi lill-BCE, il-BCNi jassiguraw li pożizzjonijiet ta' l-assi u d-djun li jkunu denominati f'muniti barranin jinqalbu għall-euro bl-użu tar-rata tal-kambju tas-suq fl-aħħar ġurnata tal-perjodu. Tintuża rata waħda komuni - ir-rata tal-kambju ta' referenza tal-BCE ([1]).

21. Ċaqlieq fir-rati tal-kambju kontra l-euro li jseħħ bejn id-dati ta' rappurtaġġ ta' tmiem -il perjodu jwassal għal tibdiliet fil-valur ta' l-assi/djun tal-munita barranija meta din tkun espressa fl-euro. Billi dawn it-tibdiliet jirrappreżentaw qliegħ/telf ta' l-ishma u ma jseħħux minħabba t-transazzjonijiet finanzjarji, hemm il-ħtieġa li dawn l-effetti jitneħħew mid-data tal-flussi.

([1]) Ara l-istqarrija għall-ġurnalisti ta' l-BCE tas-7 ta' Lulju 1998.

▼B

22. Il-modifika tiġi ikkalkolata mill-BCE skond ir-regoli inklużi fil-Linja ta' Gwida u b'konformità mal-proċeduri dwar il-kumpilazzjoni ta' l-istatistiċi tal-flussi li jinsabu fil-Ktejjeb dwar l-Istatistiċi Bankarji u tal-Flus ([1]).

2.2.3. *Modifiki ta' valutazzjoni mill-ġdid*

23. Il-modifiki ta' "valutazzjoni mill-ġdid" isiru mill-BCNi fuq bażi tad-data rappurtati mill-MFIs skond ir-Regolament BCE/2001/13. Il-ħtieġa statistika indirizzata lill-popolazzjoni attwali li qed tirrapporta skond dak ir-Regolament tikkonċerna b'mod esklussiv il-modifiki ta' "valutazzjoni mill-ġdid", u tkopri kemm it-tħassir/tnaqqis tas-self kif ukoll il-"valutazzjoni mill-ġdid tal-prezz" fir-rigward ta' l-ishma ta' sigurtajiet fil-perjodu ta' referenza.

24. Aġenti li jirrapportaw huma suġġetti għall-ħtieġa ta' rappurtaġġ kif stabbilita mill-"ħtiġiet minimi" u identifikata fir-Regolament BCE/2001/13, Anness I, Parti 2, Tab. 1A. Dawn il-"ħtiġiet minimi" huma ikkonsidrati bħala l-aktar punt bażiku meħtieġ sabiex issir il-kumpilazzjoni u l-istima tal-modifiki rigward is-sett kollu tad-data meħtieġa mill-BCE. Il-BCNi huma permessi jiġbru aktar data li ma jkunux koperti mill-"ħtiġiet minimi". Minbarra għall-ħtiġiet minimi, dawn id-data addizzjonali jistgħu jirreferu għall-analiżi statistiċi inklużi fir-Regolament BCE/2001/13, Anness I, Parti 2, Tab. 1A.

25. Il-BCNi jiġbru d-data fuq il-modifiki ta' "valutazzjoni mill-ġdid" li jkunu ntbagħtu mill-MFIs u jikkompilaw sett sħiħ ta' data li jkollhom jintbagħtu lill-BCE skond it-Tabella 5, kolonna E. F'dan il-proċess, il-BCNi jistgħu skond il-ħtieġa jikkalkulaw il-modifiki mit-transazzjonijiet, mid-data ta' sigurtà b'sigurtà u data oħra rappurtati mill-MFIs u/jew joħorġu stima tal-modifiki fir-rigward ta' uħud mill-analiżi statistiċi li ma jkunux ġew irrappurtati mill-MFIs għar-raġuni li ma jkunux ġew ikkonsidrati bħala "ħtiġiet minimi".

▼M2

———————

▼B

TAQSIMA 3 - DESKRIZZJONI DETTALJATA TAL-MODIFIKI TAL-FLUSSI TA' KULL XAHAR

28. Kull BCN jibgħat data separati li jimmodifikaw li jkunu jkopru l-karta tal-bilanċ tiegħu u l-karta tal-bilanċ ta' l-MFI l-oħra. Rappurtaġġ separat ta' dawn id-data jagħti lill-BCE il-flessibiltà biex jipprovdi presentazzjoni separata tal-posizzjonijiet speċifiċi tas-Sistema Europea tal-Banek Ċentrali (ESCB) (eż. riservi esterni). Il-provvista separata hija xi ftit jew wisq faċli, hekk kif il-modifiki huma mistennija li jkunu ikkompilati b'mod separat. Il-modifiki fil-karta tal-bilanċ tal-BCE huma kompilati wkoll internament. Kull xahar il-BCNi jibgħatu l-modifiki tagħhom relatati mal-punti kollha tal-karta tal-bilanċ ta' l-MFI (Tabella 5 ta' dan l-Anness).

Il-modifiki għaċ-ċaqlieq fir-rati tal-kambju għandhom ikunu ikkalkolati mill-BCE (inklużi fit-Tabella 5, colonna D). Għal din ir-raġuni, il-modifiki (kolonni C u E) li jkunu ipprovduti mill-BCNi fir-rigward ta' bilanċi denominati f'muniti barranin jeskludu l-effett tat-tibdiliet fir-rata tal-kambju.

29. Fil-prinċipju, il-BCNi jibgħatu l-"klassifikazzjonijiet mill-ġdid u l-modifiki l-oħra" kollha. F'kull każ, il-BCNi jibgħatu l-"klassifikazzjonijiet mill-ġdid u l-modifiki l-oħra" kollha li jkunu jaqbżu EUR 50 miljun. L-iskop ta' dan il-limitu huwa biex il-BCNi jkunu mgħejjuna jiddeċiedu jekk iwettqux modifika jew le. Madankollu, meta informazzjoni ma tkunx disponibbli minnufiħ jew tkun ta' kwalità ħażina, tista' tittieħed deċiżjoni biex jew ma jsir xejn jew isiru l-istimi. Għal din ir-raġuni, il-flessibiltà hija meħtieġa għat-tħaddim ta' dan il-limitu, mhux l-inqas minħabba l-eteroġeneità tal-proċeduri eżistenti li jikkalkolaw il-modifiki. Per eżempju, fejn minkejja l-limitu, informazzjoni relattivament dettaljata tiġi miġbura, jista' jkun kontroproduttiv jekk dan il-limitu jiġi applikat. Huwa importanti li dan il-limitu ma japplikax għad-data li jkollhom jiġu irrappurtati mill-MFIs għal BCNi, i.e. "modifiki ta' valutazzjoni mill-ġdid" għandhom jiġu irrappurtati skond ir-Regolament BCE/2001/13.

([1]) Il-modifiki li jikkorrispondu mal-karta tal-bilanċ tal-BCE jiġu irrappurtati mid-Direttorat tal-Finanzi Interni tal-BCE.

▼B

30. Il-BCNi jikkompilaw id-data tal-karta tal-bilanċ tal-MFI skond l-aħħar ġurnata tax-xahar. Fil-prinċipju, il-karta tal-bilanċ issir skond l-aħħar ġurnata tax-xahar tal-kalendarju, li jfisser li l-vaganzi lokali tal-banek jiġu injorati. Madankollu, huwa aċċettat li f'ħafna każi dan ma jkunx possibbli u għalhekk il-karta tal-bilanċ issir fi tmiem l-aħħar ġurnata tax-xogħol, li huwa skond ir-regoli tal-kontabilità u tas-suq lokali (nazzjonali).

31. Il-flussi u l-modifiki huma bħall-istokks suġġetti għall-istess sistema tal-kontabilità tad-dħul doppju. Fil-każi kollha, il-modifiki għandhom kontroparti li f'ħafna mill-każi tkun "kapital u riservi" jew "djun li jibqa", skond l-operazzjoni u r-regoli lokali tal-kontabilità.

32. Il-BCNi jibgħatu informazzjoni fuq il-"klassifikazzjonijiet mill-ġdid u l-modifiki l-oħra" u l-"modifiki ta' valutazzjoni mill-ġdid" biex dawn l-effetti mhux tat-transazzjoni jkunu jistgħu jitneħħew waqt il-kalkolazzjoni ta' l-istatistiċi tal-flussi. Din l-informazzjoni tinkludi l-ammont li bih kull punt fil-karta tal-bilanċ jiġi modifikat.

3.1. **Klassifikazzjonijiet mill-ġdid u modifiki oħra**

33. Il-"klassifikazzjonijiet mill-ġdid u l-modifiki l-oħra" (Tabella 5, kolonna C) tinkludi l-effett tat-tibdiliet fil-komposizzjoni tal-popolazzjoni statistika li tirrapporta, tibdiliet fl-istruttura, tibdiliet fil-klassifikazzjoni permezz tas-settur tal-kontropartijiet ta' l-aġenti ta' l-MFI li jirrapportaw u fil-klassifikazzjoni ta' l-assi u tad-djun, u l-effett tat-tiswija ta' l-iżbalji irrappurtati.

3.1.1. *Tibdiliet fil-coverage statistiku*

34. Tibdiliet fil-komposizzjoni tas-settur ta' l-MFI jistgħu jwasslu għat-trasferiment ta' negozju minn fruntiera għall-oħra tas-setturi ekonomiċi. Dawn it-trasferimenti ma jirrappreżentawx transazzjonijiet u għalhekk għandhom jiġu identifikati - bħala modifika fil-kolonna "klassifikazzjonijiet mill-ġdid u modifiki oħra".

35. Istituzzjoni li tingħaqad mas-settur ta' l-MFI tista' titrasferixxi n-negozju f'dan is-settur, fil-waqt li istituzzjoni li tkun ser tħalli s-settur ta' l-MFI tista' titrasferixxi n-negozju barra mis-settur. Madankollu, f'każ li l-istituzzjoni li tkun qed tingħaqad tibda n-negozju tagħha ex novo wara li tkun ingħaqdet mas-settur ta' l-MFI, dan ikun jirrappreżenta fluss ta' transazzjoni li ma jitneħħiex mill-fluss statistiku ([1]); bl-istess mod, fejn istituzzjoni li tkun ser toħroġ tagħlaq in-negozju tagħha qabel ma toħroġ mis-settur ta' l-MFI, dan jiddaħħal ukoll fil-fluss statistiku.

36. L-impatt tat-trasferiment tan-negozju fil/il-barra mis-settur ta' l-MFI fuq il-karta tal-bilanċ konsolidata jiddependi, fost l-oħrajn, fuq jekk ikunx hemm rappurtaġġ sħiħ ta' kull xahar mill-MFIs kollha jew jekk ikun hemmx xi eżenzjoni mir-rappurtaġġ għall-MFIs żgħar. Fejn l-MFIs kollha jkunu suġġetti għar-rappurtaġġ sħiħ ta' kull xahar (i.e. ma jkunx hemm MFIs żgħar eżentati mir-rappurtaġġ), istituzzjoni li tingħaqad mas-settur ta' l-MFI għandha tirrapporta l-ewwel karta tal-bilanċ tagħha wara intervall ta' żmien adattat (normalment fl-aħħar tax-xahar li fih tkun ingħaqdet jew fl-aħħar tal-kwart tas-sena li jkun imiss). Bl-istess mod, il-karta tal-bilanċ ta' istituzzjoni li tkun ser toħroġ mis-settur ta' l-MFI għandha titneħħa fil-ħin tat-tluq tagħha (sabiex tikkoinċidi ma' l-aħħar karta tal-bilanċ irrappurtata) jew jista' jkun ukoll wara, per eżempju, jekk id-data ta' kull xahar ikunu ġew mgħoddija għall-aħħar kwart tas-sena li jkun imiss. F'kull każ fejn in-negozju irrappurtat f'din l-ewwel/l-aħħar karta tal-bilanċ ikun trasferit fil/il-barra mis-settur ta' l-MFI, tista' ssir modifika fix-xahar ta' meta jseħħ it-trasferiment. Fejn l-istituzzjonijiet li jingħaqdu jew joħorġu ikunu MFIs żgħar, l-impatt fuq il-karta tal-bilanċ konsolidata għandu jiddependi fuq jekk il-karta tal-bilanċ ta' kull xahar tkunx miġbura f'daqqa jew le, u jekk dan ikun il-każ, għandu jiddependi fuq il-proċedura ta' estrapolazzjoni li tkun intużat.

([1]) Dan il-kriterju japplika għall-każi li jkunu jixxiebħu, per eżempju l-istabbiliment ta' bank ġdid li jieħu taħt idejh l-operazzjonijiet li qabel kienu jitwettqu minn uffiċċju rappreżentattiv f'isem bank li ma jkunx residenti joħloq fluss ta' transazzjoni li ma jitneħħiex mill-fluss statistiku.

▼B

37. Ħafna mill-informazzjoni li tkun meħtieġa biex issir modifika fit-tibdiliet tal-coverage statistiku għandha tkun disponibbli fis-sistema statistika ta' rappurtaġġ. Madankollu, il-BCNi jistgħu jkunu meħtieġa jiġbru informazzjoni ad hoc minn istituzzjonijiet li jkunu qed jidħlu fis-settur ta' l-MFI sabiex jistabbilixxu jekk in-negozju irrappurtat fl-ewwel karta tal-bilanċ ikunx ġie trasferit minn barra s-settur ta' l-MFI jew ikunx inħoloq wara d-dħul. Informazzjoni simili għandha tinġabar minn għand dawk l-istituzzjonijiet li jkunu ser joħorġu mis-settur ta' l-MFI.

38. Il-BCNi jidentifikaw l-istituzzjonijiet li jingħaqdu jew joħorġu mis-settur ta' l-MFI u jistabbilixxu l-effett ta' dawn l-adeżjonijiet jew ħruġ fuq il-karta tal-bilanċ aggregata skond il-linji ta' gwida msemmija fit-Tabella 8. L-effett nett ta' min jingħaqad jew min joħroġ fuq il-karta tal-bilanċ aggregata tas-settur ta' l-MFI jiġi ikkalkulat billi jkunu mgħaqqda f'daqqa l-karti tal-bilanċ tal-ftuħ ta' dawk li jkunu daħlu u l-karti tal-bilanċ ta' l-egħluq ta' dawn li jkunu ħarġu u għal kull punt, tinstab id-differenza ta' bejn it-tnejn. Din il-figura netta tiġi mdaħħla taħt "klassifikazzjonijiet mill-ġdid u modifiki oħra" (Tabella 5, kolonna C). Iż-żieda netta ta' negozju fis-settur ta' l-MFI għandha tiddaħħal b'sinjal pożittiv, tneħħija netta ta' negozju b'sinjal negattiv. Dawk li jikkompilaw huma konxji li f'ċerti ċirkostanzi jista' jkun hemm effett fuq ir-rappurtaġġ tal-kontropartijiet, u għalhekk dan l-effet għandu jiġi inkluż ukoll fil-modifiki, f'dan il-każ bħala bidla fis-settur. Per eżempju, jekk MFI iċċedi l-awtorità tagħha iżda tkompli taħdem bħala "istituzzjoni oħra finanzjarja", li tkun iffinanzjata permezz tas-suq interbankarju, f'dan il-każ ikun hemm żieda artifiċjali fis-self ta' l-MFI għall-"istituzzjonijiet oħra finanzjarji", li jkollhom bżonn modifika (koperti minn "tibdiliet fil-klassifikazzjoni tas-settur tal-kontroparti"). Billi l-proċeduri tat-tibdiliet fis-settur ta' l-MFI jippermettu li entitajiet jingħaqdu (jew joħorġu) mis-settur ta' l-MFI f'kwalunkwe ħin, il-BCNi għandhom ikunu f'posizzjoni biex kull xahar jagħmlu din il-modifika (skond il-proċeduri li jintużaw fil-kumpilazzjoni statistika).

3.1.2. *Tibdiliet fl-istruttura*

39. Tibdila fl-istruttura hija l-preżenza u n-nuqqas ta' preżenza ta' ċertu assi finanzjarji jew djun li jinħolqu mis-ristrutturar korporattiv. B'mod tipiku din tirreferi għal dawk li jingħaqdu, l-akkwisti u d-diviżjonijiet. Meta korporazzjoni tispiċċa bħala entità legali indipendenti għar-raġuni li tiġi assorbita minn waħda jew aktar korporazzjonijiet, l-assi kollha finanzjarji u d-djun li kienu jeżistu bejn dik il-korporazzjoni u dawk il-korporazzjonijiet li assorbewha jispiċċaw mis-sistema.

40. Is-sorsi ta' informazzjoni li bihom għandhom jiġu identifikati dawn il-modifiki huma l-karta tal-bilanċ finali ta' l-istituzzjonijiet antiki u l-ewwel karta tal-bilanċ ta' l-istituzzjonijiet -il ġodda

41. Il-BCNi jidentifikaw il-bilanċi mhux imħallsa bejn l-istituzzjonijiet li jkunu qed jiġu strutturati mill-ġdid. Dawn l-ammonti jinħolqu jew jiġu kumpensati minħabba l-għaqda, l-akkwist jew il-qasma u mhumiex transazzjonijiet veri. Għalhekk, dawn għandhom jitqiesu bħala "klassifikazzjonijiet mill-ġdid u modifiki oħra". L-effetti tal-valutazzjoni mill-ġdid jistgħu jiġu assoċjati mat-tibdiliet fl-istruttura u għandhom jiġu ikkompilati b'mod separat.

42. Għal analiżi fid-dettall dwar it-tibdiliet fl-istruttura, flimkien ma' żviluppi oħra li jinħolqu permezz ta' l-għaqdiet, l-akkwisti u l-qasmiet, ara l-Appendiċi 2.

3.1.3. *Klassifikazzjoni mill-ġdid ta' l-assi u tad-djun*

43. Bidla fis-settur domestiku jew fil-klassifiazzjoni ta' l-istrumeti u tal-kontropartijiet tagħhom għandhom iwasslu lill-MFIs li jkunu qed jirrapportaw biex jikklassifikaw il-bilanċi ta' l-assi u tad-djun fir-rigward ta' dawn il-kontropartijiet fil-karta tal-bilanċ. Klassifikazzjoni mill-ġdid bħal din twassal għal bidla fil-posizzjoni ta' l-istokk irrappurtat fil-perjodu li fih it-trasferiment iseħħ. Billi din il-bidla hija trasferiment ta' negozju tat-tip li tiddaħħal fil-ktieb bejn setturi u klassijiet ta' l-istrumenti u ma tirrappreżentax transazzjoni, għandha tiġi introdotta modifika li tneħħi l-impatt ta' din il-bidla fuq l-istatistiċi tal-flussi.

44. Tibdiliet fil-klassifikazzjoni jseħħu minħabba numru ta' raġunijiet. Bidla fil-klassifikazzjoni tas-setturi tal-kontrapartijiet tista' sseħħ jekk korp tas-settur pubbliku jiġi trasferit għas-settur privat jew jekk dawk li jingħaqdu/jinfirdu jibdlu l-attività prinċipali tal-korporazzjonijiet. Sigur-

▼B

tazzjonijiet kwaži dejjem jinvolvu t-transazzjonijet finanzjarji; madankollu, fejn dawn jinvolvu biss bidla fil-kontijiet, għandhom jiġu inklużi hawnhekk.

45. Tista' tkun diffiċli għall-BCNi biex jidentifikaw il-klassifikazzjoni mill-ġdid ta' l-assi u d-djun minħabba l-fatt li dawn normalment ma jkunux jintgħarfu minn ċaqlieq ieħor fil-karta tal-bilanċ. Fid-dawl ta' dan, il-BCNi għandhom jikkonċentraw fuq l-identifikazzjoni tat-tibdiliet permezz tal-karta tal-bilanċ irrappurtata (spezzjonijiet għall-plawsabilità) billi jew jużaw informazzjoni superviżorja, informazzjoni oħra ad hoc (eż. relatata ma' min ikun qiegħed fuq barra), ħtiġiet statistiċi nazzjonali, informazzjoni dwar min jingħaqad u min joħroġ mill-popolazzjoni ta' l-MFI li tirrapporta, jew kwalunkwe sors ieħor li jkun disponibbli għalihom. Fejn jiġu identifikati tibdiliet potenzali minħabba klassifikazzjonijiet mill-ġdid, l-MFIs li jkunu qed jirrapportaw għandhom jiġu mitluba informazzjoni ad hoc dwar l-impatt preċiż fuq il-karta tal-bilanċ irrappurtata. Billi l-klassifikazzjonijiet normalment jiġu identifikati barra minn network standard ta' rappurtaġġ, għandu jkun aċċettat li l-BCNi jikkonċentraw fuq it-tneħħija tat-tibdiliet sinifikanti..

46. Fil-prinċipju, il-BCNi jidentifikaw tibdiliet fl-istokks li jsiru minħabba l-klassifikazzjonijiet mill-ġdid ta' kull xahar. L-ammont nett identifikat jiddaħħal taħt "klassifikazzjonijiet mill-ġdid u modifiki oħra" (Tabella 5, kolonna C); żieda netta fl-istokks minħabba klassifikazzjoni mill-ġdid settorali tiddaħħal b'sinjal pożittiv, tnaqqis nett fl-istokks b'sinjal negattiv.

3.1.4. *Modifiki ta' żbalji ta' rappurtaġġ*

47. Diġà qed titħaddem politika ta' reviżjoni għall-istatistiċi ta' kull xahar tal-karta tal-bilanċ ta' l-MFI. Hekk kif fil-prinċipju r-reviżjonijiet huma aċċettati f'kwalunkwe ħin, reviżjonijiet tad-data tax-xahar ta' qabel jiġu aċċettati bħala rutina (flimkien mar-reviżjonijiet tad-data tax-xahar li jitqies bħala kurrenti); għandhom jinħolqu wkoll bħala rutina reviżjonijiet tad-data taż-żewġ jew tliet xhur ta' qabel minħabba l-applikazzjoni tal-proċedura ta' estrapolazzjoni u minħabba l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta' l-iżbalji irrappurtati.

48. Il-BCNi b'mod immedjat jikkoreġu l-iżbalji irrappurtati fid-data ta' l-istokk hekk kif l-iżbalji jiġu identifikati. Fejn żball iseħħ darba biss (i. e. jolqot perjodu wieħed) jew jolqot serje ta' qabel fuq perjodu ta' żmien limitat, jistgħu jsiru korrezzjonijiet li b'mod totali jħassru l-iżball mid-data. F'dawn iċ-ċirkostanzi ma sseħħ l-ebda waqfa fis-serje. Madankollu, fejn l-iżball jolqot data storiċi ta' qabel Settembru 1997 u l-ebda korrezzjoni għad-data ta' qabel ma ssir jew issir biss fuq perjodu ta' żmien limitat, f'dan il-każ għandha ssir waqfa bejn l-ewwel perjodu li jkollu l-figura korretta u l-aħħar perjodu li jkollu l-figura żbaljata.

49. Żbajli ta' rappurtaġġ huma identifikati fis-sistema ta' rappurtaġġ statistiku, sabiex ma jkun hemm l-ebda ħtieġa għal sorsi addizzjonali ta' informazzjoni.

50. Il-BCNi jidentifikaw il-kobor ta' l-interruzzjoni li sseħħ u jżidu modifika taħt "klassifikazzjonijiet mill-ġdid u modifiki oħra" (Tabella 5, kolonna C).

3.2. **Modifika tar-rata tal-kambju**

51. Il-BCE jikkalkula modifika standard bl-użu tad-data li jkunu diġà ġew mgħoddija lilu skond ir-Regolament BCE/2001/13. Din il-modifika tiġi ikkalkulata bl-użu ta' proporzjonijiet ta' muniti li jinkisbu mill-analiżi statistika ta' l-assi u tad-djun li ssir f'muniti prinċipali li jkunu disponibbli b'mod separat (cf. Regolament BCE/2001/13, Anness I, Parti 2, Tabella 4) ([1]). Madankollu, l-istrument ta' l-analiżi statistika f'din it-Tabella huwa inqas dettaljat mit-Tab. 1 u d-data huma disponibbli biss kull kwart tassena, b'dewmien aktar fit-tul. Il-BCE ineħħi l-effett taċ-ċaqlieq fir-rati tal-kambju bl-użu ta' l-hekk imsejħa "modifika standard". Din tiġi ikkalkulata f'serje ta' passi sabiex jingħata lok għat-twettiq ta' stima tal-modifika. F'kull wieħed minn dawn il-passi għandhom isiru numru ta' supposizzjonijiet u simplifikazzjonijiet sabiex tkun applikata l-modifika.

([1]) Ara Tabella 4 ta' dan l-Anness.

▼M2

51.1 L-ewwel pass huwa li jiġu identifikati l-bilanċi ddenominati f'kull waħda mill-muniti barranin prinċipali (USD, JPY u CHF) u fil-muniti ta' Stati Membri ta' l-UE mhux parteċipanti ([1]). Minħabba li analiżi separata munita b'munita hija disponibbli biss fuq bażi ta' kull tliet xhur (fit-tmiem tal-perjodi ta' tliet xhur), l-analiżi ta' l-aħħar tax-xahar hija kkalkolata billi jintużaw proporzjonijiet miksubin minn *data* disponibbli għat-tmiem tal-perjodu ta' tliet xhur preċedenti.

▼B

51.2. Data ikkompilati munita b'munita huma disponibbli biss f'dati li fihom isir ir-rappurtaġġ fl-aħħar tal-kwart tas-sena, fil-waqt li l-modifiki tal-munita għandhom jiġu ikkalkolati fl-aħħar tax-xhur. Barra minn hekk, data ikkompilati munita b'munita jiġu riċevuti b'dewmien ta' 28 ġurnata tax-xogħol, li jfisser 13 -il jum tax-xogħol wara li jkunu riċevuti l-istokks u l-modifiki tax-xahar ta' l-aħħar tal-kwart. Għalhekk, l-ishma tal-munita fil-bilanċ totali tal-munita barranija għandhom ikunu imressqa l-quddiem lejn ix-xhur tan-nofs u lejn dawk ta' l-aħħar tal-kwart. Data attwali fuq il-proporzjonijiet tal-munita jieħdu post id-data ipproġettati għax-xahar ta' l-aħħar tal-kwart meta data ġodda ta' kull xahar jiġu riċevuti. Huwa maħsub li l-proporzjonijiet ta' kull munita jibqgħu stabbli waqt ix-xhur ta' wara r-rappurtaġġ ta' kull kwart, għalkemm ġie nnutat li d-diviżjoni euro/ mhux euro hija disponibbli kull xahar fir-rigward ta' ħafna mill-punti, u għalhekk titnaqqas il-possibbilità ta' xi żball.

▼M2

51.3 Huwa mifhum li d-daqs tal-muniti għajr l-euro (USD, JPY, CHF u l-muniti ta' Stati Membri ta' l-UE mhux parteċipanti) fil-karta ta' bilanċ ta' l-IFM huwa żgħir. Barra minn hekk, *data* dettaljata munita b'munita hija disponibbli biss fir-rigward ta' l-analiżi limitata tar-Regolament BĊE/2001/13, Anness I, Parti 2, Tabella 4. Sabiex tingħeleb din id-diffikultà, huma applikati l-istess proporzjonijiet tal-munita kkalkolati fir-rigward tal-partiti f'din it-Tabella għall-analiżi aktar dettaljata li tinsab fl-Anness I, Parti 2, Tabella 1.

▼B

51.4. It-tieni pass jinvolvi li dawn l-analiżi statistiċi tat-tmiem tax-xhur kurrenti u ta' qabel jinqalbu fil-munita tagħhom ta' denominazzjoni. Huwa maħsub li r-rata tal-kambju ta' l-aħħar tax-xahar ġiet użata sabiex jinqalbu f'euro l-assi li ma kienux denominati fl-euro għall-punti kollha.

51.5. It-tielet pass jinvolvi l-kalkolazzjoni tad-differenza fl-istokks fil-munita ta' denominazzjoni ta' l-istokks. Il-valur li jirriżulta jirrappreżenta l-bidla fl-istokks mingħajr l-effett tar-rata tal-kambju. Il-valutazzjonijiet mill-ġdid tal-prezz m'għandhomx jitneħħew hekk kif huma jiġu irrappurtati taħt modifika separata.

51.6. Ir-raba' pass jinvolvi li dan il-valur jinqaleb f'euro bl-użu tar-rata medja tal-kambju ta' waqt ix-xahar. Dan il-valur jirrappreżenta t-transazzjoni proprja f'każ li ma jkunx hemm modifika oħra, dejjem jekk ir-rata medja tal-kambju tkun tirrappreżenta r-rata medja tal-kambju tal-bejgħ u tax-xiri, ħruġ u rimborż tal-perjodu. L-ammont li għandu jiżdied mal-kolonna D huwa d-differenza bejn iż-żewġ karti tal-bilanċ b'dan il-valur imnaqqas.

52. F'ċirkostanzi normali, żbalji li jinħolqu bl-użu tat-Tabella 4 ta' l-Anness I, Parti 2 tar-Regolament BCE/2001/13 ikunu żgħar (proporzjonijiet tal-munita jinbidlu bil-mod; il-bilanċi li jkunu denominati f'muniti mhux magħrufa għandhom ikunu żgħar). Madankollu, sabiex jingħata lok għall-possibbiltà li modifika standard tista' xi kultant tagħti stampa anqas preċiża ta' l-impatt tat-tibdiliet fir-rati tal-kambju, il-BCE ingħata fakultà biex japplika modifiki ad hoc b'konsultazzjoni mal-BCNi. F'dawn il-każi, il-BCNi huma mitluba jipprovdu aktar informazzjoni fuq il-proporzjonijiet tal-munita.

([1]) Ma jsir ebda aġġustament għal bilanċi ddenominati fil-bqija tal-muniti. Id-*data* fuq USD, JPY u CHF ġiet irrapportata skond it-Tabella 5 tar-Regolament BĊE/1998/16 ta' l-1 ta' Diċembru 1998 dwar il-karta ta' bilanċ konsolidata tas-settur ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji ĠU L 356, tat-30.12.1998, p. 7, sa minn Diċembru 1998 u fuq bażi volontarja mill-BĊN billi ntużaw sorsi ta' *data* nazzjonali oħra sa minn Settembru 1997. *Data* fuq il-GBP ġiet irrapportata lill-BĊE mill- BĊN fuq bażi volontarja sa minn Awissu 2001, fejn tista' tkun inkluża *data* antika, bi struttura simili għar-rapportar ta' muniti oħra fit-Tabella 4 tar-Regolament BĊE/2001/13 u minn Jannar 2003 bħala parti mit-Tabella 4 tar-Regolament BĊE/2001/13. Il-BĊE jikkalkula l-aġġustament tal-munita barranija għall-bqija tal-muniti ta' Stati Membri ta' l-UE ukoll.

▼B

3.3. **Modifiki ta' valutazzjoni mill-ġdid**

53. Il-kategorija "modifiki ta' valutazzjoni mill-ġdid" tkopri kemm it-tħassir/it-tnaqqis fil-valur tas-self kif ukoll il-valutazzjoniijiet mill-ġdid fir-rigward ta' sigurtajiet maħruġa u/jew miżmuma li jkunu irrappurtati skond il-ħtiġiet stabbiliti fir-Regolament BCE/2001/13.

3.3.1. *Tħassir/Tnaqqis tal-valur ta' self*

54. Il-modifika fir-rigward tat-"tħassir/tnaqqis fil-valur" hija rappurtata sabiex l-impatt tat-tibdiliet fil-valur tas-self li jkun irreġistrat fil-karta tal-bilanċ u li jkun ikkawżat bl-applikazzjoni tat-tħassir/tnaqqis fil-valur tas-self jitneħħa mill-istatistiċi tal-flussi. Din il-modifika għandha tirrifletti wkoll it-tibdiliet li jsiru fil-livell tal-proviżjonijiet dwar telf ta' self f'każ li BCN jiddeċiedi li l-istokks li jkun baqa' ikollhom jiġu irreġistrati bħala netti tal-proviżjonijiet. Tħassir ta' assi li jkunu ġew rikonoxxuti fiż-żmiem meta s-self ikun inbiegħ jew trasferit lil parti terza għandu jiġi inkluż ukoll, fejn ikun identifikat.

▼M2

55 Aġenti ta' rapportar huma soġġetti għal ħtieġa ta' rapportar iffurmata mill-"ħtiġijiet minimi" identifikati fir-Regolament BĊE/2001/13, Anness I, Parti 2, Tabella 1A, għalkemm il-BĊN mhumiex permessi jiġbru *data* addizzjonali mhux koperta mill-"ħtiġijiet minimi". Fi kwalunkwe każ, il-BĊN jikkompilaw sett sħiħ ta' *data* sabiex jintbagħat lill-BĊE skond it-Tabella 5, kolonna E. F'dan il-proċess, il-BĊN jista' jeħtieġ li jikkalkula u/jew jistma l-aġġustamenti fir-rigward ta' xi wħud mill-analiżi mhux irrapportati mill-IFM minħabba li mhumiex meqjusin bħala "ħtiġijiet minimi". Il-kontroparti ta' l-aġġustament tal-kanċellamenti/żvalutazzjonijiet tkun waħda jew l-oħra tal-partiti "kapital u riservi"/"bqija tal-passività", skond il-prattiċi tal-kontabilità nazzjonali.

▼B

56. Waqt l-allokazzjoni tal-modifiki fil-klassi tal-maturità u fis-settur tal-kontroparti, il-BCNi għandhom jikkonsidraw ir-regoli tal-kontabilità li jikkonċernaw self ħażin (eż. l-allokazzjoni ta' self ħażin fi klassi partikolari ta' maturità) u r-riskju relattiv tal-kredtu ta' kull settur.

57. Fejn ma jkunx hemm biżżejjed informazzjoni biex tiġi allokata l-modifika, din tista' tinqasam fil-kategoriji tar-Regolament BCE/2001/13 fuq bażi pro rata u tkun stabbilita permezz tad-dimensjoni tal-posizzjonijiet ta' l-istokk.

58. Kaxxi indikati bħala "minimi" fir-Regolament BCE/2001/13 għandhom jiġu irrappurtati lill-BCE anke jekk dawn ma jkunux ikkompilati b'mod dirett peress li l-BCN ikun ġabar aktar informazzjoni dettaljata fuq it-tħassir/tnaqqis fil-valur. F'każ bħal dan, il-kaxxi minimi huma ikkalkulati bħala s-somma tal-komponenti.

3.3.2. *Valutazzjoni mill-ġdid tal-prezz tas-sigurtajiet*

59. Il-modifika li tikkonċerna l-valutazzjoni mill-ġdid tal-prezz tas-sigurtajiet tirreferi għat-tibdiliet fil-valutazzjoni tas-sigurtajiet li jinħolqu b'konsegwenza tal-bidla fil-prezz li bih is-sigurtajiet jiġu irreġistrati u negozjati. Il-modifika tinkludi dawk it-tibdiliet li jinħolqu matul iż-żmien fil-valur ta' l-istokks tal-karta tal-bilanċ ta' l-aħħar tal-perjodu li huma riżultat tal-qliegħ/telf ta' l-ishma. Din tista' tinkludi wkoll tibdiliet tal-valutazzjoni li jinħolqu minn transazzjonijiet f'sigurtajiet i.e. qliegħ/telf rikonoxxut.

60. Il-valutazzjonijiet mill-ġdid tal-prezz jolqtu biss ammont limitat ta' BSIs: fuq in-naħa tad-djun, il-punt "sigurtajiet tad-debitu maħruġa" u fuq in-naħa ta' l-assi "sigurtajiet li ma jkunux ishma" u "ishma u ekwità oħra" u l-kontropartijiet tagħhom li prinċipalment huma "kapital u riservi" u "djun li jibqa'". Id-depositi u s-self għandhom valuri nominali fissi u għalhekk mhumiex suġġetti għat-tibdiliet fil-prezz.

61. In-natura u d-dimensjoni tal-"modifiki ta' valutazzjoni mill-ġdid" huma stabbiliti bil-metodu adottat tal-valutazzjoni. Minkejja li n-noti ta' gwida jagħtu rakkomandazzjoni biex iż-żewġ naħat tal-karta tal-bilanċ jiġu irreġistrati bil-valur tas-suq, fil-prattika numru ta' metodi differenti ta' valutazzjoni jistgħu jintużaw kemm fuq in-naħa tad-djun kif ukoll fuq in-naħa ta' l-assi. In-noti ta' gwida jindikaw li dan ikun aċċettabbli sakemm il-valur tal-ktieb ma jkunx differenti wisq mill-valur tas-suq.

▼M2

62 Fuq in-naħa tal-passivi tal-karta tal-bilanċ, il-valutazzjonijiet mill-ġdid jistgħu jiġu rrapportati wkoll fir-rigward tat-titoli ta' dejn maħruġin. Madankollu, f'dan ir-rigward, ma hija introdotta ebda bidla fl-obbligi ta' rapportar ta' l-IFM, minħabba li valutazzjoni mill-ġdid tal-prezz tat-titoli tas-sigurtà maħruġin tibqa' barra mill-"ħtiġijiet minimi" stabbiliti fir-Regolament BĊE/2001/13.

▼B

63. Fuq in-naħa ta' l-assi tal-karta tal-bilanċ, l-ishma tas-sigurtajiet jistgħu jiġu irreġistrati bil-prezz tas-suq, bil-prezz tax-xiri, bl-inqas prezz minn dak tas-suq jew tax-xiri jew il-valur tar-rimborż skond il-prattika standard tal-kontabilità. Il-kontenut tal-modifika jiddependi fuq il-metodu tal-valutazzjoni li jintuża (għal aktar dettalji ara n-noti ta' gwida).

64. Ir-Regolament jippermetti l-flessibiltà fir-rigward tat-tip ta' data li jkunu meħtieġa biex issir il-kalkolazzjoni tal-valutazzjoni mill-ġdid tal-prezz tas-sigurtajiet u l-metodu li bih dawn id-data jinġabru u jiġu ikkompilati. Id-deċiżjoni fuq il-metodu għandha titħalla f'idejn il-BCNi, fuq bażi ta' l-għażliet differenti f'din il-Linja ta' gwida. L-għażliet li ġejjin huma dawk li s'issa kienu identifikati u li jistgħu jkunu disponibbli għall-BCNi:

64.1. *L-MFIs biex jirrapportaw il-modifiki*: L-MFIs jirrapportaw il-modifiki applikabbli għal kull punt, li jirriflettu t-tibdiliet tal-valutazzjoni li jseħħu minħabba tibdil fil-prezzijiet. Il-BCNi li jagħżlu dan il-metodu jiġbru l-modifiki irrappurtati mill-MFIs għas-sottomissjoni tad-data lill-BCE.

64.2. *L-MFIs biex jirrapportaw il-flussi*: L-MFIs jakkumulaw il-flussi matul ix-xahar u jibgħatu l-valur tax-xiri u l-bejgħ tas-sigurtajiet lill-BCN. Il-kumpilazzjoni u s-sottomissjoni tal-flussi netti lill-BCN huma aċċettabbli b'mod totali. Il-BCNi li jirċievu d-data tat-transazzjonijiet għandhom jikkalkolaw il-"modifika ta' valutazzjoni mill-ġdid" billi jikkalkolaw dak li jibqa' mid-differenza ta' bejn l-istokks u t-transazzjonijiet u modifiki oħra, u jissottomettu l-modifika tal-valutazzjoni mill-ġdid lill-BCE skond il-Linja ta' gwida tal-BCE.

64.3. *Rappurtaġġ sigurtà b'sigurtà*: L-MFIs għandhom jirrapportaw lill-BCNi l-informazzjoni kollha relevanti dwar l-ishma tas-sigurtajiet, bħal ma huma l-valur (proprju) nominali, il-valur (tal-kotba) tal-kontabilità, il-valur tas-suq, ix-xiri u l-bejgħ, fuq bażi ta' sigurtà b'sigurtà. Din l-informazzjoni tippermetti biex il-BCNi jiksbu informazzjoni preċiża dwar il-"modifika ta' valutazzjoni mill-ġdid" li għandha tiġi sottomessa lill-BCE. Dan il-metodu huwa maħsub biex jinkludi l-BCNi li diġà jimxu ma' dan l-approċċ fil-ġbir tad-data fuq il-livell lokali.

65. Fil-prinipju, il-BCNi huma restritti għall-metodi msemmija hawn fuq. Madankollu, metodi oħra jistgħu jintużaw jekk jiġi ippruvat li dawn kapaċi jwasslu għal data li jkunu ta' kwalità simili.

66. Il-BCNi huma permessi jiġbru aktar data li ma jkunux koperti mill-"ħtiġiet minimi" mingħand aġenti li jirrapportaw. F'kull każ, il-BCN għandu jissottometti lill-BCE sett sħiħ ta' data skond it-Tabella 5, kolonna E. F'dan il-proċess, il-BCNi jista'jkollhom bżonn jikkalkolaw il-modifiki mit-transazzjonijiet, data ta' sigurtà b' sigurtà jew data oħra irrappurtati mill-MFIs u/jew jagħtu stima tal-modifiki fir-rigward ta' uħud mill-analiżi statistiċi mhux irrappurtati mill-MFIs peress li dawn ma jkunux ikkonsidrati bħala "ħtiġiet minimi". Il-kontroparti tal-modifika ta' tħassir/tnaqqis tal-valur għandha tkun waħda mill-punti "kapital u riserva"/"djun li jibqa".

67. Barra minn hekk, il-BCNi għandhom jissottomettu data li jinkludu l-"ħtiġiet minimi" fir-Regolament BCE/2001/13 lill-BCE. Jekk dawn id-data ma jkunux ikkompilati b'mod dirett għandhom jiġu stmati mid-data irrappurtati mill-MFIs. Għal dan il-għan, jekk l-ebda informazzjoni oħra ma tkun disponibbli, jista' jkun maħsub li l-valutazzjonijiet mill-ġdid li jikkorrispondu għal sigurtajiet ta' sentejn ikunu ugwali għall-ammont totali tal-modifika tal-valutazzjoni mill-ġdid fir-rigward ta' l-ishma tas-sigurtajiet minbarra l-ishma maħruġa għal kull settur.

TAQSIMA 4 - MODIFIKI TAL-FLUSSI TA' KULL XAHAR - ADATTAMENTI SPEĊJALI

4.1. **Statistiċi tal-karta tal-bilanċ tal-BCE/BCN**

68. Sabiex jikkompila l-aggregazzjonijiet finanzjarji u l-kontropartijiet tagħhom bħala statistiċi tal-flussi, il-BCE għandu jirċievi d-data tal-modi-

▼B

fiki li jkopru s-settur kollu ta' l-MFI, inklużi il-BCE/BCNi. Għalhekk, il-ħtiġiet kollha speċifikati f'dan il-Manwal tal-Proċeduri japplikaw ukoll għall-BCE/BCNi, bl-istipulazzjonijiet li ġejjin.

69. Skond l-eżerċizzju li jagħmel tajjeb għall-perjodu stipulat, il-ħtieġa tad-data tal-karta tal-bilanċ ġiet modifikata ftit sabiex tirrifletti l-attivitajiet speċjali tal-BCE/BCNi. Xi punti tneħħew: Id-data mhumiex meħtieġa għall-analiżi statistika tar-repos jew depositi li jkollhom perjodi ta' notifika. Punti oħrajn ġew miżjuda: fuq in-naħa tad-djun "kontroparti ta' l-SDRs" u fuq in-naħa ta' l-assi "deheb u kredti tad-deheb" u "kredti mid-drittijiet tal-kisba, SDRs, oħrajn", hekk kif stokks għal dawn il-punti huma meħtieġa wkoll f'din il-Linja ta' gwida. Il-BCE/BCNi jissottomettu data li jimmodifikaw għal kull wieħed minn dawn il-punti.

70. Modifiki. Fil-prinċipju, il-BCE/BCNi jissottomettu modifiki lill-BCE skond il-proċeduri stabbiliti f'dan il-Manwal tal-Proċeduri. Fil-prattika, xi modifiki jistgħu jiġu identifikati:

70.1. "Klassifikazzjonijiet mill-ġdid u modifiki oħra." Il-modifiki għal "tibdiliet fil-coverage statistiku" m'humiex relevanti. Madankollu, il-BCE/BCNi jista' jkollhom posizzjonijiet li jkunu suġġetti għall-klassifikazzjonijiet mill-ġdid u reviżjonijiet, f'liema każi l-modifiki jiġu ipprovduti.

70.2. "Modifiki għat-tibdiliet fir-rata tal-kambju." Skond ir-Regolament BCE/2001/13, l-Anness I, Parti 2, Tabella 4, data ikkompilati munita b'munita għandhom jiġu ipprovduti mill-aħħar ta' Diċembru 1998. Għall-għanijiet li tkun ikkalkolata l-modifika tar-rata tal-kambju, data ta' qabel u storiċi jistgħu jintbagħtu. Fil-każ tal-BCE, il-modifika tar-rata tal-kambju ma tiġix stmata bil-proċedura standard imma tiġi irrappurtata direttament mid-data tal-kontabilità.

70.3. "Modifiki ta' valutazzjoni mill-ġdid." Skond il-proċedura miftehma, il-BCE/BCNi jipprovdu data dwar id-dimesjoni ta' din il-valutazzjoni mill-ġdid. Il-karta tal-bilanċ tal-BCE/BCNi tiġi ippreżentata kull xahar għal raġunijiet statistiċi skond il-valur tas-suq. B'konsegwenza ta' dan, il-modifiki ta' valutazzjoni mill-ġdid għandhom jiġu irrappurtati kull xahar.

71. Limitu. Limitu ta' EUR 5 miljuni ġie stabbilit għad-data ta' "klassifikazzjoni mill-ġdid u modifiki oħra" tal-BCNi. Dan il-limitu huwa meħtieġ hekk kif il-karti tal-bilanċ tal-BCN jiġu irrappurtati b'mod separat u jistgħu jiġu ippubblikati b'mod separat (fil-karta tal-bilanċ konsolidata tal-ESCB).

4.2. **Fondi tas-suq tal-flus**

72. Fil-prinċipju, il-BCNi jipprovdu modifiki fir-rigward tal-"klassifikazzjonijiet mill-ġdid u modifiki oħra" u tal-"modifiki ta' valutazzjoni mill-ġdid" skond l-iskema ta' rappurtaġġ għall-fondi tas-suq tal-flus (MMFs). F'xi ċirkostanzi dawn il-proċeduri jista' jkun meħtieġ li jiġu adattati. Madankollu, l-Artikolu 4.6 tar-Regolament BCE/2001/13 jipprovdi lill-BCNi il-possibbiltà li jagħtu deroga lil MFTs kollha jew parti minnhom fir-rigward tar-rappurtaġġ tal-"modifiki ta' valutazzjoni mill-ġdid".

73. Jekk din id-deroga ma tiġix applikata jew ma tiġix applikata għall-istituzzjonijiet kollha, ir-regoli li ġejjin japplikaw:

73.1. Il-parti ta' l-assi tal-karta tal-bilanċ ta' l-MFIs ma tirrikjedi l-ebda trattament speċjali hekk kif hija diġà koperta fl-intier tagħha mill-parti prinċipali ta' dan il-Manwal tal-Proċeduri.

73.2. Il-parti tad-djun tikkonsisti kważi kollha mill-punt "ishma/unitajiet tal-fond tas-suq tal-flus." MMFs huma unitajiet istituzzjonali innifishom u, għalhekk, ma jistgħux jiġu ikkonsidrati bħala trasparenti. B'hekk, it-trattament tal-parti ta' l-assi tal-karta tal-bilanċ ta' l-MFIs m'għandu jkollu l-ebda implikazzjonijiet diretti fuq it-trattament tal-parti tad-djun. Barra minn hekk, it-trattament għandu jkun simili għal dak mogħti lil strumenti simili li jkunu fuq il-parti tad-djun.

73.3. MMFs huma inklużi fil-lista ta' l-MFIs hekk kif l-ishma/unitajiet ta' l-MMF huma sostituti simili għad-depositi. Għalhekk, l-ishma/unitajiet ta' l-MMF għandhom jirċievu l-istess trattament bħad-depositi. Transazzjonijiet finanzjarji f'depositi jinkludu flussi lejn/barra minn kontijiet tad-depositu li jseħħu minħabba l-kredti/debiti tal-klijenti u l-irċevuta ta' l-interess. Peress li d-depositi jkollhom valur nominali fiss, ma jkun hemm l-ebda qliegħ u telf ta' l-ishma. Għalhekk, it-tibdiliet kollha fl-istokks

▼B

bejn iż-żewġ perjodi jirrappreżentaw transazzjonijiet finanzjarji, bl-eċċezzjoni ta' "klassifikazzjonjiet mill-ġdid u modifiki oħra".

73.4. Sa fejn l-ishma/unitajiet ta' l-MMF ikunu ikkonċernati, il-kredti/debiti tal-konsumatur lejn/minn depositi jkollhom l-ekwivalenti tagħhom fix-xiri/bejgħ ta' l-ishma/unitajiet; l-irċevuta ta' l-interess fuq id-depositi jkollha l-ekwivalenti tagħha fit-tibdiliet tal-valur ta' l-ishma/unitajiet. Hekk kif it-tibdiliet fil-valur ta' l-ishma/unitajiet ta' l-MMF jseħħu kuljum b'mod regolari, dan l-istrument huwa simili għad-depositi fejn l-interess jiġi riċevut kuljum. Dan jista' jidher bis-saħħa tal-mod faċli li bih l-ishma/unitajiet ta' l-MMF jiġu likwidati. Bħala depositi, it-tibdiliet kollha fl-istokk ta' l-ishma/unitajiet ta'l-MMF għandhom jitqiesu bħala transazzjonijiet finanzjarji (għal darb'oħra, bl-eċċezzjoni ta' "klassifikazzjonijiet mill-ġdid u modifiki oħra").

74. Fil-qosor, jekk id-deroga fir-rigward tal-"modifiki ta' valutazzjoni mill-ġdid" ma tiġix applikata, l-assi ta' l-MMF għandhom jiġu trattati skond il-proċedura komuni [1]; taħt djun, sabiex jiġi ikkalkolat il-fluss tat-"ishma/unitajiet tal-fond tas-suq tal-flus", ikun biżżejjed jekk jiġu eskluż l-modifiki ta' "klassifikazzjoni mill-ġdid" mid-differenza ta' bejn il-bilanċi. L-ebda modifika ta' valutazzjoni mill-ġdid ma tiġi irrappurtata għal dan l-istrument.

4.3. **Djun (u assi) tal-gvern ġenerali**

75. Data li jikkonċernaw l-istokk għandhom jingabru fir-rigward tad-djun (u l-assi) tad-depositu tal-gvern ġenerali. Għall-għanijiet sabiex ikunu ikkompilati l-istatistiċi tal-flussi, data ta' modifiki jiġu fil-prinċipju fornuti skond il-ħtiġiet stabbiliti għall-istatistiċi tal-karta tal-bilanċ ta' l-MFI. Fil-prattika, tibdiliet oħra minbarra t-transazzjonijiet (jiġifieri minħabba tibdiliet fir-rata tal-kambju jew fil-prezz tas-suq) ma jkunux mistennija li jseħħu. Dawn id-data jiġu irrappurtati skond kif jidhru fit-Tabelli 3 u 5.

4.4. **Punti tal-memorandum**

76. Il-flussi jiġu ikkalkolati wkoll fir-rigward tal-punti tal-memorandum fuq l-analiżi statistika tar-residenza tad-detenturi tas-sigurtajiet maħruġa mill-MFIs, sabiex jiġu integrati dawn id-data fil-produzzjoni regolari ta' l-istatistiċi bankarji u tal-flus u fil-kalkolazzjoni ta' l-aggregazzjonijiet monetarji. Għal dik ir-raġuni l-modifiki ta' klassifikazzjoni mill-ġdid, modifiki tar-rata tal-kambju u modifiki tal-valutazzjoni mill-ġdid jiġu ikkalkolati fir-rigward ta' dawn il-punti tal-memo. Dawn id-data jiġu irrappurtati skond kif indikat fit-Tabelli 3 u 5.

▼M2

_____

▼B

TAQSIMA 5 - KALKOLAZZJONI TAL-FLUSSI TAD-DATA TA' KULL KWART TAS-SENA

5.1. **Introduzzjoni**

78. Analiżi strutturali tad-data ta' l-istokk ta' kull kwart tas-sena li tinsab fir-Regolament BĊE/1998/16, Anness I, Parti 2, Tabelli 2 u 3 tista' tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa sabiex jiġu stmati l-implikazzjonijiet tal-politika monetarja biss sa ċertu punt. Minħabba f'hekk, il-kumpilazzjoni ta' l-istatistiċi tal-flussi ġiet estiża sabiex tkopri wkoll dawn it-tabelli ta' kull kwart tas-sena fil-Linja ta' gwida BĊE/2002/5. Huwa nnutat li r-Regolament BĊE/2001/13 ma jkoprix ir-rappurtaġġ tal-modifiki tal-valutazzjoni mill-ġdid fir-rigward tad-data ta' kull kwart tas-sena.

79. Dejjem jekk parti mid-data li qabel kienu qed jiġu irrappurtati kull kwart tas-sena bħala parti mir-Regolament BĊE/1998/16, l-Anness I, Parti 2, Tabelli 2 u 3 jibdew jiġu irrappurtati kull xahar skond ir-Regolament BĊE/2001/13, l-Anness I, Parti 2, Tab. 1, u b'konsiderazzjoni lejn il-ħtieġa li titkompla il-kalkolazzjoni tal-flussi ta' l-istatistiċi fir-rigward ta' dawk il-punti li jkunu ser jibqgħu jiġu irrappurtati kull kwart tas-sena i.e. punti li jinsabu fir-Regolament BĊE/2001/13, l-Anness I, Parti 2, Tabella

[1] Il-kontroparti tal-valutazzjoni mill-ġdid fin-naħa ta' l-assi, fil-każ ta' l-MMFs, ma tkunx "ishma/unitajiet tal-fond tas-suq tal-flus" imma "djun li jibqa'".

▼B

2, il-BCNi jiġu mitluba jipprovdu data tal-modifiki fir-rigward ta' data ta' kull kwart kif speċifikat hawn taħt, billi jekk ikun hemm bżonn jużaw l-istimi.

80. Sabiex kollox ikun komplut, din il-ħtieġa għandha tiġi estiża għar-rappurtaġġ tal-modifiki fir-rigward tad-data dwar il-BCNi, inklużi d-data storiċi li għandhom mill-anqas jibdew u jkunu jinkludu Jannar 1999.

5.2. **Proċedura għall-kalkolazzjoni ta' l-istatistiċi tal-flussi**

81. Il-proċedura għall-kalkolazzjoni tal-flussi għat-Tabella 2 ta' kull kwart tas-sena hija simili għal dik użata għat-Tab. 1 ta' kull xahar kif deskritt fit-Taqsimiet 2 u 3. Il-BCE jikkalkula t-transazzjonijiet finanzjarji tad-data ta' kull kwart tas-sena billi jikkalkula d-differenza li jkun hemm bejn il-posizzjonijiet ta' l-istokk fid-dati ta' rappurtaġġ ta' l-aħħar tal-kwart u imbagħad ineħħi l-effett ta' l-iżviluppi li ma jkunux transazzjonijiet. Dawn l-effetti li ma jkunux transazzjonijiet jiġu maqsuma fi tlett tipi, "klassifikazzjonijiet mill-ġdid u modifiki oħra", "tibdiliet fir-rata tal-kambju" u "modifiki tal-valutazzjoni mill-ġdid". Serje ta' modifiki jiġu maħluqa għal kull wieħed mill-effetti t'hawn fuq.

82. L-istess bħal proċedura użata għat-Tab. 1 li tinsab fit-Taqsima 2, il-modifika tat-"tibdiliet fir-rata tal-kambju" tiġi wkoll ikkalkolata mill-BCE fir-rigward tat-Tabella 2. "Modifika standard" għat-Tabella 2 tinkiseb permezz ta' l-użu ta' l-informazzjoni li tinsab fit-Tabella 4 ta' kull kwart tas-sena u permezz tal-"modifiki tar-rata tal-kambju" ikkalkolati għat-Tab. 1 ([1]). "Modifika ad hoc" tista' tiġi wkoll implimentata jekk ikun meħtieġ għat-Tabella 2.

83. Id-definizzjonijiet li jinsabu fit-Taqsima 3, fir-rigward tat-Tab. 1, huma applikabbli wkoll għall-modifika ta' kull kwart tas-sena tal-"klassifikazzjoni mill-ġdid" u għall-modifika ta' kull kwart tas-sena tal-"modifika ta' valutazzjoni mill-ġdid" (tħassir/tnaqqis tal-valur u valutazzjonijiet mill-ġdid tal-prezzijiet) li huma sottomessi mill-BCNi fir-rigward tat-Tabella 2. Il-lista tal-modifiki li għandha tiġi sottomessa tinsab fit-Tabella 2 ta' dan l-Anness.

84. Modifiki relevanti ta' kull kwart tas-sena jiġu irrappurtati f'żewġ każijiet.

84.1. L-ewwel, meta modifika tiġi sottomessa għal tabella ta' kull xahar (Tab. 1). F'dan il-każ, il-modifika ta' kull xahar tista' tolqot il-punti ta' l-analiżi statistiċi li jinsabu fil-Tabella 2. Fi kliem ieħor, fejn modifika tiġi irrappurtata fit-Tab. 1 dan jimplika li l-modifiki jkunu irrappurtati fir-rigward tal-punti li jinsabu fit-Tabella 2. Il-Konsistenza tiġi assigurata bejn iż-żewġ settijiet ta' data ta' kull kwart (fi kliem ieħor, is-somma tal-modifiki ta' kull xahar trid tkun daqs il-modifika ta' kull kwart). Jekk jiġi stabbilit limitu għall-modifiki ta' kull kwart, jew jekk il-modifiki ta' kull kwart ma jkunux jistgħu jiġu identifikati b'mod totali jew bl-istess dettal bħal modifika ta' kull xahar, il-modifika għandha tiġi ikkalkolata sabiex jiġu evitati differenzi fil-modifika irrappurtata fir-rigward tad-data ta' kull xahar.

84.2. Fir-rigward tas-"sigurtajiet tal-valutazzjoni mill-ġdid tal-prezz", l-esklużjoni tat-tibdiliet fil-valutazzjoni li jseħħu minħabba transazzjonijiet fis-sigurtajiet (jiġifieri l-applikazzjoni ta' l-hekk imsemmi "metodu tal-karta tal-bilanċ", ara n-noti ta' gwida) tista' fil-prinċipju tikkawża nuqqas ta' qbil bejn il-modifiki ta' kull xahar u dawk ta' kull kwart. Skond dan il-metodu, huma biss il-valutazzjonijiet li jolqtu is-sigurtajiet li jiġu irrappurtati bħala stokks kemm fl-aħħar tar-rappurtaġġ preżenti kif ukoll fl-aħħar tar-rappurtaġġ kurrenti u r-rappurtaġġ ta' qabel għandhom jiġu ikkonsidrati. B'riżultat ta' dan, bidla fil-frekwenza ta' rappurtaġġ toħloq differenzi fil-modifika irrappurtata. Biex jiġi evitat dan l-effett mhux mixtieq u biex tiġi assigurata l-konsistenza bejn il-modifiki ta' kull xahar u dawk ta' kull kwart, il-kalkolazzjoni tal-"valutazzjonijiet mill-ġdid tal-prezzijiet tas-sigurtajiet", fejn il-"metodu tal-karta tal-bilanċ" jiġi applikat, għandu jsir kull xahar kemm jekk id-data jiġu irrappurtati kull xahar kif ukoll jekk jiġu irrappurtati kull kwart. Fi kliem ieħor, il-modifika ta' kull kwart tiġi ikkalkolata bħala s-somma tal-modifiki ta' kull xahar, bl-assigurazzjoni tal-konsistenza bejn il-modifiki ta' kull xahar u dawk ta' kull tliet xhur. Fejn id-data prinċipali ma jkunux disponibbli kull xahar, jiġu aċċettati stimi sabiex tkun assigurata l-konsistenza bejn il-modifiki ta' kull xahar u dawk ta' kull kwart. Minn naħa l-oħra, l-

([1]) Aktar dettalji għandhom ikunu fl-Addendum għall-Ktejjeb ta' l-Istatistiċi Bankarji u tal-Flus għall-kumpilazzjoni ta' l-istatistiċi tal-flussi.

▼B

inklużjoni tat-tibdiliet tal-valutazzjoni li jinħolqu b'riżultat tat-transazzjonijiet tas-sigurtajiet (l-applikazzjoni ta' l-ħekk imsemmi "metodu ta' transazzjoni", ara n-noti ta' gwida) tipprovdi modifiki kull tliet xhur li jkunu konsistenti għal kollox mad-data ta' kull xahar. Skond il-"metodu ta' transazzjoni", il-valutazzjonijiet mill-ġdid kollha li jolqtu s-sigurtajiet għandhom jiġu irrappurtati, mingħajr konsiderazzjoni lejn l-istokks li jkun hemm fil-bidu u fit-tmiem tal-perjodu. B'riżultat ta' dan il-modifiki ta' kull kwart għandhom jaqblu mas-somma tal-modifiki ta' kull xahar.

84.3. Barra minn hekk, jistgħu jkunu meħtieġa modifiki għat-tabelli ta' kull kwart anke jekk l-ebda modifika ma tiġi irrappurtata fit-Tab. 1 ta' kull xahar. Dan jiġri meta klassifikazzjoni mill-ġdid iseħħ f'livell dettaljat ta' kull kwart iżda tiġi mħassra fil-livell aktar dettaljat ta' kull xahar. Jistgħu jkunu applikabbli wkoll għall-"modifiki ta' valutazzjoni mill-ġdid", fejn il-komponenti differenti ta' punt ta' kull xahar jiċċaqalqu f'direzzjonijiet differenti. Il-konsistenza tiġi assigurata wkoll f'dawn il-każi bejn id-data ta' kull xahar u dawk ta' kull kwart. Fir-rigward tal-"valutazzjoni mill-ġdid tal-prezz tas-sigurtajiet", il-konsistenza tiġi assigurata bl-applikazzjoni kull xahar ta' l-"approċċ tal-karta tal-bilanċ", mhux biss fir-rigward tat-tabelli ta' kull xahar imma wkoll fir-rigward tat-tabelli ta' kull kwart.

85. Il-limitu sa fejn il-BCNi ifornu modifiki għall-istatistiċi ta' kull kwart jiddependi fuq il-ħila tagħhom li jidentifikaw jew jagħtu stima li tkun ta' ċertu preċiżjoni tal-klassifikazzjoni settorali/ta' l-istrument tal-modifiki eżistenti (ta' kull xahar). Fir-rigward ta' "klassifikazzjonijiet mill-ġdid u modifiki oħra", l-informazzjoni hija disponibbli. B'mod partikolari, il-BCNi jkollhom informazzjoni dettaljata biżżejjed biex b'mod faċli jagħmlu modifika ta' darba (eż. klassifikazzjoni mill-ġdid minħabba żball ta' rappurtaġġ) lill-punti speċifiċi ta' kull kwart. B'mod simili modifiki ta' kull kwart li jsiru minħabba tibdiliet fil-popolazzjoni li tkun qed tirrapporta ma jfissrux diffikultajiet għall-BCNi. Fir-rigward ta' "modifika ta' valutazzjoni mill-ġdid", tħassir u valutazzjonijiet mill-ġdid jinkisbu b'diffikultà akbar minħabba n-nuqqas ta' l-analiżi statistiċi approprjati fis-sorsi tad-data oriġinali. Fid-dawl ta' dan, huwa mistenni li ta' l-anqas parti mill-"modifika ta' valutazzjoni mill-ġdid" tkun ibbażata fuq l-applikazzjoni ta' stimi. Id-disposizzjoni ta' l-istimi tkun akkumpanjata b'noti li jagħtu spjegazzjoni tal-metodu li jkun intuża (eż. analiżi statistiċi nieqsa jkunu stmati fuq bażi ta' pro rata bl-użu ta' data dwar stokk).

86. Sabiex tkun assigurata l-konsistenza bejn il-modifiki tad-data tat-Tabella 2 ta' kull kwart u dawk tat-Tab. 1 ta' kull xahar, il-modifiki tat-Tab. 1 jirreferu għal perjodu ta' xahar, fil-waqt li l-modifiki ta' Tabella 2 jirreferu għal perjodu ta' kwart tas-sena. Modifiki għad-data ta' kull kwart huma daqs dawk tal-perjodi tat-tliet xhur aggregati, eż il-modifika ta' kull kwart irrappurtata f'Marzu għandha tkun konsistenti mas-somma tal-modifiki ta' kull xahar li jkunu saru f'Jannar, Frar u Marzu. Billi l-flussi ta' kull kwart jadottaw l-istess bażi bħal flussi ta' kull xahar, inkluż l-użu tal-"metodu tal-karta tal-bilanċ" ta' kull xahar anke għall-flussi ta' kull kwart, huma għandhom jibqgħu konsistenti magħhom matul iż-żmien.

▼M2

5.3 **Partiti tal-memorandum**

87 Il-flussi huma kkalkolati wkoll fir-rigward ta' partiti tal-memorandum ta' perjodi ta' tliet xhur għall-kompilazzjoni tal-kontijiet finanzjarji ta' l-unjoni monetarja taż-żona ta' l-euro. Sabiex ma jkunx hemm żjieda fil-piż ta' rapportar dawn il-partiti tal-memorandum ġew integrati fil-qafas statistiku eżistenti għall-produzzjoni regolari ta' statistiċi monetarji u bankarji. Għal din ir-raġuni, aġġustamenti ta' klassifikazzjoni mill-ġdid u valutazzjoni mill-ġdid huma kkalkolati fir-rigward ta' dawn il-partiti tal-memorandum. Dawn id-*data* huma rrapportati kif stabbilit fit-Tabella 5a.

▼B

Appendiċi 1

REGOLI APPLIKATI GĦALL-KUMPILAZZJONI TA' DATA STORIĊI

Regola Ġenerali

1. Il-BCNi issotto mettew data tal-karta tal-bilanċ ta' l-aħħar tax-xahar lill-BCE mill-aħħar ta' Ġunju 1998 skond ir-Regolament BCE/1998/16 ta' l-1 ta' Diċembru 1998 li jikkonċerna il-karta tal-bilanċ konsolidata tas-settur ([1]) ta' l-istituzzjonijiet monetarji finanzjarji kif emendata mir-Regolament BCE/2000/8 ([2]), bl-aħjar stimi mill-aħħar ta' Settembru 1997 u d-data disponibbli lura sal-bidu tas-snin 80. Sabiex tkun assigurata l-konsistenza ma' dan ir-rappurtaġġ, il-BCNi issottomettew modifiki għall-kumpilazzjoni ta' l-istatistiċi tal-flussi li jibdew b'data ta' Lulju 1998, l-aħjar stimi minn Ottubru 1997 u d-data disponibbli lura sal-bidu tas-snin 80. Aktar minn hekk, il-BCNi ipprovdew ukoll noti li jagħtu spjegazzjoni dwar "klassifikazzjonijiet mill-ġdid u modifiki oħra" skond l-istess perjodu ta' referenza tal-kalendarju.

2. Fit-tqassim tal-ħtiġiet, il-BCNi taw attenzjoni partikolari lill-modifiki li jneħħu l-aktar effetti sinifikanti li ma jkunux ta' transazzjoni minn dawk il-punti tal-karta tal-bilanċ (BSIs) li kellhom il-probabilità li jiġu inklużi fid-definizzjoni ta' l-aggregazzjonijiet monetarji taż-żona euro. "Klassifikazzjonijiet u modifiki oħra" sinifikanti ibbażati fuq id-data disponibbli ġew fornuti ta' l-anqas fir-rigward ta' dawn il-punti b'effett minn Lulju 1998. "Klassifikazzjonijiet mill-ġdid u modifiki oħra" sinifikanti għad-data storiċi ta' qabel Settembru 1997 ġew fornuti fuq bażi tad-data disponibbli li jkopru l-perjodi li jmorru l-aktar lura possibbli (jiġifieri mill-bidu tas-snin 80), iżda mill-inqas ikopru l-perjodi mill-aħħar ta' Settembru 1997.

3. Għall-"klassifikazzjonijiet mill-ġdid u modifiki oħra" għal BSIs oħra u għall-"modifiki ta' valutazzjoni mill-ġdid" kollha, il-BCNi fornew modifiki sinifikanti għad-data preżenti li mill-inqas jibdew mill-aħħar ta' Ġunju 1998 bil-modifiki għad-data storiċi li mill-inqas jibdew u jinkludu Settembru 1997. Hekk kif kien rikonoxxut li l-BCNi kellhom bżonn ċertu żmien biex jimplementaw sistemi ġodda ta' rappurtaġġ, kienu meħtieġa modifiki sħaħ għall-punti inklużi fl-aggregazzjonijiet monetraji u punti oħra mill-aħħar ta' Diċembru 1999.

4. Barra minn hekk, il-BCNi jistgħu jirrapportaw data li għandhom x'jaqsmu mat-Tabella 5, Anness I, Parti 2 tar-Regolament/BCE/1998/16 għall-perjodu minn Settembru 1997 sa Settembru 1998.

5. Il-kalendarju ta' l-introduzzjoni stabbilit hawn fuq jirrappreżenta l-minimu li l-BCNi kellhom jiksbu. Fejn possibbli, il-BCNi implementaw dawn is-suġġetti aktar kmieni. Per eżempju, fir-rigward ta' xi modifiki (bħal ma huma dawk għall-"klassifikazzjoni mill-ġdid u modifiki oħra"), kien jagħmel sens li jinbeda fl-istess ħin ir-rappurtaġġ ta' xi modifiki fir-rigward tal-BSIs kollha (eż. dawk relatati mal-coverage statistiku).

6. Punti ta' prijorità kbira kienu: munita; depositi vis-à-vis istituzzjonijiet finanzjarji li ma jkunux monetarji (MFIs) fiż-żona euro; sigurtajiet tad-debitu; karta tas-suq tal-flus ([3]); ishma (MMF) tal-fond tas-suq tal-flus; ishma tas-sigurtajiet ta' l-MFI li ma jkunux ishma maħruġa mill-MFIs; u karta tas-suq tal-flus.

Modifika ta' valutazzjoni mill-ġdid

7. Ir-rappurtaġġ ta' tħassir/tnaqqis tal-valur u valutazzjonijiet mill-ġdid tal-prezz mill-MFIs fir-rigward tal-karta tal-bilanċ ta' kull xahar kien stabbilit minn Jannar 2003 bir-Regolament BCE/2001/13 li jikkonċerna il-karta tal-bilanċ konsolidata tas-settur ([4]) ta' l-istituzzjonijiet monetarji finanzjarji kif emendat mir-Regolament BCE/2002/8 ([5]). Qabel din l-informazzjoni kienet meħtieġa biss bħala parti mil-Linja ta' gwida BCE/1998/NP27 tat-22 ta' Diċembru 1998 li tikkonċerna ċerti ħtiġiet

([1]) ĠU L 356, 30.12.1998, p. 7.
([2]) ĠU L 229, 9.9.2000, p. 34.
([3]) Il-punt "karta tas-suq tal-flus" ma jibqax fis-seħħ b'effett minn Jannar 2003; strumenti finanzjarji li qabel kienu ikklassifikati bħala karta tas-suq tal-flus fil-punt "sigurtajiet li ma jkunux ishma" skond ir-Regolament BCE/2001/13.
([4]) ĠU L 333, 17.12.2001, p. 1.
([5]) ĠU L 330, 6.12.2002, p. 29.

▼B

ta' rappurtaġġ tal-Bank Ċentrali Europew u l-proċeduri għar-rappurtaġġ mill-banek ċentrali nazzjonali ta' l-informazzjoni statistika fil-qasam ta' l-istatistiċi bankarji u tal-flus u l-aġġornamenti tagħha u l-ebda ħtieġa ma kienet tiġi direttament imposta fuq l-MFIs. B'riżultat ta' dan id-data kienu irrappurtati mill-BCNi lill-BCE bl-użu ta' data nazzjonali differenti li kienu disponibbli.

Tħassir/tnaqqis

8. Il-BCNi użaw sorsi ta' data differenti sabiex identifikaw tħassir/tnaqqis, bħal ma huma l-kont tal-profitt u tat-telf, dikjarazzjonijiet dwar transazzjonijiet, data dwar modifiki irrappurtati mill-MFIs jew stħarriġ speċjali. Madankollu, l-evidenza uriet li din l-informazzjoni setgħet ma kinetx kompluta. F'dawn il-każi, ġew użati stimi sabiex jagħmlu tajjeb għannuqqas. Per eżempju, analiżi statistiċi nieqsa ġew stmati bl-użu ta' piż ibbażat fuq stokks li kien baqa'; data disponibbli b'aktar tul ta' żmien jew b'inqas frekwenza ġew introdotti tard bħala reviżjonijiet jew ġew maqsuma sabiex tinkiseb il-frekwenza (ta' kull xahar) meħtieġa.

Valutazzjonijiet mill-ġdid tal-prezz

9. "Valutazzjonijiet mill-ġdid tal-prezz" (li qabel kienu magħrufa bħala "valutazzjonijiet mill-ġdid oħra tal-prezz") laqtu biss serje limitata ta' BSIs: fin-naħa tad-djun, il-punti "sigurtajiet tad-debitu maħruġa" u "karta tas-suq tal-flus" u, fin-naħa ta' l-assi, "sigurtajiet li ma jkunux ishma", "karta tas-suq tal-flus" u "ishma u ekwità oħra" u l-kontropartijiet tagħhom li kienu prinċipalment "kapital u riservi" kif inhuma inklużi fl-Anness I, Parti 2, Tab. 1 tar-Regolament BCE/1998/16.

10. It-tip u l-limitu tal-"valutazzjoni mill-ġdid tal-prezz" jiġu stabbiliti mill-metodu tal-valutazzjoni li jintuża. Għalkemm il-Gwida tal-Kumpilazzjoni ta' l-Istatistiċi Bankarji u tal-Flus tal-BCE-Linja ta' gwida mogħtija lill-BCNi għall-kumpilazzjoni ta' l-istatistiċi bankarji u tal-flus għas-sottomissjoni lill-BCE ([1])- tat rakkomandazzjoni biex iż-żewġ naħat tal-karta tal-bilanċ jiġu irreġistrati skond il-valur tas-suq, fil-prattika varjetà ta' metodi ta' valutazzjoni differenti kienu u għadhom jintużaw kemm fil-parti tad-djun kif ukoll fuq in-naħa ta' l-assi. Il-Gwida ta' Kumpilazzjoni issuġġeriet li dan kien aċċettabbli sakemm il-valur tal-ktieb ma kienx ivarja b'mod sinifikanti mill-valur tas-suq.

11. Fil-parti tad-djun tal-karta tal-bilanċ, il-prattika normali tal-kontabilità tkun għas-sigurtajiet negozzjabbli li għandhom jiddaħlu b'valur fiss, bħal ma huma l-valur nominali, il-valur tal-ħruġ u l-valur tar-rimborż. Mhux komuni għall-aġenti li jirrapportaw li jużaw valutazzjoni li tkun relatata mas-suq. Fil-parti ta' l-assi tal-karta tal-bilanċ, ishma tas-sigurtajiet jistgħu jiġu irreġistrati bl-użu tal-prezz tas-suq, il-prezz tax-xiri, l-aktar prezz baxx bejn dak tas-suq u dak tax-xiri jew il-valur tar-rimborż skond il-prattika standard tal-kontabilità.

12. Fejn il-ħruġ ta' sigurtajiet jew ishma kienu ingħataw valur relatat mas-suq, il-BCNi ġew mitluba jipprovdu modifiki. Fejn is-sigurtajiet ġew irreġistrati bi prezz li ma jvarjax, modifika setgħet tintbagħat jekk it-transazzjoni tkun saret bi prezz differenti. B'mod ġenerali, kien mistenni li s-sigurtajiet tad-debitu b'maturità oriġinali li tkun qasira (anqas minn sentejn) jew karta tas-suq tal-flus ikunu suġġetti għal tibdiliet li ma jkunux frekwenti u għal tibdiliet modesti tal-valur. Għal din ir-raġuni, jista' ma jkunx hemm bżonn ta' provvista ta' modifiki għal dawn il-punti.

13. Meta jintuża l-valur tas-suq, tibdiliet kontinwi u b'pnssibbiltà ta' ċertu daqs għandhom iseħħu fil-valur tas-sigurtajiet irreġistrati fil-karta tal-bilanċ, li jirriflettu l-mod li bih il-prezzijiet tas-suq ikunu qed jinbidlu. Metodi ta' valutazzjoni oħra (bħal ma huma l-anqas tal-valur tax-xiri/suq, il-prezz tal-ħruġ eċċ.) jistgħu joħolqu valutazzjonijiet irreġistrati b'anqas frekwenza u li jkunu b'xi mod iżgħar.

14. L-effetti tal-valutazzjoni mill-ġdid ma jidhrux b'mod dirett mill-istatistiċi tal-karta tal-bilanċ, u jekk ir-Regolament BCE/1998/16 ma jkunx stabbilixxa kif il-modifiki għandhom jiġu irreġistrati, dawn ikollhom jiġu identifikati b'mod indirett. Tlett approċċi kienu possibbli:

([1]) April 1998.

▼B

14.1. L-informazzjoni setgħet kienet disponibbli minn data irrappurtati b'mod speċjali u li għandhom x'jaqsmu mal-portafoll tas-sigurtajiet (eż. fid-dikjarazzjonijet ta' kontabilità li jikkomplementaw)

14.2. Kien possibbli li jinġabru d-data neċessarji mill-informazzjoni li tinsab fil-kont tal-profitt u tat-telf. Il-mod li bih it-tibdiliet fil-valur jiġu rikonoxxuti fil-kont tal-profitt u tat-telf jiddependi fuq l-għan li għalih is-sigurtajiet jinżammu. Tibdiliet fil-valur fil-portafoll tal-kummerċ (li b'mod ġenerali jkunu daqs il-valuri tas-suq) jiġu inklużi taħt "profitt nett jew telf nett fuq operazzjonijiet finanzjarji" ([1]). Tibdiliet fil-valur fil-portafoll ta' l-investiment/assi finanzjarji fissi (ġeneralment inklużi taħt il-valur tal-ktieb) jiġu inklużi taħt "modifiki fil-valur (u modifiki mill-ġdid) fir-rigward tas-sigurtajiet trasferibbli li jkunu miżmuma bħala assi finanzjarji fissi, interessi u ishma li jipparteċipaw fl-impriżi assoċjati" ([2]). Id-diffikultà kienet li l-kont tal-profitt u tat-telf ma setgħax jipprovdi l-livell meħtieġ tad-dettall. Aktar minn hekk, id-data ma setgħux ikunu disponibbli kull xahar u, anke li kieku setgħu, tibdiliet fil-valutazzjni m'humiex normalment rikonoxxuti b'din il-frekwenza.

15. L-Istimi setgħu jinkisbu bl-użu ta' l-indiċi tal-prezz tas-sigurtajiet individwali jew tal-klassijiet tas-sigurtajiet. Madankollu, dan l-approċċ kien jassumi d-disponibilità ta' analiżi statistika tal-portafoll tas-sigurtajiet ta' l-MFI li tkun dettaljata biżżejjed. L-applikazzjoni ta' figuri ta' l-indiċi li jirriflettu l-prezzijiet tas-suq setgħu jintużaw bħala indikazzjoni għall-istimi. Billi din l-informazzjoni normalment tkun disponibbli biss darba jew darbtejn f'sena, l-istimi setgħu jintużaw biex jagħmlu tajjeb għan-nuqqas. Billi s-sitwazzjoni kienet tvarja minn pajjiż għall-ieħor, il-BCNi kellhom jadattaw is-sorsi tad-data nazzjonli li jkunu disponibbli.

16. Fir-rigward ta' l-applikazzjoni tal-modifika tal-valutazzjoni mill-ġdid tal-prezz għall-MMFs, il-parti ta' l-assi tal-karta tal-bilanċ ta' l-MMFs ma kienet tirrikjedi l-ebda trattament speċjali hekk kif hija diġà koperta fl-intier tagħha mill-parti prinċipali tal-Manwal tal-Proċeduti li jinsab fil-Linja ta' gwida BCE/2000/13 tat-13 ta' Novembru 2000 li tikkonċerna ċerti ħtiġiet ta' rappurtaġġ għall-istatistiċi tal-Bank Ċentrali Europew u l-proċeduri għar-rappurtaġġ ta' l-informazzjoni statistika mill-banek ċentrali nazzjonali fil-qasam ta' l-istatistiċi bankarji u tal-flus u l-ebda eżenzjoni ma kienet permessa. Kważi l-parti kollha tad-djun tikkonsisti mill-punt "ishma/unitajiet tal-fond tas-suq tal-flus", li fir-rigward tiegħu l-ebda modifika ta' valutazzjoni mill-ġdid ma ġiet irrappurtata ([3]).

▼M2

Perjodu transizzjonali dwar l-aġġustament ta' valutazzjoni mill-ġdid

16a Regolament BĊE/2001/13 stabbilixxa li, għal perjodu transizzjonali ta' 12-il xahar, il-ħtiġijiet ta' kanċellamenti/żvalutazzjonijiet ta' self u valutazzjonijiet mill-ġdid tal-prezz fuq *data* tat-titoli jistgħu jiġu rrapportati lill-BĊE b'dewmien ta' xahar ieħor mill-għeluq tan-negozju fil-15-il jum ta' xogħol mit-tmiem tax-xahar li għandha x'taqsam miegħu id-*data*. Madankollu, il-BĊN li applikaw id-dispożizzjoni transizzjonali baqgħu jibagħtu *data* fuq is-serje ta' aġġustamenti ta' valutazzjoni mill-ġdid ta' kull xahar li qabel kienu koperti mil-Linjagwida BĊE/2002/5 bl-istess perjodiċità tas-serje ta' l-istokk li tikkorrispondi. Kellhom l-għażla li jipprovdu *data* proviżorja jew stmata li mbagħad kienet tiġi riveduta fit-trasmissjoni tad-*data* ta' kull xahar ta' wara.

▼B

***Data* ta' kull kwart tas-sena**

17. Fil-waqt li il-BCNi kollha taż-żona ewrokienu f'posizzjoni li jipprovdu l-modifiki tal-klassifikazzjonijiet mill-ġdid relevanti ta' kull kwart, id-disposizzjoni ta' tħassir/tnaqqis u "modifiki ta' valutazzjoni mill-ġdid" fuq id-data ta' kull kwart kienet aktar diffiċli. Fil-waqt li ttieħed kont ta' dawn id-diffikultajiet, id-data ġew sottomessi skond il-pjan li ġej:

17.1. Il-BCNi kollha taż-żona ewrobagħtu l-"klassifiazzjonijiet mill-ġdid u modifiki oħra" relevanti msemmija fid-data ta' l-istokk li tinsab fir-Rego-

([1]) L-Artikolu 32.1 tad-Direttiva tal-Kunsill 86/635/KEE tat-8 ta' Diċembru 1986 fuq il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati tal-banek u l-istituzzjonijiet finanzjarji oħra, ĠU L 372, 31.12.1986, p. 1.

([2]) L-Artikolu 34 tad-Direttiva 86/635/KEE.

([3]) Il-kontroparti tal-valutazzjoni mill-ġdid tal-parti ta' l-assi, fil-każ ta' l-MMFs, mhix "ishma/unitajiet tal-fondi tas-suq tal-flus", imma "djun li jibqa'".

▼B

lament BCE/1998/16, Anness I, Parti 2, Tabelli 2 u 3, inklużi d-data storiċi li jibdew mill-inqas minn u jinkludu Settembru 1997.

17.2. Fejn kienu disponibbli, il-BCNi taż-żona ewrobagħtu l-modifiki relevanti tal-"modifiki ta' valutazzjoni mill-ġdid" fuq ir-Regolament BCE/1998/16, Anness I, Parti 2, Tabelli 2 u 3, inklużi d-data storiċi li jibdew minn u jinkludu Settembru 1997.

▼B

Appendiċi 2

EFFETTI TA' GĦAQDIET, AKKWISTI U DIVISJONIJIET FUQ IL-KUMPILAZZJONI TAL-FLUSSI

Għaqda ta' żewġ istituzzjonijiet monetarji finanzjarji (MFIs) jew aktar f'MFI ġdida.

Meta isseħħ għaqda, żewġ tipi differenti ta' entitajiet li ma jkunux transazzjonijiet jistgħu jinħolqu. L-ewwelnett, u probabbilment l-aktar importanti, bidla fil-valur ta' l-assi u tad-djun tista' sseħħ. Valutazzjoni mill-ġdid/żvalutar bħal din ma tkunx transazzjoni, għalhekk l-ammont involut jiġi irreġistrat taħt "modifiki ta' valutazzjoni mill-ġdid". Aktar minn hekk, kwalunkwe bilanċi li jibqa' bejn iż-żewġ istituzzjonijiet magħquda jiġu mħassra. Skond l-ESA 95 ([1]) (paragrafu 6.30) dan it-tħassir ma jkunx transazzjoni finanzjarja u għalhekk għandha tiġi inkluża modifika biex jitneħħa l-impatt mill-istatistiċi tal-flussi taħt "klassifikazzjonijiet mill-ġdid u modifiki oħra" (b'sinjal negattiv) ([2]).Fejn il-metodi ta' valutazzjoni ta' l-assi u tad-djun ikunu differenti, valutazzjoni mill-ġdid/żvalutar tal-punti netti għandha tiġi wkoll applikata.

Is-sorsi ta' l-informazzjoni għall-identifikazzjoni ta' dawn il-modifiki huma l-karti tal-bilanċ taż-żewġ istituzzjonijiet magħquda u l-ewwel karta tal-bilanċ ta' l-istituzzjoni l-ġdida. Idealment, l-istituzzjonijiet magħquda għandhom jiġu mitluba informazzjoni tal-karta tal-bilanċ kemm fuq bażi mhux magħquda kif ukoll fuq bażi magħquda skond iż-żmien meta l-għaqda sseħħ. B'dan il-mod, id-differenza bejn iż-żewġ karti tal-bilanċ mhux magħquda u l-karta tal-bilanċ magħquda b'mod totali tirrappreżenta l-flussi li ma jkunux tat-transazzjoni. Madankollu, ir-rati tat-tkabbir jiġu ikkalkolati mill-Bank Ċentrali Europew fuq is-supposizzjoni speċifika li l-modifiki ta' klassifikazzjoni mill-ġdid isiru fl-aħħar ta' kull xahar. Għalhekk ikun korrett li l-modifiki jkunu ibbażati fuq l-aħħar karti tal-bilanċ irrappurtati lill-bank ċentrali nazzjonali mill-istituzzjonijiet separati u fuq l-ewwel karta tal-bilanċ irrappurtata mill-istituzzjoni magħquda xahar wara. F'dan il-każ l-effett ta' l-għaqda u t-transazzjonijiet li jseħħu fix-xahar ta' bejn iż-żewġ osservazzjonijiet jiġu irrappurtati flimkien bħala modifika.

Akkwist ta' MFI waħda minn MFI oħra

Din l-operazzjoni hija simili ħafna għall-għaqda u ż-żewġ tipi ta' entitajiet li ma jkunux transazzjonijiet kif identifikati hawn fuq jistgħu jinħolqu. Madankollu, hemm differenza waħda: minflok ma jkun hemm tliet karti tal-bilanċ minn tliet istituzzjonjiet differenti, f'dan il-każ ikun hemm żewġ karti tal-bilanċ mill-istituzzjoni li qed tagħmel l-akkwist u karta tal-bilanċ oħra mill-istituzzjoni li tkun ġiet akkwistata. Madankollu, il-proċedura għall-identifikazzjoni ta' l-impatt ta' l-akkwist tkun l-istess bħal dik ta' għaqda. Għal darb'oħra, idealment, l-istituzzjonijiet li jagħmlu l-akkwist u dawk akkwistati għandhom jiġu mitluba informazzjoni fuq il-karta tal-bilanċ kemm dik ta' qabel l-akkwist kif ukoll dik ta' wara l-akkwist skond iż-żmien ta' meta jsir l-akkwist. Madankollu, soluzzjoni li taqbel ħafna mal-kalkolazzjoni tar-rati tat-tkabbir hija dik ta' modifika li ssir fuq bażi ta' l-aħħar karti tal-bilanċ irrappurtati mill-istituzzjonijiet separati u mill-ewwel karta tal-bilanċ ta' wara l-akkwist ta' l-istituzzjoni li tkun għamlet l-akkwist.

Divisjoni ta' MFI f'żewġ MFIs differenti

Din l-operazzjoni hija l-kontra ta' għaqda. Madankollu, kwalunkwe bidla fil-valutazzjoni ta' l-assi/djun ikollha l-istess impatt bħal ma jkollha f'għaqda. Hawnhekk ukoll, il-bilanċi vis-à-vis MFIs oħra jistgħu jinkludu ammonti bejn iż-żewġ istituzzjonijiet li ma jkunux miħabba transazzjonijiet. Dawn l-ammonti jiġu inklużi bħala modifika fil-"klassifikazzjonijiet mill-ġdid u modifiki oħra" (bis-sinjal posittiv).

L-informazzjoni disponibbli f'dan il-kuntest hija differenti. Jekk jinħolqu żewġ istituzzjonijiet ġodda, ikun hemm karta tal-bilanċ waħda mill-istituzzjoni ta' qabel u żewġ karti tal-bilanċ mill-istituzzjonijiet ġodda. Il-proċeduri maħsuba elenkati hawn fuq jistgħu jsiru applikabbli f'dan il-każ billi jittieħed kont taż-żmien tad-divisjoni u mhux taż-żmien ta' l-għaqda, u permezz ta' l-użu ta' l-informazzjoni relevanti fil-każ tad-divisjoni.

([1]) Is-Sistema Europea tal-Kontabilità 1995, li tinsab fl-Anness A tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar is-sistema Europea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fil-Komunità, ĠU L 310, 30.11.1996, p. 1, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 359/2002 tal-Parlament Europew u tal-Kunsill, ĠU L 58, 28.2.2002, p. 1.

([2]) Fl-ESA 95 għaqdiet huma ikkonsidrati bħala bidla fl-istruttura, ara "tibdiliet fil-klassifikazzjoni u l-istruttura settorali" (K.12.1).

▼B

Għaqdiet, akkwisti u divisjonijiet meta waħda mill-istituzzjonijiet ma tkunx MFI

Fit-tlett każijiet kollha, fejn istituzzjoni waħda ma tkunx MFI, ikun hemm ukoll bidla fil-popolazzjoni ta' l-MFI [1]. L-impatt ta' meta istituzzjoni waħda tingħaqad/tħalli is-settur ta' l-MFI jista' jikkomplika l-impatt ta' kwalunkwe valutazzjoni mill-ġdid u tat-tibdiliet fil-posizzjonijiet vis-à-vis kemm l-MFIs kif ukoll setturi residenti oħra, u jagħmilha diffiċli li xi tip ta' modifika tingħaraf minn oħra.

Fil-prinċipju, id-data għandhom ikunu mfittxija mill-istituzzjonijiet kollha involuti, għalkemm huwa rikonoxxut li d-data fuq il-karta tal-bilanċ li ma tkunx ta' l-MFI jistgħu ma jkunux disponibbli. Inkella għandha ssir stima tat-transazzjonijiet ta' l-istituzzjoni li qabel din l-operazzjoni kienet MFI u li tibqa' hekk anke wara (jista' jkun fuq il-bażi tat-tendenza li tkun ġiet ippreżentata mid-data disponibbli għax-xhur ta' qabel). Il-bqija tad-differenza bejn iż-żewġ karti tal-bilanċ hija inkluża fil-"klassifikazzjonijiet mill-ġdid u modifiki oħra".

Effetti fuq l-aggregazzjonijiet monetarji/tal-kredtu ta' l-għaqdiet, akkwisti u d-diviżjonijiet

Il-probabilità li l-aggregazzjonijiet monetarji/tal-kredtu ikunu milquta b'dawn l-iżviluppi hija żgħira, iżda ma tistax tiġi injorata. Ir-raġunijiet prinċipali li jistgħu jwasslu biex dawn jiġu milquta huma:

— Tibdiliet fil-popolazzjoni li tirrapporta: dawn ma jkunux ikkawżati mill-għaqda/akkwist/diviżjoni innifishom, iżda permezz ta' bidla biss fis-settur ta' istituzzjoni.

— Valutazzjoni mill-ġdid: valutazzjoni mill-ġdid tista' tkun assoċjata ma' għaqda/akkwist u tista' tolqot kważi l-punti kollha. Huwa mistenni li tolqot aktar il-parti ta' l-assi tal-karta tal-bilanċ.

— Tisħiħ tal-bilanċi bejn iż-żewġ istituzzjonijiet: dan l-iżvilupp jista' jimmodifika biss l-aggregazzjonijiet tat-tip monetarji/tal-kredtu jekk il-metodi ta' valutazzjoni ta' l-assi u tad-djun ikunu differenti. F'każ bħal dan, tkun biss il-bidla fil-valur li jkollha xi effett fuq l-aggregazzjonijiet tat-tip monetarji/tal-kredtu, fil-waqt li "bidla fl-istruttura" (tisħiħ) mhux mistenni li jkollha xi impatt fuq dawn l-aggregazzjonijiet.

[1] Bidla fil-popolazzjoni li tirrapporta ma timplikax neċessarjament bidla fin-numru ta' istituzzjonijiet li jirrapportaw. Huwa n-negozju li ma kienx qed jiġi irrappurtat u issa dan huwa li jagħmel id-differenza.

▼B

Appendiċi 3

TRATTAMENT TA' L-AKKWIST TAD-DEJN

Definizzjoni ta' l-akkwist tad-dejn

1. L-akkwist tad-dejn hija operazzjoni li normalment tinvolvi li l-gvern ċentrali jieħu post il-korporazzjonijiet pubbliċi (parti mis-setturi residenti l-oħra) bħala id-debitur fir-rigward tas-self li oriġinarjament kien mogħti mill-banek (is-settur ta' l-istituzzjoni monetarja finanzjarja (MFI)). Din l-operazzjoni finanzjarja tista' sseħħ ukoll bejn is-setturi l-oħra istituzzjonali. F'dan il-każ it-trattament għandu jkun l-istess.

2. Billi l-akkwist tad-dejn ikollu impatt fuq il-karta tal-bilanċ ta' l-MFI, huwa importanti li jkun assigurat it-trattament korrett ta' l-aspetti finanzjarji ta' l-operazzjoni fl-istatistiċi bankarji u tal-flus. Dan l-Appendiċi jelenka t-trattament statistiku li jkun meħtieġ għall-akkwist tad-dejn.

Trattament Statistiku

3. L-akkwist tad-dejn li jkun jinvolvi relazzjoni triangolari bejn il-gvern ċentrali, is-setturi residenti l-oħra u s-settur ta' l-MFI għandu jkun irreġistrat kif ġej ([1]). L-akkwist tad-dejn mill-gvern ċentrali ikun ittrattat bħala trasferiment kapitali mill-gvern ċentrali (l-entità li takkwista d-dejn) għas-settur residenti l-ieħor (debitur). Il-kontroparti finanzjarja tar-riċevuta tal-kapital mis-setturi residenti l-oħra tkun tnaqqis fis-self ta' l-MFI lis-setturi residenti l-oħra (i.e. il-pagament mill-ġdid lis-settur ta' l-MFI tad-dejn oriġinali tas-setturi residenti l-oħra), bil-kontroparti finanzjarja tal-pagament kapitali tal-gvern ċentrali irreġistrata bħala żieda fis-self ta' l-MFI lill-gvern ċentrali.

4. Għalhekk, fl-istatistiċi tal-flussi ikkompilati fir-rigward tal-karta tal-bilanċ ta' l-MFI jidhru żewġ transazzjonijiet finanzjarji separati: il-pagament mill-ġdid tad-dejn tas-setturi residenti l-oħra lis-settur ta' l-MFI u, fl-istess ħin, l-għoti ta' self mis-settur ta' l-MFI lill-gvern ċentrali. In-nuqqas ta' kwalunkwe ċaqlieq ta' flus kontanti bejn il-partijiet ikkonċernati ma jbiddilx l-importanza ekonomika ta' l-operazzjoni u lanqas it-trattament statistiku tagħha.

5. Fil-karta tal-bilanċ ta' l-MFI u fl-istatistiċi relatati ikkompilati skond ir-Regolament BCE/2001/13 tat-22 ta' Novembru 2001 li jikkonċerna l-karta tal-bilanċ konsolidata tas-settur ta' l-istituzzjonijet monetarji finanzjarji ([2]) kif emendat bir-Regolament BCE/2002/8 ([3]), l-akkwist tad-dejn għandu jiġi trattat kif ġej:

5.1. Għall-istatistiċi tal-karta tal-bilanċ ta' l-MFI, l-att ta' akkwist ta' dejn jiġi awtomatikament irreġistrat fil-karta tal-bilanċ bħala tnaqqis fl-istokk tas-self ta' l-MFI lis-setturi l-oħra residenti u jkun ikkomplementat b'żieda fis-self ta' l-MFI lis-settur tal-gvern (ġenerali) fl-istatistiċi tal-karta tal-bilanċ ta' kull xahar (Tab. 1). F'analiżi statistika aktar dettaljata, l-operazzjoni tidher bħala tnaqqis fis-self ta' l-MFI għall-korporazzjonijiet li ma jkunux finanzjarji (Tab. 1) jew; fejn il-korporazzjoni pubblika tkun intrapriża finanzjarja,

([1]) L-ESA 95 (Is-Sistema Europea tal-Kontabilità 1995, inkluża fl-Anness A għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 tal-25 ta' Ġunju 1996 fuq is-sistema Europea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali tal-Komunità, ĠU L 310, 30.11.1996, p. 1, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 359/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 58, 28.2.2002, p. 1) titratta l-akkwist tad-dejn bħala trasferiment tal-kapital, i.e. it-"transazzjoni kontroparti ta' l-akkwist tad-dejn… hija klassifikata fit-trasferimenti ta' kategorija tal-kapital" (paragrafu 5.16) u, b'definizzjoni, il-kontroparti finanzjarja ta' trasferiment tal-kapital hija transazzjoni. Billi l-interpretazzjoni ta' l-ESA 95 kif imsemmija hawnhekk u t-trattament propost ta' l-akkwist tad-dejn fl-istatistiċi tal-karta tal-bilanċ ta' l-MFI hija konformi mat-trattament ta' l-akkwist tad-dejn fil-kontijiet finanzjarji taż-żona euro, l-attenzjoni għandha tingħata għall-preżenza ta' ċertu eċċezzjonijiet tar-regola li permezz tagħhom l-akkwist tad-dejn ikun meqjus bħala trasferiment tal-kapital (elenkat fl-ESA 95 paragrafi 5.16. 6.29 u 6.30). Madankollu, dawn l-eċċezzjonijiet japplikaw biss fejn l-akkwist tad-dejn ikun jinkludi li gvern ċentrali jassorbi korporazzjoni pubblika, i.e. idaħħal il-korporazzjoni fil-gvern ċentrali. F'dan il-każ, l-operazzjoni m'għandiex titqies bħala transazzjoni finanzjarja iżda bħala klassifikazzjoni mill-ġdid ta' settur (mis-setturi l-oħra residenti għall-gvern ċentrali). Sabiex jitneħħa l-impatt minn fuq il-flussi ta' din il-klassifikazzjoni mill-ġdid ta' settur, il-banek ċentrali nazzjonali (BCNi) għandhom jingħabu modifika għal din il-klassifikazzjoni mill-ġdid.

([2]) ĠU L 333, 17.12.2001, p. 1.

([3]) ĠU L 330, 6.12.2002, p. 29.

▼B

għall-intermedjarji l-oħra u żieda fis-self ta' l-MFI lill-gvern ċentrali (Tabella 2).

5.2. Għad-data li jimmodifikaw li jintużaw għall-kumpilazzjoni tal-flussi, fl-istatistiċi bankarji u tal-flus taż-żona euro, il-flussi ta' transazzjoni (finanzjarji) jiġu ikkalkolati bħala d-differenza ta' l-istokks li jibqa' bit-tnaqqis ta' kull modifika li ma tkunx transazzjoni. Għalhekk, it-tnaqqis fis-self ta' l-MFI għas-setturi residenti l-oħra u ż-żieda fis-self ta' l-MFI lill-gvern ġenerali jiġu irreġistrati speċifikament bħala transazzjonijiet finanzjarji, mingħajr il-bżonn ta' aktar interventi fil-figuri. Ma jkun hemm l-ebda ħtieġa għall-BCNi li jipprovdu xi data tal-modifiki fir-rigward ta' l-operazzjonijiet finanzjarji.

Eżempju b'annotazzjonijiet tal-kontabilità

6. L-ewwel parti ta' dan l-eżempju tirrappreżenta l-annotazzjonijiet fil-kont ta' matul il-proċess kollu li jkunu relatati ma' l-akkwist tad-dejn fil-forma ta' T-diagrams. It-tieni parti, fit-taqsima li jmiss, tqabbel l-akkwist tad-dejn ma' pagamenti oħra li jkunu saru mill-gvern ċentrali lis-setturi residenti l-oħra, u kif dawn jiġu riflessi fit-termini tal-kontabilità.

7. Il-bidu ta' din l-operazzjoni huwa self li oriġinarjament jingħata minn bank (MFI) lill-korporazzjoni ta' proprjetà pubblika (fis-setturi residenti l-oħra). B'mod ġenerali s-self ikun iggarantit mill-gvern ċentrali. Meta s-self jingħata, l-annotazzjonijiet li ġejjin jidħlu fis-seħħ b'ċertu metodu ([1]):

MFI		Setturi oħra residenti		Gvern ċentrali	
A	L	A	L	A	L
- Flus kontanti + Self lil setturi oħra residenti	Depositi -	+ Flus kontanti	Self mill-MFI +		

8. Aktar tard, il-korporazzjoni ma tkunx kapaċi tħallas lura s-self, u għalhekk il-gvern ċentrali jieħu r-responsabbilità tad-dejn. Minn hemm -il quddiem, id-debitur ma jibqgħux is-setturi residenti l-oħra, imma jkun il-gvern ċentrali. L-annotazzjonijiet huma kif ġej ([2]):

MFI		Setturi oħra residenti		Gvern ċentrali	
A	L	A	L	A	L
+ Self lill-gvern ċentrali - Self lil setturi oħra residenti	Depositi -		Kapital + Self mill-MFI -		Kapital - Self mill-MFI +

9. Għalhekk, fil-karta tal-bilanċ ta' l-MFI ikun hemm biss bidla fis-settur tas-self tal-kontroparti. Din il-bidla hija reali, hekk kif hija timxi mar-regoli li għandhom x'jaqsmu ma' trasferiment reali bejn il-gvern ċentrali u s-setturi residenti l-oħra. L-annotazzjoni fil-kont tal-kapital issir minħabba t-trasferiment tal-kapital li jseħħ.

10. Il-flus kontanti m'humiex inklużi fl-eżempju t'hawn fuq, iżda li kieku kienu, is-sitwazzjoni finali kienet tkun l-istess. F'każ li l-gvern ċentrali jiffinanzja l-akkwist tad-dejn billi jnaqqas id-depositi, u mhux billi jżid is-self, għandu jirriżulta ċaqlieq triangolari mingħajr ebda riżultat nett finali, kif jidher hawn taħt.

([1]) It-tifsiriet tas-sinjali huma kif ġej: + tfisser żieda, - tfisser tnaqqis, - tfisser l-ebda tnaqqsis f'dak il-punt.

([2]) It-terminoloġija li tintuża għall-kontijiet hija dik tal-karta tal-bilanċ ta' l-MFI. Għalhekk "kapital" tfisser "kont tal-profitt u tat-telf" fil-każ tas-setturi l-oħra residenti u tfisser "kredti u debiti netti" fil-każ tal-gvern ċentrali.

▼B

Fl-ewwel parti, il-gvern ċentrali jissellef il-flus mill-MFI:

MFI		Setturi oħra residenti		Gvern ċentrali	
A	L	A	L	A	L
+ Self lill-gvern ċentrali - Flus kontanti - Self lil setturi oħra residenti			Self mill-MFI -	+ Flus kontanti	Self mill-MFI +

Fit-tieni parti, il-gvern ċentrali jagħmel trasferiment ta' flus kontanti lis-setturi residenti l-oħra:

MFI		Setturi oħra residenti		Gvern ċentrali	
A	L	A	L	A	L
- Self lill-gvern ċentrali - Self lil setturi oħra residenti		+ Flus kontanti	Kapital + Self mill-MFI -	- Flus kontanti	Kapital - Self mill-MFI -

Fit-tielet parti, is-setturi residenti l-oħra jużaw il-flus kontanti li jkunu rċevew mill-gvern ċentrali biex jiffinanzjaw il-pagament lura tad-dejn lill-MFI:

MFI		Setturi oħra residenti		Gvern ċentrali	
A	L	A	L	A	L
- Self lill-gvern ċentrali - Self lil setturi oħra residenti + Flus kontanti		- Flus kontanti	Kapital - Self mill-MFI -		Kapital - Self mill-MFI -

Kif jidher aktar il-fuq, il-flus kontanti jidhru darbtejn b'sinjali differenti f'kull karta tal-bilanċ. Għalhekk l-effett nett huwa xejn.

Pagamenti oħra mill-gvern ċentrali

11. Għall-għanijiet sabiex isir tqabbil ma' operazzjonijiet fejn isir l-akkwist tad-dejn, l-annotazzjonijiet tal-kontabilità li jikkorrispondu ma' trasferimenti oħra mill-gvern ċentrali huma ippreżentati hawn taħt. Trasferiment mill-gvern ċentrali għas-setturi residenti l-oħra normalment iseħħ f'forma ta' pagament bi flus kontanti/depositu. Il-gvern ċentrali jkollu depositi ma' banek jew mal-bank ċentrali, u dawn id-depositi jintużaw biex isiru l-ħlasijiet għall-infieq. Għalhekk, meta l-gvern ċentrali jagħmel pagament minħabba trasferiment lis-setturi residenti l-oħra, l-annotazzjonijiet ikunu kif ġej:

MFI		Setturi oħra residenti		Gvern ċentrali	
A	L	A	L	A	L
	Depositu mill-gvern ċentrali- Depositu minn setturi oħra residenti +	+ Depositu mill-MFI	Kapital +	Depositu mill-MFI -	Kapital -

▼B

12. Id-dettalji ta' dan it-trasferiment huma l-istess bħal dawk fil-każ ta' fejn isir l-akkwist tad-dejn, bl-annotazzjonijiet ivarjaw biss sal-punt li strumenti finanzjarji differenti jiġu użati fl-operazzjoni. Għall-analiżi monetarja, id-differenza tkun li l-akkwist tad-dejn mill-gvern ċentrali jolqot l-aggregazzjonijiet tal-kredtu (self lis-setturi residenti l-oħra jonqsu, fil-waqt li self lill-gvern ċentrali jiżdiedu), fil-waqt li l-istess trasferiment tal-kapital imħallas fi flus kontanti jolqot l-aggregazzjonijiet monetarji (depositi għand il-gvern ċentrali jonqsu -li jkunu fis-settur newtrali tal-flus, fil-waqt li jiżdiedu d-depositi fis-setturi l-oħra residenti - li jkunu fis-settur ta' detenzjoni tal-flus). Fiż-żewġ każi, madankollu, ikun hemm transazzjoni finanzjarja, sabiex l-ebda modifika ma tkun meħtieġa.

▼B

Appendiċi 4

TRATTAMENT TA' SIGURTAZZJONI U TRASFERIMENTI TA' SELF FIL-KUNTEST TAL-KISBA TA' L-ISTATISTIĊI TAL-FLUSSI

Introduzzjoni

1. "Sigurtazzjoni" hija mfissra bħala proċess fejn il-finanzi jkunu jistgħu jinkisbu minn investituri esterni billi dawn tingħatalhom l-opportunità jinvestu f'pakketti ta' assi finanzjarji speċifiċi. Din titlob biex l-istituzzjoni finanzjarja monetarja (MFI) jew tbigħ self lil terzi partijiet, li minn naħa tagħhom dawn jużaw is-self biex isostnu l-ħruġ ta' sigurtajiet, jew takkwista sigurtajiet negozzjabbli sabiex jieħdu post is-self.

2. "Trasferiment ta' self" hija operazzjoni simili bħal sigurtazzjoni fejn l-MFIs ibiegħu self lill-investituri fi proċess li ma jkunx jinvolvi l-ħruġ ta' sigurtajiet. Madankollu, l-iskop ekonomiku ta' din l-operazzjoni u t-trattament statistiku tagħha huwa f'xi aspetti simili għas-sigurtazzjoni.

3. Dan l-Appendiċi jippreżenta t-trattament tas-sigurtazzjoni u t-trasferimenti ta' self fil-kuntest tal-kisba ta' statistiċi tal-flussi. Kull operazzjoni hija deskritta, l-iskop ekonomika tagħha spjegat, u t-trattament statistiku tagħha mfisser bis-saħħa ta' T-diagrams. Dan l-Appendiċi jikkonkludi b'referenza għall-ħruġ ta' sigurtajiet ta' l-MFI li jkunu sostnuti mill-assi u ta' valutazzjonijiet mill-ġdid fil-kuntest tas-sigurtazzjoni.

Sigurtazzjoni

4. Din l-operazzjoni tikkonsisti fil-bejgħ ta' self mill-MFI lil xi intermedjarju u wara l-ħruġ (jew fl-istess ħin) ta' sigurtajiet minn dak l-intermedjarju li jkun sostnut mis-self jew fl-akkwist ta' sigurtajiet mill-MFI li jkunu nħarġu mid-debitur sabiex jieħdu post is-self (mingħajr l-involviment ta' xi intermedjarju). Iż-żewġ tipi ta' operazzjoni joħolqu l-istess riżultat fil-karta talbilanċ ta' l-MFI. Ta' l-ewwel hija ferm aktar komuni. Madankollu, it-tieni waħda ser tiġi spjegata l-ewwel, peress li hija inqas kumplessa.

Sigurtazzjoni mingħajr intermedjarju u trasferimenti ta' self

5. *Deskrizzjoni*: Din l-operazzjoni issir meta "sigurtà ġdida tinħareġ (mid-debitur oriġinali) sabiex tieħu post l-attiv oriġinali, li jkun attwalment likwidat" (ESA 95 [1], paragrafu 5.63) u din is-sigurtà tkun fl-istess ħin mibjugħa lill-investituri ta' terzi partijiet.

6. *Sens ekonomiku*: L-operazzjoni tinvolvi li l-kreditur ta' l-MFI jitħallas lura is-self oriġinali mid-debitur. Dan il-ħlas mill-ġdid huwa iffinanzjat mid-debitur li joħroġ is-sigurtajiet. Is-sigurtajiet maħruġa mid-debitur jistgħu fit-teorija jinżammu għal ftit żmien mill-kreditur ta' l-MFI, iżda b'mod ġenerali dawn jinbiegħu lura lill-investituri.

7. Jeżistu ċertu dubji dwar jekk din it-tip ta' operazzjoni hix imxerrda ħafna, hekk kif huma biss il-korporazzjonijiet -il kbar u l-korpi pubbliċi li huma kapaċi joħorġu sigurtajiet fil-prattika.

8. Jekk l-operazzjoni ma tkunx tinvolvi il-bidla tas-self f'sigurtajiet (i.e. jekk l-istrument mibjugħ lill-investituri jibqa' mhux negozzjabbli), f'dan il-każ għandu jseħħ trasferiment tad-dejn. Madankollu trasferiment ta' self b'mod ġenerali jitwettaq permezz tat-tqassim tas-self oriġinali f'unitajiet iżgħar, li imbagħad jinbiegħu mill-kreditur ta' l-MFI, flimkien mal-benefiċċji/riskji, lit-terzi partijiet.

9. *Trattament statistiku*: Minn naħa ta' kreditur ta' l-MFI, is-sigurtazzjoni, b'mod ġenerali, tinvolvi il-bejgħ tas-self għall-flus kontanti — L-MFI tirċievi flus kontanti mingħand id-debitur bħala pagament lura tas-self. Din hija meqjusa bħala tnaqqis fis-"self lill-entitajiet li ma jkunux MFIs" u żieda fil-"flus kontanti/depositi". Id-debitur jiffinanzja dan il-

[1] Fis-Sistema Europea tal-Kontabilità 1995, li tinsab fl-Anness A għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 tal-25 ta' Ġunju 1996 fuq is-sistema Europea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fil-Komunità, ĠU L 310, 30.11.1996, p. 1, kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 359/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 58, 28.2.2002, p. 1.

▼B

-pagament lura tas-self permezz tal-qliegħ li jinħoloq mill-ħruġ ta' sigurtajiet ([1]). L-MFI jistgħu jirċievu mingħand id-debitur is-sigurtajiet maħruġa minflok il-flus kontanti. F'dak il-każ, l-MFI għandha titratta l-kontrparti għat-tnaqqis fis-"self" bħala żieda fis-"sigurtajiet li ma jkunux ishma". B'mod ġenerali l-MFI imbagħad tbiegħ is-sigurtajiet -il ġodda lill-investituri ta' terza parti. F'dawn iż-żewġ każi, l-MFI hija permessa tneħħi is-self/sigurtajiet mill-karta tal-bilanċ tagħha jekk ir-"riskji u l-kisbiet" tad-dritt tal-proprjetà ikunu trasferiti b'mod sħiħ lit-terzi partijiet. F'każ ta' trasferiment ta' self, għandha isseħħ bidla fil-karta tal-bilanċ meta l-bejgħ lit-terzi partijiet ikun lest.

10. Għal skopijiet statistiċi, il-bejgħ tas-self tal-kreditur ta' l-MFI għandu jkun trattat bħala transazzjoni finanzjarja. F'każi fejn is-self ikunu sigurtizzati, il-kreditur ta' l-MFI għandu jaċċetta jew il-flus kontanti jew (temporanjament) is-sigurtajiet -il ġodda maħruġa mid-debitur bħala pagament lura tas-self. F'każi fejn is-self ma jkunux sigurtizzati (trasferiment ta' self), l-MFI b'mod ġenerali għandha tirċievi l-flus kontanti mingħand id-debitur (iffinanzjati permezz tal-bejgħ tas-self lill-investituri ta' terzi partijiet). Dawn l-operazzjonijiet huma meqjusa bħala transazzjonijiet finanzjarji. Billi dawn l-operazzjonijiet huma transazzjonijiet (flussi veri), l-ebda modifika ma tkun irrappurtata. Dan it-trattament huwa konsistenti ma' l-ESA 95 (paragrafu 5.62k), li tispeċifika li l-konverżjoni ta' self f'sigurtajiet "tinvolvi żewġ transazzjonijiet finanzjarji: il-likwidazzjoni tas-self u l-ħolqien ta' sigurtajiet ġodda".

11. *Illustrazzjoni*: It-trasferiment ta' sigurtazzjoni/self huwa sempliċiment il-bejgħ ta' self lil xi parti terza. Huwa jidher fil-karta tal-bilanċ ta' l-MFI bħala bejgħ tas-self b'annotazzjoni tal-kontroparti fi flus kontanti (jew depositi).

MFI	
A	L
+ 100 Flus kontanti - 100 Self	

12. B'mod alternattiv, l-operazzjoni tista' tinqasam f'żewġ partijiet:

13. Parti 1: Il-bidu huwa s-self li jidher fuq il-karta tal-bilanċ ta' l-MFI. Meta sseħħ is-sigurtazzjoni l-kreditur ta' l-MFI jirċievi strumenti (sigurtajiet) maħruġa mid-debitur li jkunu ġodda u negozzjabbli bħala pagament lura tas-self.

MFI	
A	L
- 100 Self + 100 Sigurtajiet li ma jkunux ishma	

14. Parti 2: L-MFI tbiegħ is-sigurtajiet lil xi investitur ta' terza parti bi bdil mal-flus. Is-sigurtajiet imbagħad jitneħħew mill-karta tal-bilanċ ta' l-MFI

MFI	
A	L
+ 100 Flus kontanti - 100 Sigurtajiet li ma jkunux ishma	

([1]) L-istrumenti maħruġa mid-debitur huma klassifikati bħala sigurtajiet biss meta dawn jilħqu l-kondizzjonijiet meħtieġa f'termini ta' l-istat tan-negozzju u tas-suq. Skond ir-Regolament BCE/2001/13 tat-22 ta' Novembru 2001 li jikkonċerna l-karta tal-bilanċ konsolidata tas-settur ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji u monetarji, ĠU L 333, 17.12.2001, p. 1, kif l-aħħar emendat bir-Regolament BCE/2002/8, ĠU L 330, 6.12.2002, p. 29, il-punt "sigurtajiet li ma jkunux ishma" jinkludi "self negozzjabbli li jkunu ġew ristrutturati f'numru kbir ta' dokumenti identiċi u li jkunu jistgħu jiġu negozzjati fi swieq sekondarji".

▼B

Sigurtazzjoni permezz ta' intermedjarju finanzjarju

15. *Deskrizzjoni*: Is-sigurtazzjoni isseħħ meta "l-attiv oriġinali (is-self) jiġi trasferit (mill-kreditur) lejn xi unità oħra istituzzjonali u s-sigurtajiet -il ġodda jieħdu post l-attiv oriġinali (self) fil-karta tal-bilanċ ta' l-unità istituzzjonali oriġinali" (ESA 95, paragrafu 5.63) u dawn is-sigurtajiet fl-istess ħin (jew wara) jinbiegħu lill-investituri ta' xi parti terza. Fil-prattika, l-operazzjoni tista' tiġi strutturata b'tali mod li s-sigurtajiet maħruġa mill-intermedjarju finanzjarju jinbiegħu direttament lill-investituri ta' xi parti terza.

16. *Sens ekonomiku*: L-għan huwa għall-kreditur ta' l-MFI biex dan ineħħi r-riżorsi permezz tat-trasferiment ta' assi lil terzi partijiet. F'dan il-każ l-attiv oriġinali (is-self) jinbiegħ lil xi intermedjarju finanzjarju speċjali. Dan l-intermedjarju finanzjarju, imsejjaħ "korporazzjoni finanzjarja bħala vettura" (FVC) (ESA 95, paragrafu 2.55), b'mod ġenerali jinħoloq għall-iskop uniku biex iżomm l-assi sigurtizzati. L-MFI tbiegħ lill-FVC l-attiv li jkun irid jiġi sigurtizzat bi bdil ma' flus kontanti jew sigurtajiet maħruġa mill-FCV.

17. *Trattament statistiku*: Minn naħa tal-kreditur ta' l-MFI, l-operazzjoni tinvolvi bdil ta' assi (bħal fil-każ t'hawn fuq). L-MFI tirċievi attiv ġdid (flus kontanti jew sigurtajiet) għall-bejgħ tas-self. Għalhekk, fil-karta tal-bilanċ ta' l-MFI, il-bdil ikun jidher bħala tnaqqis fis-"self" u żieda fil-"flus kontanti/depositi" jew "sigurtajiet". Huwa innutat li dan it-trattament ikun applikabbli biss fejn il-kreditur ta' l-MFI jitrasferixxi r-riskji u l-kisbiet kollha tad-dritt tal-proprjetà tas-self oriġinali lill-FCV. Fejn ir-riskji u l-kisbiet tad-dritt tal-proprjetà jibqgħu għand l-MFI, dan il-każ għandu jitqies bħala sigurtazzjoni ta' fuq il-karta tal-bilanċ (ara hawn taħt).

18. Għal skopijiet statistiċi, il-bejgħ tas-self tal-kreditur ta' l-MFI għandu jitqies bħala transazzjoni finanzjarja (i.e. bħala fluss reali), mingħajr il-ħtieġa li tkun irrapportata xi modifika.

19. *Illustrazzjoni*: B'mod ġenerali din it-tip ta' sigurtazzjoni isseħħ bħala operazzjoni "triangulari". L-MFI ikollha self li tbiegħu lill-FVC li tiffinanzja x-xiri permezz tal-ħruġ ta' sigurtajiet li jkunu sostnuti mis-self. Fil-karti tal-bilanċ din tidher kif ġej:

MFI		FVC	
A	L	A	L
+ 100 Flus kontanti - Self		+ 100 Self	+ 100 Sigurtajiet tad-debitu maħruġa

20. Ċertament, l-MFI tista' tirċievi s-sigurtajiet maħruġa mill-FVC minflok il-flus kontanti, u jekk dan ikun il-każ, l-operazzjoni tinqasam f'żewġ partijiet kif ġej:

21. Parti 1: Is-self jinbiegħ lill-FVC bi bdil mas-sigurtajiet maħruġa mill-FVC:

MFI		FVC	
A	L	A	L
- 100 Self + 100 Sigurtajiet li ma jkunux ishma		+ 100 Self	+ 100 Sigurtajiet tad-debitu maħruġa

22. Parti 2: Wara, l-MFI tbiegħ is-sigurtajiet (din il-parti hija ippreżentata għal skopijiet ta' kjarifika). Hija tidher kif ġej (l-ebda operazzjoni ma ssir fil-FVC):

MFI		FVC	
A	P	A	L
+ 100 Flus kontanti - Sigurtajiet li ma jkunux ishma			

▼B

Sigurtajiet li jkunu sostnuti mill-assi

23. *Deskrizzjoni*: Il-ħruġ ta' sigurtajiet li jkunu sostnuti mill-assi huwa relatat mas-sigurtazzjoni. Din l-operazzjoni tikkonsisti fil-ħruġ ta' sigurtajiet mill-kreditur ta' l-MFI li jkunu sostnuti mis-self ta' fuq il-kotba ta' dik l-istituzzjoni. Ħruġ li jkunu sostnuti mill-assi mhumiex meqjusa bħala sigurtazzjoni fl-ESA 95 ([1]).

24. *Sens ekonomiku*: L-iskop ta' din it-tip ta' operazzjoni huwa biex il-kreditur ta' l-MFI jikseb fondi minn investituri esterni billi l-investituri jiġu mħajra jinvestu b'mod indirett f'pakketti ta' assi speċifiċi permezz tax-xiri ta' sigurtajiet li jkunu maħruġa f'isem, u fuq il-kont tal-kreditur ta' l-MFI, iżda bis-saħħa ta' dawn is-self. Din it-tip ta' operazzjoni ma twassal għall-ebda bidla fir-relazzjoni bejn il-kreditur oriġinali u d-debitur. Aktar il-quddiem, il-kreditur ta' l-MFI jista' jinħeles mid-drittijiet u l-obbligi kollha lejn iż-żewġ partijiet l-oħra. Jekk jiġri dan, l-operazzjoni għandha titqies bħala sigurtazzjoni.

25. *Trattament statistiku*: Fil-prinċipju, din l-operazzjoni mhix differenti mill-ħruġ tas-sigurtajiet tad-debitu bl-addizzjoni ta' garanzija li ma tkunx fuq il-karta tal-bilanċ (i.e. l-operazzjoni hija trattata fuq l-istess termini għal skopijiet statistiċi mingħajr konsiderazzjoni lejn l-involviment tal-garanzija). Minħabba f'hekk, il-ħruġ ta' sigurtajiet huwa meqjus bħala transazzjoni. L-ebda modifika mhi irrappurtata. Jekk wara l-kreditur ta' l-MFI jinħeles mill-obbligi kollha lejn l-investitur finali, dan ikun ifisser il-ħlas tad-dejn fil-waqt li s-self jiġi irreġistrat fuq il-parti ta' l-assi. Din hija wkoll transazzjoni finanzjarja.

26. Fil-qosor, il-ħruġ u l-bejgħ ta' sigurtajiet li jkunu sostnuti mill-assi huma transazzjonijiet finanzjarji u għalhekk, l-ebda modifika ma tiġi irrappurtata.

27. *Illustrazzjoni*: It-trattament statistiku jidher pass pass, kif ġej, fil-karta tal-bilanċ:

MFI	
A	D
+ 100 Flus kontanti	+ 100 Sigurtajiet tad-debitu

28. L-MFI toħroġ sigurtajiet li jkunu sostnuti mill-assi. Fil-prinċipju, l-operazzjoni tkun mitmuma.

29. Aktar il-quddiem, l-MFI tista' tinħeles minn kull obbligu lejn il-kreditur (l-investitur f'sigurtajiet) billi tħallas lura l-obbligu tagħha fil-waqt li s-self ikun irreġistrat fuq il-parti ta' l-attiv. F'dan il-każ l-operazzjoni issir sigurtazzjoni.

MFI	
A	D
- 100 Self	- 100 Sigurtajiet tad-debitu

Tħassir u sigurtazzjoni

30. It-tħassir jista' jkun magħqud mas-sigurtazzjoni. Dan ikun il-każ meta self ħażin ikun sigurtizzat. Jekk għas-self ħażin ikun hemm disposizzjonijiet u d-disposizzjonijiet ikunu inklużi fuq il-parti tad-dejn, jew ma jkun hemm l-ebda disposizzjoni, fiż-żmien meta s-self ikunu sigurtizzati, l-MFI tirċievi fil-punt "sigurtajiet tad-debitu" (jew flus kontanti) ammont sħiħ li jkun inqas mis-self sigurtizzat. Id-differenza bejn il-valur tal-kontabilità tas-self u l-valur tas-suq tiegħu meta jinbidel mas-sigurtajiet huwa telf għall-MFI. L-operazzjoni hija kif ġej:

31. L-MFI tbiegħ lill-FVC self ħażin li jkun negozzjat b'50 % tal-valur tiegħu għas-sigurtajiet tad-debitu maħruġa mill-FVC. Għas-self kienu jeżistu disposizzjonijiet qabel iżda kien irreġistrat f'termini sħaħ, i.e. id-disposizzjoni kienet irreġistrata fuq il-parti tad-djun taħt "kapital u riservi".

([1]) Anke jekk it-terminu "sigurtazzjoni" fin-negozju jintuża biex jirreferi għall-operazzjonijiet li jkunu sostnuti mill-assi, fil-qasam ta' l-istatistiċi bankarji u tal-flus it-terminu jirreferi biss għad-definizzjoni ta' l-ESA 95 ta' sigurtazzjoni.

▼B

MFI		FVC	
A	D	A	FD
- 100 Self + 50 Flus kontanti	- 50 Kapital u riservi	+ 50 Self	+ 50 Sigurtajiet tad-debitu maħruġa

32. Fil-fatt tħassir ta' l-attiv seħħ fiż-żmien meta s-self kien sigurtizzat. Għal-hekk għandha tiġi irrappurtata modifika, bl-ammont li jkun involut fit-tħassir (50), sabiex il-fluss ikun jista' jiġi ikkalkolat tajjeb. Fejn it-tħassir iseħħ fl-istess żmien tas-sigurtazzjoni, il-modifika, jekk disponibbli, għandha tkun irrappurtata għal dan it-tħassir (ara wkoll in-noti tal-Linji ta' gwida għar-Regolament BCE/2001/13 fuq l-istatistiċi tal-karta tal-bilanċ ta' l-MFI ([1])).

([1]) Bank Ċentrali Europew, Novembru 2002.

▼B

Appendiċi 5

EŻEMPJU NUMERIKU FUQ IL-FLUSSI TA' KULL KWART TAS-SENA

Data ta' l-istokk ta' kull xahar irrappurtati għal Diċembru, Jannar, Frar u Marzu u data ta' l-istokk ta' kull kwart tas-sena irrappurtati għal Marzu

Tip ta' perjodu	Sigurtajiet li ma jkunux ishma maħruġa minn entitajiet domestiċi li ma jkunux MFIs - setturi oħra residenti	Diċembr-u	Jannar	Frar	Marzu	Data totali ta' l-istokk ta' kull kwart tas-sena fl-aħħar ta' Marzu
1) Kull xahar	Total(Tab.1)	24 500	24 500	22 500	20 500	20 500 ([1])
	Analiżi statistika ta' kull kwart għall-istokk ta' kull xahar fl-aħħar ta' Marzu (sigurtajiet li ma jkunux ishma maħruġa minn setturi oħra domestiċi residenti)					
2) Kull kwart	Intermedjarji oħra finanzjarji (Tabella 2)	2 500	n/a	n/a	2 000	2 000
3) Kull kwart	Kumpanniji ta' l-assigurazzjoni, fondi tal-pensjonijiet (Tabella 2)	1 250	n/a	n/a	1 000	1 000
4) Kull kwart	Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (Tabella 2)	4 450	n/a	n/a	4 500	4 500
5) Kull kwart	Djar u istituzzjonijiet li ma jagħmlux profitt li jservu d-djar (Tabella 2)	16 200	n/a	n/a	13 000	13 000

([1]) Id-data ta' l-istokks ta' kull kwart fir-rigward ta' l-ewwel kwart (Marzu bħala perjodu ta' referenza) għandhom ikunu l-istess b]ad-data ta' kull xahar ta' l-aħħar ta' Marzu.

1. L-istokks ta' kull kwart huma konsistenti ma' l-istokks ta' kull xahar li jkunu irrappurtati għall-aħħar xahar tal-kwart li jkun jikkorrispondi. Fl-eżempju t'hawn fuq, l-istokks ta' kull xahar f'Marzu huma l-istess bħassomma ta' l-istokks ta' kull kwart għall-Marzu i.e. l-istokks ta' kull xahar f'Marzu tas-"self lil setturi oħra domestiċi residenti" huma ugwali għassomma ta' l-analiżi statistika ta' kull kwart. Huwa nnutat li spezzjoni lineari tal-punti li jikkorrispondu ta' kull kwart u ta' kull xahar tkun possibbli fl-istess perjodu ta' rappurtaġġ.

Data ta' kull xahar li jimmodifikaw irrappurtati għall-Jannar, Frar u Marzu u data ta' kull kwart li jimmodifikaw irrappurtati għall-ewwel kwart

Tip ta' perjodu	Sigurtajiet li ma jkunux ishma maħruġa minn entitajiet domestiċi li ma jkunux MFIs - setturi oħra residenti	Jannar	Frar	Marżu	Modifika totali ta' kull kwart tas-sena fl-aħħar ta' Marzu
1) Kull xahar	Total (Tab. 1)	- 500	0	- 200	- 700 ([1])
	Analiżi statistika ta' kull kwart għall-modifika ta' kull kwart miksuba mill-modifika ta' kull xahar (Sigurtajiet li ma jkunux ishma maħruġa minn setturi oħra domestiċi residenti = -700)				
2) Kull kwart	Intermedjarji oħra finanzjarji (Tabella 2)	n/a	n/a	n/a	0
3) Kull kwart	Kumpanniji ta' l-assigurazzjoni, fondi tal-pensjonijiet (Tabella 2)	n/a	n/a	n/a	0
4) Kull kwart	Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (Tabella 2)	n/a	n/a	n/a	- 100

▼B

Tip ta' perjodu	Sigurtajiet li ma jkunux ishma maħruġa minn entitajiet domestiċi li ma jkunux MFIs - setturi oħra residenti	Jannar	Frar	Marżu	Modifika totali ta' kull kwart tas-sena fl-aħħar ta' Marzu
5) Kull kwart	Djar u istituzzjonijiet li ma jagħmlux profitt li jservu d-djar	n/a	n/a	n/a	- 600

([1]) L-aġġustamneit kwaterni ikkalkolati mix-xhur aġġustabbli għandhom ikunu l-aggregazzjoni tax-xhur ta' Jannar, Frar u Marzu u mhux il-valura ta' Marzu biss. Per eżempju, il-valura korrett huwa 700 miljun EUR (il-kwartina kollha) u mhux 200 miljun EUR (ta' Marzu biss).

2. Il-modifiki ta' kull kwart huma konsistenti mal-modifiki irrappurtati ta' kull xahar. Fl-eżempju t'hawn fuq, il-BCNi jikkalkolaw il-modifiki ta' kull kwart għas-serje ta' kull xahar bħala l-ammont aggregat tal-modifiki ta' kull xahar li jkunu inklużi f'dak il-kwart. Huwa nnutat li spezzjoni lineari tal-punti li jikkorrispondu ta' kull xahar u ta' kull kwart ma tkunx possibbli fl-istess perjodu ta' rappurtaġġ i.e. ir-regola ta' l-ispezzjonar għad-data ta' l-istokk ma tistax tiġi applikata.

3. Sabiex jinkisbu l-modifiki u l-istokks ta' kull kwart, il-BCE għandu jikkalkula l-flussi li japplikaw l-istess proċedura bħal dik tal-modifiki ta' kull xahar. Fi kliem ieħor, il-flussi ta' kull kwart jiġu ikkalkulati bħala d-differenza fl-istokks bit-tnaqqis tal-modifiki. Fit-termini ta' dan l-eżempju, il-flussi ta' kull kwart li jirreferu għall-ewwel kwart għandhom jinkisbu billi mill-istokk ta' l-aħħar ta' Marzu jitnaqqas l-istokk ta' l-aħħar ta' Diċembru u jitnaqqsu wkoll il-modifiki ta' l-ewwel kwart (rappurtati fis-sottomissjoni tal-perjodu ta' referenza ta' Marzu).

Data tal-flussi ta' kull xahar miksuba għal Jannar, Frar u Marzu u data tal-flussi ta' kull kwart ikkalkulati għall-ewwel kwart

Tip ta' perjodu	Sigurtajiet li ma jkunux ishma maħruġa minn entitajiet domestiċi li ma jkunux MFIss - setturi oħra residenti	Jannar	Frar	Marzu	Flussi totali ta' kull kwart tas-sena fl-aħħar ta' Marzu
1) Kull xahar	Total (Tab. 1)	+ 500	- 2 000	- 1 800	- 3 300 ([1])
	Analiżi statistika ta' kull kwart għall-flussi ta' kull kwart miksuba mill-flussi ta' kull xahar (sigurtajiet li ma jkunux ishma minn setturi oħra residenti = - 5 000)				
2) Kull kwart	Intermedjarji oħra finanzjarji (Tabella 2)	n/a	n/a	n/a	- 500
3) Kull kwart	Kumpanniji ta' l-assigurazzjoni, fondi tal-pensjoni (Tabella 2)	n/a	n/a	n/a	- 250
4) Kull kwart	Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (Tabella 2)	n/a	n/a	n/a	+ 50
5) Kull kwart	Djar u istituzzjonijiet li jagħmlux profitt li jservu d-djar (Tabella 2)	n/a	n/a	n/a	- 2 600

([1]) L-aġġustamneit kwaterni ikkalkolati mix-xhur aġġustabbli għandhom ikunu l-aggregazzjoni tax-xhur ta' Jannar, Frar u Marzu u mhux il-valura ta' Marzu biss. Per eżempju, il-valura korrett huwa 3 300 miljun EUR (il-kwartina kollha) u mhux 1 800 miljun EUR (ta' Marzu biss).

▼B

TABELLA 1

Regolament BCE/2001/13, anness 1, parti 2, Tab. 1: punti li għalihom il-modifiki ta' kull xahar huma meħtieġa

Punti tal-karta tal-bilanċ	A. Domestiċi									B. Stati Membri oħra li jipparteċipaw									C. RoW	D. Mhux allokat
	MFIs		Mhux MFIs							MFIs		Mhux MFIs								
		li minnhom l-istituzzjonijiet tal-kredtu huma suġġetti għall-RRs [1], BCE u BCNi	Gvern ġenerali		Setturi oħra residenti						li minnhom l-istituzzjonijiet tal-kredtu huma suġġetti għall-RRs [1], BCE u BCNi	Gvern ġenerali		Setturi oħra residenti							
			Gvern ċentrali	Amministrazzjonijiet oħra pubbliċi	Total	Intermedjarji oħra finanzjarji + awżiljarji finanzjarji (S.123 + S.124)	Korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u fond i tal-pensjonijiet (S.125)	Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11)	Djar + Istituzzjonijiet li ma jagħmlux profitt li jservu d-djar (S.14 +S.15)			Gvern ċentrali	Amministrazzjonijiet oħra pubbliċi	Total	Intermedjarji finanzjarji oħra + awżiljarji finanzjarji (S.123 + S.124)	Korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u fond i tal-pensjonijiet (S.125)	Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11)	Djar + Istituzzjonijiet li ma jagħmlux profitt li jservu d-djar (S.14 +S.15)		
	(a)	(b)	(c)	(d)	(e)	(f)	(g)	(h)	(i)	(j)	(k)	(l)	(m)	(n)	(o)	(p)	(q)	(r)	(s)	(t)
DJUN																				
8 **Munita f'ċirkolazzjoni**																				1
9 **Depositi**	2		3							4		5							**6**	
sa sena																			**7**	
aktar minn sena																			**8**	
9e **Euro**	9									10										
9.1e **Mgħaġġla**				11	12	**13**	**14**	**15**	**16**				17	18	**19**	**20**	**21**	**22**		
9.2e **B'maturità miftehma**																				
sa sena				23	24	**25**	**26**	**27**	**28**				29	30	**31**	**32**	**33**	**34**		
aktar minn sena iżda mhux aktar minn sentejn				35	36	**37**	**38**	**39**	**40**				41	42	**43**	**44**	**45**	**46**		
aktar minn sentejn				47	48	**49**	**50**	**51**	**52**				53	54	**55**	**56**	**57**	**58**		

▼B

Punti tal-karta tal-bilanċ	A. Domestiċi									B. Stati Membri oħra li jipparteċipaw									C. RoW	D. Mhux allokat
	MFIs		Mhux MFIs							MFIs		Mhux MFIs								
			Gvern ġenerali		Setturi oħra residenti							Gvern ġenerali		Setturi oħra residenti						
		li minnhom l-istituzzjonijiet tal-kredtu huma suġġetti għall-RRs [1], BCE u BCNi	Gvern ċentrali	Amministrazzjonijiet oħra pubbliċi	Total	Intermedjarji oħra finanzjarji + awżiljarji finanzjarji (S.123 + S.124)	Korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u fond i tal-pensjonijiet (S.125)	Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11)	Djar + Istituzzjonijiet li ma jagħmlux profitt li jservu d-djar (S.14 +S.15)		li minnhom l-istituzzjonijiet tal-kredtu huma suġġetti għall-RRs [1], BCE u BCNi	Gvern ċentrali	Amministrazzjonijiet oħra pubbliċi	Total	Intermedjarji finanzjarji oħra + awżiljarji finanzjarji (S.123 + S.124)	Korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u fond i tal-pensjonijiet (S.125)	Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11)	Djar + Istituzzjonijiet li ma jagħmlux profitt li jservu d-djar (S.14 +S.15)		
PROĊEDURI DWAR IT-TRASMISSJONI LI JITRATTAW IL-ĦTIĠIET TA' RAPPURTAĠĠ TAL-FOND MONETARJU INTERNAZZJONALI LI JOĦORĠU MILL-FORMOLI TA' QABEL 10S U 20S

Introduzzjoni

1. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi statutorji tal-banek ċentrali nazzjonali (BCNi) fil-konfront tal-Fond Monetarju Internazzjonali (IMF), il-BCNi jistgħu jużaw is-servizzi tal-Bank Ċentrali Europew (BCE) sabiex jitrasferixxu flus u data dwar l-istatistiċi bankarji lill-IMF. Dawn id-data addizzjonali huma meħtieġa sabiex l-IMF ikun jista' jtemm il-paġni tal-pajjiżi fil-pubblikazzjoni tiegħu Statistiċi Finanzjarji Internazzjonali. Dan l-Anness għandu l-għan li jistabbilixxi l-arranġamenti tekniċi għat-trasmissjoni ta' dawn id-data addizzjonali. Dan m'għandux ikun interpretat bħala dikjarazzjoni tal-ħtiġiet statistiċi tal-BCE.

Kuntest

2. It-trasmissjoni tad-data lill-BCE tkopri erba' settijiet ta' data

2.1. Jeżistu żewġ settijiet ta' data li l-BCNi għandhom jibgħatu b'mod dirett jew indirett lill-IMF. Dawn ikopru d-data supplimentari fuq il-posizzjonijiet tal-BCN fil-konfront tal-BCE (“Formola 10S”) u fuq il-posizzjonijiet ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji l-oħra (minn hawn 'il quddiem “OMFIs”) fil-konfront tal-BCE u l-BCN domestiku (“Formola 20S”).

2.2. It-trasmissjoni tad-data tkopri t-tielet sett ta' data mitluba mill-IMF rigward il-posizzjonijiet tal-BCNi fil-konfront tal-BCNi l-oħra ta' l-Eurosistema.

2.3. L-aħħar sett ta' data jkopri data supplimentari fuq il-posizzjonijiet ta' l-OMFI fil-konfront ta' BCNi oħra tal-Eurosistema, liema data jkunu irrappurtati fuq bażi volontarja ([1]).

3. Dawn is-settijiet ta' data huma ipprovduti lill-BCE fil-qafas tat-trasmissjoni regolari tad-data tal-punti tal-karta tal-bilanċ (BSI) skond l-iskema ta' rappurtaġġ mehmuża bħala Appendiċi 1. Din l-iskema ta' rappurtaġġ hija maqsuma f'żewġ tabelli. Tabella A tiġbor id-data tal-karta tal-bilanċ tal-BCN (stokks) u tinkorpora d-data li jkunu ġew trasmessi sa dak il-punt taħt il-Formola 10S ta' l-IMF (l-ewwel sett ta' data) flimkien mas-sett -il ġdid tad-data ta' l-IMF (kaxxi immarkati “ħtiġiet ġodda”) ([2]). Tabella B tinkludi data tal-karta tal-bilanċ ta' l-OMFI (stokks) li tkopri data li f'dak il-punt ikunu qed jiġu trasmessi fil-Formola 20S ta' l-IMF (it-tieni sett ta' data) flimkien mal-punti tad-data addizzjonali fir-rigward tal-posizzjonijiet ma' BCNi oħra (mhux domestiċi) ta' l-Eurosistema irrappurtati fuq bażi volontarja (kaxxi immarkati “mhux obbligatorji”).

Ħtiġiet tad-data

4. Din l-iskema ta' rappurtaġġ tirrifletti l-ħtiġiet ta' l-IMF kif stabbiliti fil-Formoli 10S u 20S ta' l-IMF u żżid magħhom kemm l-ħtiġiet ta' rappurtaġġ ta' l-IMF tat-tielet sett ta' data ([3]) u kif ukoll is-serje l-ġdida mhux obbligatorja. L-unika differenza tikkonsisti fl-esklużjoni ta' xi ftit mis-serje fejn il-fenomenu ta' l-istatistika ma jkunx preżenti (eż. ishma jew ekwità oħra ta' l-MFI maħruġa mill-BCE).

5. Il-proċeduri għat-trasmissjoni huma mehmuża bħala Appendiċi 2.

([1]) It-trasmissjoni kurrenti tad-data lill-IMF taħt il-Formola 20S tkopri biss il-posizzjonijiet ta' l-OMFI mal-BCN domestiku. Billi l-posizzjonijiet minn pajjiż għall-ieħor aktarx li ma jkunux sinifikanti u fil-waqt li jittieħed kont tan-nuqqas ta' data separati li jidentifikaw dawn il-posizzjonijiet, ir-rappurtaġġ ta' dawn il-kaxxi m'għandux ikun obbligatorju.

([2]) Kaxxi S1, S4 u S9.

([3]) Għandu jkun innutat li l-istess bħal fil-Formola kurrenti 20S, ir-rappurtaġġ tal-posizzjonijiet ta' l-OMFI fil-konfront tal-BCE (jekk ikun il-każ) taħt il-kaxxi S14, S15, S18, S19, S22 u S23 għandu jibqa' mhux obbligatorju.

▼B

Appendiċi 1

Skema ta' rappurtaġġ

TABELLA A

Data tal-BCN (stokks) [1]

	Domestiċi [2]	Stati Membri oħra li jippartečipaw	Bqija tad-dinja	Mhux allokat
DJUN				
9 Depositi				
Liema minnhom depositi ma' BCNi		**S1 (ħtieġa ġdida)**		
Liema minnhom depositi mal-BCE	**S2 (Formola 10S - DE biss)**	**S3 (Formola 10S)**		
ASSI				
2 Self				
Liema minnhom self lill-BCNi		**S4 (ħtieġa ġdida)**		
Liema minnhom self lill-BCE	**S5 (Formola 10S - DE biss)**	**S6 (Formola 10S)**		
O/w depositi internazzjonali fil-BCE relatati mar-riservi [3]	**S7 (Formola 10S -DE biss)**	**S8 (Formola 10S)**		
3 Sigurtajiet li ma jkunux ishma				
Liema minnhom maħruġa mill-BCNi		**S9 (ħtieġa ġdida)**		
Liema minnhom maħruġa mill-BCE	**S10 (Formola 10S -De biss)**	**S11 (Formola 10S)**		
5 Ishma u ekwità oħra				
Liema minnhom maħruġa mill-BCE	**S12 (Formola 10S - De biss)**	**S13 (Formola 10S)**		

(1) Suġġetti għall-ftehim bilaterali bejn il-BCE u l-BCNi, il-flussi tad-data jistgħu jiġu ipprovduti.
(2) Posizzjonijiet domestiċi fil-konfront tal-BCE japplikaw biss għall-Ġermanja, kif indikat.
(3) Dan il-punt jinkludi l-pretensjonijiet denominati fl-Euro tal-BCNi li jkunu ekwivalenti għat-trasferiment tar-riservi tal-munita barranija mill-BCNi għall-BCE.

▼B

TABELLA B

Data ta' l-OMFIs (stokks) ([1])

	Doemstiċi ([2])	Stati Membri oħra li jipparteċipaw	Bqija tad-dinja	Mhux allokat
DJUN				
9 Depositi				
Liema minnhom depositi mal-BCE (*)	**S14 (Formola 20S - DE biss)**	**S15 (Formola 20S)**		
Liema minnhom depositi mal-BCNi	**S16 (Formola 20S)**	**S17 (mhux obbligatorja)** (*)		
ASSI				
2 Self				
Liema minnhom self lill-BCE (*)	**S18 (Formola 20S -DE biss)**	**S19 (Formola 20S)**		
Liema minnhom self lill-BCNi	**S20 (Formola 20S)**	**S21 (mhux obbligatorja)** (*)		
3 Sigurtajiet li ma jkunux ishma				
Liema minnhom maħruġa mill-BCE (*)	**S22 (Formola 20S - DE biss)**	**S23 (Formola 20S)**		
Liema minnhom maħruġa mill-BCNi	**S24 (Formola 20S)**	**S25 (mhux obbligatorja)** (*)		
5 Ishma u ekwità oħra				
Liema minnhom maħruġa mill-BCNi	**S26 (Formola 20S)**	**S27 (mhux obbligatorja)** (*)		

(*) Serje mhux obbligatorji.
([1]) Suġġetti għall-ftehim bilaterali bejn il-BCE u l-BCNi, il-flussi tad-data jistgħu jiġu ipprovduti.
([2]) Posizzjonijiet domestiċi fil-konfront tal-BCE japplikaw biss għall-Ġermanja, kif indikat.

▼B

Appendiċi 2

Proċeduri dwar it-trasmissjoni li jitrattaw il-ħtiġiet ta' rappurtaġġ tal-fond monetarju internazzjonali li joħorġu mill-formoli ta' qabel 10s u 20s

1. **L-iskema ta' rappurtaġġ u l-istruttura ta' kodifikar**

Il-familja tal-kodiċi tal-punti tal-karta tal-bilanċ (BSI) tintuża sabiex ikunu definiti l-kodiċi tas-serje għad-data supplimentari tal-BSI li jkollhom jiġu irrappurtati mill-banek ċentrali nazzjonali (BCNi) lill-Bank Ċentrali Ewopew (BCE). Il-karatteristiċi ewlenin ta' din l-iskema ta' rappurtaġġ huma elenkati hawn taħt.

Punti tal-karta tal-bilanċ

Il-posizzjonijiet tal-BCNi u istituzzjonijiet oħra finanzjarji u monetraji (MFIs) fil-konfront l-Eurosistema huma irrappurtati għall-BSIs li ġejjin:

— depositi,

— self,

— sigurtajiet li ma jkunux ishma,

— ishma u ekwità oħra.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-karta tal-bilanċ tal-BCNi, il-punt li jmiss huwa irrappurtat ukoll:

— self - liema minnhom trasferiment ta' riservi tal-munita barranija.

Dan il-punt jikkorrispondi mad-depositi internazzjonali li jkunu relatati mar-riservi u mqiegħda mal-BCE mill-BCNi u jinkludi l-pretensjonijiet tal-BCNi denominati fl-euro li jkunu ekwivalenti għat-trasferiment ta' riservi ta' munita barranija mill-BCNi għall-BCE. Il-valur A24 mil-lista tal-kodiċi CL BS ITEM jintuża sabiex jiddefinixxi "self - liema minnhom trasferiment ta' riservi ta' munita barranija".

Żona tal-kontroparti

L-iskema ta' rappurtaġġ għad-data supplimentari li jkollhom jiġu trasmessi mill-BCNi tippermetti l-allokazzjoni ta' posizzjonijiet tal-BCNi u MFIs oħra (minn hawn il-quddiem "OMFIs") fil-konfront tal-BCNi ta' l-Eurosistema u l-BCE skond il-kriterju tar-residenza. Il-posizzjonijiet fil-konfront ta' BCNi domestiċi/BCE u fil-konfront ta' BCNi ta' Stati Membri oħra parteċipanti u tal-BCE huma identifikati b'mod separat ([1]).

Settur tal-kontrparti tal-karta tal-bilanċ

Sabiex ikunu identifikati b'mod separat il-posizzjonijiet fil-konfront tal-BCE u l-BCNi l-oħra ta' l-Eurosistema, jistgħu jintużaw iż-żewġ kodiċi li ġejjin mil-lista tal-kodiċi CL_BS_COUNT_SECTOR:

— BCE: *1110,*

— BCN: *1120.*

Munita tat-transazzjoni

Il-kodiċi Z01, "muniti kollha", għall-munita tat-transazzjoni tal-BSI li tikkorrispondi, jintuża sabiex ikunu rappurtati l-punti kollha għall-BCN u għas-setturi ta' l-OMFI.

2. **Ħtiġiet għall-BCN u għas-setturi ta' l-OMFIs**

It-Tabella A BCN u Tabella B OMFIs fl-Appendiċi 1 jinkludu s-serje tal-BSI għad-data li jissuplimentaw li jkunu jridu jiġu irrappurtati mill-BCNi lill-BCE.

([1]) Posizzjonijiet domestiċi fil-konfront tal-BCE japplikaw biss għad-data relatati mal-BCN jew MFIs oħra li jkunu ġew sottomessi mid-Deutsche Bundesbank.

▼B

Karta tal-bilanċ tal-BCN

It-trasmissjoni lill-BCE tikkonsisti minn żewġ settijiet ta' data ta' BSIs supplimentari tal-BCN, li jkopru l-posizzjonijiet tal-BCN fil-konfront tal-BCE, li qabel ikunu ġew irrappurtati lill-Fond Monetarju Internazzjonali (IMF) taħt "Formola 10S", u l-posizzjonijiet tal-BCN fil-konfront tal-BCNi l-oħra ta' l-Eurosistema. Is-serje jidhru fl-Appendiċi 1, Tabella A BCN.

Karta tal-bilanċ ta' l-OMFIs

Il-ħtiġiet statistiċi għas-settur ta' l-OMFIs jinkludu l-posizzjonijiet fil-konfront tal-BCE u l-BCN domestiku li qabel ikunu ġew irrappurtati lill-IMF taħt l-iskema "Formola 20S". Ir-rappurtaġġ tal-posizzjonijiet tal-OMFIs fil-konfront tal-BCE jibqa' mhux obbligatorju.

Minbarra dawn, xi serje oħra li jirriflettu l-posizzjonijiet fil-konfront tal-BCNi ta' l-Istati Membri l-oħra huma inklużi fil-ħtiġiet statistiċi. Billi dawn il-posizzjonijiet minn pajjiż għall-ieħor jistgħu jkunu insinifikanti għal xi Stati Membri u billi data separati jistgħu ma jkunux disponibbli, ir-rappurtaġġ ta' dawn il-kaxxi wkoll mhux obbligatorju.

Is-serje mhux obbligatorji huma rappurtati biss meta jkunu disponibbli u dawn jidhru fl-Appendiċi 1, Tabella B OMFIs immarkati bi stilla.

3. **Rappurtaġġ regolari tad-data**

Is-serje suplimentari bankarji u tal-flus li huma identifikati f'din l-iskema ta' rappurtaġġ għandhom jiġu trasmessi mill-BCNi lill-BCE fil-qafas tat-trasmissjoni regolati ta' kull xahar tad-data tal-BSI. Il-frekwenza u ż-żmien allokat imsemmi fl-iskema ta' rappurtaġġ għall-punti tal-memorandum ta' prijorità assoluta skond ir-Regolament BCE/2001/13 tat-22 ta' Novembru 2001 dwar il-karta tal-bilanċ konsolidata tas-settur ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji u monetarji ([1]) kif emendata bir-Regolament BCE/2002/8 ([2]) (cf. Anness IX) japplikaw ukoll għas-serje msemmija hawnhekk.

It-trasmissjonijiet tad-data għandhom jikkoinċidu mar-rappurtaġġ regolari tad-data tal-BSI lill-BCE, li jsir sal-ħmistax -il ġurnata tax-xogħol wara t-tmiem tax-xahar li jkunu jirreferu għalih id-data.

([1]) ĠU L 333, 17.12.2001, p. 1.
([2]) ĠU L 330, 6.12.2002, p. 29.

▼B

ANNESS XII

RAPPURTAĠĠ REGOLARI FUQ IS-SIGURTAZZJONI U TRASFERIMENTI OĦRA TA' SELF LIL TERZI PARTIJIET

Introduzzjoni

1. Fil-qasam ta' l-analiżi tad-data fuq is-sigurtazzjoni u trasferimenti oħra ta' self lil terzi partijiet, jistgħu jiġu ipprovduti tliet tipi ta' data mill-banek ċentrali nazzjonali (BCNi) f'din l-iskema regolari ta' rappurtaġġ li tkopri l-każi kollha possibbli ta' informazzjoni disponibbli:

1.1. *Fluss gross*. Dan huwa l-ammont ta' self mogħti mill-istituzzjonijiet finanzjarji u monetarji (MFIs) lis-"setturi l-oħra residenti" li jkunu sigurtizzati/trasferiti b'mezzi oħra mill-MFIs fil-perjodu ta' referenza, i.e. ammonti li jinħolqu b'mod direct mill-bejgħ ta' self lil terzi partijiet (mhux MFIs u mhux residenti) fil-perjodu ta' referenza. It-terzi partijiet b'mod ġenerali (residenti jew mhux residenti) huma mezzi finanzjarji li jwasslu, li joħorġu sigurtajiet biex jiffinanzjaw il-kredti miksuba. Ma ssir l-ebda konċessjoni għar-rimborż jew għax-xiri mill-ġdid ta' self li jkun inbiegħ qabel.

1.2. *Fluss nett*. Din hija l-bidla netta fl-istokk tas-self sigurtizzat/trasferit li oriġinarjament ikun ingħata mill-MFIs lis-setturi l-oħra residenti iżda mbagħad ikun sigurtizzat/trasferit lil terzi partijiet u għalhekk ma jkunx jidher aktar fil-karta tal-bilanċ ta' l-MFI. Il-parti terza hija b'mod ġenerali (residenti jew mhux residenti) il-mezz finanzjarju li sservi bħala vettura, li toħroġ is-sigurtajiet biex tiffinanzja l-kredti miksuba. Il-fluss nett jammonta b'mod ugwali għas-sigurtazzjonijiet ġodda u miġbura/self trasferit (i.e. bejgħ ta' self ta' l-MFI lil terzi partijiet) bit-tnaqqis tal-ħlas lura tas-self li jsir minn min jissellef jew tas-self mixtri mill-ġdid mill-MFI oriġinali waqt il-perjodu ta' referenza.

1.3. *Stokk*. Dan jirreferi għall-ammont ta' self li jkun fadal li oriġinarjament jingħata mill-MFIs lis-setturi l-oħra residenti li jkunu ġew sigurtizzati/trasferiti (i.e. mibjugħa lil terzi partijiet) u li għalhekk ma jkunux għadhom jidhru fil-karta tal-bilanċ ta' l-MFI. Id-differenza ta' bejn l-istokks ta' l-aħħar tal-perjodu hija l-istess daqs il-fluss nett (żviluppi li ma jsirux minn transazzjonijiet m'għandhomx ikunu ikkonsidrati għal raġunijiet ta' simplifikazzjoni).

2. Huwa innutat li l-ebda informazzjoni addizzjonali ma tinġabar mill-MFIs fuq l-ishma ta' sigurtajiet li jkunu nħarġu minn korporazzjonijiet finanzjarji li jservu bħala vettura(FVCs) ([1]). L-MFIs jistgħu jixtru s-sigurtajiet maħruġa mill-FVCs, bir-riżultat li l-impatt tas-sigurtazzjonijiet fuq il-kredtu totali ta' l-MFI jista' jkun xi ftit inqas mill-impatt direct u immedjat fuq il-punt "self" fil-karta tal-bilanċ ta' l-MFIs.

Ħtiġiet tad-data

It-trasmissjoni ta' data lill-Bank Ċentrali Europew (BCE) tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

— Flussi gross: Ammont ta' self li oriġinarjament ikun ingħata minn MFIs oħra (minn hawn 'il quddiem "OMFIs") lil setturi oħra domestiċi u residenti u li imbagħad ikun inbiegħ lil terzi partijiet.

Meta d-data fuq il-flussi miġbura ma jkunux disponibbli, data fuq il-flussi netti ta' self li oriġinarjament ikun ingħata mill-MFIs u imbagħad inbiegħ lil terzi partijiet, jekk disponibbli, għandu jkun ipprovdut kif ġej:

— Flussi netti: Tibdiliet fl-ammont ta' self li jkun fadal li jingħata mill-OMFIs lil setturi oħra domestiċi u residenti u imbagħad jinbiegħ lil terzi partijiet ([2]).

([1]) Is-Sistema Europea tal-Kontabilità 1995, li tinsab fl-Anness A għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar is-sistema Europea ta' kontabilitajiet nazzjonali u reġjonali fil-Komunità, ĠU L 310, 30.11.1996, p. 1, kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 359/2002 tal-Parlament Europew u tal-Kunsill, ĠU L 58, 28.2.2002, p. 1.

([2]) Id-dħul il-ġdid huwa l-istess bħall-ħlasijiet lura tad-dejn mingħand min qed jissellef jew mis-self li oriġina matul il-perjodu ta' riferenza

▼B

Fiż-żewġ każi id-data ta' l-istokk, jekk disponibbli, għandhom ikunu irrappurtati:

— Stokks: Ammont ta' self li jibqa' li oriġinarjament ikun ingħata mill-OMFIs lil setturi oħra domestiċi u residenti u li imbagħad ikun inbiegħ lil terzi partijiet.

Għat-tliet tipi ta' data t'hawn fuq, is-self mibjugħ lil xi FVC (i.e. sigurtizzat permezz ta' FVC) u trasferit lil aġenti oħra (bl-involviment jew le ta' sigurtazzjoni) għandhom ikunu irrappurtati b'mod separat. Is-self huwa maħsub li jinbiegħ lis-settur li ma jkunx ta' l-MFI u għalhekk iwassal għar-rappurtaġġ relatat biss sabiex ma jkunx jidher aktar fil-karta tal-bilanċ ta' l-MFI li oriġinarjament tkun tagħat is-self lis-setturi l-oħra residenti jew f'kwalunkwe karta tal-bilanċ ta' l-OMFI.

Is-serje huma irrappurtati lill-BCE skond l-istandards ta' rappurtaġġ stabbiliti għall-istatistiċi tal-punti tal-karta tal-bilanċ (BSI) u inklużi bħala l-Anness XIII. Fil-prinċipju, it-trasmissjonijiet tad-data jikkoinċidu mar-rappurtaġġ regolari ta' data tal-BSI ta' kull xahar lill-BCE; jiġifieri, it-trasmissjoni issir fil-ħmistax -il ġurnata tax-xogħol wara t-tmiem tax-xahar li jkunu jirreferu għalih id-data.

DATA KUMPLIMENTARI LI TRID TIĠI MOGĦTIJA KULL XAHAR ABBAŻI TAD-DATA LI HEMM

TABELLA A

OMFIs: Sigurtazzjonijiet ta' self lis-Settur li ma jkunx ta' l-MFI permezz ta' FVC

Self sigurtizzat ta' l-OMFI - Flussi miġbura ta' kull xahar

	Settur ta' min jissellef								
	Domestiċi				Stati Membri oħra li jipparteċipaw				Bqija tad-dinja
	MFIs	Gvern ċentrali	Amministrazzjonijiet oħra pubbliċi	Setturi oħra residenti	MFIs	Gvern ċentrali	Amministrazzjonijiet oħra pubbliċi	Setturi oħra residenti	
ASSI									
2 **Self**				**S1**					

Self sigurtizzat ta' l-OMFI - Ammonti li jibqa' (barra mill-karta tal-bilanċ ta' l-MFI)

	Settur ta' min jissellef								
	Domestiċi				Stati Membri oħra li jipparteċipaw				Bqija tad-dinja
	MFIs	Gvern ċentrali	Amministrazzjonijiet oħra pubbliċi	Setturi oħra residenti	MFIs	Gvern ċentrali	Amministrazzjonijiet oħra pubbliċi	Setturi oħra residenti	
ASSI									
2 **Self**				**S2**					

▼B

Self sigurtizzati ta' l-OMFI - Flussi netti ta' kull xahar (li jkollhom jiġu irrappurtati f'każ li l-flussi miġbura ma jkunux disponibbli)

	Settur ta' min jissellef								
	Domestiċi				Stati Membri oħra li jipparteċipaw				Bqija tad-dinja
	MFIs	Gvern ċentrali	Amministrazzjonijiet oħra pubbliċi	Setturi oħra residenti	MFIs	Gvern ċentrali	Amministrazzjonijiet oħra pubbliċi	Setturi oħra residenti	
ASSI									
2 **Self**				**S3**					

TABELLA B

OMFIs: Sigurtazzjonijiet, assorbimenti ta' djun u trasferiment ta' self lissettur li ma jkunx ta' l-MFI mingħajr FVCs

Self sigurtizzat/trasferit ta' l-OMFI - Flussi miġbura ta' kull xahar

	Settur ta' min jissellef								
	Domestiċi				Stati Membri oħra li jipparteċipaw				Bqija tad-dinja
	MFIs	Gvern ċentrali	Amministrazzjonijiet oħra pubbliċi	Setturi oħra residenti	MFIs	Gvern ċentrali	Amministrazzjonijiet oħra pubbliċi	Setturi oħra residenti	
ASSI									
2 **Self**				**S4**					

Self sigurtizzat/trasferit ta' l-OMFI - Ammonti li jifdal (barra mill-karta tal-bilanċ ta' l-MFI)

	Settur ta' min jissellef								
	Domestiċi				Stati Membri oħra li jipparteċipaw				Bqija tad-dinja
	MFIs	Gvern ċentrali	Amministrazzjonijiet oħra pubbliċi	Setturi oħra residenti	MFIs	Gvern ċentrali	Amministrazzjonijiet oħra pubbliċi	Setturi oħra residenti	
ASSI									
2 **Self**				**S5**					

▼B

Self sigurtizzat/trasferit ta' l-OMFI - Flussi netti ta' kull xahar (li jkollhom jiġu irrappurtati jekk il-flussi miġbura ma jkunux disponibbli)

Settur ta' min jissellef									
	Domestiċi				Stati Membri oħra li jipparteċipaw				Bqija tad-dinja
	MFIs	Gvern ċentrali	Amministrazzjonijiet oħra pubbliċi	Setturi oħra residenti	MFIs	Gvern ċentrali	Amministrazzjonijiet oħra pubbliċi	Setturi oħra residenti	
ASSI									
2 **Self**				**S6**					

Id-data għandhom ikunu ikkompilati b'konsiderazzjoni lejn id-definizzjonijiet tas-sigurtazzjoni, trasferiment ta' self u assorbiment ta' dejn mogħtija fl-Anness X, Appendiċi 2 u 3.

EŻEMPJU FUQ IL-PROVVISTA U L-UŻU TA' DATA FUQ IS-SIGURTAZZJONI

1. L-ewwel, eżempju sempliċi jiġi ippreżentat. Ippreżumi l-evoluzzjoni li ġejja ta' self sigurtizzat f'xahar partikolari (l-istess data bħal fl-aħħar ringiela tat-tabella fil-paġna li jmiss).

Xahar t-1

MFI (tmiem tax-xahar)		**FVC** (tmiem tax-xahar)	
110 self		18 self	

Xahar t

MFI (tmiem tax-xahar)		**FVC** (tmiem tax-xahar)	
115 self		15 self	

Informazzjoni addizzjonali għax-xahar t

MFI (modifika ta' klassifikazzjoni mill-ġdid)		**FVC** (Self ġdid u miġbur li jkun sigurtizzat)		**FVC** (ħlas lura ta' self sigurtizzat)	
0 self		+ 10 self		-13 self	

L-informazzjoni, jekk tkun disponibbli, għandha tkun irrappurtata għal dan ix-xahar (t). F'dan l-eżempju l-operazzjonijiet isiru permezz ta' FVC.

Sigurtazzjonijiet miġbura: S1= 10

Stokk ta' self sigurtizzat: S2= 15

Sigurtazzjonijiet netti: S3= -3 (15-18)

▼B

2. It-tieni, tabella partikolari tippreżenta ż-żewġ alternattivi għall-użu tad-data fit-termini tas-serje taż-żmien.

Rappurtaġġ tal-karta tal-bilanċ		Informazzjoni addizzjonali				Użu tad-data Għażla 1			Użu tad-data Għażla 2	
Self ta' l-MFI lil setturi oħra residenti		Sigurtazzjonijiet				Flussi ta' l-MFI korretti għas-sigurtazzjonijiet			Stokks u flussi ta' l-MFI integrati b'mod sħiħ mas-sigurtazzjonijiet	
Stokk	Fluss	Miġbur (S1)	Ħlas lura ta' self	Nett (S3)	Stokk (S2)	Stokk	Il-fluss jekk id-data tal-fluss miġbur ikunu disponibbli	Il-fluss jekk id-data tal-fluss nett ikunu disponibbli	Stokk	Fluss
1	2	3	4	5 = 3 - 4	6	7 = 1	8 = 2 + 3	9 = 2 + 5 (valuri posittivi biss)	10 = 1 + 6	11 = 2 + 5
100	0	0	0	0	10	100	0	0	110	0
90	− 10	+ 5	0	+ 5	15	90	- 5	- 5	105	- 5
100	+ 10	0	- 2	- 2	13	100	+ 10	+ 10	113	+ 8
110	+ 10	+ 5	0	+ 5	18	110	+ 15	+ 15	128	+ 15
115	**+ 5**	**+ 10**	**- 13**	**- 3**	**15**	**115**	**+ 15**	**+ 5**	**130**	**+ 2**

▼M2

ANNESS XIII

STANDARDS TA' RAPPORTAR GĦALL-ISKAMBJU ELETTRONIKU TA' *DATA* STATISTIKA

STATISTIĊI TAL-PARTITI TAL-KARTA TA' BILANĊ TAL-BĊE

IDENTIFIKATUR TAL-FAMILJA TAL-KODIĊI: ECB_BSI1

Statistiċi tal-karta ta' bilanċ ta' l-ifm għall-produzzjoni tal-bilanċ konsolidat

1. **Il-Familja tal-Kodiċi BĊE_BSI1 u l-Listi tal-Kodiċi li Jikkorrespondu**

Il-familja tal-kodiċi tal-partiti tal-karta tal-bilanċ (BSI) tirreferi għall-istatistiċi armonizzati tal-karta tal-bilanċ irrapportati mis-settur ta' l-istituzzjoni finanzjarja monetarja (IFM) lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE). Id-*data* minn IFM individwali (għajr il-banek ċentrali nazzjonali (BĊN)) dwar il-BSI hija miġbura u aggregata fuq il-livell nazzjonali mill-BĊN. Il-BĊN u l-BĊE jaħdmu wkoll l-istatistiċi tal-BSI tagħhom stess. L-istatistiċi tal-BSI tal-BĊN/il-BĊE u dawk ta' IFM oħra (minn hawn iżjed 'l quddiem "IFMO") jiġu rrapportati separatament fuq bażi grossa mill-BĊN lill-BĊE li, minn naħa tiegħu, l-ewwel jaħdem il-bilanċ aggregat pajjiż, pajjiż tas-settur ta' l-IFM u mbagħad il-bilanċ konsolidat taż-żona ta' l-euro tas-settur ta' l-IFM ([1]) u l-aggregati monetarji relevanti taż-żona ta' l-euro ([2]).

Il-BĊE juża *data* konsolidata ta' kull *xahar* dwar il-karta ta' bilanċ tas-settur ta' l-IFM sabiex jikkompila aggregati u kontrapartijiet monetarji taż-żona ta' l-euro. Aktar analiżi tal-BSI ewlenin jiġu rrapportati fuq bażi ta' kull *tliet xhur* bħala biċċa informazzjoni addizzjonali sabiex tgħin l-analiżi monetarja.

Id-dimensjonijiet u l-attributi identifikati għall-familja tal-kodiċi BSI huma deskritti fid-dettall, aktar 'l isfel.

Għal statistiċi tal-BSI, 11-il dimensjoni huma speċifikati bħala li huma essenzjali sabiex jidentifikaw is-serje temporali ([3]):

TABELLA 1

Il-familja tal-kodiċi BSI (ECB_BSI1): Dimensjonijiet tas-serje

Poż-izzjoni fiċ-ċavetta	Kunċett (mnemonika)	Isem tal-kunċett	Format tal-valur	Lista tal-kodiċi (mnemonika)	Isem tal-lista tal-kodiċi
	Dimensjonis				
1	FREQ	Frekwenza	AN1	CL_FREQ	Lista tal-kodiċi tal-frekwenza (BSI, BĊE)
2	REF_AREA	Żona ta' referenza	AN2	CL_AREA_EE	Lista tal-kodiċi taż-żona (Eurostat BoP, BĊE)
3	ADJUSTMENT	Indikatur ta' l-aġġustament	AN1	CL_ADJUST-MENT	Lista tal-kodiċi ta' l-indikatur ta' l-aġġustament (BSI, BĊE)
4	BS_REP_-SECTOR	Analiżi tas-settur ta' referenza tal-karta ta' bilanċ	AN1	CL_BS_REP_-SECTOR	Lista tal-kodiċi ta' l-analiżi tas-settur ta' referenza tal-

([1]) L-istatistiċi tal-KKB tal-BĊE stess huma wkoll element tal-proċess ta' konsolidazzjoni.
([2]) Id-Direttorat tal-Finanzi Interni tal-BĊE jirrapporta wkoll lid-Direttorat ta' l-Istatistiċi Ġenerali tal-BĊE, il-karta ta' bilanċ tiegħu stess filwaqt li jsegwi dawn l-istruzzjonijiet.
([3]) Il-konkatenazzjoni tal-valuri tad-dimensjoni konkreta tipprovdi l-ismijiet tas-serje temporali (kodiċi).

▼**M2**

Pożizzjoni fiċ-ċavetta	Kunċett (mnemonika)	Isem tal-kunċett	Format tal-valur	Lista tal-kodiċi (mnemonika)	Isem tal-lista tal-kodiċi
	Dimensjonis				
					karta ta' bilanċ (BĊE)
5	BS_ITEM	Kategorija tal-karta ta' bilanċ	AN3	CL_BS_ITEM	Lista tal-kodiċi tal-kategorija tal-karta ta' bilanċ (BĊE)
6	MATURITY_ORIG	Maturità oriġinali	AN1	CL_MATURITY_ORIG	Lista tal-kodiċi tal-maturità oriġinali (BĊE)
7	DATA_TYPE	Tip ta' *data*	AN1	CL_DATA_TYPE	Tip ta' *data* monetarja u bankarja, fluss u pożizzjoni (BĊE, BSI)
8	COUNT_AREA	Żona kontraparti	AN2	CL_AREA_EE	Lista tal-kodiċi taż-żona (Eurostat BoP, BĊE)
9	BS_COUNT_SECTOR	Settur kontraparti tal-karta tal-bilanċ	AN4	CL_BS_COUNT_SECTOR	Lista tal-kodiċi tas-settur kontraparti tal-karta tal-bilanċ (BĊE, BSI)
10	CURRENCY_TRANS	Munita ta' transazzjoni	AN3	CL_CURRENCY	Lista tal-kodiċi tal-munita (BĊE, BSI, Eurostat BoP)
11	BS_SUFFIX	Suffiss tal-karta tal-bilanċ	AN1	CL_BS_SUFFIX	Lista tal-kodiċi tad-denominazzjoni tas-serje jew ta' kalkolazzjoni speċjali (BĊE)

Dawn id-dimensjonijiet huma kunċetti statistiċi li jieħdu l-valuri tagħhom mil-listi tal-kodiċi. F'xi każijiet rari, id-deskrizzjoni tal-valuri kkodifikati fil-listi tal-kodiċi tista' ma tikkorrispondix eżatt mal-formolazzjoni tal-kliem miftehma tar-Regolament BĊE/2001/13. Dan iseħħ meta lista tal-kodiċi, jew subsett tal-valuri tagħha, tkun lista li jkun sar qbil fuqha fuq livell internazzjonali u li diġà tkun teżisti (eż. ir-residenza tal-kontraparti).

L-istess familja tal-kodiċi tippermetti rappreżentazzjoni tas-sett supplimentari ta' *data* mitlub għall-kompilazzjoni ta' l-aggregati monetarji taż-żona ta' l-euro: l-attivi tal-gvern ċentrali u (sostituti mill-qrib tagħhom ta') obbligi ta' depożiti, ippreżentati fl-Anness VII.

2. **Dimensjonijiet**

Deskrizzjoni tad-dimensjonijiet tal-familja tal-kodiċi tal-BSI hija mogħtija taħt, li ssegwi l-istess sekwenza kif tidher fil-kodiċi tas-serje. Hija mogħtija informazzjoni wkoll dwar it-*tul (format tal-valur*, indikatur tan-numru ta' karattri) ta' kull dimensjoni u l-*lista tal-kodiċi* ta' referenza (indikata bl-ittri kapitali bħal CL_****). Eżempju, skond it-tabella 1, id-dimensjoni REF_AREA (żona ta' referenza) tieħu l-valuri tagħha mil-lista tal-kodiċi CL_AREA_EE.

2.1 *Dimensjoni Nru 1: Frekwenza (FREQ; tul: karattru wieħed)*

Din id-dimensjoni tindika l-frekwenza tas-serje rrapportati. Il-lista tal-kodiċi wżata hija CL_FREQ. Il-valuri tal-kodiċi wżati fil-familja tal-kodiċi BSI huma "M" għal *data* ta' kull *xahar* u "Q" għal *data* ta' *kull tliet xhur*, u huma subsett tal-valuri speċifikati f'din il-lista tal-kodiċi.

▼M2

2.2 *Dimensjoni Nru 2: Żona ta' referenza (REF_AREA; tul: żewġ karattri)*

Din id-dimensjoni tirrappreżenta l-pajjiż ta' residenza ta' l-istituzzjonijiet li jirrapportaw (IFM). Il-lista tal-kodiċi assoċjata CL_AREA_EE fiha l-lista tal-pajjiżi ta' l-istandard ISO kif ukoll xi valuri tal-kodiċi addizzjonali kif deskritt fis-Sezzjoni 2.8 (Dimensjoni Nru 8: Żona kontraparti). Subsett wieħed biss tal-valuri tagħha huwa wżat sabiex jiddefinixxi ż-żona ta' referenza fil-familja tal-kodiċi tal-BSI.

2.3 *Dimensjoni Nru 3: Indikatur ta' l-aġġustament (ADJUSTMENT; tul: karattru wieħed)*

Din id-dimensjoni tindika jekk ikunx ġie applikat aġġustament staġjonali u/jew aġġustament ta' jum ta' xogħol. Il-lista tal-kodiċi li tikkorrispondi hija CL_ADJUSTMENT. Il-valuri tal-kodiċi wżati bħalissa fil-familja tal-kodiċi BSI huma "N" għal *la aġġustati staġjonalment u lanqas aġġustati skond il-jum ta' ħidma* u "Y" għal *aġġustati kemm staġjonalment kif ukoll skond il-jum ta' xogħol*.

2.4 *Dimensjoni Nru 4: Analiżi tas-settur ta' referenza tal-karta tal-bilanċ (BS_REP_SECTOR; tul: karattru wieħed)*

Din id-dimensjoni tindika s-settur ta' rapportar u hija marbuta mal-lista tal-kodiċi CL_BS_REP_SECTOR. F'din il-lista tal-kodiċi, l-IFM huma maqsumin f'*BĊN/BĊE* ("N") u *IFMO (istituzzjonijiet ta' kreditu, fondi tas-suq monetarju u istituzzjonijiet oħra)* ("A"), f'kunsiderazzjoni tal-karti ta' bilanċ separati li l-BĊE jikkonsolida.

F'konsiderazzjoni tat-talba għal *data* dwar passivi u attivi ta' depożitu tal-gvern ċentrali, għall-*gvern ċentrali* jiġi wżat il-valur tal-kodiċi "G".

Il-valuri tal-kodiċi l-oħra huma nklużi wkoll f'din il-lista tal-kodiċi għall-għan li s-serji monetarji aggregati jiġu kkalkolati u mxandra mill-BĊE.

2.5 *Dimensjoni Nru 5: Partita tal-karta tal-bilanċ (BS_ITEM; tul: tliet karattri)*

Din id-dimensjoni tirrappreżenta l-BSI tal-karta ta' bilanċ ta' l-IFM kif definit fir-Regolament BĊE/2001/13 u tieħu l-valuri tagħha mil-lista tal-kodiċi CL_BS_ITEM. Din hija d-dimensjoni ewlenija tal-familja tal-kodiċi BSI. Il-valuri tal-kodiċi ta' l-attivi u tal-passivi huma identifikati bil-prefiss "A" jew "L" u, f'dan il-każ ukoll, il-valuri huma organizzati u kkodifikati wara, kull fejn possibbli, relazzjoni ġerarkika fost il-partiti. Il-BSI addizzjonali speċifiċi għall-BĊN (u l-BĊE) huma identifikati bl-ittra "C", wara l-prefiss "A" għal attivi u wara l-prefiss "L" għal passivi.

2.6 *Dimensjoni Nru 6: Maturità oriġinali (MATURITY_ORIG; tul: karattru wieħed)*

Din id-dimensjoni tirrappreżenta l-maturità oriġinali tal-BSI fil-karta tal-bilanċ ta' l-IFM u hija marbuta mal-lista tal-kodiċi CL_MATURITY_ORIG.

2.7 *Dimensjoni Nru 7: Tip ta' data (DATA_TYPE; tul: karattru wieħed)*

Din id-dimensjoni hija deskritta bil-lista tal-kodiċi CL_DATA_TYPE u tindika t-tip ta' *data* li għandha tiġi rrapportata: *ammonti pendenti fit-tmiem tal-perjodu (stokks*) ("1"), *klassifikazzjonijiet mill-ġdid u aġġustamenti oħra* ("5"), *bidliet fir-rata tal-kambju* ("6") ([1]) u *aġġustamenti oħra* ("7") (valutazzjonijiet mill-ġdid oħra u kanċellazzjoni/żvalutazzjoni tas-self). Ġew definiti valuri tal-kodiċi oħra sabiex jippermettu li ssir id-derivazzjoni tal-flussi mill-istokks u li jsiru l-aġġustamenti xierqa kif ukoll li ssir il-kalkolazzjoni ta' l-indiċi ta' stokks spekulattivi wżati għad-derivazzjoni ta' rati ta' tkabbir annwali. Dawn il-valuri tal-kodiċi addizzjonali huma wżati mill-BĊE għad-disseminazzjoni ta' l-aggregati taż-żona ta' l-euro.

([1]) Ir-rapportar ta' serje ta' aġġustamenti tar-rata ta' kambju japplika għall-BĊE biss.

▼M2

2.8 *Dimensjoni Nru 8: Żona kontraparti (COUNT_AREA; tul: żewġ karattri)*

Din id-dimensjoni tirrappreżenta ż-żona ta' residenza tal-kontraparti tal-BSI ta' l-IFM. Il-lista tal-kodiċi assoċjata ma' dan il-kunċett hija CL_AREA_EE, li fiha l-lista tal-pajjiż ta' l-istandard ISO u l-valuri tal-kodiċi addizzjonali wżati speċifikament għaż-żona ta' l-euro (eż. U6 — "domestiku" wżat meta ż-żona kontraparti hija l-istess pajjiż bħall-IFM li jirrapporta). Għall-istatistiċi tal-BSI jintuża subsett tal-valuri tal-kodiċi: il-kodiċi ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea (UE) flimkien ma' xi kodiċi addizzjonali taż-żona.

2.9 *Dimensjoni Nru 9: Settur kontraparti tal-karta tal-bilanċ (BS_COUNT_SECTOR; tul: erba' karattri)*

Din id-dimensjoni tirrappreżenta l-analiżi settorjali tal-kontraparti tal-BSI u hija marbuta mal-lista tal-kodiċi CL_BS_COUNT_SECT. Din il-lista tal-kodiċi hija meħuda strettament mill-ħtieġa ta' l-analiżi settorjali għall-BSI stabbilita l-ewwel nett fir-Regolament BĊE/1998/16 ta' l-1 ta' Diċembru 1998 dwar il-bilanċ konsolidat tas-settur ta' istituzzjonijiet finanzjarji monetarji u mbagħad fir-Regolament BĊE/2001/13. Il-valuri huma organizzati u kkodifikati skond l-istruttura ġerarkika tas-setturi bil-għan li jkunu orjentati lejn l-utent u li jipprovdu għodda għal amministrazzjoni faċli tad-*data*.

Għat-tabelli 2 u 4 ta' l-Anness I tar-Regolament BĊE/2001/13, il-qasma "banek"/"mhux banek", meta applikata għal kontrapartijiet residenti fi Stati Membri mhux parteċipanti, tikkorrespondi għall-analiżi "IFM"/"mhux IFM", kif speċifikat fl-imsemmi Regolament. Fit-tabella 3, il-qasma "IFM"/"mhux IFM", minflok hija wżata sabiex tikklassifika kontrapartijiet residenti fi Stati Membri mhux parteċipanti.

2.10 *Dimensjoni Nru 10: Munita tat-transizzjoni (CURRENCY_TRANS; tul: tliet karattri)*

Din id-dimensjoni tiddeskrivi l-munita li biha, il-BSI ta' l-IFM huma denominati u hija marbuta mal-lista tal-kodiċi CL_CURRENCY. Għal BSI ta' l-IFM jintuża subsett tal-valuri tal-kodiċi.

2.11 *Dimensjoni Nru 11: Munita ta' denominazzjoni tas-serje (BS_SUFFIX; tul: karattru wieħed)*

Din id-dimensjoni tispeċifika jekk is-serje rrapportata hijiex imfissra f'munita nazzjonali jew fil-munita komuni (euro). Għandha żewġ valuri ("N", nazzjonali u "E", euro) li huma rrappreżentati mil-lista tal-kodiċi CL_BS_SUFFIX. Din id-dimensjoni hija fundamentali sabiex issir differenza bejn is-serje li jirrappreżentaw l-istess fenomenu ekonomiku li huma rrapportati fil-fażijiet differenti ta' l-unjoni ekonomika u monetarja (UEM). Eżempju, għall-pajjiżi ta' l-UE li mhumiex membri ta' l-UEM, id-*data* mhijiex irrapportata fil-munita nazzjonali. Sa minn meta jidħlu fl-UEM, l-istess serje tal-BSI jiġu mfissra fil-munita komuni u rrapportati fl-euro.

3. **L-Attributi**

Barra mill-11-il dimensjoni li jiddefinixxu l-kodiċi, ġie definit sett ta' attributi ([1]). Dawn huma meħmużin f'livelli varji ta' l-informazzjoni skambjata. It-tabella 2 tirrapporta l-lista ta' attributi kkodifikati u mhux ikkodifikati ddefiniti għall-familja tal-kodiċi ta' l-istatistika tal-BSI, flimkien mal-livell ta' assenjazzjoni, il-format u l-listi tal-kodiċi li minnhom huma meħudin il-valuri ta' l-attributi kkodifikati.

Barra minn hekk, kull wieħed minn dawn l-attributi huwa kkaratterizzat b'ċerti karatteristiċi tekniċi, li huma elenkati fit-Tabella 3.

([1]) L-attributi huma kunċetti statistiċi li jipprovdu lill-utent b'informazzjoni addizzjonali kkodifikata (eż. l-unità) u mhux ikkodifikata (eż. il-metodu ta' kompilazzjoni) dwar id-*data* skambjata. "Obbligatorji" huma dawk l-attributi li għandhom jieħdu valur, inkella l-osservazzjonijiet li jikkorrespondu li huma jirreferu għalihom ma jitqiesux jagħmlu sens. "Kondizzjonali" huma dawk l-attributi li huma mogħtija valuri biss jekk ikunu magħrufin fl-istituzzjoni ta' rapportar (eż. ID tas-serje domestika) jew kull meta jkunu relevanti (eż. interruzzjoni), u jkunu permessi jieħdu valuri vojta. Il-valuri ta' l-attributi għandhom jiġu skambjati biss kif u meta jiġu stabbiliti għall-ewwel darba jew jinbidlu. L-*istatus ta' osservazzjoni* biss huwa preżenti f'kull skambju, meħmuż ma' kull osservazzjoni.

▼M2

TABELLA 2

Attributi kkodifikati u mhux ikkodifikati ddefiniti għall-familja tal-kodiċi ECB_BSI1

Livell ta' assenjazzjoni	Kunċett statistiku		Format	Lista tal-kodiċi	
	Attributi fuq livell ta' parentela (skambjati billi jsir użu mill-grupp FNS)				
Parentela	TITLE	Titlu	AN..70	mhux kodifikat	
Parentela	UNIT	Unità	AN..12	CL_UNIT	Lista tal-kodiċi ta' l-unità (BSI, BĊE, Eurostat BoP)
Parentela	UNIT_MULT	Multiplikatur ta' l-unità	AN..2	CL_UNIT_MULT	Lista tal-kodiċi tal-multiplikatur ta' l-unità (BSI, BĊE, Eurostat BoP)
Parentela	DECIMALS	Deċimali	AN1	CL_DECIMALS	Lista tal-kodiċi tad-deċimali (BSI, BĊE)
Parentela	TITLE_COMPL	Kompliment tat-titlu	AN..1050	mhux kodifikat	
Parentela	NAT_TITLE	Titlu fil-lingwa nazzjonali	AN..350	mhux kodifikat	
Parentela	COMPILATION	Kompilazzjoni	AN..1050	mhux kodifikat	
	Attributi fuq livell ta' serje temporali (skambjati billi jsir użu mill-grupp FNS)				
Serje temporali	COLLECTION	Indikatur tal-ġbir	AN1	CL_COLLECTION	Lista tal-kodiċi ta' l-indikatur tal-ġbir (BSI, BĊE)
Serje temporali	AVAILABILITY	Disponibilità	AN1	CL_AVAILABILITY	Lista tal-kodiċi tad-disponibilità ta' l-organizzazzjoni (BSI, BĊE)
Serje temporali	DOM_SER_IDS	Ids tas-serje domestiċi	AN..70	mhux kodifikat	
Serje temporali	UNIT_INDEX_BASE	Bażi ta' l-indiċi ta' l-unità	AN..35	mhux kodifikat	
Serje temporali	BREAKS	Interruzzjonijiet	AN..350	mhux kodifikat	
	Attributi fuq livell ta' osservazzjoni (skambjati flimkien mad-data fis-segment prinċipali ARR għajr għal OBS_COM skambjati fi ħdan il-grupp FNS)				
Osservazzjoni	OBS_STATUS	Status ta' osservazzjoni	AN1	CL_OBS_STATUS	Lista tal-kodiċi ta' l-istatus ta' osservazzjoni (BSI, ECB, Eurostat BoP)

▼M2

Livell ta' assenjazzjoni	Kunċett statistiku		Format	Lista tal-kodiċi	
Osservazzjoni	OBS_CONF	Kunfidenzjalità ta' osservazzjoni	AN1	CL_OBS_CONF	Lista tal-kodiċi tal-kunfidenzjalità ta' osservazzjoni (Eurostat BoP, BĊE)
Osservazzjoni	OBS_PRE_BREAK	Valur ta' osservazzjoni ta' qabel l-interruzzjoni	AN..15	mhux kodifikat	
Osservazzjoni	OBS_COM	Kumment ta' osservazzjoni	AN..350	mhux kodifikat	

TABELLA 3

Karatteristiċi komuni ta' l-attributi għall-familja tal-kodiċi ECB_BSI1: BĊN taż-żona ta' l-euro li jirrapportaw lill-BĊE

	Status	L-ewwel valur stabbilit mill- … [1]	Jista' jiġi mibdul mill-BĊN
TITLE_COMPL	O	BĊE	Le
UNIT	O	BĊE	Le
UNIT_MULT	O	BĊE	Le
DECIMALS	O	BĊE	Le
TITLE	K	BĊE	Le
NAT_TITLE	K	BĊN	Iva
COMPILATION	K	BĊN	Iva (*)
COLLECTION	O	BĊE	Le
AVAILABILITY	O	BĊE/BĊN	Iva
DOM_SER_IDS [2]	K	BĊN	Iva
UNIT_INDEX_BASE	K	BĊE	Le
BREAKS	K	BĊN	Iva
OBS_STATUS	O	BĊN	Iva
OBS_CONF	K	BĊN	Iva
OBS_PRE_BREAK	K	BĊN	Iva
OBS_COM	K	BĊN	Iva
	O: Obbligatorju, K: Kondizzjonali		

(*) Il-bidliet għandhom jiġu kkomunikati lit-Taqsima tas-Sistemi ta' l-Informazzjoni Statistika tal-BĊE kif ukoll lill-qasam kummerċjali responsabbli tal-BĊE permezz ta' fax/e-mail.
([1]) Hawnhekk, BĊE tirreferi għad-Direttorat ta' l-Istatistiċi Ġenerali tal-BĊE.
([2]) Il-BĊE jirrakkommanda li l-BĊN ifornu dawn il-valuri sabiex jiżguraw komunikazzjonijiet aktar trasparenti.

Il-paragrafi 3.1, 3.2 u 3.3 jippreżentaw *deskrizzjoni* ta' kull wieħed mill-attributi, il-*lista tal-kodiċi* ta' referenza (indikata b'ittri kapitali bħala CL_****) hija nkluża kull meta jkun applikabbli.

3.1 *Attributi fuq livell ta' parentela*

Obbligatorju:

— TITLE_COMPL (mhux kodifikat): L-attribut tal-kompliment tat-titlu jiġi stabbilit, irreġistrat u mxandar mill-BĊE (huwa bl-Ingliż, b'tul massimu ta'1 050 karattru). Jekk BĊN ikun irid jagħmel modifika,

▼M2

ikun jista' jagħmel dan wara konsultazzjoni mal-BĊE. Ir-reviżjoni tiġi implimentata mill-BĊE.

— UNIT (lista tal-kodiċi: CL_UNIT): Dan l-attribut jipprovdi l-unità ta' kejl tad-*data* rrapportata. Stati Membri taż-żona ta' l-Euro jirrapportaw id-*data* f'euro u l-BĊE jistabbilixxi dan l-attribut għal euro (UNIT = "EUR"). Fil-każ ta' Stati Membri mhux parteċipanti, il-valur ta' dan l-attribut huwa daqs il-munita nazzjonali li tikkorrespondi.

— NIT_MULT (lista tal-kodiċi: CL_UNIT_MULT): L-attribut tal-multiplikatur ta' l-unità jipprovdi informazzjoni dwar jekk is-serje hijiex imfissra f'miljuni (UNIT_MULT = "6"), biljuni (UNIT_MULT = "9") eċċ. Il-BĊN jirrapportaw *data* f'miljuni u l-BĊE jiffissa l-valur għal 6 (UNIT_MULT = "6").

— DECIMALS (lista tal-kodiċi: CL_DECIMALS): Dan l-attribut jindika n-numru ta' deċimali mogħtija għall-valuri ta' l-osservazzjonijiet. Il-BĊN jirrapportaw id-*data* b'żero ċifri deċimali, kif speċifikat fir-Regolament BĊE/2001/13 (b'hekk DECIMALS = "0"). Il-BĊE sejjer jistabbilixxi l-valuri x-xierqa ta' dan l-attribut.

Kondizzjonali:

— TITLE (mhux kodifikat): It-titolu tas-serje jippermetti biss massimu ta' 70 karattru. Minħabba l-ispazju limitat, l-attribut tal-kompliment tat-titlu huwa wżat minflok l-attribut obbligatorju. L-attribut titlu jista' fil-futur jintuża għall-kostruzzjoni ta' titli qosra, u jiġi rreġistrat u mxandar mill-BĊE.

— NAT_TITLE (mhux kodifikat): Il-BĊN jistgħu jużaw l-attribut tat-titlu nazzjonali sabiex jipprovdu deskrizzjoni preċiża u speċifikazzjonijiet oħra supplimentari jew ta' distinzjoni fil-lingwa nazzjonali tagħhom (test sa 350 karattru). Jista' jiġi ffissat u modifikat mill-BĊN fi kwalunkwe ħin. Għalkemm l-użu ta' ittri kbar u ittri żgħar ma joħloqx problemi, il-BĊN huma mitlubin li jillimitaw lilhom infushom għassett ta' karattri Latin-1.

— COMPILATION (mhux kodifikat): Dan l-attribut huwa wżat għal kwalunkwe spjega testwali tal-metodi ta' kompilazzjoni wżati, b'mod partikolari jekk dawn ikunu jvaraw mir-regoli u mill-istandards tal-BĊE (test sa 1 050 karattru).

3.2 *Attributi fil-livell tas-serje temporali*

Obbligatorju:

— COLLECTION (lista tal-kodiċi: CL_COLLECTION): Dan l-attribut jipprovdi spjega taż-żmien meta jiġu miġburin l-osservazzjonijiet (eż. il-bidu, nofs u t-tmiem tal-perjodu) jew indikazzjoni ta' jekk id-*data* hijiex il-medja fuq il-perjodu jew osservazzjonijiet tat-tmiem tal-perjodu. Il-BĊE jistabbilixxi l-attribut tal-ġbir għall-istatistiċi tal-BSI għal "E"**tmiem tal-perjodu** (COLLECTION = "E") fir-rigward ta' serje ta' l-istokk u għal "S"**totali fuq perjodu** (COLLECTION = "S") fir-rigward ta' aġġustamenti u serje tal-flussi.

— AVAILABILITY (lista tal-kodiċi: CL_AVAILABILITY): Dan l-attribut jindika għal liema istituzzjonijiet tista' tkun magħmula disponibbli din id-*data*. Meta jkun meħtieġ trattament speċjali għal osservazzjonijiet speċifiċi, jista' jintuża l-attribut tal-konfidenzjalità ta' l-osservazzjoni (ara taħt).

Kondizzjonali:

— DOM_SER_IDS (mhux kodifikat): Dan l-attribut jagħmilha possibbli li ssir referenza għall-kodiċi wżat fil-bażi ta' *data* nazzjonali sabiex jiġu identifikati s-serje li jikkorrispondu (formoli li jużaw il-kodiċi ta' referenza nazzjonali jistgħu jiġu speċifikati wkoll). Jista' jintbagħat u jiġi mmodifikat minn BĊN li jirrapporta f'kull ħin (test sa 70 karattru).

— UNIT_INDEX_BASE (mhux kodifikat): Dan l-attribut jindika r-referenza bażi u l-valur bażi għall-indiċi. Il-valur jintuża biss għas-serje ta' l-indiċi ta' stokks spekulattivi miksubin mill-BĊE u mxandra lis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali. Għal dan il-għan, fil-bidu, dan il-valur ġie stabbilit mill-BĊE għal "**Index Dec98 = 100**", fl-okkażjoni tad-disseminazzjoni mill-BĊE tad-*data* ta' Ottubru 2002.

▼M2

— BREAKS (mhux kodifikat): Dan l-attribut jipprovdi deskrizzjoni ta' l-interruzzjonijiet u bidliet kbar maż-żmien fil-ġbir, jirrapporta l-kopertura u l-kompilazzjoni tas-serje. Fil-każ ta' interruzzjoni, huwa mixtieq li jiġi ddikjarat kemm, id-*data* antika u dik ġdida, jistgħu jitqiesu komparabbli (test sa 350 karattru).

3.3 *Attributi fuq livell ta' osservazzjoni* ([1])

Obbligatorju:

— OBS_STATUS (lista tal-kodiċi: CL_OBS_STATUS): Il-BĊN jirrapportaw il-valur ta' l-istatus ta' osservazzjoni mehmuż ma' kull osservazzjoni skambjata. Dan l-attribut huwa obbligatorju u għandu jiġi pprovdut ma' kull tramissjoni ta' *data* għal kull osservazzjoni individwali. Meta l-BĊN jirrevedu l-valur ta' dan l-attribut, jiġu rrapportati kemm il-valur ta' osservazzjoni (anke jekk mhux mibdul) kif ukoll il-marka indikattiva ta' l-istatus ta' osservazzjoni.

Il-lista ta' taħt tispeċifika l-valuri mistennija (skond il-ġerarkija miftehma) għal dawn l-attributi għall-istatistiċi tal-BSI:

"A" = valur normali (*default* għal osservazzjonijiet mhux nieqsin),

"M" = valur nieqes, id-*data* ma teżistix (għal *data* mhux applikabbli) ([2]),

"L" = valur nieqes, id-*data* teżisti iżda ma ġietx miġbura ([3]),

"E" = valur stmat ([4]),

"P" = valur proviżorju (dan il-valur jista' jintuża, f'kull trasmissjoni ta' *data*, b'referenza għall-aħħar osservazzjoni disponibbli, jekk din hija meqjusa proviżorja).

F'ċirkostanzi normali, il-valuri numeriċi għandhom jiġu rrapportati bl-istatus ta' osservazzjoni "A" (*valur normali*) mehmuż. Inkella, jingħata valur differenti minn "A" skond il-lista murija fuq ([5]).

Jekk osservazzjoni tista' tikkwalifika b'żewġ karatteristiċi, tiġi rrapportata l-aktar waħda importanti.

Jekk, eżempju, osservazzjoni tkun kemm stima kif ukoll valur proviżorju, skond il-ġerarkija murija fuq, tingħata prijorità għall-karatteristika *stima* u tintuża l-marka indikatriċi "E".

Kondizzjonali:

— OBS_CONF (lista tal-kodiċi: CL_OBS_CONF): Jekk BĊN ikun jixtieq jagħmel differenza bejn l-istatus tal-kunfidenzjalità ta' osservazzjoni speċifika waħda jew aktar, jista' juża l-attribut tal-konfidenzjalità ta' l-osservazzjoni. Il-valur ta' dan l-attribut (jekk preżenti) jista' jiġi mmodifikat bit-trasmissjoni tad-*data* mill-mittent ta' l-informazzjoni. Meta dan l-attribut ma jiġix stabbilit, ma tiġi stmata ebda restrizzjoni ta' kunfidenzjalità (OBS_CONF = F, *free*).

— OBS_PRE_BREAK (mhux kodifikat): Dan l-attribut fih valur ta' osservazzjoni ta' qabel l-interruzzjoni, li huwa *field* numeriku bħall-osservazzjoni. "B"mod ġenerali, dan jingħata meta sseħħ interruzzjoni. Għall-għanijiet tal-familja tal-kodiċi tal-BSI, dan l-attribut mhuwiex mitlub minħabba li din l-informazzjoni hija diġà disponibbli misserje ta' klassifikazzjoni mill-ġdid. Dan ġie miżjud mal-lista ta' attri-

([1]) Jekk BĊN jixtieq jirrevedi attribut, ikun neċessarju li jissottometti mill-ġdid l-osservazzjoni(jiet) rispettiva(i) fl-istess ħin. Jekk jiġu riveduti xi attributi ta' osservazzjoni, allura, il-valuri eżistenti jiġu mibdulin bil-valuri *default*, sakemm il-BĊN ma jipprovdix il-valur ta' l-attribut relevanti.

([2]) L-istatus ta' osservazzjoni "M" jintbagħat dejjem flimkien ma valur ta' osservazzjoni "-". Għal aktar informazzjoni ara Sezzjoni 4.

([3]) L-istatus ta' osservazzjoni "L" jintbagħat dejjem flimkien ma' valur ta' osservazzjoni "-". Għal aktar informazzjoni ara Sezzjoni 4.

([4]) L-istatus ta' osservazzjoni "E" għandu jiġi adottat għall-osservazzjonijiet jew għall-perjodi ta' *data* kollha li huma r-riżultat ta' stimi u ma jistgħux jiġu meqjusin bħala valuri normali.

([5]) Jekk fl-okkażjoni tat-trasmissjoni ta' reviżjoni (ta' attribut wieħed jew tal-valur ta' osservazzjoni) l-istatus ta' l-osservazzjoni ma jiġix trasmess flimkien mal-valur ta' l-osservazzjoni, jiġi meqjus li l-valur "A" jgħodd għal osservazzjonijiet mhux nieqsa u l-valur "M" jgħodd għal osservazzjonijiet nieqsa.

▼M2

buti minħabba li huwa parti mis-subsett komuni ta' attributi għall-familji tal-kodiċi kollha.

— OBS_COM (mhux kodifikat): L-attribut tal-kumment ta' osservazzjoni jista' jiġi wżat sabiex jipprovdi kummenti testwali fil-livell ta' osservazzjoni (eż. jiddeskrivi l-istima magħmula għall-osservazzjoni speċifika minħabba n-nuqqas ta' *data*, filwaqt li jispjega r-raġuni għal osservazzjoni mhux normali possibbli jew jagħti dettalji ta' bidla fis-serje temporali rrapportati). Dan l-attribut jista' jintbagħat jew jiġi rivedut f'kull ħin minn BĊN li jirrapporta (test sa 350 karattru).

4. **Valuri Nieqsin u Valuri Proviżorji**

Il-valuri nieqsin ("-") huma rrapportati meta ma jkunx possibbli li jiġi rrapportat il-valur numeriku (eż. minħabba btajjel, *data* mhux eżistenti jew minħabba li d-*data* ma tkunx ġiet miġbura). Barra minn hekk, huwa possibbli li ssir differenza bejn il-każijiet ta' valuri nieqsin minħabba n-nuqqas ta' ġbir statistiku dwar il-fenomenu u dawk minħabba l-fatt li l-fenomenu ma jeżistix.

— Meta, minħabba l-kondizzjonijiet statistiċi lokali, *data* għal serje temporali ma tiġix miġbura jew f'dati speċifiċi jew għat-tul totali tas-serje temporali (jeżisti l-fenomenu ekonomiku bażi, iżda mhuwiex immonitorjat statistikament), jiġi rrapportat valur nieqes ("-") bl-istatus ta' osservazzjoni "L" f'kull perjodu.

— Meta, minħabba l-prattiċi tas-suq lokali jew għall-qafas legali/ekonomiku, serje temporali (jew parti minnha) ma tkunx applikabbli (il-fenomenu bażi ma jkunx jeżisti), jiġi rrapportat valur nieqes ("-") bl-istatus ta' osservazzjoni "M".

Osservazzjoni nieqsa, qatt ma għandha tiġi rrapportata bħala "żero", minħabba li żero huwa valur numeriku normali li jindika transazzjoni preċiża ta' mingħajr ammont.

Jekk il-BĊN ma jkunux jistgħu jidentifikaw ir-raġuni eżatta għal valur nieqes jew jekk ma jkunux jistgħu jużaw il-firxa kollha ta' valuri ppreżentati fil-lista tal-kodiċi CL_OBS_STATUS (għalhekk ma jkunux f'pożizzjoni li jagħżlu bejn "L" jew "M" bħala valur għal dan l-attribut), għandu jintuża l-valur "M" ([1]).

Jistgħu jiġu rrapportati valuri proviżorji ma' kull trasmissjoni ta' *data* iżda biss b'referenza għall-aħħar osservazzjoni disponibbli (status ta' osservazzjoni = "P"). Dawn l-osservazzjonijiet jistgħu jieħdu valuri definiti (status ta' osservazzjoni = "A") f'fażi aktar tard. F'dak iż-żmien, l-osservazzjonijiet proviżorji preċedenti jiġu mibdula bil-valuri riveduti l-ġodda mingħajr ma r-reviżjoni tiġi rreġistrata fil-bażi tad-*data* tal-BĊE.

5. **Ħtiġijiet Statistiċi**

Skond ir-Regolament BĊE/2001/13, il-BĊN jirrapportaw lill-BĊE, l-informazzjoni statistika ta' kull xahar dwar il-karta ta' bilanċ tas-setturi ta' l-IFMO u tal-BĊN identifikati separatament, għall-għan tal-produzzjoni regolari tal-bilanċ konsolidat tas-settur ta' l-IFM. Dawn il-ħtiġijiet ikopru l-istokks ta' l-aħħar tax-xahar u d-*data* ta' l-aġġustamenti tal-fluss ta' kull xahar. Aktar dettalji dwar ċerti kategoriji tal-karta ta' bilanċ ta' l-IFMO u tal-BĊN huma rrapportati bi frekwenza ta' kull tliet xhur f'termini ta' *data* ta' l-istokk.

Barra minn hekk, din il-Linjagwida tindika xi ħtiġijiet ta' *data* addizzjonali għall-għanijiet tal-produzzjoni regolari ta' l-aggregati monetarji taż-żona ta' l-euro.

Il-BĊE jaġġorna u jiddistribwixxi lill-BĊN t-tabelli li fihom listi ta' serje temporali tal-BSI li għandhom jiġu skambjati b'referenza għall-ħtiġijiet stabbiliti fir-Regolament BĊE/2001/13 u bi qbil ma' din il-Linjagwida. Il-BĊN jirrapportaw dawn is-settijiet tas-serje li ġejjin lill-BĊE.

5.1 *Data ta' l-istokk*

(a) Tabella 1 — Serje ta' kull xahar applikabbli għall-IFMO u BĊN/BĊE

([1]) Jekk għal raġunijiet tekniċi, il-BĊN ma jkunx f'pożizzjoni li juża l-valur tal-kodiċi "L", għandu jipprovdi, f'format bil-miktub, il-lista tas-serje lill-BĊE.

▼M2

Kif deskritt fir-Regolament BĊE/2001/13, it-Tabella 1 ta' l-Anness I, Parti 2, għandu jiġi rrapportat sett ta' serje temporali ta' kull xahar fuq il-karta ta' bilanċ tas-settur ta' l-IFM, separatament għall-BĊN/BĊE u d-*data* tal-karta ta' bilanċ ta' l-IFMO, lill-BĊE.

(b) Tabelli 2, 3 u 4 — Serje ta' kull tliet xhur applikabbli għall-IFMO u BĊN/BĊE

It-tabelli 2, 3 u 4 tar-Regolament BĊE/2001/13 jippreżentaw sett ta' serje temporali li għandu jiġi rrapportat b'mod regolari lill-BĊE kull tliet xhur, li jirreferu għal analiżi aktar dettaljata għal uħud mill-kategoriji tal-karta ta' bilanċ ta' kull xahar tas-settur ta' l-IFMO u tal-BĊN/BĊE. B'mod partikolari, it-Tabella 2 tirreferi għall-analiżi settorjali ta' depożiti, self, titoli għajr ishma u ishma u *equity* oħra li mhumiex irrapportati taħt it-tabella 1. It-tabella 3 tirrappreżenta l-analiżi skond il-pajjiż ta' l-Istati Membri ta' l-UE ta' depożiti, self, titoli għajr ishma, ishma/unitajiet tal-fond tas-suq monetarju u ishma u *equity* oħra totali. U finalment, it-tabella 4 tirreferi għall-analiżi tal-munita tad-depożiti, titoli maħruġin, self u titoli għajr ishma totali, mill-muniti ta' l-Istati Membri l-oħra ta' l-UE u mill-muniti ta' xi pajjiżi mhux ta' l-UE.

(ċ) Depożiti (u strumenti simili ħafna tagħhom) u pussess ta' flus kontanti u titoli tal-Gvern Ċentrali — serje ta' kull xahar

Bil-għan li jiġu kkalkolati l-aggregati monetarji taż-żona ta' l-euro, il-BĊN jirrapportaw ukoll informazzjoni statistika addizzjonali dwar il-passivi monetarji u l-pussess ta' flus kontanti u titoli tal-Gvern ċentrali lill-BĊE fuq bażi ta' kull xahar, kif iddikkjarat fl-Anness VII. Fejn il-fenomenu ma jeżistix jew fejn mhuwiex sinifikanti, ma hemm bżonn ta' ebda rrapporar fuq bażi *de minimis*. F'dan il-każ, il-BĊN għandhom jinformaw lill-BĊE minn qabel u għandhom jibagħtu, qabel l-ewwel trasmissjoni ta' *data*, il-lista tas-serje applikabbli li għandha tiġi rrapportata b'mod regolari.

(d) Partiti tal-memorandum– IFMO u BĊN/BĊE

Fl-Anness IX, sett ta' serje temporali ta' kull xahar għas-setturi ta' l-IFMO u tal-BĊN/BĊE ġie identifikat bħala neċessarju sabiex jiġu mmonitorjati l-iżviluppi ta' xi analiżi addizzjonali tas-serje ta' BSI ta' l-IFM prinċipali. Dawn is-serje huma rrapportati lill-BĊE bħala partiti tal-memorandum u huma kklassifikati f'żewġ blokok skond il-livell ta' relevanza tagħhom: partiti tal-memorandum ta' "prijorità għolja" u partiti tal-memorandum ta' "prijorità baxxa". Fejn il-fenomenu ma jeżistix jew fejn id-*data* ma tkunx disponibbli, ma jkun meħtieġ ebda rapportar. F'dan il-każ, il-BĊN għandhom jinformaw lill-BĊE bil-quddiem u għandhom jibagħtu, qabel l-ewwel trasmissjoni ta' *data*, il-lista tas-serje applikabbli li tiġi rrapportata fuq bażi regolari.

(e) Partiti tal-memorandum sabiex tinkiseb informazzjoni relevanti dwar ir-rati ta' l-imgħax ta' l-IFM– serje ta' kull xahar ta' l-IFMO

Għall-għanijiet tal-produzzjoni regolari ta' l-istatistiċi dwar ir-rata ta' l-imgħax applikata mill-IFM (minn hawn iżjed 'l quddiem "RII") ([1]), hija meħtieġa informazzjoni dwar il-*weighting* sabiex jinħadem l-aggregat ta' l-istatistiċi nazzjonali tar-RII ma' dawk applikati fiż-żona tal-euro. Għal dan il-għan ġew stabbiliti partiti tal-memorandum xierqa fl-Anness IX, għal dawk il-BĊN li jistgħu jkunu f'pożizzjoni li jipprovdu l-analiżi meħtieġa. Sa mill-bidu tal-perjodu ta' referenza Jannar 2003, dawn is-serje (ta' l-istokk) sejrin jiġu rrapportati bl-istess perjodiċità tas-serje, aggregati li jikkorrespondu nkluži fit-Tabella 1 tar-Regolment BĊE/2001/13.

5.2 *Data ta' aġġustamenti*

Kif iddikjarat fir-Regolament BĊE/2001/13, hija meħtieġa informazzjoni statistika addizzjonali sabiex jinkisbu statistiċi tal-flussi. B'mod partikolari kull xahar, għandha tiġi rrapportata *data* dwar il-kanċellazzjoni/żvalutazzjoni ta' self u dwar il-valutazzjonijiet mill-ġdid tal-prezzijiet ta' titoli, mill-BĊN lill-BĊE. Barra minn hekk, din il-Linjagwida tistabbilixxi ħtiġijiet ta' *data* addizzjonali għas-serje ta' aġġustamenti ta' klassifikazzjoni mill-ġdid ta' kull tliet xhur u għas-serje ta' aġġustamenti ta' valutazzjoni mill-ġdid li għandhom jiġu rrapportati mill-BĊN lill-BĊE.

(a) Serje ta' kull xahar ta' l-IFMO u tal-BĊN/BĊE

([1]) Bi qbil mar-Regolament BĊE/2001/18

▼M2

Kif deskritt fir-Regolament BĊE/2001/13 it-tabella 1A ta' l-Anness 1, Parti 2, għandu jiġi rrapportat sett ta' serje ta' aġġustamenti ta' valutazzjoni mill-ġdid dwar il-karta ta' bilanċ tas-settur ta' l-IFM, separatament għad-*data* tal-karta tal-bilanċ tal-BĊN/BĊE u ta' l-IFMO lill-BĊE. B'mod partikolari, is-serje rrapportata fit-Tabella 1A bħala serje "minima" tiġi rrapportata wkoll lill-BĊE fuq bażi ta' kull xahar għal għanijiet ta' kontroll, flimkien mar-rapportar regolari tas-serje ta' analiżi li jikkorrespondu.

Barra minn hekk, jiġi rrapportat ukoll sett ta' serje ta' klassifikazzjoni mill-ġdid ta' kull xahar għas-serje temporali kollha nklużi taħt it-tabella 1 tar-Regolament BĊE/2001/13, bi qbil ma' l-Anness X.

Fuq il-bażi tad-*data* dwar l-istokk irrapportat mill-BĊN, il-BĊE jikkalkula l-"aġġustament tar-rata tal-kambju" u s-serje tal-flussi tat-transazzjonijiet finanzjarji għall-BSI ta' l-IFM ([1]).

(b) Serje ta' kull tliet xhur ta' l-IFMO u tal-BĊN/BĊE

Fuq il-bażi tal-ħtiġijiet stabbiliti f'din il-Linjagwida u wara l-bidliet għall-ħtiġijiet għal *data* dwar l-istokk ta' kull tliet xhur introdotta bir-Regolament BĊE/2001/13, ġie identifikat sett ta' serje ta' aġġustamenti ta' kull tliet xhur. Għalhekk, hija mitluba *data* ta' l-aġġustamenti għas-serje ta' kull tliet xhur inkluża fit-Tabella 2 tar-Regolament, kif deskritt fl-Anness X.

(ċ) Depożiti, passivi u pussess ta' flus kontanti u titoli tal-gvern ċentrali — serje ta' kull xahar

Għall-għan li jiġu kkompilati l-istatistiċi tal-flussi, qegħda tiġi pprovduta wkoll *data* ta' l-aġġustamenti dwar il-passivi monetarji u l-pussess ta' kontanti u titoli tal-gvern ċentrali bi qbil mal-ħtiġijiet stabbiliti għall-istatistiċi tal-karta tal-bilanċ ta' l-IFM, kif iddikjarat fl-Anness X. Għalkemm mhuwiex mistenni li jsir xi tibdil għajr transazzjonijiet, id-*data* ta' l-aġġustamenti għandha tiġi rrapportata dejjem meta s-serje ta' l-istokk li jikkorrespondu jkunu applikabbli u jkunu inklużi fit-trasmissjoni tad-*data* regolari lill-BĊE.

(d) Partiti tal-memorandum — serje ta' kull xahar ta' l-IFMO u tal-BĊN/BĊE

Il-BĊN/BĊE jirrapportaw sett ta' serje ta' aġġustamenti ta' partiti tal-memorandum ta' kull xahar u ta' kull tliet xhur lill-BĊE b'referenza għal dawk is-serje ta' l-istokk ta' l-IFMO u tal-BĊN/BĊE li huma ddefiniti bħala partiti tal-memorandum ta' "prijorità għolja". Dawn huma deskritti fid-dettall fl-Anness X. Id-*data* ta' l-aġġustament għandha dejjem tiġi rrapportata meta *data* ta' l-istokk li tikkorrespondi tkun disponibbli u/jew applikabbli, u meta tkun inkluża fit-trasmissjoni regolari tad-*data* lill-BĊE.

6. **Rapportar ta' *Data***

Ir-rapporti statistiċi mrodda lura kollha fihom l-ammont ta' *data* speċifikat fit-tabelli relevanti inklużi fir-Regolament BĊE/2001.13 jew f'din il-Linjagwida irrispettivament mill-eżistenza effettiva tal-fenomenu bażi, bl-eċċezzjoni tas-serje tal-partiti tal-memorandum. Dan ifisser li anki jekk serje temporali ma tkunx applikabbli, din għandha xorta waħda tiġi rrapportata (fit-trasmissjonijiet kollha tad-*data*) u l-valuri jindikaw *data* nieqsa ("-"), kif deskritt fis-Sezzjoni 4. Eżempju "munita fiċ-ċirkolazzjoni" għal rapportar ta' l-IFMO għandha tiġi pprovduta b'valuri numeriċi jew b'"-", kif xieraq. L-unika eċċezzjoni hija meta ma jkunx jeżisti s-settur kollu, f'liema każ ma jkun hemm bżonn li tiġi pprovduta ebda *data* għal dan is-settur (iġifieri serje tal-gvern ċentrali).

6.1 *Perjodiċità*

Il-BĊN jirrapportaw lill-BĊE id-*data* ta' l-istokk u ta' l-aġġustamenti tal-karta ta' bilanċ ta' kull xahar tas-setturi ta' l-IFMO u tal-BĊN/BĊE, identifikati b'mod separat, qabel l-aħħar tal-ħmistax-il jum ta' xogħol li għalih tirreferi d-*data*. Il-BĊN jittrasmettu lill-BĊE statistiċi ta' kull tliet xhur qabel l-aħħar tat-tmienja w għoxrin jum ta' xogħol ta' wara l-aħħar tax-xahar li għalih tirreferi d-*data*.

([1]) Fil-każ tal-karta ta' bilanċ tal-BĊE, is-serje ta' l-aġġustament tar-rata ta' kambju huma pprovduti mid-Direttorat tal-Finanzi Interni tal-BĊE bi qbil ma' l-Anness X.

▼M2

6.2 *Kwistjonijiet ta' rapportar ta' data speċifika*

Minn rapportar trimestrili sa rapportar ta' kull xahar.

Waħda mill-bidliet li ġab miegħu r-Regolament BĊE/2001/13 kellha x'taqsam mar-rapportar fuq bażi ta' kull xahar ta' xi serje tal-BSI li qabel kienu jiġu rrapportati fuq bażi ta' kull tliet xhur skond ir-Regolament BĊE/1998/16. Għas-serje soġġetti għal bidla fiż-żmien meta għandu jiddaħħal ir-rapport, hemm struzzjonijiet addizzjonali pprovduti fit-tabella 4.

Dwar ir-rapportar ta' *data* storika u reviżjonijiet għal perjodi ta' qabel Jannar 2003, din għandha tintbagħat dejjem bħala serje ta' kull xahar. Ir-reviżjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-serje ta' kull tliet xhur għandhom jintbagħtu bħala *data* ta' kull xahar b'referenza għall-aħħar xahar tal-perjodu ta' tliet xhur li tirreferi għalih, billi jintużaw il-kodiċi tas-serje ta' kull xahar. Fir-rigward tar-rapportar ta' *data* storika ta' qabel Jannar 2003, dawn huma rrapportati fuq bażi volontarja meta disponibbli u indikati hekk kif addattat permezz ta' l-użu ta' l-istatus ta' osservazzjoni u l-attributi ta' kummenti ta' osservazzjoni ([1]). *Data* storika li hija r-riżultat ta' stimi tista' tintbagħat bħala stimi u indikata hekk kif addattat. F'dan il-każ, għandha tiġi pprovduta deskrizzjoni tal-metodi ta' stima fl-okkażjoni ta' l-ewwel trasmissjoni tad-*data*.

TABELLA 4

Partiti tal-karta ta' bilanċ — bidla fil-perjodiċità: implimentazzjoni għal data dwar l-istokk

Serje ġdida ta' kull xahar	Perjodiċità	Validità		Rapportar (*)
		Sa	Sa minn	
Qabel kienet tiġi rrapportata fuq bażi ta' kull tliet xhur	Q	**Data** ta' Diċ 02		**Reviżjonijiet**: rapportar li juża l-kodiċi tas-serje ta' kull xahar b'referenza għall-aħħar xahar tal-perjodu ta' tliet xhur li għalih tirreferi d-data
	M		Sa *data* ta' Jan 03	**Data storika**: rapportar ta' *data* storika sakemm din tkun disponibbli

(*) Noti. *Reviżjonijiet*: reviżjonijiet għal *data* ta' qabel Jannar 2003 li qabel kienet tiġi rrapportata fuq bażi ta' kull tliet xhur. *Data storika: data* ta' kull xahar għall-perjodu ta' qabel Jannar 2003 li għaliha ma ssir ebda ħtieġa speċifika fir-Regolament BĊE/2001/13

6.3 **Regoli ta' validazzjoni**

Bi qbil ma' l-istandards minimi għall-ħtiġijiet ta' rapportar statistiku tal-BĊE, kif ippreżentati fl-Anness IV għar-Regolament BĊE/2001/13, ġew identifikati żewġ oqsma ta' kontroll ġenerali.

L-ewwel waħda tirreferi għal relazzjonijiet linejari, li għalihom ir-riżultat matematiku għandu jżomm u jiġi aġġornat ma' kull trasmissjoni. B'hekk, il-ħtiġijiet linejari bejn il-BSI għandhom jiġu sodisfatti (il-karti tal-bilanċ għandhom jibbilanċjaw, l-għadd tas-subtotali għandu jikkorrispondi għat-totali u dawn ma għandhomx jaqbżu l-valur tas-serje totali). Meta d-*data* ma tissodisfax waħda jew aktar mill-ekwazzjonijiet imposti, il-BĊN jiġu mitlubin jikkontrollaw u jirrevedu d-*data* tagħhom. Il-BĊE jaġġorna u jiddistribwixxi lill-BĊN, tabelli li fihom l-ekwazzjonijiet użati għall-kontrolli linejari.

It-tieni waħda tiffoka fuq kontrolli kwalitattivi, li r-riżultati tagħhom jistgħu jeħtieġu investigazzjoni mill-BĊN. B'mod partikolari, għal kull BSI, *il-bidliet assoluti u l-bidliet perċentwali* ([2]) bejn valuri intertemporali jistgħu jidentifikaw anomaliji jew interruzzjoni fis-serje temporali minħabba li huma mmonitorjati b'mod regolari mill-BĊE. Ir-rapportar ta' valuri żero, valuri negattivi u valuri nieqsin huwa mmonitorjat ukoll

([1]) Valuri li huma r-riżultat ta' stima għandhom jintbagħtu b'attribut ta' l-istatus ta' osservazzjoni (OBS_STATUS) "E", u b' kumment ta' osservazzjoni (OBS_COM) li jiddeskrivi d-dettalji tal-proċedura ta' stima.

([2]) Li ma għandhomx jiġu applikati għall-partiti li juru żero. Għal dawn, tapplika d-differenza.

▼M2

fuq bażi regolari. Il-BĊN jistgħu jiġu mitlubin jagħtu spjegazzjonijiet bil-miktub dwar it-tisjib tal-kontrolli ta' kwalità.

Iż-żewġ settijiet ta' kontrolli huma implimentati mill-BĊE bħala parti mill-proċeduri regolari ta' riċeviment ta' *data*.

7. **Il-Politika tar-Reviżjoni**

Il-BĊN jista' jkollhom jirrevedu d-*data* li tirreferi għax-xahar ta' referenza preċedenti (reviżjonijiet ordinarji). Barra minn hekk, jista' jkun hemm każijiet ta' reviżjoni wara, eżempju, żbalji, klassifikazzjonijiet mill-ġdid, proċeduri imtejjba ta' rapportar, eċċ., u li jirreferu għal *data* ta' qabel ix-xahar ta' referenza preċedenti (reviżjonijiet eċċezzjonali) [1].

Il-*Money and Banking Statistics Compilation Guide* [2] tistabbilixxi l-prinċipji li l-politika tar-reviżjoni għandha tikkonforma magħhom. B'mod partikolari:

(a) il-BĊN ma għandhomx jirrevedu d-*data* b'mod sistematiku għall-perjodu ta' qabel ix-xahar ta' referenza preċedenti. Iżda jekk iseħħu reviżjonijiet bħal dawn, dawn jiġu definiti bħala reviżjonijiet eċċezzjonali u l-BĊE ikun jeħtieġ nota ta' spjega;

(b) b'mod ġenerali, reviżjonijiet sinifikanti mhux dovuti għall-ingrossar jew għal reviżjonijiet żgħar ta' rutina għandhom jiġu spjegati lill-BĊE permezz ta' noti ta' spjega;

(c) meta jitrasmettu d-*data* riveduta, il-BĊN għandhom iqisu l-limitu ta' żmien stabbilit tar-rapportar regolari sabiex ma jkunx hemm kunflitt mal-perjodu ta' produzzjoni regolari. Reviżjonijiet eċċezzjonali għandhom jiġu trasmessi biss barra ċ-ċiklu ta' produzzjoni regolari;

(d) b'mod ġenerali, reviżjonijiet straordinarji ġenerali jiġu kkunsidrati biss jekk jiġu pprovduti spjegazzjonijiet sodisfaċjenti.

Minbarra l-punti mniżżlin fuq, minħabba l-ħtieġa li jiġi żgurat bilanċ tajjeb bejn il-kwalità ta' l-istatistiċi monetarji u l-istabbilità tagħhom, u sabiex titjieb il-konsistenza bejn ir-rapportar ta' kull xahar u ta' kull tliet xhur, huwa ta' min li jiġu ppreżentati reviżjonijiet straordinarji għad-*data* ta' kull xahar mal-waqt tal-preżentazzjoni tar-rapporti ta' kull tliet xhur.

Ta' min wieħed jinnota li, meta jiġu rrapportati reviżjonijiet u aġġornamenti ordinarji fl-istess fajl ta' *data*, id-*data* kollha tiġi pproċessata b'mod simultanju. Inkella, jekk jiġu rrapportati reviżjonijiet straordinarji separatament matul il-perjodu ta' produzzjoni, wara li jkunu ġew trasmessi aġġornamenti u reviżjonijiet ordinarji, il-BĊE jista' jiddeċiedi li jipposponi l-ipproċessar u l-memorizzazzjoni ta' din id-*data* sa wara l-perjodu ta' produzzjoni. Fil-fatt, għalkemm teknikament, il-BĊE jista' jipproċessa fajls tad-*data* (li jkun fihom reviżjonijiet u/jew aġġornamenti straordinarji/ordinarji) malli jirċiviehom, reviżjonijiet straordinarji li jaslu matul il-perjodu ta' produzzjoni jistgħu jfixklu l-ipproċessar ta' *data* regolari u b'hekk idewwmu l-proċess kollu tal-produzzjoni ta' l-aggregati taż-żona ta' l-euro. Iżda, jekk ir-reviżjonijiet straordinarji li jidħlu jistgħu itejjbu s-sinifikat tad-*data* fil-livell taż-żona ta' l-euro, jew jikkoreġu żbalji relevanti, dawn ir-reviżjonijiet jistgħu jiġu aċċettati wkoll matul il-perjodu tal-produzzjoni.

8. **Informazzjoni Mrodda Lura Lill-BĊN**

Il-BĊE jikkompila u jiddistribwixxi lill-BĊN, tabelli li jiddeskrivu s-serje ta' statistiċi li jiġu mibgħuta lura lill-BĊN.

---

[1] Definiti bħala reviżjonijiet applikati għal valuri relatati għal perjodu preċedenti għax-xahar ta' qabel ix-xahar ta' referenza kurrenti.

[2] Istitut Monetarju Ewropew, *Money and Banking Statistics Compilation Guide — Guidance provided to NCBs for the compilation of money and banking statistics for submission to the ECB*, April 1998.

▼B

ANNESS XIV

PROĊEDURI GĦALL-ESTRAPOLAZZJONI

Eżenzjoni mir-rappurtaġġ sħiħ għall-MFIs ta' daqs żgħir

1. Skond ir-Regolament BCE/2001/13 tat-22 ta' Novembru 2001 li jikkonċerna l-karta tal-bilanċ konsolidata tas-settur ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji u monetarji ([1]) kif emendat bir-Regolament BCE/2002/8 ([2]), Il-popolazzjoni ta' rappurtaġġ attwali għall-kumpilazzjoni ta' l-istatistiċi monetraji u bankarji taż-żona ewrohuma l-istituzzjonijiet finanzjarji u monetarji (MFIs) kollha. Aktar minn hekk, l-Artikolu 2(2) tar-Regolament jiddikjara: "Il-(BCNi) jistgħu jippermettu derogi lill-MFIs żgħar, dejjem jekk l-MFIs li jikkontribwixxu għall-karta tal-bilanċ konsolidata ta' kull xahar jagħtu kont għal ta' l-anqas 95 % tal-karta tal-bilanċ totali ta' l-MFI f'termini ta' stokks, f'kull Stat Membru li jkun qed jipparteċipa. Il-BCNi għandhom jaraw li din il-kondizzjoni tiġi mħarsa fi żmien approprjat sabiex tingħata jew titneħħa, jekk ikun neċessarju, xi deroga b'effett mill-bidu tas-sena". Skond kif ikun il-każ, il-karta tal-bilanċ aggregata ta' dawk l-MFIs li huma suġġetti għall-ħtiġiet ta' rappurtaġġ komplut għall-għanijiet ta' l-istatistiċi monetarji u bankarji taż-żona ewrogħandhom jirrappreżentaw, bħala minimu, 95 % tat-total aggregat tal-karta tal-bilanċ tas-settur sħiħ ta' l-MFI f'kull Stat Membru.

2. Il-Banek Ċentrali Nazzjonali (BCNi) li jiddeċiedu biex jeżentaw MFIs żgħar mill-ħtiġiet sħaħ ta' rapputaġġ jiġbru, bħala minimu, d-data annwali tat-total tal-karta tal-bilanċ sabiex ikunu jistgħu jikkontrollaw jekk MFIs bħal dawn xorta jkunux għadhom jissodisfaw il-kriterju msemmi fl-Arikolu 2(2). L-ammont totali tal-karta tal-bilanċ jiġi ikkalkolat fuq bażi gross. Inkonsistenzi madwar l-Unjoni Europea fid-definizzjoni tat-total tal-karta tal-bilanċ ikkawżati permezz ta' differenzi fil-prinċipji tal-kontabilità mhux mistennija li jkunu sinifikanti u mistennija jonqsu matul iż-żmien.

MFIs Estrapolazzjoni għall-MFIs li ma jirrapportawx b'mod sħiħ

3. Sabiex tkun assigurata l-kwalità ta' l-istatistiċi tal-karta tal-bilanċ ta' l-MFIs taż-żona euro, il-BCNi jestrapolaw coverage ta' 100 % għall-MFIs li ma jirrapportawx b'mod sħiħ fil-kumpilazzjoni tad-data tal-karta tal-bilanċ ta' l-MFI ta' kull xahar u ta' kull kwart li jiġu irrappurtati lill-Bank Ċentrali Europew.

Standards minimi għall-estrapolazzjoni

4. Il-proċedura għall-estrapolazzjoni ta' coverage ta' 100 % mill-BCNi, dejjem jekk tkun tissodisfa l-istandards minimi li ġejjin:

   — Għad-data mqassma li jkunu nieqsa (i.e. punti individwali tal-karta tal-bilanċ mhux irrappurtati minn MFIs żgħar) l-istimi jiġu ikkalkolati permezz ta' l-applikazzjoni tal-proporzjonijiet li jkunu ibbażati fuq il-popolazzjoni sħiħa ta' rappurtaġġ jew fuq subsett li jkun ikkonsidrat bħala rappreżentattiv aktar ta' "dawk eżentati".

     Fejn id-data mqassma jkunu disponibbli, iżda b'aktar dewmien jew b'inqas frekwenza, id-data irrappurtati jiġu mgħoddija għall-perjodi nieqsa billi 1) ssir repetizzjoni tad-data fejn ir-riżultati jkunu ġew ipprovati li huma adegwati; jew 2) fejn meħtieġ jiġu applikati metodi approprjati u statistiċi ta' teknika minħabba xi rata regolari ta' tkabbir jew żvilupp ta' mudelli skond l-istaġun (i.e. fejn dawn il-fenomeni inkella jirriżultaw fl-inklużjoni ta' osservazzjonijiet ġodda u jwasslu għal revisjoni 'il fuq jew 'l isfel fis-serje taż-żmien.

([1]) ĠU L 333, 17.12.2001, p. 1.
([2]) ĠU L 330, 6.12.2002, p. 29.

▼B

ANNESS XV

STATISTIĊI GĦALL-BAŻI TA' RISERVA

Speċifikazzjoni tad-data

Statistiċi ta' kull xahar fuq il-bażi aggregata ta' riserva, imqassma skond it-tip ta' dejn, huma ikkalkolati bħala stokks ta' l-aħħar tax-xahar skond il-kategoriji stabbiliti fir-Regolament BCE/2001/13 tat-22 ta' Novembru 2001 li jikkonċerna l-karta tal-bilanċ konsolidata tas-settur ta' l-istituzzjonijiet monetarji finanzjarji ([1]) kif emendat bir-Regolament BCE/2002/8 ([2]). Data sabiex jiġu prodotti dawn l-istatistiċi jiġu meħuda mid-data li l-istituzzjonijiet tal-kredtu li jkunu suġġetti għall-ħtiġiet minimi ta' riserva, jissottomettu lill-banek ċentrali nazzjonali (BCNi).

Għal dan l-għan, il-BCNi jirrapportaw lill-Bank Ċentrali Europew (BCE), fuq bażi ta' kull xahar, id-data li ġejjin, kif irrappurtati lilhom mill-istituzzjonijiet tal-kredtu fil-kuntest tas-sistema minima ta' riserva tas-Sistema Europea tal-Banek Ċentrali (ESCB):

Bażi aggregata tar-riserva	Djun li għalihom jiġi applikat koeffiċċjent pożittiv ta' riserva		Djun li għalihom jiġi applikat koeffiċċjent żero ta' riserva		
	Depositi (mgħaġġla, b'maturità miftehma li tkun sa sentejn u jingħataw lura wara avviż li ma jkunx aktar minn sentejn)	Sigurtajiet tad-debitu b'maturità miftehma li ma tkunx aktar minn sentejn	Depositi b'maturità miftehma ta' aktar minn sentejn u li jingħataw lura wara avviż ta' aktar minn sentejn	Repos	Sigurtajiet tad-debitu b'maturità miftehma ta' aktar minn sentejn (*)

Id-djun fil-konfront ta' istituzzjonijiet oħra tal-kredtu jkunu suġġetti għas-sistema ta' riservi minimi ta' l-ESCB, il-BCE u l-BCNi ta' l-Istati Membri li jipparteċipaw huma eskluži mill-bażi ta' riserva. F'każ li istituzzjoni tal-kredtu ma tkunx tista' tipprovdi verifika ta' l-ammont ta' ħarġiet tagħha ta' sigurtajiet tad-debitu li jkunu b'maturità sa mhux aktar minn sentejn u miżmuma mill-istituzzjonijiet msemmija hawn fuq, tista' tapplika t-tnaqqis standardizzat, kif imsemmi mill-BCE, għall-ammonti ta' djun li jkun baqa'.

(*) Fil-każ ta' sigurtajiet tad-debitu li jkollhom maturità miftehma ta' aktar minn sentejn, l-ammonti jinkludu wkoll l-ammonti ta' sigurtajiet miżmuma minn istituzzjonijiet oħra tal-kredtu li jkunu suġġetti għall-ħtiġiet ta' riserva, mill-BCE jew mill-BCNi ta' l-Istati Membri li jipparteċipaw.

Djun vis-à-vis istituzzjonijiet oħra tal-kredtu suġġetti għas-sisema minima ta' riserva tal-ESCB, il-BCE u l-BCNi ta' l-Istati Membri parteċipanti huma eskluži mill-bażi ta' riserva. Jekk istituzzjoni tal-kredtu ma tkunx tista' tipprovdi evidenza ta' l-ammont tal-ħarġiet tagħha tas-sigurtajiet tad-debitu b'maturità sa sentejn li jkunu miżmuma mill-istituzzjonijiet imsemmija hawn fuq, hija tista' tapplika tnaqqis standardizzat, kif definit mill-BCE, għall-ammonti li jibqgħu ta' dawn id-djun.

Fir-rigward tar-rappurtaġġ limitat (ta' kull kwart) tal-bażi ta' riserva ta' l-istituzzjonijiet żgħar tal-kredtu, l-aktar data reċenti ta' kull kwart għandhom jintużaw tliet darbiet fid-data ta' kull xahar li jiġu irrappurtati mill-BCNi lill-BCE.

Il-ħtiġiet statistiċi jikkonċernaw id-data trasmessi mill-istituzzjonijiet tal-kredtu lill-BCNi fil-kuntest tal-ħtiġiet minimi ta' riserva tal-ESCB.

Il-punti jirreferu għall-ammonti, kif irrappurtati mill-istituzzjonijiet ta' kredtu lill-BCNi, li jkunu ntużaw fil-kalkolazzjoni tal-bażi ta' riserva ta' kull istituzzjoni.

a) *Djun li għalihom ikun applikat koeffiċċjent posittiv ta' riserva*

a.1) depositi (depositi mgħaġġla, depositi b'maturità miftehma sa sentejn, depositi li jingħataw lura wara avviż ta' mhux aktar minn sentejn);

a.2) sigurtajiet tad-debitu b'maturità miftehma sa sentejn

Data irrappurtati lill-BCE dwar is-sigurtajiet tad-debitu maħruġa minn istituzzjonijiet tal-kredtu a.2) jikkorrispondu għall-ammont li jkun veru inkluż

([1]) ĠU L 333, 17.12.2001, p. 1.
([2]) ĠU L 330, 6.12.2002, p. 29.

▼B

fil-bażi ta' riserva, kif irrappurtat lill-BCNi minn istituzzjonijiet tal-kredtu. Data dwar is-sigurtajiet tad-debitu a.2) għalhekk jinkludu:

— l-ammont ta' sigurtajiet tad-debitu b'maturità miftehma ta' mhux aktar minn sentejn li jkunu nħarġu minn istituzzjonijiet ta' kredtu, bi tnaqqis standardizzat, kif definiti mill-BCE, fil-każ li l-istituzzjonijiet tal-kredtu ma jkunux taw prova ta' l-ishma tas-sigurtajiet tagħhom, u li għalhekk il-proporzjon makro jkun ġie applikat, jew

— l-ammont ta' sigurtajiet tad-debitu b'maturità miftehma sa sentejn li jkunu nħarġu minn istituzzjonijiet tal-kredtu li jkunu modifikati permezz tal-valur proprju ta' l-ishma tas-sigurtajiet tad-debitu ta' l-istituzzjonijiet tal-kredtu (u tal-ESCB) b'maturità miftehma ta' mhux aktar minn sentejn, fil-każ li istituzzjonijiet ta' kredtu jkunu ippreżentaw prova.

b) *Djun li għalihom koeffiċċjent żero tar-riserva jiġi applikat:*

b.1) depositi (depositi b'maturita miftehma ta' aktar minn sentejn, depositi li jingħataw lura wara avviż ta' aktar minn sentejn);

b.2) repos;

b.3) sigutajiet tad-debitu b'maturità miftehma ta' aktar minn sentejn.

L-ammonti irrappurtati għas-"sigurtajiet tad-debitu b'maturità miftehma ta' aktar minn sentejn" jinkludu wkoll l-ammonti tas-sigurtajiet tad-debitu miżmuma minn istituzzjonijiet oħra tal-kredtu suġġetti għall-ħtiġiet ta' riserva, mill-BCE jew mill-BCNi ta' l-Istati Membri li jkunu qed jipparteċipaw.

c) *Konċessjoni f'forma ta' somma sħiħa applikata mill-istituzzjonijiet tal-kredtu suġġetti għall-ħtiġiet minimi ta' riserva*

Struttura ta' kodifikar

Għall-għanijiet sabiex ikunu trasmessi l-istatistiċi tal-bażi ta' riserva lill-BCE, xi kodiċi ġew definiti u inklużi ma' dawk deskritti fl-Anness XIII:

a) Għas-settur ta' rappurtaġġ jintuża l-kodiċi "R", inkluż fil-lista ta' kodiċi CL_BS_REP_SECTOR, biex ikunu definiti l-istituzzjonijiet tal-kredtu suġġetti għall-ħtiġiet minimi ta' riserva ([1]).

b) Is-settur tal-kontroparti relevanti jinkludi l-"MFIs kollha" l-oħra li ma jkunux istituzzjonijiet tal-kredtu suġġetti għall-ħtiġiet minimi ta' riserva ([2]), dawk kollha "mhux MFIs" (gvern ġenerali u setturi oħra mhux residenti) u 'l bqija tad-dinja. Il-kodiċi "3000" mil-lista tal-kodiċi CL_BS_COUNT_-SECTOR jintuża sabiex jirrappreżenta dan is-settur tal-kontroparti tal-karta tal-bilanċ.

c) L-ebda analiżi statistika ġeografika ma tkun mitluba għaż-żona tal-kontroparti. Hawnhekk jintuża l-kodiċi "AI" għad-"dinja", mil-lista tal-kodiċi CL_COUN-T_AREA.

d) Tliet kodiċi inklużi fil-lista tal-kodiċi CL_B_ITEM jiġu definiti b'mod speċifiku għall-punti tal-karta tal-bilanċ (BSI) użati għall-istatistiċi ta' riserva imma mhux għall-istatistiċi tal-BSI u għall-konċessjoni f'forma ta' somma sħiħa. Il-kodiċi "L2A" għad- "depositi b'maturità miftehma u depositi li jingħataw lura wara avviż", il-kodiċi "L2B" għad-"depositi mgħaġġla, depositi b'maturità miftehma u depositi li jingħataw lura wara avviż", u l-kodiċi "LSA" għall-"konċessjoni f'forma ta' somma sħiħa applikata mill-istituzzjonijiet tal-kredtu suġġetti għall-ħtiġiet minimi ta' riserva" jintużaw hawnhekk.

e) L-ebda analiżi statistika tal-munita ma tintalab, u għalhekk jintuża l-kodiċi "Z01" (il-muniti kollha magħquda) mil-lista tal-kodiċi CL_CURRENCY.

f) Id-data jiġu rappurtati bl-euro u jintuża l-kodiċi "E" mil-lista tal-kodiċi CL_SERIES_DENOM.

It-Tabelli RR/1 u RR/2 fl-Appendiċi juru s-serje li għandhom jiġu irrappurtati għall-istatistiċi tal-bażi ta' riserva.

([1]) Is-settur ta' rappurtaġġ li jintuża hawnhekk huwa iżgħar mis-settur ta' l-istituzzjonijiet l-oħra monetarji u finanzjarji (MFIs) hekk kif MFIs oħra li mhumiex suġġetti għall-ħtiġiet minimi ta' riserva ma jkunux inklużi.

([2]) 4 Il-BCNi, il-BCE u l-istituzzjonijiet tal-kredtu suġġetti għall-ħtiġiet minimi ta' riserva jiġu esklużi mis-settur tal-kontroparti għaż-żona euro.

▼B

Rappurtaġġ regolari tad-data

▼M2

L-istatistiċi tal-bażi ta' riserva fihom sitt serje temporali għal istituzzjonijiet ta' kreditu, li jirreferu għall-figuri ta' l-aħħar tax-xahar li għandhom jiġu trasmessi lill-BĊE, fuq bażi ta' kull xahar, mhux aktar tard mil-jum tan-negozju tal-BĊN ta' qabel il-bidu tal-perijodu ta' manteniment, permezz tas-sistema ta' skambju ta' *data* tas-SEBĊ. Istituzzjonijiet ta' kreditu fil-*tail* (iġifieri dawk eżentati minn rapportar sħiħ ta' kull xahar) jirrapportaw analiżi limitata lill-BĊE fuq bażi ta' kull tliet xhur. Għal dawn l-istituzzjonijiet ta' kreditu tat-*tail*, jintużaw statistiċi ssimplifikati tal-bażi ta' riserva għal tliet perjodi ta' manteniment ta' riserva, u l-BĊN jinkludu *data* għal istituzzjonijiet ta' kreditu tat-*tail* skond l-iskeda ta' rapportar tagħhom ([1]).

▼B

Politika ta' revisjoni

▼M2

Reviżjonijiet mill-istituzzjonijet ta' rapportar lill-bażi ta' riserva/ħtiġijiet ta' riserva li jseħħu wara li jkun beda l-perjodu ta' manteniment (reviżjonijiet tard), ma għandhomx iwasslu għal reviżjonijiet għall-istatistiċi fuq il-bażi ta' riserva u fuq il-ħtiġijiet ta' riserva.

([1]) Il-BĊN jużaw id-*data* tal-bażi ta' riserva ta' kull tliet xhur mill-istituzzjonijiet ta' kreditu fit-*tail* għal figuri ta' kull xahar irrapportati lill-BĊE fit-tliet trasmissjonijiet ta' *data* wara li jiġu ppubblikati.

▼B

Appendiċi

TABELLA RR/1

Serje ta' kodiċi għad-data ta' kull xahar tal-BSI meħtieġa għall-kumpilazzjoni ta' l-istatistici fuq il-bażi ta' riserva

Punti tal-karta tal-bilanċ	Dinja	Mhux allokat
	MFIs oħra ta' l-Istati Membri parteċipanti li ma jkunux suġġetti għall-RRs ([1]), dawk li ma jkunux MFIs ta' l-Istati Membri parteċipanti u l-bqija tad-dinja	
DJUN		
9 **Depositi (muniti kollha)**		
9.1 Mgħaġġla	R1	
9.2 B'maturità miftehma - sa sentejn		
9.3 Jingħataw lura wara avviż - sa sentejn		
9 **Depositi (muniti kollha)**		
9.2 B'maturità miftehma - aktar minn sentejn	R2	
9.3 Jingħataw lura wara avviż - aktar minn sentejn		
9.4 Ftehim ta' xiri mill-ġdid	R3	
11 **Sigurtajiet tad-debitu maħruġa (muniti kollha)**		
2 sa sentejn	R4	
2 aktar minn sentejn ([2])		R5

([1]) Ħtiġiet ta' riserva.
([2]) Sigurtajiet tad-debitu maħruġa b'maturità miftehma ta' aktar minn sentejn jinkludu wkoll l-ammonti ta' sigurtajiet miżmuma minn istituzzjonijiet oħra tal-kredtu li jkunu suġġetti għall-ħtiġiet ta' riserva, mill-Bank Ċentrali Europew jew mill-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Istati Membru li jippartečipaw.

TABELLA RR/2

Serje ta' kodiċi għad-data tal-BSI ta' kull xahar meħtieġa għall-għanijiet ta' kontroll

	A. Domestiċi
	Mhux allokat
Konċessjoni f'forma ta' somma sħiħa	R6

▼B

ANNESS XVI

DATA MEĦTIEĠA GĦALL-KALKOLAZZJONI TAL-PROPORZJONI MAKRO TAŻ-ŻONA SĦIĦA TA' L-EURO

Speċifikazzjoni tad-data

Fuq il-bażi tal-karti tal-bilanċ sottomessi mill-istituzzjonijiet monetarji finanzjarji individwali (MFIs) lill-banek ċentrali nazzjonali (BCNi), il-BCNi jistgħu jiksbu d-data dwar il-karta tal-bilanċ aggregata ta' l-istituzzjonijiet tal-kredtu suġġetti għall-ħtiġiet minimi ta' riserva (Regolament BCE/2001/13 tat-22 ta' Novembru 2001 li jikkonċerna l-karta tal-bilanċ konsolidata tas-settur ta' l-istituzzjonijiet monetarji u finanzjarji ([1]) kif emendat bir-Regolament BCE/2002/8 ([2])).

Għall-iskop tal-kalkolazzjoni tal-proporzjon makro taż-żona sħiħa ta' l-euro, il-BCNi jirrapportaw l-istatistiċi li ġejjin ta' l-aħħar tax-xahar lill-Bank Ċentrali Europew (BCE) fuq bażi ta' kull xahar:

— l-ammont li jibqa' ta' "sigurtajiet tad-debitu b'maturità miftehma sa sentejn" maħruġa mill-istituzzjonijiet tal-kredtu,

— ishma ta' l-istituzzjoni tal-kredtu ta' "sigurtajiet li ma jkunux ishma li jkollhom maturità miftehma sa sentejn" maħruġa minn MFIs domestiċi jew oħrajn taż-żona euro.

Għall-istituzzjonaijiet żgħar tal-kredtu (i.e. dawk l-istituzzjonijiet żgħar b'deroga mir-rappurtaġġ sħiħ ta' kull xahar) il-proċeduri ta' estrapolazzjoni kif deskritti fl-Anness XIV jiġu użati fejn ikun applikabbli.

Struttura ta' kodifikar

L-istruttura ta' kodifikar għall-għan tat-trasmissjoni tas-serje taż-żmien lill-BCE timxi ma' l-istruttura definita fl-Anness XIII u użata għat-trasmissjoni tad-data tal-punti tal-karta tal-bilanċ (BSI). B'mod partikolari, il-kodiċi li ġejjin jintużaw biex jiġu definiti t-tliet serje taż-żmien:

a) is-settur tar-rappurtaġġ għat-tliet serje taż-żmien li għandhom jiġu irrappurtati huwa "istituzzjonijiet tal-kredtu suġġetti għall-ħtiġiet minimi ta' riserva" u jiġi kodifikat bil-valur "R" mil-lista tal-kodiċi CL_BS_REP_SECTOR;

b) għas-"sigurtajiet tad-debitu maħruġa b'maturità miftehma sa sentejn" u għas-"sigurtajiet li ma jkunux ishma li jkollhom maturità miftehma sa sentejn" jintuża l-valur "L" mil-lista tal-kodiċi CL_BS_MATURITY_ORIG bħala l-kodiċi ta' l-analiżi mqassma tal-maturità.

c) sabiex tiġi assigurata l-konsistenza mas-serje tal-kodiċi stabbiliti għar-rappurtaġġ tal-BSI, il-punt fuq in-naħa ta' l-assi jiġi irrappurtat b'mod separat għas-settur domestiku u għas-setturi l-oħra ta' kontraparti fiż-żona euro. Jintużaw il-valuri "U6" u "U5" mil-lista tal-kodiċi CL_COUNT_AREA:

Il-punt fuq in-naħa tad-djun jiġi irrappurtat bla ebda distinzjoni għaż-żona tal-kontroparti, u jintuża l-valur "A1" għal "dinja";

d) l-ebda analiżi statistika tal-munita ma tkun mitluba, u għalhekk jintuża l-kodiċi "Z01" (il-muniti kollha magħquda) mill-lista tal-kodiċi CL_CURRENCY;

e) id-data huma irrappurtati fl-euro u jintuża l-kodiċi "E" mil-lista tal-kodiċi CL_SERIES_DENOM.

It-tabella "istituzzjonijiet tal-kredtu/proporzjon makro" fl-Appendiċi turi t-tliet serje taż-żmien li jkollhom jiġu irrappurtati.

Rappurtaġġ regolari tad-data

▼M2

It-tliet serje temporali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu, li jirreferu għall-istokks ta' l-aħħar tax-xahar, huma trasmessi lill-BĊE fi frekwenza ta' kull xahar, mill-jum ta' negozju tal-BĊN ta' qabel il-bidu tal perijodu ta' manteniment.

([1]) ĠU L 333, 17.12.2001, p. 1.
([2]) ĠU L 330, 6.12.2002, p. 29.

▼**M2**

Is-serje huma trasmessi anki jekk il-BSI relatati mhumiex applikabbli fl-Istat Membru, sabiex ikun jista' jsir trattament konsistenti tal-partiti fil-qafas tal-karta ta' bilanċ konsolidata ([1]).

([1]) Ir-rapportar korrett tal-KBBI mhux applikabbli huwa deskritt fl-Anness XIII.

▼B

Appendiċi

TABELLA

Istituzzjoni tal-kredtu/proporzjon makro

Serje ta' kodiċi għad-data tal-BSI ta' kull xahar. Data meħtieġa għall-kumpilazzjoni tal-proporzjon makro

Punti tal-karta tal-bilanċ	A. Domestiċi				B. Stati Membri li jipparteċipaw				C. Bqija tad-dinja	D. Mhux allokat
	MFIs	Mhux MFIs			MFIs	Mhux MFIs				
		Gvern ġenerali		Setturi oħra residenti		Gvern ġenerali		Setturi oħra residenti		
		Gvern ċentrali	Amministrazzjonijiet oħra pubbliċi			Gvern ċentrali	Amministrazzjonijiet oħra pubbliċi			
DJUN										
Munita f'ċirkolazzjoni										
Depositi (muniti kollha)										
Depositi (euro)										
Mgħaġġla										
B'maturità miftehma										
Jingħataw lura wara avviż										
Ftehim ta' xiri mill-ġdid										
Depositi (muniti barranin)										
Mgħaġġla										
B'maturità miftehma										
Jingħataw lura wara avviż										
Ftehim ta' xiri mill-ġdid										
Ishma/unitajiet ta' l-MMF										
Sigurtajiet tad-debitu maħruġa (muniti kollha)										

▼B

Punti tal-karta tal-bilanċ	A. Domestiċi				B. Stati Membri li jippartekipaw				C. Bqija tad-dinja	D. Mhux allokat
	MFIs	Mhux MFIs			MFIs	Mhux MFIs				
		Gvern ġenerali		Setturi oħra residenti		Gvern ġenerali		Setturi oħra residenti		
		Gvern ċentrali	Amministrazzjonijiet oħra pubbliċi			Gvern ċentrali	Amministrazzjonijiet oħra pubbliċi			
sa sentejn										
Kapital u riservi										MR1
Djun li jibqa'										
ASSI										
Flus kontanti (muniti kola)										
Self										
Sigurtajiet li ma jkunux ishma (muniti kollha)										
sa sentejn	MR2				MR3					
Ishma u ekwità oħra										
Assi fissi										
Assi li jibqa'										

▼M1

L-ANNESS XVII

LISTA TA' ISTITUZZJONIJIET FINANZJARJI MONETARJI

LINJI GWIDA GĦAR-RAPPORTAR TA' L-AĠĠORNAMENTI

Introduzzjoni

1. Dawn il-linji gwida jipprovdu informazzjoni dwar il-ġbir, il-validazzjoni u t-tixrid tal-lista ta' istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (MFIs). Il-lista ta' MFIs hija ġabra ta' istituzzjonijiet li jirriflettu s-setturi nazzjonali tal-MFI ta' l-Unjoni Ewropea ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea.

Aġġornamenti ad hoc għall-lista tal-MFIs

2. Aġġornamenti ad hochuma obbligatorji u jsiru jekk ikun hemm bdil fis-settur tal-MFI, jiġifieri istituzzjoni tissieħeb mas-settur tal-MFI, jew MFI eżistenti tħalli s-settur ta'.

3. Aġġornamenti ad hoc huma wkoll obbligatorji fejn ikun hemm xi bdil fil-kwalitajiet tal-MFIs eżistenti.

4. Istituzzjoni tista' tissieħeb mas-settur tal-MFI għal kull waħda mir-raġunijiet ta' hawn taħt:

   — it-twaqqif ta' MFI bħala riżultat ta' għaqda,

   — it-twaqqif ta' entitajiet legali ġodda bħala riżultat tal-qasma ta' MFI eżistenti,

   — it-twaqqif ta' MFI ġdid,

   — bidla fl-istatus ta' istituzzjoni li qabel ma kienetx MFI, b'mod li ssir MFI.

5. Istituzzjoni tista' tħalli s-settur tal-MFI għal kull waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

   — l-implikazzjoni ta' MFI f'xi għaqda,

   — ix-xiri ta' MFI minn istituzzjoni oħra,

   — il-qsim ta' MFI f'entitajiet legali separati,

   — bidla fl-istatus ta' MFI, b'mod li ma tibqax MFI,

   — il-likwidazzjoni ta' MFI.

6. It-trasmissjoni ta' aġġornamenti *ad hoc* tas-settur tal-MFI hija obbligatorja, kemm sabiex tkun garantita konsistenza sħiħa mal-kontropartijiet eliġibbli għall-operazzjonijiet ta' politika monetarja (hawn iżjed 'il quddiem "MPEC") u għar-rilaxx kull xahar tal-lista tal-MFIs fuq il-websajt tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE).

7. Meta tkun qed tiġi rapportata istituzzjoni ġdida jew istituzzjoni li hemm bżonn tkun mibdula, għandhom jiġu kompletati l-fatturi obbligatorji kollha.

8. Meta tkun qed tiġi rapportata istituzzjoni li tħalli s-settur tal-MFI (li m'hijiex parti mill-għaqda) bħala minimu l-informazzjoni li ġejja għandha tkun rapportata: it-tip ta' talba (jiġifieri ħassar) u l-kodiċi ta' l-identifikazzjoni (hawn iżjed 'il quddiem "id") tal-MFI (jiġifieri l-fattur "mfi_id").

Riallokazzjoni tal-kodiċi MFI id

9. Il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) ma għandhomx jirriallokaw il-kodiċi MFI id ta' MFIs mħassra lil MFIs ġodda.

10. F'każ li dan ma jistax jiġi evitat, għandha tintbagħat talba ta' "mfi_req_realloc" lill-BĊE. Ir-riallokazzjoni ta' kodiċi MFI id tiġi mmaniġġjata mill-BĊE bħala allokazzjoni ta' kodiċi ġdid lil MFI ġdida, bid-differenza li s-sistema ma tikkontrollax l-arkivji tal-MFI biex tfittex MFIs li jaqblu. Wieħed irid jinnota li jekk il-kodiċi tal-MFI id li jkun qed jiġi riallokat jeżisti fil-lista eżistenti tal-MFIs, f'dan il-każ it-talba tkun miċħuda.

11. F'każ li l-kodiċi tal-MFI id ta' MFI eżistenti jkun irid jinbidel għal dak ta' MFI li jkun tħassar, f'dan il-każ għandha tintbagħat talba ta' "mfi_req_mo-

▼M1

d_id_realloc” lill-BĊE. Dan jippermetti li sseħħ bidla tal-kodiċi tal-MFI id u riallokazzjoni ta' kodiċi eżistenti tal-MFI id f'operazzjoni waħda. Kull darba li jinbidel kodiċi tal-MFI id b'dan il-mod l-MFIs kollha eżistenti jiġu kkontrollati biex isir magħruf jekk il-kodiċi tal-MFI id antik kienx rapportat għall-uffiċċju ċentrali ta' MFI eżistenti (jiġifieri għal fergħa barranija); jekk ikun hekk, il-kodiċi tal-MFI id ta' l-uffiċċju ċentrali ikun aġġornat awtomatikament. Wieħed irid jonnota li jekk il-kodiċi ġdid tal-MFI id diġà ntuża u t-talba m'hijiex mfi_req_mod_id_realloc (jew il-kodiċi ġdid tal-MFI id jinsab fil-lista kurrenti) it-talba tiġi miċħuda.

Fatturi trasmessi

12. It-tabella ta' hawn taħt tispjega l-fatturi li huma miġbura għall-lista tal-MFIs u jekk humiex obbligatorji jew le. Jekk jogħġbok irreferi għat-taqsima dwar il-“Kontrolli ta' validazzjoni” ta' hawn taħt għal iktar dettalji dwar kull fattur. Innota li jekk m'huwiex iddikjarat b'mod espliċitu mod ieħor, it-termini “għaqdiet” jirreferi għal attività domestika ta' għaqda.

Status	Isem il-fattur	Deskrizzjoni
Obbligatorju	object_request	It-tip ta' aġġornament tal-MFI mibgħut. Jista' jkun wieħed minn seba' valuri definiti minn qabel: “mfi_req_new”, “mfi_req_mod”, “mfi_req_del”, “mfi_req_merger”, “mfi_req_realloc”, “mfi_req_mod_id_realloc” u “mfi_req_mod_id”.
Obbligatorju	mfi_id	Il-kodiċi uniku id tal-partijiet: “host” u “id” MFI. Kompost minn 2
Obbligatorju: meta jkun parti mill-kodiċi id	host	Il-pajjiż tar-reġistrazzjoni tal-MFI, mogħti bħala kodiċi ISO ta' pajjiż b'żewġ karattri
Obbligatorju: meta jkun parti mill-kodiċi id	id	Il-kodiċi id għall-istituzzjoni (mingħajr il-kodiċi ISO tal-pajjiż “host” b'żewġ karattri bħala prefiss)
Obbligatorju	name	L-isem ta' reġistrazzjoni sħiħ tal-MFI
Obbligatorju: għal talbiet “new” u “mod”	address	Id-dettalji tal-post tal-MFI. Komposti minn erba' partijiet: “address”, “box”, “code” and “city”
Obbligatorju: għal talbiet for “new” u “mod”	postal_address	L-isem tat-triq u n-numru tal-bini
Obbligatorju: għal talbiet “new” u “mod”	postal_box	In-numru tal-kaxxa postali
Mandatory: for “new” and “mod” requests	postal_code	Il-kodiċi postali
Mandatory: for “new” and “mod” requests	city	Il-belt tal-lokalità
Obbligatorju: għal talbiet “new” u “mod” requests	category	Tindika t-tip ta' MFI. Din tista' tkun valuri definit minn qabel: Waħd minn bank ċentrali, fond għal self ta' erba' flus għal żmien qasir u istituzzjonijiet istituzzjoni oħra
Obbligatorju: għal talbiet “new” u “mod”	report	Tindika jekk l-MFI jirrapportax statistiċi ta' balance sheet kull xahar jew le. Tista' tkun waħda minn żewġ valuri definiti minn qabel: veru jew falza
Mhux obbligatorju	order_r	Tindika l-ordni mixtieqa tal-Lista tal-MFIs jekk ma tkunx applikabbli l-ordni alfabetika bl-Ingliż.

▼M1

Status	Isem il-fattur	Deskrizzjoni
Obbligatorju għal fergħat barranin	head_of_branch	Tindika li l-MFI hija fergħa barranija. Jista' jkollha waħda minn tliet valuri: "non_eu_-head", "eu_non_mfi_head" jew "eu_mfi_-head"
Obbligatorju għal fergħat barranin	non_eu_head	L-uffiċċju ċentrali mhux residenti fl-UE. Kompost minn żewġ partijiet: "host" u "name"
Obbligatorju għal fergħat barranin	eu_non_mfi_head	Tispeċifika li l-uffiċċju ċentrali huwa residenti fl-UE u m'huwiex MFI. Kompost minn żewġ partijiet: "non_mfi_id" u "name"
Obbligatorju għal fergħat barranin	eu_mfi_head	Tispeċifika li l-uffiċċju ċentrali huwa residenti fl-UE u huwa MFI. Il-valur għal dan il-fattur huwa kompost minn "mfi_id"
Obbligatorju għall-għaqdiet	mfi_req_merger	Tispeċifika li informazzjoni fuq l-għaqda qed tintbagħat
Obbligatorju għall-għaqdiet	submerger	Taħt kull "submerger", għandhom jiġu rrapportati istituzzjonijiet li jkollhom l-istess "data" ta' l-effett legali ta' l-attività ta' l-għaqda. Komposti minn erba' partijiet: "date", "comment", "involved_mfi" u "involved_non_mfi"
Obbligatorju għall-għaqdiet ta' istituzzjonijiet ma' dawm ta' pajjiżi differenti	involved_mfi	Tispeċifika li MFI huwa mdaħħal f'laqgħa ma' istituzzjoni ta' pajjiż ieħor. Il-valur għal dan il-fattur huwa kompost minn "mfi_ref"
Obbligatorju għall-għaqdiet	involved_non_mfi	Tispeċifika li istituzzjoni li m'hijiex hija involuta fl-għaqda. Il-valur għal dan il-fattur huwa kompost minn "non_mfi_obj"
Obbligatorju għall-għaqdiet ta' istituzzjonijiet ma' dawk ta' pajjiżi differenti	mfi_ref	Dettalji ta' MFI imdaħħal f'għaqda ma' istituzzjoni ta' pajjiż ieħor. Kompost minn żewġ partijiet: "mfi_id" u"name"
Obbligatorju għall-għaqdiet	non_mfi_obj	Dettalji ta' istituzzjoni mhux MFI imdaħħla f'għaqda ma' MFI. Komposta minn żewġ partijiet:"non_mfi_id" u "name"
Obbligatorju għall-għaqdiet	non_mfi_id	Dettalji ta' istituzzjoni li mhux MFI mdaħħla f'għaqda ma' MFI. Komposta minn żewġ partijiet: "host" u "id". Tul ta' ħames karattri
Mhux applikabbli għall-aġġornamenti ta' l-NCB. Għat-tixrid biss.	BCE_id	Kodiċi uniku stabbilit mill-BĊE, mogħti lil kull MFI. Dan il-fattur jintbagħat, permezz tas-Sistema ta' Skambju tad-Data N13, lill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi), bit-tixrid standard kollu. Il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) jistgħu jagħżlu jew li jaċċettaw jew li jħassruh.
Mhux applikabbli għall-aġġornamenti tal-banek ċentrali nazzjonali (NCB). Għat-tixrid biss.	head_bce_id	Kodiċi uniku stabbilit mill-BĊE, mogħti lill-uffiċċji ċentrali tal-fergħat barranin ta' l-UE MFI. Dan il-fattur jintbagħat, permezz tas-Sistema ta' Skambju tad-Data N13, lill-banek ċentrali nazzjonali, bit-tixrid standard kollu. Il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) jistgħu jagħżlu jew li jaċċettaw jew li jħassruh.

Talbiet għall-għaqda

13. Diversi eżempji qed jingħataw hawn taħt tal-fatturi li jridu jintużaw biex ikunu rapportati għaqdiet kemm domestiċi kif ukoll dawk trans-konfini, bejn

▼M1

MFI u MFIs u/jew mhux MFIs oħrajn. Qed jiġu indikati ukoll ix-xenarji li jinvolvu kemm l-istess dati ta' l-effett legali ta' attività ta' għaqda kif ukoll dawk differenti. Innota li s-sitwazzjonijiet ta' hawn taħt huma kampjuni u ma jirrappreżentawx lista ta' kull xenarju possobbli ta' għaqda. Barra dan, ir-riżultat speċifikat għal sitwazzjoni huwa biss wieħed minn ħafna riżultati possibbbli għal dik it-tip ta' għaqda.

14. Għal-linji gwidi xierqa dwar l-iskema ta' rapportar ta' l-XML għandha ssir referenza għall-"Exchange Specification for the N13 Phase II Data Exchange System" (ara t-taqsima dwar ir-"Referenza" hawn taħt.

Eżempji ta' talbiet għall-għaqdiet

Referenza	Sitwazzjoni	Fatturi varjabbli ta' l-għaqda li għandhom jintużaw biex jirrapportaw is-sitwazzjoni
1	Għaqda domestika bejn żewġ MFIs Riżultat: il-liċenzi tal-MFI-1 u l-FI-2 jiġu irtirati. Tiġi stabbilita istituzzjoni ġdida (MFI-3) mill-għaqda. Hemm data waħda b'effett legali għal din l-għaqda (date-1)	Mfi_req_merger Submerger date (date-1) mfi_req_del (MFI-1) mfi_req_del (MFI-2) mfi_req_new (MFI-3)
2	Riżultat ta' għaqda domestika bejn tliet MFIs: MFI-1 u MFI-2 huma involuti f'attività ta' għaqda fid-data-1, bil-konsegwenza li l-liċenza ta' MFI-2 tiġi irtirata. MFI-1 imbagħad tingħaqad ma' MFI-3 fid-data-2. MFI-1 tibdel isimha u tiġi irtirata l-liċenza ta' MFI-3 Nota: Fid-data-1, MFI-1 tiġi rrapportata bħala bidli, anki jekk ma kienx hemm tibdiliet fil-kwalità	Mfi_req merger Submerger date (date-1) mfi_req_mod (MFI-1) mfi_req_del (MFI-2) submerger date (date-2) mfi_req_mod (MFI-1) mfi_req_del (MFI-3)
3	Għaqda domestika bejn żewġ istituzzjonijiet, MFI u istituzzjoni li m'hijiex MFI Riżultat: MFI-1 tibdel isimha. Hemm data ta' effett legali waħda għal din l-għaqda (data-1) Nota: Il-bidla fl-istituzzjoni li m'hijiex MFI m'hijiex rapportata, ħlief id-dettalji ta' l-id	mfi_req_merger submerger date (date-1) mfi_req_mod (MFI-1) involved_non_mfi non_mfi_obj non_mfi_id
4	Għaqda trans-konfini bejn żewġ MFIs (MFI-1 fil-pajjiż X u MFI-2 fil-pajjiż Y), bl-MFI li jirriżulta lokalizzat fil-pajjiż X Riżultat: Il-liċenzi kemm ta' MFI-1 u MFI-2 jiġu irtirati. Tiġi stabbilita istituzzjoni ġdida (MFI-3) mill-għaqda, fil-pajjiż X. Id-data ta' l-effett legali hija data-1 Nota: F'għaqda trans-konfini, it-talbiet mill-pajjiżi involuti jridu jaslu qabel tiġi implimentata l-informazzjoni dwar l-għaqda. Sa dak il-mument, kull talba tkun meqjusa li qegħda fi stat "inkompleta" fis-sistema.	Country X sends this request: mfi_req_merger submerger date (date-1) mfi_req_del (MFI-1, country X) mfi_req_new (MFI-3, country X) involved_mfi mfi_ref (MFI-2, country Y) Country Y sends this request: mfi_req_merger submerger date (date-1) mfi_req_del (MFI-2, country Y) involved_mfi mfi_ref (MFI-1, country X) mfi_ref (MFI-3, country X)

▼M1

Frekwenza tat-trasmissjoni

15. It-trasmissjoni ta' aġġornamenti *ad hoc*lill-BĊE għandha tiġi effettwata hekk kif iseħħu l-bidliet fis-settur tal-MFI.

Mezz ta' trasmissjoni u l-format tal-fajl

16. Aġġornamenti *ad hoc* għandhom jiġu trasmessi fil-format XML, permezz tas-Sistema ta' l-Iskambju tad-Data N13

17. F'każ li tfalli s-Sistema ta' l-Iskambu tad-Data N13, l-aġġornamenti għandhom jiġu trasmessi fil-format XML permezz ta' l-N13 *Cebamail account*.

18. Għal dettalji sħaħ tas-Sistema ta' l-Iskambu tad-Data N13 għat-trasmissjoni ta' l-aġġornamenti tal-MFI, jekk jogħġbok irreferi għad-dokument dwar l-"Exchange Specification for the N13 Phase II Data Exchange System" (ara t-taqsima dwar ir-"Referenza" hawn taħt).

19. Meta jintużaw proċeduri ta' *input* manwali, il-banek ċentrali nazzjonali għandu jkollhom sett adegwat ta' kontrolli biex inaqqsu kemm jista' jkun l-iżbalji ta' waqt it-tħaddim u jiggarantixu l-eżattezza u l-konsistenza ta' l-aġġornamenti tal-MFI rapportati permezz tas-Sistema ta' l-Iskambju tad-Data N13.

Kontrolli ta' validazzjoni

20. Il-kontrolli ta' validazzjoni li ġejjin għandhom jitwettqu qabel jiġu trasmessi l-aġġornamenti tal-MFI lill-BĊE. Il-BĊE implimenta l-istess kontroll ta' validazzjoni, u għalhekk l-aġġornamenti kollha li jaslu għand il-BĊE u li jgħaddu l-kontrolli ta' validazzjoni jiġu implimentati awtomatikament fid-dataset tal-MFI.

Ġenerali

(i) Il-fatturi varjabbli obbligatorji kollha huma kompletati.

(ii) Il-valuri għall-fattur varjabbli "object_request" huma wieħed minn seba' tipi definiti minn qabel:

— "mfi_req_new" (Tispeċifika li l-informazzjoni fuq MFI ġdid ingħatat),

— "mfi_req_mod" (Tispeċifika li l-informazzjoni fuq tibdiliet lil MFI eżistenti ingħatat),

— "mfi_req_del" (Tispeċifika li l-informazzjoni fuq MFI eżistenti li trid titħassar ingħatat),

— "mfi_req_merger" (Tispeċifika li l-informazzjoni fuq istituzzjonijiet involuti f'għaqda ingħatat),

— "mfi_req_realloc" (Tispeċifika li r-riallokazzjoni ta' mfi_id imħassra għal MFI ġdid ingħatat),

— "mfi_req_mod_id_realloc" (Tispeċifika li bidla tal-MFI_id ta' MFI eżistenti għal dik ta' MFI mħassra ingħatat),

— "mfi_req_mod_id" (Tispeċifika li bidla ta' mfi_id hija meħtieġa).

(iii) Is-sett tal-karattru nazzjonali jista' jintuża meta jiġu rrapportati l-aġġornamenti lill-BĊE. Innota li meta l-"Unicode" jirċievi l-informazzjoni mill-BĊE, permezz tas-Sistema ta' l-Iskambju tad-Data, ikun mistenni li jintwerew b'mod korrett is-settijiet tal-karattri speċjali kollha.

(iv) Meta tirrapporta l-aġġornamenti, il-Greċja għandha tuża l-alfabett Ruman.

Kodiċi Id

(v) Il-fattur varjabbli "mfi_id" huwa kompost minn żewġ partijiet, fattur varjabbli "host" u fattur varjabbli "id". Il-valuri għaż-żewġ partijiet magħquda flimkien għandu jiggarantixi li l-mfi_id huwa

▼M1

uniku għal dak l-MFI. L-“mfi_id” hija ċ-ċavetta prinċipali għall-MFI dataset.

(vi) Il-valur għall-fattur varjabbli “host” għal MFI jista' jkun biss kodiċi ISO ta' pajjiż ta' l-UE b'żewġ karattri.

(vii) Kodiċi id li jkun diġà ntuża qabel ma għandux ikun allokat lil MFI ġdid. (F'ċirkustanzi eċċezzjonali, irreferi għat-taqsima dwar ir-“Riallokazzjoni tal-kodiċi MFI id” hawn fuq.)

(viii) Sabiex tiżgura konsistenza, uża l-istess kodiċi id rilaxxati kull xahar fil-lista tal-MFIs fuq il-websajt tal-BĊE.

(ix) Meta tirrapporta bidla fil-kodiċi id, għandha tintuża talba speċifika “mfi_req_mod_id”.

(x) Meta tirrapporta bidla fil-kodiċi id ta' kodiċi id li jkun diġà tħassar qabel, għandha tintuża talba speċifika “mfi_req_mod_id_realloc” (irreferi għat-taqsima dwar ir-“Riallokazzjoni tal-kodiċi d MFI id” hawn fuq).

(xi) Jekk il-fattur varjabbli “mfi_id” ikun inkomplet, mhux eżatt jew nieqes it-talba sħiħa ma tiġix milqugħa.

Isem

(xii) L-isem sħiħ, reġistrat ta' l-istituzzjoni mal-bank ċentrali nazzjonali (NCB).

Inkludi d-deskrizzjoni tal-kumpanija fl-isem, jiġifieri Plc, Ltd, SpA, eċċ. Id-deskrizzjoni tal-kumpanija għandha tkun rapportata b'mod konsistenti għall-ismijiet kollha fejn dan ikun applikabbli.

(xiii) Għandha tiġi segwita l-konvenzjoni dwar it-tipi minuskuli rigward l-użu ta' l-aċċenti.

(xiv Uża t-tipi minuskuli, fejn applikabbli.

(xv) Jekk il-fattur varjabbli “isem” huwa inkomplet, mhux eżatt jew nieqes tiġi miċħuda t-talba sħiħa.

Indirizz

(xvi) Mill-inqas waħda mill-fatturi varjabbli ta' l-indirizz “postal_address”, “postal_box” or “postal_code” għandha tiġi mimlija. Ir-raba' fattur varjabbli, “belt”, huwa obbligatorju.

(xvii) Għall-“indirizz_postali”, indika l-isem tat-triq u n-numru tat-triq ta' l-istituzzjoni.

(xviii Għall-“kaxxa_postali”, uża s-sistemi nazzjonali tal-konvenzjoni dwar il-kaxex. Ma għandom jitpoġġew l-ebda referenzi ta' test tal-kaxxa postali qabel in-numri tal-“kaxxa_postali”, li jistgħu ikunu alfanumeriċi.

(xix) Għall-“kodiċi_postali”, speċifika l-kodiċi postali rilevanti. Uża l-konvenzjonijiet dwar is-sistemi postali nazzjonali. Il-“kodiċi_postali” jista' jkun alfanumeriku.

(xx) Jekk is-sett tal-fatturi varjabbli ta' l-“indirizz” ikun inkomplet, mhux eżatt jew nieqes tiġi miċħuda t-talba sħiħa.

Belt

(xxi) Għall-fattur varjabbli “belt”, speċifika l-belt tal-lokalità.

(xxii) Jekk il-fattur varjabbli “belt” ikun inkomplet, mhux eżatt jew nieqes tiġi miċħuda t-talba sħiħa.

Kategorija

(xxiii) Għall-fattur varjabbli “kategorija”, indika t-tip ta' MFI skond erba' valuri definiti minn qabel: “bank ċentrali”, “istituzzjoni ta' kreditu”, “fond għall-self ta' flus għal żmien qasir” jew “istituzzjoni oħra”. Uża t-tipi minuskuli, ħlief għall-posizzjonijiet tal-bidu, li jridu jkunu f'ittri kapitali.

(xxiv) Jekk il-fattur varjabbli “kategorija” huwa inkomplet, mhux eżatt jew nieqes tiġi miċħuda t-talba sħiħa.

▼M1

Rapport

(xxv) Għall-fattur varjabbli “rapport”, indika jekk l-MFI hijiex suġġetta għall-ħtiġijiet dwar rapportar sħiħ (veru) jew alternattivament eżenti milli tagħmel rapport sħiħ kull xahar (falz). Tiġi milqugħa waħda biss minn dawn il-valuri definiti minn qabel.

(xxvi) Jekk il-fattur varjabbli “rapport” huwa inkomplet, mhux eżatt jew nieqes tiġi miċħuda t-talba sħiħa.

Ordni

(xxvii) Għall-fattur varjabbli “ordni_r”, indika l-ordni mixtieqa tal-lista tal-MFIs, jekk ma tkunx applikabbli l-ordni alfabetika bl-Ingliż.. Aġħti valur numeriku għal kull MFI f'ordni min-numru ż-żgħir għall-kbir.

(xxviii) Il-fattur varjabbli “ordni_r” m'huwiex obbligatorju. Jekk dan ikun inkomplet jew nieqes (u jkunu twettqu l-kontrolli ta' validazzjoni kollha), it-talba tiġi implimentata fl-MFI dataset.

Kontroll tal-fergħa barranija

(xxix) Jekk l-MFI hija fergħa barranija, irid jiġi mimli l-valur għall-fattur varjabbli “kap_tal_fergħa”.

(xxx) Għall-fattur varjabbli “kap_tal-_fergħa”, indika t-tip ta' uffiċċju ċentrali skond wieħed mill-fatturi varjabbli definiti minn qabel: “kap_mhux_ta' l-ue”, “kap_mfi_mhux_ue_” jew “kap_mfi_ue”.

(xxxi) Jekk il-fattur varjabbli “kap_tal-_fergħa” jingħata bħala “kap_mhux_ta' l-ue” (uffiċċju mhux residenti fl-UE) għandhom jingħataw isem il-pajjiż u l-isem ta' l-uffiċċju ċentrali.

(xxxii) Jekk il-fattur varjabbli “kap_tal-_fergħa” jingħata bħala “kap_mfi_mhux_ue” (uffiċċju residenti fl-UE, li m'huwiex MFI) għandhom jingħataw isem il-pajjiż, isem u l-id ta' l-uffiċċju ċentrali. L-id tal-mhux_mfi jista' jkun jew “OFI” istituzzjoni finanzjarja oħra) jew kodoċi ISO tal-pajjiz b'żewġ karattri segwit minn suffiss li jirreferi għall-klassifikazzjoni adatta tas-settur ta' l-ESA 95 ([1]).

(xxxiii) Jekk il-fattur varjabbli “kap_tal-_fergħa” huwa “kap_mfi_ue” (MFI), għandhom jingħataw il-pajjiż u l-id ta' l-uffiċċju ċentrali. Jekk jogħġbok irreferi għall-aktar lista riċenti ta' kull xahar tal-MFIs disponibbli fuq il-websajt tal-BĊE għall-aktar informazzjoni aġġornata dwar l-MFI.

(xxxiv) Jekk il-fattur varjabbli “kap_tal-_fergħa” huwa “kap_mfi_ue” (MFI), ma għandux jingħata isem l-uffiċċju ċentrali. Bħala parti mill-mekkaniżmu ta' kontroll tal-validazzjoni tal-BĊE, fejn l-id ta' l-uffiċċju ċentrali jkun mogħti, hemm aġġornament awtomatiku ta' l-ismijiet ta' l-uffiċċji ċentrali tal-fergħat barrinin kollha residenti fl-UE. Dan isir għall-MFI dataset kollha kull darba li tkun rapportata MFI u jkun bidla fil-fattur varjabbli ta' l-“isem”.

(xxxv) Jekk xi wieħed mill-kontrolli tal-validazzjoni ta' hawn fuq (xii sa xvii) ma jsirx kif suppost, tiġi miċħuda t-talba sħiħa.

(xxxvi) Jeżistu żewġ każi fejn informazzjoni inkonsistenti dwar l-uffiċċju ċentrali tiġi aċċettata mill-MFI dataset tal-BĊE:

— jekk il-fattur varjabbli “kap_tal-_fergħa” jingħata bħala “kap_mfi_ue” imma l-id ta' l-uffiċċju ċentrali ma taqbilx ma' dik tal-MFI dataset tal-BĊE, it-talba xorta tiġi aċċettata. Madankollu, l-isem ta' l-uffiċċju ċentrali ma jkunx jidher fl-MFI dataset tal-BĊE,

— jekk tintbagħat talba għal bidla fil-kodiċi tal-MFI id, hemm il-possibiltà li l-informazzjoni dwar l-uffiċċju ċentrali li tirreferi

([1]) Is-Sistema Ewropea tal-Kontijiet 1995, li tinsab fl-Anness A tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar is-sistema Ewropea ta' kontijiet nazzjonali u reġjonali fil-Komunità (ĠU L 310, tat-30.11.1996, p. 1). Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1267/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 180, tat-18.7.2003, p. 1).

▼M1

għall-fergħat barranin residenti fi Stati Membri oħrajn, ta' dik l-MFI, issir inkonsistenti.

Biex tpatti għal din l-ineżattezza, is-Sistema ta' l-Iskambju tad-Data N13 tibgħat lista ta' informazzjoni inkonsistenti ta' l-uffiċċji ċentrali flimkien mad-dikjarazzjonijiet ta' l-irċevuti mibgħuta lill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi).

Kontrolli dwar għaqdiet

(xxxvii) Il-fattur varjabbli "talba_għaqda_mfi" huwa obbligatorju, meta jkunu qed jiġu rapportati għaqdiet domestiċi jew trans-konfini.

(xxxviii) Il-fattur varjabbli "sotto-amalgamazzjoni" huwa obbligatorju. Kull grupp (jiġifieri tnejn jew iktar istituzzjonijiet) li jaqsmu bejniethom l-istess data ta' effett legali ta' l-amalgamazzjoni għandhom jiġu rrapportati taħt tikketta separata tas-"sotto-amalgamazzjon".

(xxxix) Meta l-fattur varjabbli "sotto-amalgamazzjoni" jkun speċifikat, irid jimtela valur għall-fattur varjabbli "data". Il-mili tal-fattur varjabbli "data" huwa obbligatorju.

(xl) Mill-inqas istituzzjoni waħda involuta fl-amalgamazzjoni għandha tkun MFI (jiġifieri, m'huwiex possibbli li jiġu rrapportati amalgamazzjonijiet bejn istituzzjonijiet li m'humiex MFIs biss).

(xli) Jekk ma jkunx hemm tibdil fil-kwalitajiet ta' MFI bħala riżultat ta' attività ta' amalgamazzjoni, din l-MFI trid tkun irrapportata bħala modifika (jiġifieri "talba_modifika_mfi"). Dan sabiex ikun garantit li l-MFIs kollha involuti f'amalgamazzjoni jkunu rrapportati.

(xlii) Il-fattur varjabbli "mfi_involuti" huwa obbligatorju biss meta jkunu qed jiġu rrapportati amalgamazzjonijiet trans-konfini (jiġifieri l-"mfi_involuti" ikun fiha l-informazzjoni ta' l-istituzzjoni residenti fi Stat Membru ieħor).

(xliii) Jekk istituzzjoni tkun speċifikata bħala "mfi_involuta", għandu jiġi mimli l-fattur varjabbli "ref_mfi".

(xliv) Il-fattur varjabbli "ref_mfi" huwa kompost minn żewġ partijiet: "mfi_id" (li tikkonsisti fl-"isem" u l-"id" ta' l-istituzzjoni) u l-"isem".

(xlv) Informazzjoni dwar amalgamazzjoni trans-konfini ma tiġix implimentata fl-MFI dataset tal-BĊE, sakemm talbiet mimlija ta' amalgamazzjoni mill-Istati Membri kollha involuti ma jkunux ġew irrapportati u validati.

(xlvi) Jekk istituzzjoni tkun speċifikata bħala "istituzzjoni_mhux_mfi_involuta", għandhom jimtlew l-"id_istituzzjoni_mhux_mfi" u l-"isem".

(xlvii) L-"id_istituzzjoni_mhux_mfi" ta' "istituzzjoni_mhux_mfi_involutiai" hija komposta minn żewġ partijiet: "pajjiż" u "id", u hija twila ħames karattri. Il-"pajjiż" huwa kodiċi ISO ta' pajjiż b'żewġ karattri. L-"id" huwa twil tliet karattri u jirreferi għall-klassifikazzjoni adatta tal-klassifikazzjoni tas-settur ta' l-ESA95.

(xlviii) Jekk xi waħda mill-kontrolli ta' validazzjoni ta' hawn fuq (xx sa xxx) ma tiġix osservata, tiġi miġħdua t-talba sħiħa.

Kontroll bir-reqqa tal-MFI-MPEC

21. Jekk ikun meħtieġ kontroll bir-reqqa tad-data bejn id-datasets tal-MFI u dawk ta' l-MPEC, agħmel sinjal għall-kontroll bir-reqqa fil-fajl li qed jiġi trasmess fis-Sistema ta' l-Iskambu tad-Data N1.

22. Il-kontroll bir-reqqa jsir fuq l-informazzjoni sħiħa tal-MFI u l-MPEC rrapportata mill-bank ċentrali nazzjonali (NCB) (jiġifieri inkluż l-informazzjoni eżistenti tal-MFI u l-MPEC fid-datasets rispettivi tagħhom) u mhux biss fuq l-informazzjoni li tkun waslet fil-fajli li jkun fih is-sinjal. Ir-riżultati jintbagħtu lura immedjatament f'forma ta' dikjarazzjoni ta' riċevuta. Is-sinjal għall-kontroll bir-reqqa jrid jintuża bil-mod li ġej:

— fejn id-data tal-MFI u l-MPEC tista' tiġi kkordinata bejn oqsma tan-negozju rispettivi, is-sinjal għall-kontroll bir-reqqa għandu jiddaħħal

▼M1

biss fit-tieni fajl mibgħut rigward it-talba korrispondenti tal-MFI jew l-MPEC,

— fejn il-kordinazzjoni ma tkunx possibbli, għandu jintbagħat fl-aħħar tal-ġurnata messaġġ addizzjonali li jkun fih biss is-sinjal għall-kontroll bir-reqqa. Dan il-messaġġ jista' jintbagħat minn wieħed mill-oqsma tan-negozju tal-MFI-MPEC jew mit-tnejn li huma,

— fejn kontroll bir-reqqa m'huwiex meħtieġ immedjatament għall-konsistenza tal-MFI-MPEC, ma għandux jitpoġġa s-sinjal fil-fajl,

— meta l-kontroll ikun meħtieġ li jisr aktar tard fil-ġurnata, id-data għandha tintbagħat mingħajr is-sinjal għall-kontroll bir-reqqa. Fajl vojt li jkollu s-sinjal għall-kontroll bir-reqqa għndu jintbagħat sussegwentement. F'dan il-każ. billi m'hemmx data biex tkun ikkontrollata fil-fajl vojt, jiġi mwettaq il-kontroll bir-reqqa mill-ewwel.

— Id-dikjarazzjoni ta' riċevuta jkun fiha biss ir-riżultat tal-kontroll bir-reqqa bejn id-datasets tal-MFI u l-MPEC.

23. Kontroll bir-reqqa tal-MFI-MPEC iservi biss bħala twissija. Għalhekk, jekk il-kontroll bir-reqqa jfalli, it-talba xorta tiġi implimentata fid-dataset tal-MFI tal-BĊE.

24. Id-diskrepanzi tal-MFI u l-MPEC jiġu kkontrollati mill-oqsma tan-negozju tal-MFI u l-MPEC rispettivi, ħames ġranet tax-xogħol qabel, u fil-ġurnata tar-rilaxx ta' l-aħħar tax-xahar. Il-banek ċentrali nazzjonali jiġu mfakkra, permezz ta' e-mail, biex jirriżolvu d-diskrepanzi b'mod urġenti. Jekk id-diskrepanzi ma jistgħux jiġu riżolti qabel ir-rilaxx, il-banek ċentral nazzjonali (BĊNi) jiġu mitluba li jagħtu spjegazzjoni. Innota li rekords tal-MFI-MPEC li jkunu inkonsistenti ma jiġux ippubblikati fil-websajt tal-BĊE fl-aħħar ta' kull xahar.

L-ittrattar ta' l-iżbalji

25. Malli jasal fajl li fih aġġornamenti ta' MFI, tiġi trasmessa dikjarazzjoni ta' riċevuta lura 'l min ikun bagħtu. Id-dikjarazzjoni ta' riċevuta tkun waħda minn żewġ tipi:

(i) dikjarazzjoni ta' riċevuta ta' l-akkwist: din ikun fiha ġabra ta' l-informazzjoni ta' l-aġġornamenti tal-MFI li jkunu ġew ipproċessati u implimentati b'suċċess fl-MFI dataset;

(ii) dikjarazzjoni ta' riċevuta ta' l-iżbalji: din ikun fiha informazzjoni dettaljata dwar l-aġġornamenti tal-MFI u l-kontrolli ta' validazzjoni li jkunu fallew. Jekk jogħġbok irreferi għat-taqsima dwar "Kontrolli ta' validazzjoni" hawn fuq għal informazzjoni speċifika dwar jekk falliment ta' kontroll ta' validazzjoni jirriżultax f'ċaħda tat-talba kollha, jew l-implimentazzjoni tat-talba biż-żiesa ta' twissija.

26. Malli tasal dikjarazzjoni ta' riċevuta ta' żball, għandha tittieħed azzjoni immedjata biex tiġi trasmessa l-informazzjoni korretta. Jekk informazzjoni korretta tiddependi mill-aġġornamenti mibgħuta minn Stati Membri oħrajn matul l-aħħar xahar (jiġifieri, li ma tkunx disponibbli fuq il-websajt tal-BĊE), jekk jogħġbok ikkuntattja lill-BĊE permezz tal-N13 Cebamail account, u agħti dettalji speċifiċi ta' l-informazzjoni meħtieġa.

Eżerċizzju annwali ta' kontroll tal-kwalità

27. L-iskop ta' dan l-eżerċizzju obbligatorju annwali huwa li tkun ikkontrollata b'mod estensiv il-lista eżistenti tal-MFIs għand il-BĊE, b'attenzjoni partikolari fuq il-kontroll ta' fergħat barranin.

28. Iż-żmien magħżul meta għandu jsir l-eżerċizzju huwa mmirat biex ikun garantit li r-rilaxx ta' l-aħħar tas-sena ta' l-informazzjoni aġġornata dwar l-MFI fuq il-websajt tal-BĊE, u sussegwentement bħala materjal stampat, ikun eżatt u aġġornat kemm jista' jkun.

29. Il-banek ċentral nazzjonali (BĊNi) għandhom jimxu mal-linji gwida stipulati hawn taħt sabiex iwettqu l-proċedura ta' aġġornament standardizzata f'waqtha u b'mod preċiż, u biex jiżguraw li l-informazzjoni tiġi ipproċessata b'mod komprensiv u effiċjenti fil-livell kemm tal-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) kif ukoll dak tal-BĊE.

▼M1

Proċeduri ġenerali

(i) Kull bank ċentrali nazzjonali jirċievi fajl Excel, li jkun fih erba' *worksheets* (Rapporti 1 sa 4) li jinkludu *template* vojta. Dawn jintbagħtu permezz tas-Cebamail mill-BĊE u jkollhom id-data ta' l-egħluq tan-negozju fl-aħħar ġurnata tax-xogħol ta' Ottubru (time tag T).

(ii) Innota li "T" tirriferi għal ġranet tax-xogħol.

(iii) Ir-rapporti u l-kontrolli li jridu jsiru qegħdin speċifikati hawn taħt.

Rapport 1: Il-lista nazzjonali tal-MFIs

Din hija lista (nazzjonali) speċifika tal-pajjiżi tal-MFIs, kif elenkati fid-dataset tal-BĊE, li l-banek ċentrali nazzjonali għandhom iqabblu mal-lista nazzjonali tagħhom tal-MFIs.

— Kull istituzzjoni korretta f'dan ir-rapport għandha tiġi mmarkata fil-kolonna bit-titolu "Kummenti".

— Jekk ikun hemm xi differenzi bejn iż-żewġ listi, allura dawn għanmdhom ikunu speċifikati kif jixraq fil-kolonna bit-titolu "Kummenti". Jekk jogħġbok indika eżattament x'inhi d-differenza, jiġifieri, jeħtieġ modifika (liema kwalità qed tiġi modifikata u x'għandu jkun il-valur), jew ir-rekord irid jitħassar (għid għaliex), eċċ. Jekk jogħġbok speċifika wkoll jekk huwiex ser tibgħat jew jekk bgħattx korrezzjoni għal dan ir-rekord permezz tas-Sistema ta' l-Iskambju tad-Data N13 u niżżel in-numru ta' l-IREF fil-kolonna bit-titolu "IREF".

— Jekk xi rekord ikun nieqes, allura d-dettalji kollha tar-rekord għandhom jiżdiedu mar-Rapport 1 (jiġifieri, bħala rekord addizzjonali). Jekk jogħġbok speċifika fil-kolonna "Kummenti" li dan huwa "rekord ġdid" (għid għaliex). Jekk jogħġbok speċifika wkoll jekk huwiex ser tibgħat jew jekk bgħattx korrezzjoni għal dan ir-rekord permezz tas-Sistema ta' l-Iskambju tad-Data N13 u niħħel in-numru ta' l-IREF fil-kolonna bit-titolu "IREF".

Rapport 2: Lista ta' fergħat barranin residenti fil-pajjiż speċifiku tal-bank ċentrali nazzjonali(NCB)

Il-banek ċentrali nazzjonali għandhom jiggarantixxu li l-informazzjoni dwar fergħat barranin ta' MFIs residenti f'pajjiżhom stess hija kompleta, eżatta u aġġornata.

— Kull istituzzjoni korretta f'dan ir-rapport għandha tkun immarkata fil-kolonn bit-titolu "Kummenti".

— Jekk ikun hemm xi modifiki, allura dawn iridu jkunu speċifikati kif jixraq fil-kolonna bit-titolu "Kummenti". Jekk jogħġbok indika b'mod preċiż x'inhi d-differenza, jiġifieri, teħtieġ modifika (liema kwalità qed tiġi modifikata u x'għandu jkun il-valur) jew ir-rekord għandu jitħassar (għid għaliex),eċċ. Jekk jogħġbok speċifika wkoll jekk huwiex ser tibgħat jew jekk bgħattx korrezzjoni għal dan ir-rekord permezz tas-Sistema ta' l-Iskambju tad-Data N13 u ddikjara n-numru ta' l-IREF fil-kolonna bit-titilu "IREF".

— Jekk fergħa barranija tkun nieqsa, allura d-dettalji sħaħ tar-rekord għandhom jiżdiedu mar-Rapport 2 (jiġifieri, bħala rekord addizzjonali). Jekk jogħġbok fil-kolonna "Kummenti" li dan huwa "rekord ġdid" (speċifika għaliex). Jekk jogħġbok speċifika wkoll jekk intix ser tibgħat jew jekk bgħattx korrezzjoni għal dan ir-rekord permezz tas-Sistema ta' l-Iskambju tad-Data N13 u ddikjara n-numru ta' l-IREF fil-kolonna bit-titolu "IREF".

Rapport 3: Lista ta' fergħat barranin, li l-uffiċċju ċentrali tagħhom ġie rrapportat minn banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) oħrajn bħala residenti fi ħdan il-pajjiż speċifiku tal-bank ċentrali nazzjonali (NCB)

Dan iservi għall-kontroll bir-reqqa tas-settur tal-MFI safejn tikkonċerna l-kopertura tal-fergħat barranin tal-MFIs. Il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) għandhom jivverifikaw biex jiżguraw li l-fergħat barranin kollha residenti f'pajjiżi oħrajn ta' l-UE li għandhom uffiċċju ċentrali fil-pajjiż tal-bank ċentrali nazzjonali ġew irrapportati minn banek ċentrali nazzjonali oħrajn.

— Kull istituzzjoni korretta f'dan ir-rapport għandha tiġi mmarkata fil-kolonna bit-titolu "Kummenti".

▼M1

— Jekk ikun hemm xi modifiki, allura dawn għandhom ikunu speċifikat b'mod xieraq fil-kolonna bit-titolu “Kummenti”. Jekk jogħġbok indika preċiż x'inhi d-differenza, jiġifieri meħtieġa modifika (liema kwalità ser tiġi modifikata u x'għandu jkun il-valur), jew ir-rekord irid jitħassar (għid għaliex, eċċ.

— Jekk fergħa barranija tkun nieqsa, allura d-dettalji kollha tar-rekord għandhom jiżdiedu mar-Rapport 3 (jiġifieri, bħala rapport addizjonali). Jekk jogħġbok speċifika fil-kolonna “Kummenti” li dan huwa “Rekord ġdid” (għid għaliex).

Rapport 4: Template għall-cover pages

Din hija *template*vojta, li fiha kull bank ċentrali nazzjonali (NCB) irid jispeċifika kemm jeħtieġ cover pages għall-pubblikazzjoni bil-qoxra iebsa tal-lista tal-MFIs, li jkun imisshom jinħarġu fl-ewwel tliet xhur tas-sena ta' wara.

Żmien stipulat għar-rapportar

(iv) Il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) għandhom disa' ġranet tax-xogħol (T + 9) li fihom iridu jivverifikaw ir-rapporti u jikkonfermaw l-eżattezza tad-data. Rapporti li jkunu lesti jiġu trasmessi lura lill-BĊE permezz tal-N13 Cebamail account bl-indikazzjonijiet jekk id-data hijiex korretta jew le (kif speċifikat hawn fuq)

(v) Bl-istess mod, jekk id-data mhix korretta, il-banek ċentrali nazzjonali għandhom jagħmlu l-korrezzjonijiet u jittrasmettu l-aġġornamenti permezz tas-Sistema ta' l-Iskambju tad-Data N13 matul dawn id-disa' ġranet tax-xogħol (T + 9). In-numru ta' l-IREF tad-data korretta fir-rapporti mibgħuta lura lill-BĊE, għandu jiġi kkwotat fil-każijiet kollha. Nota: Il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) jistgħu jibqgħu jibgħatu aġġornamenti ad hoc, li m'humiex konnessi ma' l-eżerċizzju annwali tal-kontroll tal-kwalità, bħassoltu, permezz tas-Sistema ta' l-Iskambu tad-Data N13.

(vi) Jew id-dikjarazzjonijiet ta' riċevuta ta' akkwist jew ta' żbalji jiġu trasmessi b'mod awtomatiku lil-banek ċentrali nazzjonali mal-wasla tad-data korretta, permezz tas-Sistema ta' l-Iskambu tad-Data N13 (matul it-T + 9). Jekk tasal dikjarazzjoni ta' riċevuta ta' żball, il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) għandhom iwettqu l-korrezzjonijiet immedjatament.

(vii) Il-BĊE iqatta żewġ ġranet tax-xogħol (T + 11) jivverifika r-rapporti kollha li jaslu u l-korrezzjonijiet. Kif intqal hawn fuq, il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) għandhom jindikaw in-numru ta' l-IREF fir-rapporti li jibgħatu, jekk ikunu ser jingħatu korrezzjonijiet.

(viii) Il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) jiġu kkuntattjati permezz tas-Cebamail jekk ikun hemm xi materji pendenti (T + 12).

(ix) Il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) għandhom żewġ ġranet tax-xogħol biex iwettqu aktar korrezzjonijiet jew spjegazzjonijiet f'każ ta' data kontradittorja (T + 14).

(x) Il-BĊE jibgħat rapport finali ta' l-istatus quo li jikkonċerna s-settur tal-MFI lill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) permezz tas-Cebamail (T + 15). Tingħata wkoll ġabra tar-riżultati ta' l-eżerċizzju annwali tal-kontroll tal-kwalità.

(xi) Id-data kontradittorja li jkun baqa' tiġi kkunsidrata bħala “pendenti” u tkun diskussa waqt il-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Istatistiċi fuq il-Flus u l-Banek.

Tabella sommarja

(xii) Tabella sommarja

Tikketta taz-zmien	Ħidmiet	Mezz	Azzjoni minn
T	Il-BĊE tibgħat fajl Excel bl-erba' rapporti li ġejjin lill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi): Rapport 1: Lista nazzjonali ta' MFIs	Cebamail	BCE

▼**M1**

Tikketta taż-żmien	Ħidmiet	Mezz	Azzjoni minn
	Rapport 2: Lista ta' fergħat barranin residenti fil-pajjiż speċifiku tal-bank ċentrali nazzjonali (NCB) Rapport 3: Lista ta' fergħat barranin, li l-uffiċċju ċentrali tagħhom ġie rrapportat minn banek ċentrali nazzjonali oħrajn bħala residenti fil-pajjiż speċifiku tal-bank ċentrali nazzjonali Rapport 4: *Template* għall-cover pages		
T + 9	Il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) iqabblu t-tliet rapporti tal-BĊE (1 sa 3) mal-listi nazzjonali tagħhom iddatati bħala cob, l-aħħar ġurnata tax-xogħol f'Ottubru. Għal kull rapport, għandu jimtela dan li ġej: — Il-parti "Kummenti" (għar-rekords kollha), — il-parti "REF" (Rapporti 1 u 2 biss: għar-rekords mhux tajbin jew rekords ġodds, fejn ikun intbagħat aġġornament lill-BĊE)	Ceba-mail/N13 Data Exchange System	BĊNi
	Il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) jimlew ir-Rapport 4, dwar in-numru ta' cover pages meħtieġa għall-pubblikazzjoni tal-materjal stampat		
	Il-banek ċentrali nazzjonali jittrasmettu lura lill-BĊE l-informazzjoni li ġejja, mhux aktar cob fil-ġuranta T + 9: — Il-fajl Excel bir-Rapporti 1-4 mimlija (permezz tas-Cebamail), — kull korrezzjoni/rekords ġodda (permezz tas-Sistema ta' l-Iskambju tad-Data N13		
T + 11	Il-BĊE jivverifika r-rapporti kollha, korrezzjonijiet u dikjarazzjonijiet ta' riċevuti li jidħlu permezz tas-Cebamail u s-Sistema ta' l-Iskambju tad-Data N13		BCE
T + 12	Il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) jiġu kkuntattjati permezz tas-Cebamail jekk ikun hemm xi data kontradittorja	Cebamail	EBC
T + 14	Il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) għandhom żewġ ġranet tax-xogħol biex iwettqu l-korrezzjonijiet jew spjegazzjonijiet f'każ ta' data kontradittorja	Ceba-mail/N13 Data Exchange System	BĊNi
T + 15	Il-BĊE tinbħat rapport finali ta' l-istatus quo li jikkonċerna s-settur tal-MFI lill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) permezz tas-Cebamail. Jintbagħat ukoll sommarju tar-riżultati ta' l-eżerċizzju annwali tal-kontroll tal-kwalità.	Cebamail	BCE
	Tqassim ta' l-abbozz tal-lista tal-MFIs (bħala fajl.pdf) lill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi), għall-kummenti	Cebamail	BCE/ BĊNi
	Jintbagħat abbozz tal-lista tal-pubblikazzjoni stampata tal-MFIs lill-Kunsill Regolatorju		BCE
	— Tinħareġ — Dikjarazzjoni għall-istampa li fiha titqassam il-lista tal-MFIs bħala pubblikazzjoni stampata, u n-numru rilevanti tal-cover pages, — lit-tqassim tal-banek ċentrali nazzjonali tal-fajl.pdf — tal-pubblikazzjoni tal-Ħarġa tal-lista tal-MFIs fuq il-websajt tal-BĊE	Post/ Ceba-mail/ Internet	BCE

▼M1

Proċeduri ta' kontinġenza

(xiii) Proċeduri ta' kontinġenza jidħlu fis-seħħ fil-każi li ġejjin:

għar-rapporti dwar is-settur tal-MFI

— jekk is-sistema tas-Cebamail ma tkunx disponibbli biex jintbagħtu r-rapporti tas-settur tal-MFI, il-BĊE tibgħat dawn (filformat Excel) bl-e-mail. Il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) iridu wkoll jużaw l-e-mail ([1]) biex jibgħatu r-rapporti mimlija lura lill-BĊE,

għall-aġġornamenti u korrezzjonijiet tal-MFI

— jekk is-Sistema ta' l-Iskambu tad-Data N13 ma tkunx disponibbli biex tittrasmetti l-korrezzjonijiet, il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi,) fejn applikabbli, għandhom jibgħatu l-informazzjoni filwaqt li jużaw l-XML data format, permezz tassistema tas-Cebamail,

— jekk is-sistema tas-Cebamail ma tkunx tista' titħaddem għattrasferiment bil-fajl ta' l-aġġornamenti u korrezzjonijiet tal-MFI, il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) għandhom jużaw l-e-mail ([1]) biex jingħatu l-aġġornamenti fl-XML data format,

(xiv) jekk xi bank ċentrali nazzjonali jkun magħluq f'xi ġurnata li fiha jridu jitwettqu l-proċeduri msemmija hawn fuq, dak il-bank ċentrali nazzjonali (NCB) għandu jiżgura li l-proċeduri jinbdew u jispiċċaw skond il-perjodu stipulat qabel il-ġurnata jew ġranet ta' l-egħluq tagħha.

Tixrid

Tixrid ta' kuljum lill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) permezz tas-Sistema ta' l-Iskambju tad-Data N13

30. Aġġornamenti tal-MFI jiġu mxerrda f'kull ġurnata tax-xogħol. Tittieħed nota f'kull ġurnata tax-xogħol tas-sitwazzjoni li tirrigwarda l-bidliet kollha implimentati fil-lista kurrenti tal-MFIs fil-17.00 ħin tal-BĊE u tiġi mxerrda lillbanek ċentrali nazzjonali kollha. Dan it-tixrid ikun jikkonsisti fid-dettalji sħaħ ta' kull waħda mill-bidliet li ġejin irrapportati mil-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi):

— MFIs ġodda,

— MFIs aġġornati,

— MFIs imħassra,

— riallokazzjoni ta' kodiċi tal-MFI id,

— bdil ta' kodiċi tal-MFI id,

— bdil ta' kodiċi tal-MFI id li jinvolvi riallokazzjoni.

Aġġornament ta' kull xahar tal-lista tal-MFIs fuq il-websajt tal-BĊE

31. Fl-aħħar ġurnata tax-xogħol ta' kull xahar kalendarju, tiġi nnotata s-sitwazzjoni tal-MFI dataset fil-17.00 ħin tal-BĊE. Innota li rekords tal-MFI-MPEC li jkunu inkonsistenti ma jkunux parti minn dan in-notament.

32. Il-lista tal-MFIs ssir disponibbli għall-pubbliku ġurnata wara li jkun ittieħed in-notament msemmi hawn fuq. Jekk din in-notament jittieħed fil-17.00 ħin tal-BĊE il-Ġimgħa, l-informazzjoni aġġornata tkun disponibbli f'12.00 ħin tal-BĊE is-Sibt.

Tixrid ta' kull xahar lill-banek ċentrali nazzjonali permezz tas-Sistema ta' l-Iskambju tad-Data N13

33. Fl-istess ħin li tkun maħruġa l-lista tal-MFIs fuq il-websajt tal-BĊE, tintbagħat lill-banek ċentrali nazzjonali permezz tas-Sistema ta' l-Iskambju tad-Data N13.

([1]) The address is: mfi.hotline@ecb.int.

▼M1

Pubblikazzjoni annwali stampata

34. Darba fis-sena, il-BĊE jippubblika versjoni tal-lista tal-MFIs f'forma stampata, b'data ta' referenza li tkun l-aħħar ta' Diċembru tas-sena ta' qabel. Din il-pubblikazzjoni titpoġġa għad-dispożizzjoni tal-pubbliku in ġenerali, qabel l-aħħar ta' l-ewwel tliet xhur tas-sena ta' wara. Il-BĊE iqassam oriġinal stampat, flimkien man-numru rilevanti ta' cover pages meħtieġa, lill-banek ċentrali nazzjonali permezz tas-sistema tal-portal. B'mod parallel, tintbagħat versjoni.pdf tal-pubblikazzjoni lill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) permezz tas-Cebamail. Il-versjoni.pdf tiġi ppubblikata wkoll fuq il-websajt tal-BĊE.

Referenza

35. "Exchange Specification for the N13 Phase II Data Exchange System". Dan id-dokument jittratta bil-bdil tal-fajls bejn il-banek ċentrali nazzjonali(BĊNi) u l-BĊE. Ikopri l-*exchange protoco*l, l-*exchange infrastructure* u l-formats tal-fajls skambjati li jagħmlu l-interface bejn is-sistemi tal-BĊE u tal-banek ċentrali nazzjonali(BĊNi'). Id-dokument jikkonsisti f'żewġ partijiet importanti, il-parti "Funzjonali" u l-parti "Teknika". Kull waħda minnhom hija deskritta hawn taħt:

Parti funzjonali

— dettalji funzjonali (*logical exchange protocol*, jiġifieri s-sekwenza tad-dikjarazzjonijiet ta' riċevuti mistennija meta tintbagħat informazzjoni, eċċ.),

— logical data model,

— struttura ta' l-informazzjoni li trid tkun skambjata,

— kontenut (mhux ifformattjar) tad-dikjarazzjonijiet ta' riċevuti,

— regoli dwar il-validazzjoni tan-negozju, jiġifieri l-validazzjoni ta' informazzjoni loġika (bħala eżempju d-data ta' l-iskadenza trid tkun data futura), imma mhux validazzjoni ta' sintassi, u r-riflessjononi ta' dawn ir-regoli fid-dikjarazzjonijiet ta' riċevuti ta' l-iżbalji.

Parti teknika

— sistema ta' skambju fiżiku li jridu jintużaw (servizzi ta' FTPC/X400 fuq l-ESCB-net); użu preċiż ta' dawn is-sistemi,

— veduta teknika ta' l-*exchange protocol*,

— *exchange format definition* (jiġifieri l-XML Schema).

Appendiċi

36. Lista ta' kodiċi ISO ta' pajjiżi b'żewġ karattri.

▼B

Anness

LISTA TAL-KODIĊI TAL-PAJJIŻI TA' L-ISO

Din il-lista tagħti l-ismijiet tal-pajjiżi (l-ismijiet qosra uffiċjali bl-Ingliż) f'ordni alfabetika kif inhi miktuba fl-ISO 3166-1 u l-elementi korrispondenti tal-kodiċi ISO 3166-1-alpha-2. Hija tkun aġġornata kull darba li bidla fil-lista uffiċjali tal-kodiċi fl-ISO 3166-1 tkun affetwata mill-ISO 3166/MA.

Din il-lista fiha 239 isem qasir uffiċjali u elementi tal-kodiċi. L-għajn ta' l-informazzjoni huwa: www.iso.org.

Nru. Rif.	Pajjiż	Kodiċi ta' l-ISO tal-Pajjiż
1	AFGHANISTAN (L-AFGANISTAN)	AF
2	ALBANIA (L-ALBANIJA)	AL
3	ALGERIA (L-ALĠERIJA)	DZ
4	AMERICAN SAMOA (SAMOA AMERIKANA)	AS
5	UORRA (L-UORRA)	AD
6	ANGOLA (L-ANGOLA)	AO
7	ANGUILLA (L-ANGUILLA)	AI
8	ANTARCTICA (L-ANTARTIKA)	AQ
9	ANTIGUA U BARBUDA (ANTIGWA U BARBUDA)	AG
10	ARGENTINA (L-ARĠENTINA)	AR
11	ARMENIA (L-ARMENJA)	AM
12	ARUBA (L-ARUBA)	AW
13	AUSTRALIA (L-AWSTRALJA)	AU
14	AUSTRIA (L-AWSTRIJA)	AT
15	AZERBAIJAN (L-AŻERBAJĠAN)	AZ
16	BAHAMAS (IL-BAĦAMAS)	BS
17	BAHRAIN (IL-BAĦRAJN)	BH
18	BANGLADESH (IL-BANGLADEXX)	BD
19	BARBADOS (IL-BARBADOS)	BB
20	BELARUS (IL-BELARUS)	BY
21	BELGIUM (IL-BELĠJU)	BE
22	BELIZE (IL-BELIŻE)	BZ
23	BENIN (IL-BENIN)	BJ
24	BERMUDA (IL-BERMUDA)	BM
25	BHUTAN (IL-BHUTAN)	BT
26	BOLIVIA (IL-BOLIVJA)	BO
27	BOSNIA U HERZEGOVINA (IL-BOSNIA U ĦERŻEGOVÌNA)	BA

▼B

Nru. Rif.	Pajjiż	Kodiċi ta' l-ISO tal-Pajjiż
28	BOTSWANA (IL-BOTSWANA)	BW
29	BOUVET ISLU (IL-GŻIRA BOUVET)	BV
30	BRAZIL (IL-BRAŻIL)	BR
31	BRITISH INDIAN OCEAN TERRITORY (IT-TERRITORJU BRITTANIKU TA' L-OĊEJAN INDJAN)	IO
32	BRUNEI DARUSSALAM (IL-BRUNEJ DARUSSALAM)	BN
33	BULGARIA (IL-BULGARIJA)	BG
34	BURKINA FASO (BURKINA FASO)	BF
35	BURUNDI (IL-BURUNDI)	BI
36	CAMBODIA (IL-KAMBODJA)	KH
37	CAMEROON (IL-KAMERUN)	CM
38	CANADA (IL-KANADA)	CA
39	CAPE VERDE (KAP VERDE)	CV
40	CAYMAN ISLUS (IL-GŻEJJER CAYMAN)	KY
41	CENTRAL AFRICAN REPUBLIC (IR-REPUBBLIKA AFFRIKANA ĊENTRALI)	CF
42	CHAD (IĊ-ĊAD)	TD
43	CHILE (IĊ-ĊILI)	CL
44	CHINA (IĊ-ĊINA)	CN
45	CHRISTMAS ISLU (IL-GŻIRA TAL-MILIED)	CX
46	COCOS (KEELING) ISLUS (IL-GŻEJJER TAL-COCOS)	CC
47	COLOMBIA (IL-KOLUMBJA)	CO
48	COMOROS (IL-KOMOROS)	KM
49	CONGO (IR-REPUBBLIKA TAL-KONGO)	CG
50	CONGO, THE DEMOCRATIC REPUBLIC OF THE (KONGO, IR-REPUBBLIKA DEMOKRATIKA TAL-)	CD
51	COOK ISLUS (IL-GŻEJJER KOOK)	CK
52	COSTA RICA (IIL-KOSTA RIKA)	CR
53	COTE D'IVOIRE (IL-KOSTA TA' L-AVORJU)	CI
54	CROATIA (IL-KROAZJA)	HR
55	CUBA (KUBA)	CU
56	CYPRUS (IĊ-ĊIPRU)	CY
57	CZECH REPUBLIC (IR-REPUBBLIKA ĊEKA)	CZ
58	DENMARK (ID-DANIMARKA)	DK

▼B

Nru. Rif.	Pajjiż	Kodiċi ta' l-ISO tal-Pajjiż
59	DJIBOUTI (ĠIBUTI)	DJ
60	DOMINICA (DOMINICA)	DM
61	DOMINICAN REPUBLIC (IR-REPUBBLIKA DOMINIKANA)	DO
62	EAST TIMOR (TIMOR TAL-LVANT)	TL
63	ECUADOR (L-EKWADOR)	EC
64	EGYPT (L-EĠITTU)	EG
65	EL SALVADOR (EL SALVADOR)	SV
66	EQUATORIAL GUINEA (IL-GINEA EKWATORJALI)	GQ
67	ERITREA (L-ERITREA)	ER
68	ESTONIA (L-ESTONJA)	EE
69	ETHIOPIA (L-ETJOPJA)	ET
70	FALKLU ISLUS (MALVINAS) (IL-GŻEJJER FALKLU)	FK
71	FAROE ISLUS (IL-GŻEJJER FAROE)	FO
72	FIJI (FIĠI)	FJ
73	FINLU (IL-FINLUJA)	FI
74	FRANCE (FRANZA)	FR
75	FRENCH GUIANA (IL-GUJANA FRANĊIŻA)	GF
76	FRENCH POLYNESIA (POLYNESIA FRANĊIŻA)	PF
77	FRENCH SOUTHERN TERRITORIES (IT-TERRITORJU TAS-SUD TA' FRANZA)	TF
78	GABON (IL-GABON)	GA
79	GAMBIA (IL-GAMBJA)	GM
80	GEORGIA (IL-ĠEORĠJA)	GE
81	GERMANY (IL-ĠERMANJA)	DE
82	GHANA (IL-GANA)	GH
83	GIBRALTAR (ĠIBILTÀ)	GI
84	GREECE (IL-GREĊJA)	GR
85	GREENLU (GREENLU)	GL
86	GRENADA (IL-GRENADA)	GD
87	GUADELOUPE (GUADELOUPE)	GP
88	GUAM (GUAM)	GU
89	GUATEMALA (IL-GWATEMALA)	GT
90	GUINEA (IL-GINEA)	GN

▼B

Nru. Rif.	Pajjiż	Kodiċi ta' l-ISO tal-Pajjiż
91	GUINEA-BISSAU (IL-GINEA-BISSAW)	GW
92	GUYANA (IL-GUJANA)	GY
93	HAITI (IL-ĦAITII)	HT
94	HEARD ISLU U MCDONALD ISLUS (IL-GŻIRA HEARD U GŻEJJER MCDONALD)	HM
95	HOLY SEE (VATICAN CITY STATE) (IS-SANTA SEDE/IL-VATIKAN)	VA
96	HONDURAS (IL-ĦONDURAS)	HN
97	HONG KONG (HONG KONG)	HK
98	HUNGARY (L-UNGERIJA)	HU
99	ICELU (ISLUA)	IS
100	INDIA (L-INDJA)	IN
101	INDONESIA (L-INDONEŻJA)	ID
102	IRAN, ISLAMIC REPUBLIC OF (L-IRAN, IR-REPUBBLIKA ISLAMIKA TA')	IR
103	IRAQ (L-IRAQ)	IQ
104	IRELU (L-IRLUA)	IE
105	ISRAEL (L-IŻRAEL)	IL
106	ITALY (L-ITALJA)	IT
107	JAMAICA (IL-ĠAMAJKA)	JM
108	JAPAN (IL-ĠAPPUN)	JP
109	JORDAN (IL-ĠORDAN)	JO
110	KAZAKHSTAN (IL-KAZAKASTAN)	KZ
111	KENYA (IL-KENJA)	KE
112	KIRIBATI (KIRIBATI)	KI
113	KOREA, DEMOCRATIC PEOPLE'S REPUBLIC OF (KOREA, IR-REPUBBLIKA DEMOKRATIKA TAL-POPLU TAL-)	KP
114	KOREA, REPUBLIC OF (IR-REPUBBLIKA TAL-KOREA)	KR
115	KUWAIT (IL-KUWAJT)	KW
116	KYRGYZSTAN (IL-KIRGIŻITAN)	KG
117	LAO PEOPLE'S DEMOCRATIC REPUBLIC (IR-REPUBBLIKA DEMOKRATIKA TAL-POPLU TAL-LAOS)	LA
118	LATVIA (IL-LATVJA)	LV
119	LEBANON (IL-LIBANU)	LB
120	LESOTHO (IL-LESOTOT)	LS

▼B

Nru. Rif.	Pajjiż	Kodiċi ta' l-ISO tal-Pajjiż
121	LIBERIA (IL-LIBREġJUN)	LR
122	LIBYAN ARAB JAMAHIRIYA (IL-LIBJA)	LY
123	LIECHTENSTEIN (IL-LIECHTENSTEIN)	LI
124	LITHUANIA (IL-LITWANJA)	LT
125	LUXEMBOURG (IL-LUSSEMBURGU)	LU
126	MACAO (IL-MAKAW)	MO
127	MACEDONIA, THE FORMER YUGOSLAV REPUBLIC OF (L-EX REPUBBLIKA JUGOSLAVA TAL-MAĊEDONJA)	MK
128	MADAGASCAR (IL-MADAGASKAR)	MG
129	MALAWI (IL-MALAWI)	MW
130	MALAYSIA (IL-MALASJA)	MY
131	MALDIVES (IL-MALDIV)	MV
132	MALI (IL-MALI)	ML
133	MALTA (MALTA)	MT
134	MARSHALL ISLUS (IL-GŻEJJER MARSHALL)	MH
135	MARTINIQUE (MARTINIQUE)	MQ
136	MAURITANIA (IL-MAWRITANJA)	MR
137	MAURITIUS (IL-MAWRIZJU)	MU
138	MAYOTTE (MAYOTTE)	YT
139	MEXICO (IL-MESSIKU)	MX
140	MICRONESIA, FEDERATED STATES OF (L-ISTATI FEDERATI TAL-MIKRONESJA)	FM
141	MOLDOVA, REPUBLIC OF (MOLDOVA, IR-REPUBBLIKA TAL-)	MD
142	MONACO (MONAKO)	MC
143	MONGOLIA (IL-MONGOLJA)	MN
144	MONTSERRAT (MONTSERRAT)	MS
145	MOROCCO (IL-MAROKK)	MA
146	MOZAMBIQUE (IL-MOŻAMBIK)	MZ
147	MYANMAR (IL-MJANMAL)	MM
148	NAMIBIA (IN-NAMIBJA)	NA
149	NAURU (NAURU)	NR
150	NEPAL (IN-NEPAL)	NP
151	NETHERLUS (IL-PAJJIŻI L-BAXXI)	NL

▼B

Nru. Rif.	Pajjiż	Kodiċi ta' l-ISO tal-Pajjiż
152	NETHERLUS ANTILLES ()	AN
153	NEW CALEDONIA (CALEDONIA ĠDIDA)	NC
154	NEW ZEALU (IN-NEW ZEALU)	NZ
155	NICARAGUA (IN-NIKARAGWA)	NI
156	NIGER (IN-NIĠER)	NE
157	NIGERIA (IN-NIĠREġJUN)	NG
158	NIUE (NIUE)	NU
159	NORFOLK ISLU (IL-GŻIRA NORFOKLK)	NF
160	NORTHERN MARIANA ISLUS (IL-GŻEJJER MARIANA TA' FUQ)	MP
161	NORWAY (IN-NORVEĠJA)	NO
162	OMAN (L-OMAN)	OM
163	PAKISTAN (IL-PAKISTAN)	PK
164	PALAU (PALAU)	PW
165	PALESTINIAN TERRITORY, OCCUPIED (IT-TERRITORJU PALESTINJAN OKKUPAT)	PS
166	PANAMA (IL-PANAMA)	PA
167	PAPUA NEW GUINEA (IL-PAPWA GINEA ĠDIDA)	PG
168	PARAGUAY (IL-PARAGWAY)	PY
169	PERU (IL-PERÙ)	PE
170	PHILIPPINES (IL-FILIPPINI)	PH
171	PITCAIRN (PITCAIRN)	PN
172	POLU (IL-POLONJA)	PL
173	PORTUGAL (IL-PORTUGALL)	PT
174	PUERTO RICO (PUERTO RICO)	PR
175	QATAR (IL-QATAR)	QA
176	REUNION (REUNION)	RE
177	ROMANIA (IR-RUMANIJA)	RO
178	RUSSIAN FEDERATION (IL-FEDERAZZJONI RUSSA)	RU
179	RWUA (IR-RWUA)	RW
180	SAINT HELENA (SANT' ELENA)	SH
181	SAINT KITTS U NEVIS (SAN KITTS U NEVIS)	KN
182	SAINT LUCIA (SANTA LUĊIJA)	LC
183	SAINT PIERRE U MIQUELON (SAN PIERRE U MIQUELON)	PM

▼B

Nru. Rif.	Pajjiż	Kodiċi ta' l-ISO tal-Pajjiż
184	SAINT VINCENT U THE GRENADINES (SAN VINĊENZ U L-GRENADINI)	VC
185	SAMOA (SAMOA)	WS
186	SAN MARINO (SAN MARINO)	SM
187	SAO TOME U PRINCIPE (SAO TOME U PRINĊIPE)	ST
188	SAUDI ARABIA (L-GĦARABJA SAWDIJA)	SA
189	SENEGAL (IS-SENEGAL)	SN
190	SEYCHELLES (IS-SEYCHELLES)	SC
191	SIERRA LEONE (SIERRA LEONE)	SL
192	SINGAPORE (SINGAPOR)	SG
193	SLOVAKIA (IS-SLOVAKJA)	SK
194	SLOVENIA (IS-SLOVENJA)	SI
195	SOLOMON ISLUS (IL-GŻEJJER SOLOMON)	SB
196	SOMALIA (IS-SOMALJA)	SO
197	SOUTH AFRICA (L-AFFRIKA T'ISFEL)	ZA
198	SOUTH GEORGIA U THE SOUTH SUWICH ISLUS ()	GS
199	SPAIN (SPANJA)	ES
200	SRI LANKA (SRI LANKA)	LK
201	SUDAN (IS-SUDAN)	SD
202	SURINAME (IS-SURINAM)	SR
203	SVALBARD U JAN MAYEN (SVALBARD U JAN MAYEN)	SJ
204	SWAZILU (IS-SWAZILU)	SZ
205	SWEDEN (L-ISVEZJA)	SE
206	SWITZERLU (L-ISVIZZERA)	CH
207	SYRIAN ARAB REPUBLIC (IR-REPUBBLIKA GĦARBIJA TAS-SIRJA)	SY
208	TAIWAN, PROVINCE OF CHINA (IT-TAJWAN, PROVINĊJA TAĊ-ĊINA)	TW
209	TAJIKISTAN (IT-TAĠIKISTAN)	TJ
210	TANZANIA, UNITED REPUBLIC OF (IR-REPUBBLIKA MAGĦQUDA TAT-TANŻANIJA)	TZ
211	THAILU (IT-TAJLUJA)	TH
212	TOGO (IT-TOGO)	TG
213	TOKELAU (TOKELAU)	TK
214	TONGA (TONGA)	TO

▼B

Nru. Rif.	Pajjiż	Kodiċi ta' l-ISO tal-Pajjiż
215	TRINIDAD U TOBAGO (TRINIDAD U TOBAGO)	TT
216	TUNISIA (IT-TUNIŻIJA)	TN
217	TURKEY (IT-TURKIJA)	TR
218	TURKMENISTAN (IT-TURKMENISTAN)	TM
219	TURKS U CAICOS ISLUS (IL-GŻEJJER TURKS U CAICOS)	TC
220	TUVALU (TUVALU)	TV
221	UGUA (L-UGUA)	UG
222	UKRAINE (L-UKRAJNA)	UA
223	UNITED ARAB EMIRATES (L-EMIRATI MAGĦQUDA GĦARAB)	AE
224	UNITED KINGDOM (IR-RENJU UNIT)	GB
225	UNITED STATES (L-ISTATI UNITI)	US
226	UNITED STATES MINOR OUTLYING ISLUS (IL-GŻEJJER MINURI TA' BARRA L-ISTATI UNITI)	UM
227	URUGUAY (L-URUGWAY)	UY
228	UZBEKISTAN (L-UŻBEKISTAN)	UZ
229	VANUATU (IL-VANWATE)	VU
230	VENEZUELA (IL-VENEŻWELA)	VE
231	VIET NAM (IL-VJETNAM)	VN
232	VIRGIN ISLUS, BRITISH (IL-GŻEJJERVIRGIN, BRITTANIĊI)	VG
233	VIRGIN ISLUS, U.S. (IL-GŻEJJER VIRGIN, STATI UNITI)	VI
234	WALLIS U FUTUNA (WALLIS U FUTUNA)	WF
235	WESTERN SAHARA (IS-SAHARA TAL-LVANT)	EH
236	YEMEN (IL-JEMEN)	YE
237	YUGOSLAVIA (IL-JUGOSLAVJA)	YU
238	ZAMBIA (IŻ-ŻAMBJA)	ZM
239	ZIMBABWE (ŻIMBABWE)	ZW

▼M2

ANNESS XVIII

STATISTIĊI FUQ INTERMEDJARJI FINANZJARJI OĦRA GĦAJR KORPORAZZJONIJIET TA' L-ASSIGURAZZJONI U FONDI TAL-PENSJONI

STRUZZJONIJIET GĦAR-RAPPORTAR GĦALL-KOMPILAZZJONI TA' STATISTIĊI WARA METODU FUQ PERJODU TA' ŻMIEN QASIR

1. ***Għan***

Il-ħtieġa għal informazzjoni statistika dwar intermedjarji finanzjarji oħra għajr korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni (minn hawn iżjed 'il quddiem "IFO") għandha żewġ għanijiet. L-ewwel nett, huwa importanti li tiġi miġbura *data* dwar l-IFO sabiex jiġi mmonitorjat ir-rwol tagħhom f'intermedjazzjoni finanzjarja barra s-settur ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM). L-attivitajiet li jidħlu għalihom l-IFO huma simili u kumplimentari għal dawk li jidħlu għalihom l-IFM u, b'mod partikolari, minħabba li d-*data* tal-karta tal-bilanċ għal għanijiet statistiċi tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) dwar l-IFO fil-pussess għal kollox jew parzjali ta' l-IFM mhijiex inkluża fil-karti ta' bilanċ ta' l-IFM, hemm il-ħtieġa li tiġi miġbura *data* statistika dwar l-IFO sabiex timtela' l-istampa statistika taż-żona ta' l-euro. It-tieni nett, il-BĊE jeħtieġ li jimmonitorja l-IFO sabiex jiżgura li l-lista ta' IFM tibqa' aġġornata, preċiża u omoġenja kemm jista' jkun u stabbli biżżejjed għal għanijiet statistiċi. Kif imsemmi fir-Regolament BĊE/2001/13, innovazzjoni finanzjarja tista' taffettwa l-karatteristiċi ta' l-istrumenti finanzjarji u twassal lill-IFO sabiex ibiddlu l-fokus tan-negozju tagħhom.

L-għan ta' dan l-Anness huwa li tiġi pprovduta gwida għall-mili tal-formoli ta' rapportar għat-trasmissjoni ta' *data* dwar l-IFO lill-BĊE.

2. ***Kompilazzjoni ta' l-aggregati taż-żona ta' l-euro u t-tip ta' data statistika li għandha tiġi pprovduta***

2.1 **Kompilazzjoni ta' l-aggregati taż-żona ta' l-euro**

It-trasmissjoni ta' *data* li għandha x'taqsam ma' l-IFO għandha ssir wara metodu fuq perjodu ta' żmien qasir, iġifieri, fuq il-bażi tad-*data* disponibbli fil-preżent fuq livell nazzjonali. Dan ifisser li informazzjoni statistika li għandha tiġi pprovduta tista' mhux dejjem tkun disponibbli bi qbil mad-definizzjonijiet u l-ispeċifikazzjonijiet deskritti taħt. F'każijiet fejn id-*data* rrapportata tiddevja mid-definizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Anness, il-banek ċentrali nazzjonali (NCB) huma mitlubin jipprovdu noti ta' spjega lill-BĊE ([1]). Bi qbil ma' dan il-metodu, u fuq il-bażi tal-qafas kunċettwali deskritt taħt, il-BĊN għandhom jipprovdu d-*data* effettiva malli din tkun disponibbli. Fejn id-*data* effettiva ma tkunx disponibbli jew fejn din ma tkunx tista' tiġi pproċessata, għandhom jingħataw stimi nazzjonali. Bħala soluzzjoni ta' appoġġ, fir-rigward ta' ċerti analiżi speċifiċi fejn l-istimi nazzjonali ma jistgħux jiġu pprovduti, il-BĊE jista' jagħmel stimi/suppożizzjonijiet fuq bażi ta' każ b'każ.

Minħabba l-piż addizzjonali li l-istimi nazzjonali tal-komputazzjoni jpoġġu fuq il-BĊN, l-isforzi għandhom ikunu kkonċentrati b'mod prinċipali fuq numru limitat ta' *data* statistika prinċipali. Fil-fatt, il-metodu fuq perjodu ta' żmien qasir jimmira sabiex jikkonċentra l-isforzi fuq subkategorija speċifika waħda ta' l-IFO (ara t-Taqsima 3.2.a): fondi ta' l-investiment. Ebda ħidmiet addizzjonali speċifiċi ma huma meħtieġa għall-forniment ta' *data* fir-rigward ta' operaturi f'titoli u derivattivi (OTD), korporazzjonijiet finanzjarji involuti fis-self (minn hawn iżjed 'il quddiem "KF") jew IFO (residwali) oħra, fil-każ li d-*data* attwali ma tinġabarx fuq livell nazzjonali.

2.2 **Tip ta' data statistika li għandha tiġi pprovduta**

Għandhom jiġu pprovduti żewġ tipi ta' indikaturi: indikaturi prinċipali u informazzjoni supplimentari

([1]) Ara l-Appendiċi 2.

▼M2

— Indikaturi prinċipali li għandhom jiġu trasmessi għall-kompilazzjoni ta' l-aggregati taż-żona ta' l-euro. L-Istati Membri parteċipanti kollha għandhom jittrasmettu din id-*data* dettaljata meta d-*data* reali tkun disponibbli. Meta ebda *data* reali ma tkun disponibbli għall-analiżi meħtieġa jew għall-frekwenza miftehma, għall-perjodiċità jew għall-perjodu ta' żmien, għandhom jingħataw stimi, jekk dan ikun possibbli.

— Informazzjoni supplimentari li għandha tiġi trasmessa bħala "partiti tal-memo". Din id-*data* għandha tiġi trasmessa minn dawk il-pajjiżi li għalihom, fil-preżent, hemm aktar dettall disponibbli. Tirreferi għal analiżi mitluba mill-utenti u fir-rigward ta' liema ma tqiesx li setgħet issir il-kompilazzjoni ta' l-aggregat taż-żona ta' l-euro fil-bidu.

3. ***Qafas kunċettwali***

3.1 **Popolazzjoni ta' rapportar**

Is-sistema Ewropea tal-kontabilità nazzjonali u reġjonali (minn hawn iżjed 'l quddiem "SEK 95" ([1])) tiddefinixxi lill-IFO (S.123) bħala 'korporazzjonijiet u kważi korporazzjonijiet finanzjarji mhux monetarji (għajr korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni) involuti b'mod ewlieni fl-intermedjazzjoni finanzjarja billi jġarrbu passivi f'forom oħra għajr il-munita, depożiti u/jew sostituti mill-qrib għad-depożiti minn unitajiet istituzzjonali għajr l-IFM'.

Id-differenza ma' l-IFM tinsab fin-nuqqas ta' eżistenza ta' passivi fil-forma ta' depożiti miżmuma minn istituzzjonijiet mhux IFM, filwaqt li d-differenza mal-fondi tal-pensjoni u mal-korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni tinsab fin-nuqqas ta' eżistenza ta' passivi fil-forma ta' riservi tekniċi ta' l-assigurazzjoni.

Il-popolazzjoni ta' rapportar għall-metodu fuq perjodu ta' żmien qasir tinkludi t-tipi kollha ta' residenti ta' l-IFO fl-Istati Membri parteċipanti. It-terminu "residenti" huwa kif inhu definit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-ġbir ta' informazzjoni statistika mill-Bank Ċentrali Ewropew ([2]). Għalhekk, il-popolazzjoni li tirrapporta tinkludi:

— istituzzjonijiet li jinsabu fit-territorju, inklużi sussidjarji ta' kumpanniji omm li jkunu jinsabu barra dak it-territorju,

u

— fergħat residenti ta' istituzzjonijiet li għandhom l-kwartier ġenerali tagħhom barra dak it-territorju.

3.2 **Klassifikazzjoni tas-sub-kategoriji ta' l-IFO**

Minħabba l-eteroġenità ta' l-attivitajiet imwettqa mill-IFO u d-differenzi fid-disponibilità tad-*data* skond it-tip ta' IFO, ġew identifikati erba' kategoriji ta' IFO li għalihom id-*data* għandha tiġi trasmessa separatament: 1) fondi ta' investiment (għajr fondi tas-suq monetarju (FSM)); 2) SDDs; 3) KF; u 4) IFO oħra. Id-differenzi fid-dettalji statistiċi meħtieġa sejrin jiġu spjegati f'dan id-dokument.

Il-kategoriji/gruppi fuq il-bażi ta' liema għandha tiġi pprovduta d-*data* huma elenkati u definiti taħt:

a. *Fondi ta' investment, għajr FSM*

Fondi ta' investiment huma arranġamenti finanzjarji organizzati, li jiġbru flimkien il-fondi ta' l-investituri sabiex jinvestuhom f'attività finanzjarja u mhux finanzjarja. Il-fondi ta' investiment ikklassifikati bħala IFO jinkludu t-tipi kollha ta' fondi ta' investiment għajr dawk inklużi fis-settur ta' l-IFM. Jista' jkollhom strutturi legali differenti (kuntrattwali, statutarji u *unit trusts*) u jistgħu jkunu fondi miftuħin jew fondi magħluqin. Barra minn hekk, jistgħu jkunu stabbiliti jew bħala fond individwali jew bħala fond umbrella (fond b'aktar minn kompartiment wieħed li jinkludi bosta sub-fondi).

([1]) Tinsab fl-Anness A għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar is-sistema Ewropea tal-kontabilità nazzjonali u reġjonali fil-Komunità, ĠU L 310, 30.11.1996, p. 1.

([2]) ĠU L 318, 27.11.1998, p. 8.

▼M2

Għandha tiġi fornuta *data* fir-rigward ta' fondi ta' investiment għal:

Fondi ta' investment totali: Id-*data* li għandha tiġi pprovduta għal fondi totali ta' investiment għandha tkopri t-tipi kollha ta' fondi ta' investiment li jkunu qegħdin jitħaddmu fil-pajjiż. Għandhom jiġu pprovduti indikaturi prinċipali kif ukoll numru ta' partiti tal-memo.

Fondi ta' investment skond it-tip: *Data* li għandha tiġi trasmessa għandha tipprovdi analiżi skond it-tip ta' fond ta' investiment:

— *Fondi ta' investment analizzati skond it-tip ta' investment:*

Id-*data* għal fondi ta' investiment skond it-tip ta' investiment għandha tiġi rrapportata separatament għal 1) fondi azzjonarji (*equity funds*); 2) *bond funds*; 3) fondi mħallta; 4) fondi ta' l-immobbli; u 5) fondi oħra.

Fil-prinċipju, il-fondi ta' l-investiment skond it-tip għandhom jiġu kklassifikati skond it-tip ta' attività li fih ikun investit b'mod ewlieni l-portafoll ta' investiment. Jekk il-portafoll ta' investiment huwa investit b'mod ewlieni f'ishma u f'*equity* oħra, għandhom jiġu allokati fondi għall-kategorija tal-"fondi azzjonarji"; jekk fit-titoli tad-dejn, għall-kategorija "**bond funds**"; u jekk fl-immobbli, għall-kategorija fondi ta' l-immobbli'. Il-fondi investiti f'kemm titoli azzjonarji kif ukoll f'*bonds* mingħajr ebda politika prevalenti favur strument wieħed jew ieħor għandhom jiġu allokati għall-kategorija "fondi mħallta" ([1]). Fejn ma tkun tista' ssir ebda kklassifikazzjoni fil-kategoriji msemmija fuq, il-fondi għandhom jiġu nklużi fil-kategorija li jibqa' "fondi oħra".

Fir-rigward tal-"fondi tal-fondi" (fondi investiti b'mod ewlieni f'azzjonijiet), il-gwida hija li dawn jiġu allokati fil-kategorija ta' fondi li fihom jinvestu b'mod ewlieni. Jekk din l-allokazzjoni ma titqisx li tista' ssir, il-fondi tal-fondi għandhom jiġu allokati fil-kategorija li jibqa' "fondi oħra".

Il-kriterji li bihom jiġu kklassifikati l-fondi ta' investiment skond it-tip huma miksubin mill-prospett pubbliku, regoli tal-fondi, strumenti ta' inkorporazzjoni, statuti jew regolamenti stabbiliti, dokumenti ta' sottoskrizzjoni jew kuntratti ta' investiment, dokumenti ta' *marketing*, jew kwalunkwe dikjarazzjoni oħra b'effetti simili.

F'fażi aktar tard, għandu jingħata kas tal-ġbir tad-*data* għal numru ta' fondi ta' investiment analizzati skond it-tip ta' investiment.

— *Fondi ta' investiment analizzati skond it-tip ta' investitur:*

Id-*data* għal fondi ta' investimenti analizzata skond it-tip ta' investitur għandha tiġi rrapportata għal 1) fondi tal-pubbliku ġenerali li l-unitajiet/ishma tagħhom jiġu mibjugħin lill-pubbliku; u 2)fondi speċjali ta' l-investituri li l-unitajiet/ishma tagħhom huma riservati għal ċerti tipi ta' investituri. Id-*data* għal dawn it-tipi ta' fondi għandha tiġi rrapportata biss bħala partiti tal-memo.

b. *Operaturi f'titoli u derivattivi*

SDDs, ikklassifikati bħala IFO, huma korporazzjonijiet involuti b'mod ewlieni fl-attivitajiet finanzjarji ta' intermedjazzjoni li ġejjin:

— negozjar ta' titoli akkont propju, permezz ta' l-akkwist u bejgħ ta' dawk it-titoli akkont u għar-riskju propju ta' l-intermedjarju għall-għan esklussiv li jibbenefika mill-marġini bejn il-prezz tax-xiri u tal-bejgħ,

— negozjar akkont propju, permezz ta' intermedjarju finanzjarju awtorizzat sabiex jopera fis-suq ta' l-ishma, jew fi swieq organizzati oħra.

Fir-rigward ta' SDDs, għandhom jiġu fornuti l-indikaturi prinċipali. Id-dettalji li għandhom jiġu pprovduti dwar l-analiżi huma murija f'dan l-Anness.

([1]) Fil-każ li, fuq il-livell nazzjonali, fondi investiti f'titoli li jistgħu jiġu ttrasferiti u fl-immobbli jiġu kklassifikati bħala "fondi mħallta", dawn il-fondi għandhom jiġu allokati għall-kategorija "fondi mħallta".

▼M2

ċ. *Korporazzjonijiet finanzjarji involuti fis-self*

Dawn il-korporazzjonijiet finanzjarji, ikklassifikati bħala IFO, huma speċjalizzati b'mod ewlieni fil-finanzjament ta' attività għad-djar u korporazzjonijiet mhux finanzjarji. Korporazzjonijiet li jispeċjalizzaw f'kiri ([1]), *factoring*, self b'ipoteki u self lill-konsumatur għandhom jiġu nklużi f'din il-kategorija. Dawn il-korporazzjonijiet finanzjarji jistgħu joperaw taħt id-denominazzjoni legali ta' ditta li ssellef il-flus għall-bini, istituzzjoni muniċipali ta' kreditu, korporazzjoni finanzjarja maħluqa sabiex tkun fil-pussess ta' attivi *securitised*, eċċ.

Fir-rigward ta' KF, għandhom jiġu pprovduti indikaturi prinċipali. Id-dettalji speċifiċi dwar l-analiżi li għandha tingħata huma mogħtija f'dan l-Anness.

d. *Kategoriji oħra ta' l-IFO*

Korporazzjonijiet finanzjarji nklużi f'din il-kategorija li jifdal huma tipi oħra ta' korporazzjonijiet finanzjarji li ma jispeċjalizzawx f'xi wieħed mill-oqsma ta' attivitajiet li japplikaw għat-tliet kategoriji l-oħra ta' IFO. Eżempju, korporazzjonijiet bħal korporazzjonijiet finanzjarji ta' ġestjoni tal-parteċipazzjonijiet, kumpanniji b'kapital ta' riskju (*venture capital companies*) jew kumpanniji ta' żvilupp. Il-BĊN huma meħtieġa li jispeċifikaw it-tipi ta' istituzzjonijiet allokati f'din il-kategorija fin-noti ta' spjega pprovduti.

Fir-rigward ta' din is-subkategorija ta' IFO, hija meħtieġa biss l-attività totali bħala partita tal-memo.

4. ***Ħtiġijiet ta' rapportar statistiku***

4.1 **Kategoriji tal-karta tal-bilanċ**

Il-kompilazzjoni ta' l-indikaturi statistiċi ewlenin għas-settur ta' l-IFO teħtieġ analiżi speċifika ta' l-istrument finanzjarju. Kemm jista' jkun, l-analiżi ta' l-istrument, l-analiżi ġejografika u l-analiżi settorjali għandhom isegwu l-iskema ta' rapportar definita għas-settur ta' l-IFM. Madankollu, fil-prattika, l-analiżi hija inqas dettaljata mill-analiżi meħtieġa għall-istatistiċi tal-karta tal-bilanċ ta' l-IFM.

Barra minn hekk, minħabba l-eteroġenità ta' l-attivitajiet imwettqa mill-korporazzjonijiet finanzjarji kklassifikati bħala IFO u minħabba d-differenzi fid-disponibilità dak il-ħin, ta' *data* skond is-sub-kategorija ta' IFO, l-analiżi tal-karta ta' bilanċ meħtieġa tvarja skond it-tip ta' sub-kategorija ta' IFO.

Analiżi ta' l-istrument u l-maturità: it-tabella ta' taħt tipprovdi dehra ġenerali ta' l-analiżi meħtieġa ta' l-istrument skond it-tip ta' sub-kategorija ta' IFO. L-ispeċifikazzjonijiet għal dawn l-analiżi ta' strumenti huma deskritti fil-paragrafi taħt. Fil-prinċipju, l-analiżi ta' l-istrument għandha tiġi pprovduta bħala indikatur ewlieni għas-sub-kategoriji kollha ta' l-IFO (għajr għall-"fondi ta' investiment skond it-tip ta' investituri" u "IFO oħra").

Dehra ġenerali ta' l-analiżi ta' l-istrument u tal-maturità

KATEGORIJI TA' STRUMENTI U MATURITÀ	
ATTIVI	PASSIVI
1. Depożiti (irrapportati minn A u B)	1. Depożiti u self riċevuti (irrapportati minn A, B u Ċ)
2. Self (irrapportati minn Ċ)	2. Titoli ta' dejn maħruġin(irrapportati minn B u Ċ)
3. Titoli għajr ishma (irrapportati minn A, B u Ċ)	3. Kapital u riservi (irrapportati minn B u Ċ)
sa sena (irrapportati minn A)	4. Ishma/unitajiet ta' fondi ta' investment (irrapportati minn A)
aktar minn sena (irrapportati minn A)	
4. Ishma u ekwità oħra ([1]) (irrapportati minn	5. Derivattivi finanzjarji (irrapportati minn A u

([1]) Għal għanijiet statistiċi, kiri huwa ddefinit bħala kiri finanzjarju meta l-perjodu tal-kiri jkopri ħafna mill-ħajja ekonomika jew il-ħajja ekonomika kollha ta' l-oġġett li jibqa' għal żmien twil. Fl-aħħar tal-perjodu tal-kiri, il-kerrej spiss għandu l-għażla li jixtri l-oġġett bi prezz nominali (SEK 95, Anness II).

▼M2

KATEGORIJI TA' STRUMENTI U MATURITÀ	
ATTIVI	PASSIVI
A, B u Ċ)	B)
5. Ishma/unitajiet ta' fondi ta' investment (irrapportati minn A u B)	6. Passivi oħra(irrapportati minn A, B u Ċ)
6. Assi fissi (irrapportati minn A)	
7. Derivattivi finanzjarji (irrapportati minn A u B)	
8. Attività oħra(irrapportati minn A, B u Ċ)	
Attività totali = Passivi totali (irrapportati skond il-kategoriji kollha)	

([1]) Għajr ishma/unitajiet f'fondi ta' investiment.
A: Fondi ta' investiment
B: SDDs
Ċ: KF
D: IFO oħra

Ħtiġijiet addizzjonali għall-għanijiet ta' kkumpilar ta' kontijiet finanzjarji ta' l-unjoni monetarja (MUFA): It-tabella ta' hawn taħt tipprovdi dehra ġenerali ta' l-analiżi ta' strument addizzjonali meħtieġ. Speċifikazzjonijiet dwar din l-analiżi ta' l-istrument għandhom jiġu pprovduti bħala partiti tal-memorandum biss għas-sub-kategorija "fondi totali ta' investiment".

Ħtiġijiet addizzjonali għall-għanijiet tal-kompilazzjoni tal-MUFA

KATEGORIJI TA' STRUMENTI U TA' MATURITÀ	
ATTIVI	PASSIVI
1. Ishma kkwotati	
2. Ishma tal-FSM	
3. Self	
sa sena	
aktar minn sena	

ATTIVITÀ

0. Attività/passivi totali: L-attività totali għandha tiġi rrapportata fir-rigward tas-sub-kategoriji ta' l-IFO kollha. L-attività totali għandha tkun ugwali għat-total tal-partiti kollha identifikati separatament fuq in-naħa ta' l-attivi tal-karta ta' bilanċ u għandha tkun ugwali wkoll għall-passivi totali.

1. Depożiti: Il-partita "depożiti" hija meħtieġa separatament għat-tipi kollha ta' fondi ta' investiment li jkunu qegħdin jiġu rrapportati separatament u għall-SDD. Fil-każ ta' KF, din il-partita għandha tiġi allokata għall-"attività oħra".

   Din il-partita- ([1]) hija magħmula minn żewġ sub-kategoriji prinċipali:

   — Depożiti trasferibbli: Depożiti (fil-munita nazzjonali jew fil-munita barranija) li jistgħu jiġu mibdulin minnufih fil-munita jew li jistgħu jiġu mibdulin permezz ta' ċekk, *banker's order*, reġistrazzjoni ta' debitu jew simili, mingħajr kwalunkwe tip ta' restrizzjoni sinifikanti jew mingħajr penali (SEK 95, paragrafi 5.42-5.44).

([1]) ta' min wieħed jinnota li, fil-karta ta' bilanċ ta' l-IFM, ma ssir ebda distinzjoni bejn depożiti u self fuq in-naħa ta' l-attivi u tal-passivi. Minflok, il-fondi kollha li ma jistgħux jiġu nnegozjati mpoġġija ma'/mislufin lil IFM (= passivi) huma meqjusin bħala "depożiti" u l-fondi kollha mpoġġija/mislufin mill-IFM (= attivi) huma meqjusin bħala "self". Madankollu, s-SEK 95 tispjega d-differenza bbażata fuq il-kriterju ta' min qiegħed jieħu l-inizjattiva għat-transazzjoni. F'każijiet fejn l-inizjattiva tittieħed mill-persuna li tkun qegħda tissellef, it-transazzjoni finanzjarja għandha tiġi kklassifikata bħala self. F'każijiet fejn l-inizjattiva tittieħed mill-persuna li tkun qegħda tislef, it-transazzjoni għandha tiġi kklassifikata bħala depożitu.

▼M2

— Depożiti oħra: L-investimenti kollha f'depożiti għajr depożiti trasferibbli. Ma jistgħux jiġu wżati depożiti oħra sabiex isiru pagamenti fi kwalunkwe ħin u ma jistgħux jiġu mibdulin ma' munita jew ma' depożiti li jistgħu jiġu ttrasferiti mingħajr xi tip ta' restrizzjoni jew penali sinifikanti. Din is-sub-kategorija tinkludi depożiti fissi, depożiti ta' tifdil eċċ (SEK 95, paragrafi 5.45-5.49).

Taħt din il-partita għandhom jiġu nklużi wkoll l-ishma fi flus kontanti. Il-kontanti jinkludi flus f'karti u f'muniti fiċ-ċirkolazzjoni li huma wżati b'mod komuni sabiex isiru l-pagamenti. Din il-partita mhijiex mistennija li tkun sinifikanti.

Regoli ta' valutazzjoni: f'konformità mas-SEK 95, għandhom jiġu rrapportati d-depożiti fil-valur, li jidher, mingħajr l-imgħax dovut.

2. Self: Id-*data* dwar is-"self" għandha tiġi rrapportata separatament biss għas-sub-kategorija KF. Għas-sub-kategoriji fondi ta' investiment u SDD, is-self għandu jiġi allokat taħt "attiv ieħor". Madankollu, barra minn hekk, għall-għanijiet tal-kompilazzjoni tal-MUFA, self (b'maturità sa mhux aktar minn sena u aktar minn sena) għandu jiġi identifikat b'mod separat bħala partita tal-memorandum għas-sub-kategorija "fondi ta' investiment totali".

Is-self huwa fondi mislufin mill-IFO li jirrapportaw, lis-selliefa, li mhumiex evidenzjati b'dokumenti li jistgħu jiġu nnegozjati jew li huma rrappreżentati b'dokument waħdieni (anki jekk ikun sar negozjabbli). Din il-partita hija magħmula minn:

— self mogħti lil djar fil-forma ta' kreditu għall-konsumatur (self mogħti għal użu personali fil-konsum ta' oġġetti u servizzi), self għal xiri ta' djar (krediti estiżi għall-għan li jsir investiment fi djar, inklużi il-bini u r-ristrutturar), u oħrajn (self mogħti għal negozji, konsolidazzjoni tad-djun, edukazzjoni. eċċ.),

— self finanzjarju lil terzi persuni,

— self ta' dejn mitluf li jkun għadu ma ġiex imħallas jew li jkun għadu ma ġiex ikkanċellat,

— pussess ta' titoli mhux negozjabbli,

— dejn subordinat fil-forma ta' self.

Regoli ta' valutazzjoni: f'konformità mat-trattament ta' self magħmul minn IFM, is-self magħmul minn IFO għandu, fi prinċipju, jiġi rreġistrat gross mid-dispożizzjonijiet relatati, kemm ġenerali kif ukoll speċifiċi, sakemm is-self jiġi kkanċellat mill-istituzzjoni li tirrapporta, f'liema punt is-self jiġi kkanċellat mill-karta tal-bilanċ.

Bi qbil mal-prinċipju ġenerali tal-kontabilità tad-dovuti, l-imgħax maturat fuq is-self għandu jiġi rreġistrat fuq il-karta tal-bilanċ filwaqt li jimmatura (iġifieri fuq bażi tad-dovuti), milli meta jiġi fil-fatt irċevut jew imħallas (iġifieri fuq bażi ta' flus kontanti). L-imgħax maturat fuq is-self għandu jiġi kklassifikat fuq bażi grossa taħt il-kategorija "attività oħra". L-imgħax maturat għandu jiġi eskluż mis-self li għandu x'jaqsam miegħu, li għandu jiġi vvalutat fl-ammont nominali pendenti fid-*data* tar-rapportar.

3. Titoli għajr ishma: Din il-partita hija meħtieġa separatament għas-sub-kategoriji kollha ta' l-IFO, għajr għal IFO oħra.

Din il-partita tirreferi għall-pussess ta' titoli għajr ishma u *equity* oħra li normalment jistgħu jiġu nnegozjati u li huma kkwotati fis-swieq sekondarji jew jistgħu jiġu kkumpensati fis-suq u li ma jagħtu ebda tip ta' dritt ta' proprjetà fuq l-istituzzjoni tal-ħruġ lill-pussessur. Din il-partita tinkludi l-pussess ta' titoli li jagħtu lill-pussessur, id-dritt mingħajr kundizzjoni għal dħul fiss jew stabbilit taħt kuntratt fil-forma ta' pagamenti ta' ċedoli u/jew ta' somma fissa stabbilita minn qabel f'ċerta data (dati) jew li jibda minn data stabbilita fil-ħin tal-ħruġ. Jinkludi wkoll self li jista' jiġi nnegozjat li jkun ġie strutturat mill-ġdid f'numru kbir ta' dokumenti identiċi u li jistgħu jiġu nnegozjati fi swieq organizzati.

▼M2

Regoli ta' valutazzjoni: f'konformità mas-SEK 95, titoli għajr ishma għandhom jiġu rrapportati bil-valur tas-suq.

Hija meħtieġa suddiviżjoni tal-maturità (maturità inizzjali) "sa sena" u "aktar minn sena" ta' "titoli għajr ishma" għas-sub-kategorija ta' l-IFO "fondi ta' l-investiment" (fondi ta' investiment totali u fondi ta' investiment analizzati skond it-tip ta' investiment).

4. Ishma u *equity* oħra (għajr ishma tal-fond ta' investiment): Din il-partita hija meħtieġa separatament għas-sub-kategoriji kollha ta' l-IFO, għajr għal IFO oħra.

   Din il-partita tirreferi għal titoli li jirrappreżentaw id-drittijiet ta' proprjetà f'korporazzjonijiet jew kważi korporazzjonijiet. Ġeneralment dawn it-titoli jagħtu d-dritt lill-sidien għal sehem fil-profitti tal-korporazzjonijiet jew kważi-korporazzjonijiet u għal sehem mill-fondi tagħhom stess fil-każ ta' xoljiment. Din il-kategorija tinkludi tliet sub-kategoriji prinċipali:

   — ishma kkwotati, għajr ishma tal-fondi ta' investiment: Ishma bi prezzijiet ikkwotati f'Borża rikonoxxuta jew f'forma oħra ta' suq sekondarju (SEK 95, paragrafi 5.88-5.93). *Data* fuq l-ishma kkwotati għandha tiġi fornuta separatament għas-sub-kategorija "fondi ta' investiment totali",

   — ishma mhux ikkwotati, għajr ishma tal-fond ta' investiment: Ishma li mhumiex ikkwotati (SEK 95, paragrafi 5.88-5.93),

   — *equity* oħra: It-transazzjonijiet kollha f'*equity* oħra li mhumiex koperti minn ishma kkwotati u mhux ikkwotati (SEK 95, paragrafi 5.94-5.95).

   Regoli ta' valutazzjoni: f'konformità mas-SEK 95, ishma u *equity* oħra għandhom jiġu rrapportati fil-valur tas-suq.

5. Ishma/unitajiet tal-fond ta' investment: Il-pussess ta' ishma/unitajiet tal-fond ta' investiment għandu jiġi rrapportat bħala partita separata biss għas-sub-kategoriji tal-fondi ta' investiment (fondi ta' investiment totali u t-tipi kollha ta' fondi ta' investiment) u SDD. Għas-sub-kategorija KF, l-ishma/unitajiet tal-fondi ta' investiment għandhom jiġu allokati taħt "attività oħra".

   Ishma/unitajiet tal-fondi ta' investiment huma ishma/unitajiet maħruġin minn tip speċifiku ta' korporazzjoni finanzjarja, li l-għan esklussiv tagħha huwa li tinvesti l-fondi miġbura fis-suq monetarju, fis-suq kapitali u/jew fis-suq ta' l-immobbli. Ishma/unitajiet tal-fondi ta' investiment huma esklussivament passivi ta' l-IFM (FSM biss) u fondi ta' investiment ikklassifikati bħala IFO.

   Ishma/unitajiet ta' fondi ta' investiment maħruġin jagħtu drittijiet lis-sidien fir-rigward tal-kapital investit u tad-dħul minn investimenti bħal dawn iżda li normalment ma jagħtu ebda evidenza ta' kontroll ta' l-investiment kollettiv (bħal drittijiet għall-vot jew parteċipazzjoni fl-amministrazzjoni).

   Regoli ta' valutazzjoni: f'konformità mas-SEK 95, l-ishma/unitajiet tal-fond ta' investiment għandhom jiġu rrapportati fil-valur tas-suq.

   Barra minn hekk, għas-sub-kategorija "fondi ta' investiment totali", il-pussess ta' ishma tal-FSM huwa rrapportat.

6. Attività fissa: Din il-partita hija magħmula minn:

   — attività fissa tanġibbli għal għanijiet ta' investiment (investiment f'abitazzjonijiet, bini u strutturi oħra, bini mhux residenzjali). Din il-parti hija identifikata bħala pussess ta' "beni immobbli'",

   — attività mhux finanzjarja, tanġibbli jew mhux tanġibbli, li hija maħsuba sabiex tiġi wżata b'mod ripetut għal aktar minn sena mill-IFO li tirrapporta. Tinkludi art u bini okkupat mill-IFO, kif ukoll l-apparat, *software* u infrastrutturi oħra.

▼M2

L-“attività fissa” hija identifikata separatament għall-fondi ta’ investiment totali kif ukoll għall-fondi ta’ investiment analizzati skond it-tip ta’ investiment u skond it-tip ta’ investitur. Fil-każ ta’ fondi ta’ investiment analizzati skond l-investiment, l-attività fissa għandha tiġi identifikata biss separatament għal beni immobbli, fondi mħallta u fondi oħra, minħabba li dawn it-tliet tipi ta’ fondi huma mistennija li jużaw il-beni immobbli għall-għanijiet ta’ investiment. Il-kategoriji l-oħra kollha ta’ fondi analizzati skond l-investiment għandhom attività fissa wkoll, iżda l-ammont mhuwiex mistenni li jkun sinifikanti minħabba li dawn ikunu b’mod ewlieni attività fissa għal użu personali (bini okkupat mill-IFO, apparat, *software* u infrastrutturi oħra). Fejn ma jkunx hemm għalfejn li l-attività fissa tiġi rrapportata bħala partita separata, din tiġi allokata taħt “attività oħra”.

7. Derivattivi finanzjarji: *Data* li għandha x’taqsam ma’ “derivattivi finanzjarji” għandha tiġi rrapportata bħala partita separata biss għas-sub-kategoriji fondi ta’ investiment (fondi ta’ investiment totali u t-tipi kollha ta’ fondi ta’ investiment) u SDD. Fil-każ ta’ KF, din il-partita għandha tiġi allokata taħt “attività oħra”.

   Din il-partita hija magħmula mit-transazzjonijiet kollha f’derivattivi finanzjarji, iġifieri, attività finanzjarja bbażata fuq jew miksuba minn strument bażi differenti. L-istrument bażi huwa normalment attività finanzjarja oħra iżda jista’ jkun ukoll oġġett jew indiċi (SEK 95, paragrafu 5.65).

   Ir-rapportar ta’ “derivattivi finanzjarji” fl-iskema ta’ rapportar ta’ l-IFO għandu fi prinċipju jkun f’konformità mat-trattament rakkommandat fl-iskema ta’ rapportar ta’ l-IFM. F’dan il-kuntest, il-*Guidance Notes to the Regulation ECB/2001/13 on the MFI balance sheet statistics* ([1]) jiddikjara li, bi qbil ma’ l-istandards statistiċi internazzjonali eżistenti, strumenti ta’ derivattivi finanzjarji li għandhom valur tas-suq għandhom fi prinċipju jiġu rreġistrati fuq il-karta tal-bilanċ. Id-derivattivi għandhom valur tas-suq meta jiġu nnegozjati fi swieq organizzati (boroż) jew f’ċirkostanzi li fihom ikunu jistgħu jiġu kkumpensati regolarment fi swieq mhux irregolamentati (OTC).

   Taħt din il-partita, għandhom jiġu rrapportati d-derivattivi finanzjarji li ġejjin:

   — opzjonijiet, negozjabbli u OTC,

   — liċenzji (*warrants*),

   — *futures*, iżda biss jekk ikollhom valur tas-suq minħabba li jistgħu jiġu nnegozjati jew minħabba li jistgħu jiġu kkumpensati,

   — *swaps*, iżda biss jekk ikollhom valur tas-suq minħabba li jistgħu jiġu nnegozjati jew minħabba li jistgħu jiġu kkumpensati.

   Derivattivi finanzjarji li huma soġġetti għal reġistrazzjoni fuq il-karta tal-bilanċ għandhom jiddaħħlu fil-valur tas-suq tagħhom, li huwa l-prezz tas-suq prevalenti jew ekwivalent qrib (valur ġust).

   Id-derivattivi għandhom jiġu rreġistrati fuq il-karta tal-bilanċ fuq bażi grossa. Kuntratti ta’ derivattivi individwali b’valuri tas-suq pożittivi grossi għandhom jiġu rreġistrati fuq in-naħa ta’ l-attivi tal-karta tal-bilanċ filwaqt li l-kuntratti b’valuri tas-suq negattivi grossi għandhom jiġu rreġistrati fuq in-naħa tal-passivi. Impennji grossi futuri minn kuntratti ta’ derivattivi jistgħu jiġu rreġistrati fuq bażi netta skond metodi ta’ valutazzjoni differenti. Fil-każ li l-pożizzjonijiet netti biss ikunu disponibbli, jew li l-pożizzjonijiet huma rreġistrati għajr fil-valur tas-suq, dawn il-pożizzjonijiet għandhom jiġu rrapportati bħala *default*.

   Ma hija mitluba ebda analiżi (skond is-settur, munita, eċċ.).

8. Attività oħra:Din il-partita hija meħtieġa separatament għas-sub-kategoriji kollha ta’ IFO, għajr għal IFO oħra.

   Din il-partita tinkludi attività li mhijiex inkluża x’imkien ieħor, bħal:

   — imgħax maturat li jista’ jinġabar fuq self u kiri maturat fuq bini,

([1]) Bank Ċentrali Ewropew, Novembru 2002.

▼M2

— dividendi li għad iridu jiġu riċevuti,

— ammonti li jistgħu jinġabru li għandhom x'jaqsmu man-negozju prinċipali ta' l-IFO,

— ammonti grossi li jistgħu jinġabru fir-rigward ta' partiti sospiżi,

— ammonti grossi li jistgħu jinġabru fir-rigward ta' partiti ta' transitu,

— attività oħra mhux identifikata separatament, eżempju, attività fissa, self, depożiti (jiddependi fuq is-sub-kategorija ta' l-IFO).

Il-lista ta' fuq mhijiex lista li tinkludi kollox u tvarja skond it-tip ta' kategorija ta' rapportar (ara l-aħħar partita fil-lista ta' fuq). Fil-fatt, il-karta tal-bilanċ meħtieġa skond it-tip ta' sub-kategorija ta' IFO, tvarja skond l-attività mwettqa mis-subkategorija ta' l-IFO. Il-partiti prinċipali biss tal-karta tal-bilanċ huma identifikati separatament. L-ammonti kollha li ma jistgħux jiġu allokati taħt waħda mill-partiti prinċipali tal-karta tal-bilanċ (PKB) għandhom jiġu allokati taħt "attività oħra", eżempju, minħabba li l-fondi ta' l-investiment mhumiex mistennija li jagħtu self, il-partita "self" ma tiġix identifikata separatament fil-karta tal-bilanċ. Madankollu, fil-każ li l-fondi ta' investiment jagħtu self, dan l-ammont għandu jiġi allokat taħt "attività oħra".

Il-BĊN huma meħtieġa jipprovdu dettalji dwar il-komponenti ta' "attivi oħra" fin-noti ta' spjega.

PASSIVI

0. Attività/passivi totali: Il-passivi totali għandhom ikunu daqs it-total tal-partiti identifikati separatament fuq in-naħa tal-passivi tal-karta tal-bilanċ u għandhom ikunu ugwali wkoll għall-attività totali (ara wkoll "kategoriji ta' attivi — attività/passivi totali").

9. Depożiti u self meħud: Din il-partita għandha tiġi identifikata separatament għal fondi ta' investiment, SDD u KF.

Din il-partita hija magħmula minn:

— Depożiti: Depożiti li jistgħu jiġu ttrasferiti u depożiti oħra (ara n-naħa ta' l-attivi) impoġġija ma' l-IFO. Dawn id-depożiti huma normalment impoġġija mill-IFM.

— Self: Self mogħti lill-IFO li tirrapporta li mhuwiex evidenzjat b'dokumenti jew li huwa rrappreżentat b'dokument wieħed (anki jekk ikun sar negozjabbli).

10. Titoli ta' dejn maħruġin: Din il-partita għandha tiġi rrapportata separatament għall-SDD u għall-KF. Fil-każ ta' fondi ta' investiment, din il-partita għandha tiġi allokata taħt "passivi oħra", u mhijiex mistennija li tkun sinifikanti.

Din il-partita tirreferi għal titoli għajr ishma, li huma strumenti li normalment jistgħu jiġu nnegozjati u kkummerċjalizzati fi swieq sekondarji jew li jistgħu jiġu kkumpensati fis-suq u li ma jagħtu lis-sid ebda dritt ta' pussess fuq l-istituzzjoni tal-ħruġ. F'xi pajjiżi, l-IFO jistgħu joħorġu strumenti li jistgħu jiġu nnegozjati b'karatteristiċi li huma simili għal dawk tat-titoli tas-suq monetarju maħruġin mill-IFM. F'din l-iskema ta' rapportar, l-istrumenti kollha bħal dawn jiġu kklassifikati bħala titoli ta' dejn.

11. Kapital u riservi: Din il-partita għandha tiġi rrapportata separatament għall-SDDs u għall-KF. Fil-każ ta' fondi ta' investiment, din il-partita għandha tiġi allokata taħt "passivi oħra".

Din il-partita tinkludi l-ammonti li jirriżultaw mill-ħruġ ta' kapital azzjonarju mill-IFO li jirrapportaw lill-azzjonisti jew lil sidien oħra, li jirrappreżentaw għas-sid, drittijiet ta' proprjetà fl-IFO u ġeneralment intitolament għal sehem mill-qligħ u għal sehem mill-fondi tiegħu stess fil-każ ta' xoljiment. Fondi li jirriżultaw mill-benefiċċji mhux distribwiti jew mill-fondi mwarrba mill-IFO li jirrapportaw f'antiċipazzjoni ta' pagamenti jew obbligi futuri huma bl-istess mod inklużi

▼M2

f'din il-kategorija. Il-kategorija "kapital u riservi" tinkludi l-elementi li ġejjin:

— kapital azzjonarju,

— benefiċċji jew fondi mhux imqassma,

— dispożizzjonijiet speċifiċi kontra self, titoli u tipi oħra ta' attività,

— qligħ/telf tat-tħaddim.

12. Ishma/unitajiet tal-fond ta' investiment maħruġin: Din il-partita għandha tiġi rrapportata separatament għas-sub-kategorija fondi ta' investiment minħabba li l-fondi ta' investiment biss joħorġu ishma/unitajiet ta' investiment.

Din il-partita tirreferi għal ishma jew għal unitajiet minn fondi ta' investiment għajr FSM.

13. Derivattivi finanzjarji: Ara "partiti ta" l-attivi — derivattivi finanzjarji'.

14. Passivi oħra: Din il-partita hija meħtieġa separatament għas-sub-kategoriji kollha ta' l-IFO, għajr għal IFO oħra. Din il-partita hija simili għall-"bqija tal-passivi" ta' l-IFM għajr li tinkludi derivattivi finanzjarji.

Din il-partita tinkludi passivi li mhumiex inklużi x'imkien ieħor, bħal:

— l-ammonti grossi pagabbli fir-rigward tal-partiti sospiżi,

— l-ammonti grossi pagabbli fir-rigward tal-partiti ta' transitu,

— imgħax maturat pagabbli fuq depożiti,

— dividendi li għandhom jitħallsu,

— ammonti pagabbli li ma għandhomx x'jaqsmu man-negozju prinċipali ta' l-IFO,

— dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw passivi kontra partijiet terzi,

— pagamenti tal-marġini magħmula taħt il-kuntratti derivattivi, fil-forma ta' flus kontanti bħala garanzija sabiex wieħed jipproteġi lilu nnifsu kontra r-riskju ta' kreditu, iżda li jibqgħu l-proprjetà tad-depożitatur u dawn jiġu rimborsati lid-depożitatur meta l-kuntratt jiġi xolt,

— pożizzjonijiet netti li joħorġu mis-self ta' titoli mhux garantiti bi flus kontanti,

— ammonti netti pagabbli fir-rigward tar-regolament futur ta' transazzjonijiet f'titoli.

Il-lista ta' fuq mhijiex lista li tinkludi kollox u tvarja skond it-tip ta' kategorija ta' rapportar. Fil-fatt, il-karta ta' bilanċ meħtieġa skond it-tip ta' sub-kategorija ta' l-IFO tvarja skond l-attività mwettqa mis-sub-kategorija ta' l-IFO. Il-partiti prinċipali tal-karta tal-bilanċ biss huma identifikati separatament. L-ammonti kollha li ma jistgħux jiġu allokati taħt waħda minn dawn il-partiti prinċipali tan-naħa tal-passivi għandhom jiġu allokati taħt "passivi oħra", eż. minħabba li l-fondi ta' investiment mhumiex mistennija li joħorġu "titoli ta' dejn", il-partita "titoli ta' dejn" mhijiex identifikata separatament fuq in-naħa tal-passivi. Madankollu, fil-każ li l-fondi ta' investiment joħorġu titoli, dan l-ammont għandu jiġi allokat taħt "passivi oħra".

Il-BĊN huma meħtieġa jipprovdu dettalji dwar il-komponenti ta' "passivi oħra" fin-noti ta' spjega.

REGOLI TAL-KONTABILITÀ

Ir-regoli tal-kontabilità segwiti mill-IFO fil-ħidma taż-żamma tal-kontijiet tagħhom għandhom fi prinċipju jikkonformaw mat-trasposizzjoni nazzjonali tad-Direttiva tal-Kunsill 86/635/KEE tat-8 ta' Diċembru 1986 dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati tal-banek u ta' istituzzjonijiet

▼M2

finanzjarji oħra [1] u kwalunkwe standards internazzjonali applikabbli oħra. Mingħajr preġudizzju għall-prattiċi tal-kontabilità li jipprevalu fl-Istati Membri, l-attivi u l-passivi kollha għandhom jiġu rrapportati fuq bażi grossa għal għanijiet statistiċi. Hemm gwida speċifika mogħtija fil-metodi ta' valutazzjoni taħt il-kategoriji relevanti.

ANALIŻI ĠEOGRAFIKA, SETTORJALI U SKOND L-GĦAN

Il-BĊE jeħtieġ, għal xi sub-kategoriji ta' l-IFO u għal numru limitat ta' BSI, analiżi ġeografika u settorjali simili għal dik tal-BSI ta' l-IFM.

Analiżi ġeografika u settorjali

ATTIVI		PASSIVI	
A	Residenti domestiċi	A	Residenti domestiċi
	IFM		IFM
	Istituzzjonijiet mhux IFM		Istituzzjonijiet mhux IFM
	Li minnhom korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11) [1]	B	Residenti ta' l-Istati Membri parteċipanti oħra
	Li minnhom djar, eċċ. (S.14)		IFM
			Istituzzjonijiet mhux IFM
B	Residenti ta' l-Istati Membri parteċipanti l-oħra	Ċ	Residenti tal-bqija tad-dinja
	IFM		
	Istituzzjonijiet mhux IFM		
	Li minnhom korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11)		
	Li minnhom djar, eċċ (S.14)		
Ċ	Residenti tal-bqija tad-dinja		

[1] Meħtieġa biss għall-partita "self".

Analiżi ġeografika

Il-kompilazzjoni ta' l-istatistiċi ta' l-IFO għaż-żona ta' l-euro teħtieġ l-identifikazzjoni tal-kontrapartijiet li jkunu jinsabu fl-Istati Membri parteċipanti b'analiżi bejn it-territorju domestiku u Stati Membri parteċipanti oħra. L-analiżi ġeografika sħiħa meħtieġa hija għalhekk "domestiku/Stati Membri parteċipanti oħra/bqija tad-dinja". Fil-każ ta' Stati Membri mhux parteċipanti, l-analiżi hija "domestiku/Stati Membri parteċipanti/bqija tad-dinja".

L-analiżi ġeografika meħtieġa tirreferi għall-BSI ta':

— Il-fondi ta' investiment totali/fondi ta' investiment skond it-tip ta' politika ta' investiment: B'mod partikolari għal "titoli għajr ishma", "ishma u *equity* oħra", "ishma/unitajiet tal-fondi ta' investiment" (in-naħa ta' l-attivi) u "ishma tal-fond ta' investiment maħruġin" (in-naħa tal-passivi). Fil-każ tan-naħa ta' l-attivi, l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta bħala indikatur prinċipali, fil-każ tan-naħa tal-passivi, din għandha tiġi pprovduta bħala partita tal-memo.

— KF: Il-partita "self" għandha tipprovdi analiżi ġeografika domestika/Stati Membri parteċipanti oħra (bħala indikatur prinċipali).

Analiżi settorjali [2]

L-analiżi settorjali prinċipali meħtieġa hija "IFM/istituzzjonijiet mhux IFM". Id-definizzjoni ta' IFM hija magħrufa sew filwaqt li "istituzzjoni-

[1] ĠU L 372, 31.12.1986, p. 1.
[2] Is-SEK 95 jipprovdi l-istandard għall-klassifikazzjoni settorjali.

▼M2

jiet mhux IFM" tinkludi s-setturi "gvern ġenerali" ([1]) u "setturi residenti oħra" ([2]).

L-analiżi settorjali meħtieġa għad-*data* domestika u għad-*data* ta' Stati Membri parteċipanti oħra hija l-istess. Ebda analiżi settorjali ma hija meħtieġa għad-*data* tal-bqija tad-dinja.

L-analiżi settorjali hija meħtieġa għal numru limitat ta' partiti:

— ħandha tiġi trasmessa bħala "partita tal-memo" għas-subsettur "fondi ta' investiment" (għal fondi ta' investiment totali u għal fondi ta' investiment skond it-tip ta' investiment) u għal dawk il-partiti biss li għalihom hija meħtieġa analiżi ġeografika.

— Għandha tiġi trasmessa bħala "indikatur prinċipali" għas-subsettur "korporazzjonijiet finanzjarji involuti fis-self" fir-rigward tal-partita "self". Iżda, hemm bżonn ukoll ta' aktar dettalji dwar "self" mogħti lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji u djar' għal din is-sub-kategorija ta' l-IFO u għal din il-partita.

Analiżi skond l-għan

Din l-analiżi hija meħtieġa biss għal *data* li għandha x'taqsam ma' KF. Għandha x'taqsam ma' "self" tal-BSI u b'mod partikolari għal "self" għal djar li għalihom għandu jiġi identifikat l-għan tas-self (analizzat fi krediti tal-konsumatur, self għal xiri ta' djar u self ieħor (residwali). Din l-analiżi hija meħtieġa bħala indikatur prinċipali.

4.2 **Data ta' aġġustament**

Id-data ta' aġġustament għandha tiġi rrapportata biss fil-każ ta' interruzzjonijiet sinifikanti fl-istokks. Eżempju, id-*data* ta' aġġustament għandha tiġi pprovduta minħabba l-klassifikazzjoni mill-ġdid fil-kuntest ta' l-implimentazzjoni tal-qafas tas-SEK 95. Id-*data* għandha tiġi pprovduta fuq bażi volontarja, fejn din tkun disponibbli.

4.3 **Data ta' transazzjoni**

Taħt il-metodu fuq perjodu ta' żmien qasir għall-istatistiċi IFO, *data* fuq it-transazzjonijiet finanzjarji u bejgħ u xiri mill-ġdid ta' unitajiet/ishma maħruġin minn fondi ta' investiment għandha tiġi pprovduta bħala "partiti tal-memorandum" għas-sub-settur "fondi ta' investiment" (għal fondi ta' investiment totali u għal fondi ta' investiment skond it-tip ta' investiment).

Analiżi ta' l-istrument u l-maturità: It-tabella ta' taħt tipprovdi dehra ġenerali ta' l-analiżi meħtieġa tad-*data* ta' transazzjoni ta' l-istrument u tal-maturità.

([1]) Gvern ġenerali: Unitajiet residenti li huma prinċipalment involuti fil-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi mhux tas-suq, maħsubin sabiex jiġu kkunsmati individwalment u b'mod kollettiv u/jew fid-distribuzzjoni mill-ġdid tad-dħul u ġid nazzonali (SEK 95, paragrafi 2.68-2.70). Il-gvern ġenerali jinkludi l-gvern ċentrali, l-gvern Statali, il-gvern lokali u l-fondi tas-sigurtà soċjali (SEK 95, il-paragrafi 2.71-2.74). Għal aktar gwida dwar il-klassifikazzjoni settorjali, jekk jogħġbok irreferi għall-*Money and Banking Statistics Sector Manual: Guidance for the statistical classification of customers*, Bank Ċentrali Ewropew, it-tieni edizzjoni, Novembru 1999.

([2]) Setturi residenti oħra jinkludu:
— IFO kif definit f'dan il-qafas,
— awżiljarji finanzjarji,
— korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni. Korporazzjonijiet finanzjarji mhux monetarji u kwaži-korporazzjonijiet b'mod prinċipali involuti fl-intermedjazzjoni finanzjarja bħala l-konsegwenza tal-ġbir tar-riskji (SEK 95, paragrafi 2.60-2.67),
— korporazzjonijiet mhux finanzjarji. Korporazjonijiet u kwaži korporazzjonijiet mhux involuti f'intermedjazzjoni finanzjarja iżda involuti b'mod ewlieni fil-produzzjoni ta' oġġetti tas-suq u servizzi mhux finanzjarji (SEK 95, paragrafi 2.21-2.31),
— djar. Individwi jew gruppi ta' individwi bħala konsumaturi, u produtturi ta' oġġetti u servizzi mhux finanzjarji, esklussivament għall-konsum finali tagħhom stess, u bħala produtturi ta' oġġetti tas-suq u servizzi mhux finanzjarji u servizzi finanzjarji sakemm l-attivitajiet tagħhom mhumiex dawk ta' kwaži-korporazzjonijiet. Inklużi huma istituzzjonijiet mhux finanzjarji li jservu d-djar u li huma b'mod ewlieni nvoluti fil-produzzjoni ta' oġġetti mhux tas-suq u servizzi maħsubin għal gruppi partikolari ta' djar (SEK 95, paragrafi 2.75-2.88).

▼M2

Dehra ġenerali ta' l-analiżi meħtieġa tad-data ta' transazzjoni skond l-istrumenti u l-maturità

KATEGORIJI TA' STRUMENTI U MATURITÀ	
ASSI	PASSIVI
1. Depożiti 2. Titoli ta' dejn għajr ishma sa sena aktar minn sena 3. Ishma u *equity* oħra (1) 4. Ishma/unitajiet ta' fond ta' investiment 5. Assi fissi (2) 6. Assi oħra (inkluż self u derivattivi finanzjarji) (3)	1. Depożiti u self meħud 2. Ishma/unitajiet ta' fond ta' investiment maħruġin 3. Passivi oħra (inkluż titoli ta' dejn, capital u riservi, derivattivi finanzjarji)
Assi totali = Passivi totali (irrapportati mill-kategoriji kollha)	

(1) Barra ishma/unitajiet ta' fond ta' investiment.
(2) Mhux irrapportati għal *equity* u *bond funds*.
(3) Is-self għandu jiġi rrapportat separatament għas-sub-settur "fondi ta' investiment totali".

Bejgħ u xiri mill-ġdid ta' ishma/unitajiet ta' fond ta' investiment: It-tabella ta' hawn taħt tipprovdi dehra ġenerali ta' l-analiżi ta' l-istrument meħtieġa ta' *data* dwar il-bejgħ u xiri mill-ġdid ta' ishma/unitajiet ta' fond ta' investiment.

Bejgħ u xiri mill-ġdid ta' ishma/unitajiet ta' fond ta' investiment

KATEGORIJI TA' STRUMENT	
ASSI	PASSIVI
	1. Ishma/unitajiet ta' fond ta' investiment maħruġa — bejgħ ta' ishma ġodda 2. Ishma/unitajiet ta' fond ta' investiment maħruġa — xiri mill-ġdid ta' ishma ġodda

Ħtiġijiet addizzjonali għall-kompilazzjoni tal-MUFA: It-tabella ta' hawn taħt tipprovdi dehra ġenerali ta' l-analiżi addizzjonali meħtieġa ta' *data* ta' transazzjoni skond l-istrument u l-maturità.

Ħtiġijiet addizzjonali għall-kompilazzjoni tal-MUFA

KATEGORIJI TA' STRUMENTI U MATURITÀ	
ASSI	PASSIVI
1. Ishma kkwotati 2. Ishma tal-FSM 3. Self sa sena aktar minn sena	

4.4 **Frekwenza tar-rapportar, perjodiċità u firxa ta' żmien**

Il-frekwenza tar-rapportar lill-BĊE hija kull tliet xhur.

L-istatistiċi ta' l-IFO huma trasmessi lill-BĊE l-aktar tard nhar l-aħħar ġurnata kalendarja tat-tielet xahar ta' wara t-tmiem tal-perjodu ta' referenza, jew fil-jum tan-negozju tal-BĊN preċedenti (1) jekk l-aħħar jum kalendarju mhuwiex jum tan-negozju tal-BĊN. Id-dati ta' trasmissjoni eżatti jiġu kkomunikati lill-BĊN bil-quddiem fil-forma ta' skeda ta' rapportar. *Data* storika ta' kull tliet xhur għandha tiġi trasmessa lill-BĊE billi l-ewwel tiġi trasmessa dik għall-ewwel perjodu ta' referenza

(1) "Jum ta negozju tal-BĊN" jfisser kull ġurnata li fiha, l-BĊN partikolari ta' Stat Membru parteċipant jkun miftuħ sabiex iwettaq operazzjonijiet tal-politika monetarja tas-SEBĊ.

▼M2

disponibbli, għallinqas għandha l-ewwel tiġi trasmessa dik id-*data* għarraba' perjodu ta' tliet xhur ta' l-1998.

5. ***Trasmissjoni elettronika ta' l-istatistiċi ta' l-IFO — identifikatur tal-familja tal-kodiċi: IFO***

Il-familja tal-kodiċi ta' l-IFO tirreferi għall-istatistiċi tal-karta tal-bilanċ ta' l-IFO taż-żona ta' l-euro. Ġiet imfassla b'tali mod li tkun simili kemm jista' jkun għal-listi tal-kodiċi u għall-valuri tal-familja tal-kodiċi diġà definiti għall-istatistiċi tal-BSI.

5.1 **Dimensjonijiet**

It-tabella ta' taħt tiddeskrivi d-dimensjonijiet użati fil-familja tal-kodiċi ta' l-IFO. Għall-istatistiċi ta' l-IFO, ġew speċifikati 11-il dimensjoni bħala essenzjali sabiex tiġi identifikata serje temporali.

Pożizzjoni fil-kodiċi	Kunċett (mnemoniku)	Isem tal-kunċett	Format tal- valur	Lista tal-kodiċi (mnemoniku)	Isem tal-lista tal-kodiċi
	Dimensjonijiet				
1	FREQ	Frekwenza	AN1	CL_FREQ	Lista tal-kodiċi tal-frekwenza (BIS, BĊE)
2	REF_AREA	Żona ta' referenza	AN2	CL_AREA_EE	Lista tal-kodiċi taż-żona ta' referenza (Eurostat BoP, BĊE)
3	ADJUSTMENT	Indikatur ta' aġġustament	AN1	CL_ADJUSTMENT	Lista tal-kodiċi ta' l-indikatur ta' aġġustament (BIS, BĊE)
4	IFO_REP_SECTOR	Analiżi settorjali ta' referenza ta' l-IFO	AN2	CL_IFO_REP_SECTOR	Lista tal-kodiċi ta' l-analiżi settorjali ta' referenza ta' l-IFO (BĊE)
5	IFO_ITEM	Partita tal-karta tal-bilanċ ta' l-IFO	AN3	CL_IFO_ITEM	Lista tal-kodiċi tal-kategorija tal-karta tal-bilanċ ta' l-IFO (BĊE)
6	MATURITY_ORIG	Maturità oriġinali	AN1	CL_MATURITY_ORIG	Lista tal-kodiċi tal-maturità oriġinali (BĊE)
7	DATA_TYPE	Tip ta' *data*	AN1	CL_DATA_TYPE	Tip ta' *data* monetarja u bankarja, fluss u pożizzjoni (BĊE, BIS)
8	COUNT_AREA	Żona kontraparti	AN2	CL_AREA_EE	Lista tal-kodiċi taż-żona (Eurostat BoP, BĊE)
9	BS_COUNT_SECTOR	Settur kontraparti tal-karta ta' bilanċ	AN4	CL_BS_COUNT_SECTOR	Lista tal-kodiċi tas-settur kontraparti tal-karta tal-bilanċ (BĊE, BIS)
10	CURRENCY_TRANS	Munita ta' transazzjoni	AN3	CL_CURRENCY	Lista tal-kodiċi tal-munita ta' transazzjoni (BĊE, BIS, Eurostat BoP)
11	SERIES_DENOM	Denominazzjoni tas-serje jew kalkolazzjoni speċjali	AN1	CL_SERIES_DENOM	Lista tal-kodiċi tad-denominazzjoni tas-serje jew kalkolazzjoni speċjali (BĊE)

▼M2

Kull waħda mill-ħdax-il dimensjoni statistika tieħu l-valuri tagħha minn lista tal-kodiċi li tikkorrespondi. Eżempju, skond it-tabella fuq, id-dimensjoni REF_AREA (żona ta' referenza) tieħu l-valuri tagħha mil-lista tal-kodiċi CL_AREA_EE. Id-dimensjonijiet tal-familja tal-kodiċi ta' l-IFO huma deskritti taħt u jsegwu l-istess sekwenza kif tidher fil-kodiċi.

Dimensjoni Nru 1: Frekwenza (FREQ; tul: karattru wieħed)

Din id-dimensjoni tindika l-frekwenza tas-serje temporali rrapportata. Il-valur użat fil-familja tal-kodiċi ta' l-IFO huwa "Q" għal *data* ta' kull tliet xhur u huwa subsett tal-valuri speċifikati fil-lista tal-kodiċi CL_FREQ. Meta *data* nazzjonali tkun disponibbli biss fi frekwenza aktar baxxa (iġifieri kull sitt xhur jew kull sena), il-BĊN jistmaw id-*data* ta' kull tliet xhur. Meta ma jkunx possibbli li jsiru l-istimi ta' kull tliet xhur, id-*data* għandha madankollu tiġi pprovduta bħala serje temporali ta' kull tliet xhur (iġifieri *data* annwali tiġi pprovduta bħala ssssQ4 u *data* ta' kull sitt xhur tiġi pprovduta bħala ssssQ2 u ssssQ4 bil-bqija tal-perjodi ta' tliet xhur ma jiġux irrapportati jew jiġu rrapportati bħala nieqsa bl-istatus ta' osservazzjoni "L" ([1])).

Dimensjoni Nru 2: Żona ta' referenza (REF_AREA; tul: żewġ karattri)

Din id-dimensjoni tirrappreżenta l-pajjiż ta' residenza ta' l-istituzzjoni li tirrapporta. Il-lista tal-kodiċi assoċjata CL_AREA_EE fiha l-lista ta' l-istandard ta' l-ISO tal-pajjiż u xi valuri addizzjonali (ara wkoll id-dimensjoni Nru 8: Żona kontraparti). Is-subsett tal-valuri wżat fil-familja tal-kodiċi ta' l-IFO jikkorrespondi għall-15-il Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea (UE).

Dimensjoni Nru 3: Indikatur ta' l-aġġustament (ADJUSTMENT; tul: karattru wieħed)

Din id-dimensjoni tindika jekk ikunx ġie applikat aġġustament staġjonali u/jew aġġustament għall-jum xogħol. Il-lista tal-kodiċi li tikkorrespondi hija CL_ADJUSTMENT. Il-valur użat fil-familja tal-kodiċi ta' l-IFO huwa "N" għal *serje li la tkun ġiet aġġustata staġjonalment u lanqas aġġustata għall-jum xogħol*.

Dimensjoni Nru 4: Analiżi settorjali ta' referenza ta' l-IFO (IFO_REP_SECTOR; tul: żewġ karattri)

Din id-dimensjoni tindika liema tip ta' IFO tkun qegħda tirrapporta u hija marbuta mal-lista tal-kodiċi CL_IFO_REP_SECTOR. Ġew definiti l-11-il valur li ġejjin: *fondi ta' investiment totali* ("10"); fondi ta' investiment analizzati skond it-tip ta' investiment: *fondi azzjonarji* ("11"), *bond funds* ("12"), *fondi mħallta* ("13"), *fondi ta' l-immobbli* ("14") u *fondi oħra* ("15"); fondi ta' investiment analizzati skond it-tip ta' investitur: *fondi pubbliċi ġenerali* ("1G") u *fondi speċjali għall-investituri* ("1S"); *SDDs* ("20"); *KF*("30") u *kategoriji oħra ta' IFO* ("40").

Dimensjoni Nru 5: Partita tal-karta tal-bilanċ ta' l-IFO (IFO_ITEM; tul: tliet karattri)

Din id-dimensjoni tirrappreżenta l-BSI ta' l-IFO u hija marbuta mal-lista tal-kodiċi CL_IFO_ITEM. Il-valuri għall-attivi u passivi huma identifikati mill-prefiss "A" jew "L" u huma organizzati u kkodifikati wara, kull fejn possibbli, relazzjoni ġerarkika fost il-partiti. Minħabba li l-IFO jikkonċentraw fuq attivitajiet finanzjarji differenti, mhux il-BSI kollha japplikaw għat-tipi kollha, jiddependi fuq it-tip tagħhom. "B"mod partikolari, fuq in-naħa ta' l-attivi, ġew definiti żewġ partiti differenti għal "attività oħra".

— *attività oħra (inkluż self)* ("A8A") li tapplika għall-kategoriji kollha ta' l-IFO għajr il-KF

u

— *attività oħra (inklużi depożiti, flus kontanti, ishma ta' fondi ta' investiment, attività fissa u derivattivi finanzjarji)* ("A8B") li japplikaw għall-KF

Fuq in-naħa tal-passivi, ġew identifikati tliet partiti differenti għal "passivi oħra":

([1]) Ara wkoll is-Sezzjoni 6.2, "Ħtiġijiet ta' *data*".

▼M2

— *passivi oħra (għajr titoli ta' dejn, kapital u riservi u derivattivi finanzjarji*) ("L6A") li japplikaw għall-SDDs,

— *passivi oħra (inklużi d-derivattivi finanzjarji*) ("L6B") li japplikaw għall-KF,

u

— *passivi oħra (inklużi titoli ta' dejn u kapital u riservi*) ("L6C") li japplikaw għall-kategoriji tal-fondi ta' investiment.

Dimensjoni Nru 6: Maturità oriġinali (MATURITY_ORIG; tul: karattru wieħed)

Din id-dimensjoni tirrappreżenta l-maturità oriġinali tal-BSI u hija marbuta mal-lista tal-kodiċi CL_MATURITY_ORIG. L-analiżi tal-maturità *sa sena* ("f") u *aktar minn sena* ("K") tapplika għall-partita "titoli għajr ishma" għall-kategoriji tal-fondi ta' investiment. B'mod kunċettwali, għalkemm l-analiżi tal-maturità mhijiex meħtieġa f'dan il-kuntest, il-maturità oriġinali tapplika wkoll għall-partiti ta' l-attivi "self" u "depożiti" u l-partiti tal-passivi "depożiti u self meħudin" u "titoli ta dejn maħruġin". F'dawn il-każijiet, il-valur "A" huwa għalhekk użat għal *maturità totali*. Il-partiti l-oħra kollha juru l-valur "X" għal *mhux applikabbli*.

Dimensjoni Nru 7: Tip ta' data (DATA_TYPE; tul: karattru wieħed)

Din id-dimensjoni hija deskritta bil-lista tal-kodiċi CL_DATA_TYPE u tindika t-tip ta' *data* li għandha tiġi rrapportata: *stokks grossi* ("1"), *bejgħ* ("2"), *xiri mill-ġdid* ("3"), *transazzjonijiet finanzjarji* ("4") u *klassifikazzjoni mill-ġdid* u *aġġustamenti oħra* ("5"). Klassifikazzjoni mill-ġdid u aġġustamenti oħra jinkludu bidliet fl-attivi u fil-passivi fuq il-karta tal-bilanċ tas-settur li jirrapporta ta' l-IFO li jirriżultaw minn 1) bidliet fil-popolazzjoni ta' rapportar; 2) ristrutturar korporattiv; 3) il-klassifikazzjoni mill-ġdid ta' l-attivi u tal-passivi; u 4) il-korrezzjoni ta' l-iżbalji ta' rapportar li, għal raġunijiet tekniċi, ma jistgħux jitneħħew mid-*data* ta' l-istokk għall-perjodu relevanti sħiħ.

Dimensjoni Nru 8: Żona kontraparti (COUNT_AREA; tul: żewġ karattri)

Din id-dimensjoni tirrappreżenta ż-żona ta' residenza tal-kontraparti tal-karta ta' bilanċ ta' l-IFO. Il-lista tal-kodiċi marbuta ma' dan il-kunċett hija CL_AREA_EE, li fiha l-lista standard ta' l-ISO tal-pajjiżi u valuri addizzjonali (eż. "U6" — "Domestiku: l-istess pajjiż bħal dak ta l-IFO li jirrapporta"). Għall-għan tal-familja tal-kodiċi ta' l-IFO jiġi wżat is-subsett ta' valuri li ġej: *domestiku (dar jew żona ta' referenza*) ("U6"); *Stati Membri parteċipanti oħra (il-pajjiżi kollha għajr iż-żona ta' referenza*) ("U5"); *bqija tad-dinja* ("U4") u *dinja (l-entitajiet kollha*) ("A1"). Meta pajjiż isir Stat Membru parteċipanti, tiġi pprovduta d-*data* storika li tirreferi għall-perjodu ta' qabel id-dħul billi jiġu wżati l-kodiċi taż-żona kontraparti *Unjoni Monetarja* ("U2") u l-oqsma l-oħra kollha għajr l-Istati Membri parteċipanti u ż-żona ta' referenza/bażi ("U8") ([1]).

Dimensjoni Nru 9: Settur kontraparti tal-karta tal-bilanċ (BS_COUNT_SECTOR; tul: erba' karattri)

Din id-dimensjoni tirrappreżenta l-analiżi settorjali tal-BSI ta' l-IFO u hija marbuta mal-lista tal-kodiċi CL_BS_COUNT_SECTOR. Huma meħtieġa ħames setturi kontraparti: *IFM* ("1000"); *istituzzjonijiet mhux IFM* ("2000"); *setturi residenti oħra — li minnhom korporazzjonijiet mhux finanzjarji* ("2240"); *setturi residenti oħra — li minnhom djar* ("2251") u s-*settur mhux speċifikat* ("0000").

Dimensjoni Nru 10: Munita tat-transazzjoni (CURRENCY_TRANS; tul: tliet karattri)

Din id-dimensjoni tiddeskrivi l-munita li fiha huma denominati l-BSI ta' l-IFO u hija marbuta mal-lista tal-kodiċi CL_CURRENCY. Il-valur "Z01" biss huwa wżat għall-*muniti kollha flimkien*.

([1]) Eżempju, fil-każ tal-Greċja, jiġu wżati l-kodiċi taż-żona kontraparti "U2" u "U8" għal *data* li tirreferi għall-perjodi ta' qabel u li jinkludu 2000Q4, u l-kodiċi "U5" u "U4" huma wżati mill-2001Q1 'l quddiem.

▼M2

Dimensjoni Nru 11: Denominazzjoni tas-serje jew kalkolazzjoni speċjali (SERIES_DENOM; tul: karattru wieħed)

Din id-dimensjoni tispeċifika jekk is-serje rrappartata hijiex imfissra fil-munita nazzjonali jew fil-munita komuni (euro). Għandha żewġ valuri ("N"", *munita nazzjonali* u "E", *euro*), li huma rrappreżentati bil-lista tal-kodiċi CL_SERIES_DENOM. Il-kodiċi "E" huwa wżat mill-Istati Membri parteċipanti, filwaqt li l-kodiċi "N" huwa wżat mill-Istati Membri parteċipanti għall-għoti ta' *data* storika għall-perjodu ta' qabel id-dħul ([1]).

5.2 **L-Attributi**

Barra mill-ħdax-il dimensjoni li jiddefinixxu l-kodiċi, ġie ddefinit sett ta' attributi ([2]). Dawn huma mehmużin f'livelli varji ta' l-informazzjoni skambjata:

Il-familja tal-kodiċi tal-partiti tal-karta tal-bilanċ (ECB_IFO): Attributi kkodifikati u mhux ikkodifikati

Livell ta' assenjazzjoni	Kunċett statistiku		Format tal-valur	Lista tal-kodiċi	
	Attributi fuq livell ta' parentela (skambjati billi jsir użu tal-grupp FNS)				
Parentela	TITLE_COMPL	Kumpliment tat-titlu	AN..1050	Mhux kodifikat	
Parentela	UNIT	Unità	AN..12	CL_UNIT	Lista tal-kodiċi ta' l-unità (BIS, BĊE, Eurostat BoP)
Parentela	UNIT_MULT	Multiplikatur ta' l-unità	AN..2	CL_UNIT_MULT	Lista tal-kodiċi tal-multiplikatur ta' l-unità (BIS, BĊE, Eurostat BoP)
Parentela	DECIMALS	Deċimali	N1	CL_DECIMALS	Lista tal-kodiċi tad-deċimali (BIS, BĊE)
Parentela	TITLE	Titlu	AN..70	Mhux kodifikat	
Parentela	NAT_TITLE	Titlu fil-lingwa nazzjonali	AN..350	Mhux kodifikat	
Parentela	COMPILATION	Kompilazzjoni	AN..1050	Mhux kodifikat	
Parentela	COVERAGE	Kopertura	AN..350	Mhux kodifikat	
	Attributi fuq livell ta' serje temporali (skambjati billi jsir użu mill-grupp FNS)				
Serje temporali	COLLECTION	Indikatur tal-ġbir	AN1	CL_COLLECTION	Lista tal-kodiċi ta' l-indikatur tal-ġbir (BIS, BĊE)

([1]) Eżempju, fil-każ tal-Greċja, il-kodiċi "N" huwa wżat għal *data* li tirreferi għall-perjodi ta' qabel u li jinkludu l-2000Q4, u l-kodiċi "E" mill-2001Q1 'l quddiem.

([2]) L-attributi huma kunċetti statistiċi li jfornu informazzjoni addizzjonali kkodifikata (eż. l-unità) u mhux kodifikata (eż. il-metodu ta' kompilazzjoni) fir-rigward tad-*data* skambjata. "Obbligatorju" tapplika għall-attributi li għalihom, l-isħab kollha jkunu jafu l-valuri. "Kondizzjonali" tapplika għall-attributi li huma ddefiniti biss jekk ikunu magħrufin fl-istituzzjoni li tirrapporta (eż. ids tas-serje domestika) jew kull meta jkunu relevanti (eż. kompilazzjoni, interruzzjonijiet). Il-valuri ta' l-attributi għandhom jiġu skambjati biss meta jiġu stabbiliti għall-ewwel darba jew meta jiġu mibdulin. L-*istatus ta' osservazzjoni* biss huwa preżenti f'kull skambju, mehmuż ma' kull osservazzjoni.

▼M2

Livell ta' assenjazzjoni	Kunċett statistiku		Format talvalur	Lista tal-kodiċi	
Serje temporali	AVAILABILITY	Disponibilità	AN1	CL_AVAILABILITY	Lista tal-kodiċi tad-disponibilità ta' l-organizzazzjoni (BIS, BĊE)
Serje temporali	DOM_SER_IDS	Ids tas-serje domestiċi	AN..70	Mhux kodifikat	
Serje temporali	BREAKS	Interruzzjonijiet	AN..350	Mhux kodifikat	
	Attributi fuq livell ta' osservazzjoni (skambjati flimkien mad-data fis-segment prinċipali ARR)				
Osservazzjoni	OBS_STATUS	Status ta' l-osservazjoni	AN1	CL_OBS_STATUS	Lista tal-kodiċi ta' l-istatus ta' l-osservazzjoni (BIS, BĊE, Eurostat BoP)
Osservazzjoni	OBS_CONF	Kunfidenzjalità ta' l-osservazzjoni	AN1	CL_OBS_CONF	Lista tal-kodiċi tal-kunfidenzjalità ta' l-osservazzjoni (Eurostat BoP, BĊE)
Osservazzjoni	OBS_PRE_BREAK	Valur ta' l-osservazzjoni qabel l-interruzzjoni	AN..15	-	
Osservazzjoni	OBS_COM	Kumment fuq l-osservazzjoni	AN..350	Mhux kodifikat	

Kull wieħed minn dawn l-attributi huwa kkaratterizzat minn xi karatteristiċi tekniċi, li huma elenkati fit-tabella taħt.

BĊN taż-żona ta' l-euro li jirrapportaw lill-BĊE

Karatteristiċi komuni ta' l-attribut għall-familja tal-kodiċi ECB_IFO

	Status	L-ewwel valur stabbilit minn … ([1])	Jista' jiġi modifikat mill-BĊN
TITLE_COMPL	O	BĊE	Le
UNIT	O	BĊE	Le
UNIT_MULT	O	BĊE	Le
DECIMALS	O	BĊE	Le
TITLE	K	BĊE	Le
NAT_TITLE	K	BĊN	Iva
COMPILATION	K	BĊN	Iva (*)
COVERAGE	K	BĊN	Iva (*)
COLLECTION	O	BĊE	Le
AVAILABILITY	O	BĊE/BĊN	Iva
DOM_SER_IDS	K	BĊN	Iva
BREAKS	K	BĊN	Iva
OBS_STATUS	O	BĊN	Iva
OBS_CONF	K	BĊN	Iva
OBS_PRE_BREAK	K	BĊN	Iva

▼M2

	Status	L-ewwel valur stabbilit minn … ([1])	Jista' jiġi modifikat mill-BĊN
OBS_COM	K	BĊN/BĊE	Iva
	O: Obbligatorju, K: Kondizzjonali		

(*) Il-bidliet għandhom jiġu kkommunikati lill-qasam tan-negozju tal-BĊE responsabbli, permezz ta' fax/e-mail.
([1]) BĊE tirreferi għad-Direttorat Ġenerali Statistiċi tal-BĊE.

Taħt hemm deskrizzjoni ta' kull attribut li tinkludi l-lista tal-kodiċi ta' referenza (indikata b'ittri kapitali bħal CL_****) kull meta jkun applikabbli.

5.2.1. *Attributi fuq livell ta' parentela*

Obbligatorji:

— TITLE_COMPL (mhux kodifikat): Dan l-attribut huwa stabbilit, reġistrat u mxandar mill-BĊE (huwa bl-Ingliż, b'tul massimu ta' 350 karattru). Jekk il-BĊN ikun irid jagħmel modifika, tista' ssir reviżjoni wara konsultazzjoni mal-BĊE. Iżda, din ir-reviżjoni għandha ssir mill-BĊE.

— UNIT (lista tal-kodiċi: CL_UNIT): Dan l-attribut jipprovdi l-unità tal-kejl tad-*data* rrapportata. Stati Membri parteċipanti jirrapportaw id-*data* f'euro u l-BĊE jissettja dan l-attribut għal "EUR" (DENOM = "EUR"). Fil-każ li pajjiż isir Stat Membru parteċipant, il-BĊE jistabbilixxi l-valur ta' dan l-attribut ugwali għall-munita nazzjonali li tikkorrespondi fil-każ ta' *data* storika li tirreferi għall-perjodu ta' qabel id-dħul ([1]).

— UNIT_MULT (lista tal-kodiċi: CL_UNIT_MULT): Dan l-attribut jipprovdi informazzjoni dwar jekk is-serje hijiex imfissra f'miljuni (UNIT_MULT = "6"), f'biljuni (UNIT_MULT = "9"), eċċ. Il-BĊN jirrapportaw id-*data* f'miljuni u l-BĊE jiffissa l-valur għal 6 (UNIT_MULT = "6").

— DECIMALS (lista tal-kodiċi: CL_DECIMALS): Dan l-attribut jindika n-numru ta' postijiet deċimali mogħtija għall-valuri ta' l-osservazzjonijiet. Il-BĊN jirrapportaw id-*data* bi tliet pożizzjonijiet deċimali u l-BĊE jiffissa l-valur ta' l-attribut għal 3 għas-serje kollha (għalhekk DECIMALS = "3").

Kondizzjonali:

